

# RESCUR:

# NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦAS-SNIN BIKRIN U L-EDUKAZZJONI PRIMARJA

## L-Ewwel Snin tal-Primarja


Carmel Cefai – Malta – Koordinatur
Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – Kroazja
Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – Greċja
Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – Italja
Paul Bartolo, Katya Galea – Malta
Celeste Simoes, Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – Portugall
Birgitta Kimber, Charli Eriksson - Żvezja




# RESCUR: NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

# KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦALL-EDUKAZZJONI BIKRIJA U PRIMARJA FL-EWROPA

## L-Ewwel Snin tal-Primarja

Carmel Cefai – Malta – Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – il-Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – il-Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – L-Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simões, Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – il-Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson – l-Iżvezja

# RESCUR: NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

## KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦALL-EDUKAZZJONI BIKRIJA U PRIMARJA FL-EWROPA

### L-Ewwel Snin tal-Primarja

Proġett Lifelong Learning Programme Comenius

Din il-pubblikazzjoni hija prodott mill-proġett '*RESCUR - Developing a Resilience Curriculum for Primary Schools in Europe'* www.rescur.eu, iffinanzjat mill-EU Commision Lifelong Learning Programme No. 526813-LLP-1-MT-COMENIUS-CMP

**Awturi**

Carmel Cefai – Malta – il-Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – il-Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – il-Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – l-Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simões,Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – il-Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson – l-Iżvezja

© 2016

**L-Edituri tal-Verżjoni Maltija**

Carmel Cefai, Paul Bartolo u Katya Galea

Ippublikat miċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali, fl-Università ta' Malta.

ISBN: 978-99957-885-1-3

Id-drittijiet kollha miżmuma. L-ebda parti minn din il pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista' tittieħed, jew trasmessa fi kwalunkwe forma jew mezz, elettroniku, mekkaniku, fotokopjar, irrekordjar jew kwalunkwe mod ieħor, mingħajr il-permess tal-pubblikatur.

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux neċessarjament jirrifletti

l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Stampat f'Malta minn *Impressions Limited*

Attivitajiet ta' Moħħnihawn © Birgitta Kimber u Charli Eriksson, 2016

Mużika © Gorana Tomašić Šragalj, Damir Sertić, Leon Cvetkovski, Ivana Cvetkovski, 2016

Il-faċċata u stampi: Antonija Balić Šimrak

Id-disinn u l-ikoni tal-attivitajiet: Valeria Cavioni

Verżjoni elettronika: www.rescur.eu

www.um.edu.mt/cres/publications/rescur

# INDIĊI

**Tema 1 Insaħħu l-Hiliet tal-Kommunikazzjoni**.........................................................9
Sottotema 1 Komunikazzjoni effettiva..........................................................10
Sottotema 2 L-assertività...............................................................................41
**Tema 2 Nibnu u Nżommu Relazzjonijiet b'Saħħithom** ............................................77
Sottotema 1 Relazzjonijiet b'saħħithom........................................................78
Sottotema 2 Il-kooperazzjoni, l-empatija, u l-ħsieb morali..............................113
**Tema 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva**................................................................161
Sottotema 1 Ħsieb pożittiv u ottimistiku ......................................................162
Sottotema 2 Emozzjonijiet pożittivi...............................................................199
**Tema 4 Niżviluppaw Determinazzjoni Soda** ...........................................................241
Sottotema 1 Insolvu l-problemi......................................................................242
Sottotema 2 *Empowerment* u awtonomija.......................................................285
**Tema 5 Nibnu fuq il-Ħiliet**.........................................................................................328
Sottotema 1 *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi ..............................................329
Sottotema 2 Nużaw il-ħiliet tagħna għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali.......................................................................................358
**Tema 6 Nibdlu l-Isfidi f'Opportunitajiet**..................................................................392
Sottotema 1 Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi...............................394
Sottotema 2 Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba.....................................433
Sottotema 3 Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja ..........................479
Sottotema 4 Kif nirrispondu meta nġarrbu telfa...............................................492
Sottotema 5 Kif nirrispondu għall-*bullying* u l-kunflitt ...................................506
Sottotema 6 Kif nirrispondu meta ngħaddu minn bidla....................................518

**Appendiċi** ..........................................................................................................553
**Appendiċi 1** Tema 1 *Kif Tgħid LE*....................................................................553
**Appendiċi 2** Il-*Cards* tal- Annimali ................................................................554

**RINGRAZZJAMENT**

L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ikkontribwixxew għal dan il-kurrikulu.

Il-199 għalliem u l-1935 student mill-Ewropa li ħadu sehem fil-proġett pilota ta' dan il-kurrikulu u li bil-*feedback* tagħhom għenu biex jitjieb RESCUR.

Antonija Balić Šimrak li ddisinjat l-faċċati tal-ħames pubblikazzjonijiet, l-istampi u l-pupazzi ta' Żigu u Ċika, il-*cards* tal-annimali, il-*posters*, u l-ktejjeb fl-ewwel tema tal-Manwal tal-Attivitajiet.

Valeria Cavioni li ddisinjat il-mudell tal-attivitajiet u l-ikoni fil-Manwali tal-Attivitajiet.

Birgitta Kimber u Charli Eriksson li kitbu u rrekordjaw l-attivitajiet ta' Moħħnihawn li huma inklużi fil-verżjoni elettronika ta' din il-pubblikazzjoni.

Gorana Tomašić-Šragalj u Damir Sertić (kompożituri), Gorana Tomašić-Šragalj, Leon Cvetkovski u Ivana Cvetkovski (mużiċisti) għall-erba' temi mużikali li huma inklużi fil-verżjoni elettronika ta' din il-pubblikazzjoni.

Professur Helen Cowie mill-Università ta' Surrey, l-Ingilterra u Professur Maria Poulou mill-Università ta' Patras, il-Greċja, għall-*feedback* espert u siewi tagħhom fuq il-kurrikulu bħala eżaminaturi tal-kurrikulu.

Professur Michael Ungar, Direttur taċ-Centru Riċerka fir-Reżiljenza fl-Universita' ta' Dalhousie, Halifax, il-Kanada, għall-*feedback* siewi tiegħu fuq il-kurrikulu.

Professur Terje Ogden, Università ta' Oslo, Norveġja, u Dr Susan Beltman, Universita' ta' Curtin, l-Awstralja, li ħarrġu lit-tim ta' RESCUR biex jimplimenta l-kurrikulu.

Il-kollegi u l-istaff tagħna mis-sitt universitajiet imsieħba għall-kontribuzzjonijiet tagħhom waqt dan il-proġett matul il-fażijiet varji tiegħu, inkluż Giusy Beddia, Davor Brđanović, Natalie Galea, Vatroslav Horvat, Goran Lapat, Mara Lupica Spagnolo, Renata Marinković Kravica, Sarah Mercieca, Tea Pahić, Višnja Rajić, Marija Šarić, Biserka Petrović Sočo, Katarina Tadić.

Springer Publications, ENTRÉE LLP Comenius project u http://paperkaxxaworld.weebly.com/, http://it.freepik.com/, http://www.iconarchive.com/, http://www.adorabletoon.com/, għall-permess tagħhom biex ninkludi materjal f'din il-pubblikazzjoni.

## Lista ta' skejjel li ħadu sehem fil-proġett pilota

### Kroazja

*Kindergarten* "Različak", Zagreb, Petrinjska 31/2
*Kindergarten* Varaždin, Varaždin, Dravska 1
Skola Primarja Varaždin, Varaždin, A. M. Reljkovića 36
Skola Primarja "Dr. Ivan Mertz", Zagreb, Račkoga 4.

### Greċja

*Prefettura ta' Rethimno, Kreta:* 8 Skola Primarja ta' Rethimo, Skola Primarja ta' Roussospiti, 2 *Kindergarten* ta' Atsipopoulo, 16 Skola Primarja ta' Rethimno, Skola Primarja ta' Fourfoura, Skola Primarja Alfa Milopotamou, *Kindergarten* Sgourokefaliou, Skola Primarja ta' Asi Gonia Rethimnou, *Kindergarten* ta' Agia Galini Rethimnou
*Prefettura ta' Hrakleio, Kreta:* 38 *Kindergarten* ta' Hrakleio, Tefeliou *Kindergarten* Hrakleio, 31 Skola Primarja ta' Hrakleio, *Kindergarten* ta' 10 Saints, Hrakleio, 24 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 9 Skola Primarja ta' Hrakleio, 29 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 1 Skola Primarja Agias Marinas Hrakleio, 30 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 10 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 2 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 2 *Kindergarten* Boutes Hrakleiou, 3 *Kindergarten* Arkaloxori, 1 *Kindergarten* ta' Zakros, Skola Primarja ta' Kastelli Pediados, 36 *Kindergarten* ta' Hrakleio, *Kindergarten* ta' Skalani Hrakleiou, 2 Skola Primarja ta'Archanes Hrakleiou, 36 Skola Primarja ta' Hrakleio,
*Prefettura ta' Agios Nicholaos, Kreta::*2 Skola Primarja ta' Ierapetras, 2 *Kindergarten* Neapolis Lasithiou.

### Italja

Istituto Comprensivo "Via Libertà" - San Donato Milanese (MI)
Istituto Comprensivo di "Via Acerbi" – Scuola d'infanzia L'Aquilone - Pavia
Istituto Comprensivo di Bereguardo - Bereguardo e plesso di Vellezzo Bellini (PV)
Istituto Comprensivo di Certosa di Pavia - Certosa di Pavia (PV)
Istituto Comprensivo di Garlasco - Plesso di Dorno (PV)
Istituto Comprensivo di Piazza Vittorio Veneto - Vigevano (PV)
Istituto Comprensivo di Rivanazzano Terme- Rivanazzano Terme e plesso di Retorbido (PV)
Istituto Comprensivo di Siziano - Siziano (PV)
Istituto Comprensivo di via Scopoli – Scuola primaria "E. De Amicis", Scuola primaria "Gabelli", Scuola primaria "F. Casorati", Scuola primaria "Montebolone" - Pavia
Istituto Comprensivo di Villanterio - Villanterio e plesso di Vistarino (PV)
Istituto Comprensivo Rivanazzano - Scuola d'infanzia "E. Diviani" – Salice Terme (PV)
Istituto Comprensivo Rivanazzano - Scuola dell'infanzia "Negrotto Cambiaso" Codevilla (PV)
Istituto Comprensivo Statale di Mortara - Mortara (PV)
Istituto Comprensivo Statale di via Angelini - Pavia
Scuola dell'infanzia "G. Vaccari" - Pavia
Scuola dell'Infanzia comunale "8 Marzo" - Pavia
Scuola dell'infanzia di Portalbera - Portalbera (PV)
Scuola Primaria paritaria "Maddalena di kapaċiossa" - Pavia

### Malta

Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Żabbar A
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Żabbar B

Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Cospicua
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Kalkara
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Xgħajra

**Portugall**
Agrupamento de escolas Dr. Azevedo Neves
Agrupamento de escolas Dr. Ruy Luis Gomes
Santa Casa da Misericórdia de Almada
Casa das Cores

**Żvezja**
Förskolan Bispgården
Hansåkerskolan
Himlavalvets förskola
Humlans förskola(Mosippan)
Järåskolan
Kullsta skola
Skolbackens förskola
Smultronets förskola

# TEMA 1 Insaħħu l-Ħiliet tal-Komunikazzjoni

## Sottotema 1 Komunikazzjoni effettiva

TOPIK 1

Nisimgħu b'mod effettiv

TOPIK 2

Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni

TOPIK 3

Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw

## Sottotema 2 l-assertività

TOPIK 1

Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna

TOPIK 2

Naqbżu għad-drittijiet tagħna

TOPIK 3

Insolvu kunflitt b'mod assertiv

# SOTTOTEMA 1
# Komunikazzjoni effettiva

**Il-komunikazzjoni ma tiqafx meta nibagħtu messaġġ u nirċievu r-risposta mingħand il-persuna li qegħdin nikkomunikaw magħha. Huwa importanti li l-messaġġ ikun ċar u li jinftiehem sew. Il-kontenut tal-komunikazzjoni reċiproka huwa mimli messaġġi fuq dak li l-parteċipanti fil-konverżazzjoni jaħsbu, iħossu u jixtiequ jgħidu. L-ewwel topik jittratta kif nistgħu nisimgħu b'mod effettiv u se jgħin lill-istudenti jsiru jafu, jifhmu u jaċċettaw lill-oħrajn. Din il-kapaċità hija diffiċli anke għall-adulti iżda hija importanti biex imbagħad nagħtu *feedback* u nesprimu empatija, li hija t-tema tat-tieni topik. L-empatija hija l-abilità li npoġġu lilna nfusna fis-sitwazzjoni ta' ħaddieħor u li nifhmu l-emozzjonijiet u l-pożizzjoni tal-persuna l-oħra. Hija kapaċità li tista' tiżviluppa b'iktar prattika u tgħin lit-tfal ikunu iktar reżiljenti. L-abilità li nagħtu *feedback* effettiv lil xi ħadd ieħor hija possibbli biss jekk naċċettaw u nippruvaw nifhmu lil xulxin, u jekk inkunu nixtiequ naqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna ma' xulxin. Meta nagħtu *feedback* mingħajr empatija nistgħu nwasslu għall-bidla fl-imġiba tal-persuna imma ma nkunux qegħdin ngħinu biex tinbena relazzjoni ta' rispett u fiduċja. It-tielet suġġett jibni fuq dan u jesplora kif l-istudenti jistgħu jsaħħu l-ħiliet tal-komunikazzjoni billi jinnegozjaw u jikkooperaw flimkien.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NISIMGĦU B'MOD EFFETTIV**<br>• JISIMGĦU MESSAĠĠ QASIR.<br>• ISEGWU ISTRUZZJONI.<br>• JIDDISTINGWU SMIGĦ ATTIV MINN SMIGĦ PASSIV |
| **TOPIK 2**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIFHMU L-EMOZZJONIJIET FIL-KOMUNIKAZZJONI**<br>• JAGĦRFU KIF QED IĦOSSU ĦADDIEĦOR BILLI JOSSERVAW L-IMĠIBA MHUX VERBALI.<br>• JIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTÀ TA' XI ĦADD IEĦOR BILLI JIFHMUHOM U JAĊĊETTAWHOM.<br>• JAGĦRFU LI JISTGĦU JGĦINU LIL ĦADDIEĦOR B'MODI DIFFERENTI. |
| **TOPIK 3** | **NIKKOMUNIKAW L-IDEAT TAGĦNA; NIKKOOPERAW; NINNEGOZJAW** |

| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JIEĦDU SEHEM F'ATTIVITAJIET TA' KOOPERAZZJONI BIEX JAPPREZZAW IL-BENEFIĊĊJI TAL-KOOPERAZZJONI.<br>• ISIBU IKTAR MINN SOLUZZJONI WAĦDA GĦAL SITWAZZJONI PROBLEMATIKA.<br>• ISIBU SOLUZZJONIJIET TA' BENEFIĊĊJU GĦAL KULL MIN IKUN INVOLUT FIS-SITWAZZJONI PROBLEMATIKA. |
|---|---|

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Oħloq 'rokna fejn nisimgħu' fil-klassi (tal-inqas għall-ġimagħtejn). Poġġi żewġ siġġijiet fir-rokna, u mmarka wieħed għal min se jitkellem u ieħor għal min se jisma'. Għall-bidu, mingħajr ma tgħid xejn, poġġi fuq wieħed mis-siġġijiet biex tħeġġeġ lill-istudenti jużaw l-opportunità biex jitkellmu u jisimgħu. Jista' jkun li t-tfal ma jkunux lesti jitkellmu meta nsaqsuhom aħna. Huwa importanti li jkunu jafu li aħna nkunu disponibbli biex nisimgħuhom f'ċertu ħin tal-ġurnata. Barra minn hekk, l-adulti jistgħu jkunu mudelli għall-istudenti u għalhekk hemm iktar ċans li t-tfal jitgħallmu jisimgħu meta jaraw lilna nagħmlu hekk. Jekk l-istudenti jkomplu jużaw ir-'rokna fejn nisimgħu' b'mod regolari, din tista' tibqa' fil-klassi. Tista' wkoll iżżid siġġijiet oħra: biex nagħtu u biex nirċievu; biex nagħtu u nirċievu tgħanniqa; u biex nfittxu u nagħtu parir. Imbagħad ir-rokna tista' tissejjaħ 'rokna fejn nagħtu u nirċievu'.

2. F'sitwazzjonijiet ta' kuljum, uża kull opportunità biex tfakkar lill-istudenti biex jisimgħu lil xulxin sew. Kun mudell ta' dan inti stess.

3. Oħloq 'Rokna ta' Reżiljenza' fil-klassi b'pupi jew stampi kbar ta' Żigu u Ċika. Agħmel pannell bi bwiet żgħar biex tpoġġi l-pupi żgħar ta' Żigu u Ċika u maskri għall-erba' emozzjonijiet bażiċi. L-istudenti jistgħu jieħdu l-pupi d-dar u jlibbsuhom. Il-pupi jistgħu jmorru fir-'rokna ġnien' biex jitkellmu. Jista' wkoll ikun hemm ordni ta' kif it-tfal jieħdu l-pupi d-dar fi tmiem il-ġimgħa jew f'okkażjonijiet oħra.

4. Meta jkun hemm nuqqas ta' empatija, l-istudenti jkollhom bżonn l-għajnuna biex jifhmu lill-oħrajn. Xi ħaġa li tgħinhom jaslu għal dan huwa li jiddeskrivu l-emozzjonijiet tagħhom.

5. Staqsi lill-istudenti biex jagħmlu tpenġijiet marbuta mat-tema u weħħilhom fil-klassi.

# Topik 1 Nisimgħu b'mod effettiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jisimgħu messaġġ qasir.

Isegwu istruzzjoni.

Jiddistingwu smigħ attiv minn smigħ passiv.

## Attività 1: Sib par

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jisimgħu messaġġ qasir.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nisma' messaġġ qasir.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Sib par', sentenzi qosra miktubin fuq karti separati eż: ix-xemx safra; Ramon qed jaqra ktieb; Inħobb immur il-bandli (żewġ kopji minn kull sentenza).



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Post għal kenn**

**Ġurnata minnhom Ċika marret il-bandli tal-ġnien. Marret ħdejn is-siġra fejn kien joqgħod Żigu biex tistaqsih imur magħha. Il-mamà ta' Żigu qaltilha li Żigu kien diġà telaq ħames minuti ilu. Qaltilha wkoll li kienet ġejja maltempata u talbitha tgħid lil Żigu biex imur**

**jistkenn fil-post fejn imorru s-soltu. "Żigu jaf fejn hu l-post tas-soltu", qalet il-mamà ta' Żigu. Ċika marret il-bandli u ltaqgħet ma' Żigu. Bdew jilagħbu flimkien imma f'daqqa waħda bdiet nieżla x-xita. Ċika qalet lil Żigu: "Bilħaqq, insejt ngħidlek – Ommok qaltlek li hekk kif jibda l-maltemp irridu nsibu post fejn nistkennu". Żigu u Ċika sabu toqba ġo siġra u stkennew hemmhekk. Wara l-maltempata, fi triqthom lejn id-dar, iltaqgħu mal-mamà ta' Żigu li kienet tidher inkwetata. Qaltilhom: "Fejn kontu? M'għidtilkomx biex tiġu tistkennu l-post tas-soltu? Kont qed infittixkom hemm!" Żigu qal: "Le, inti għidtilna biex nsibu post fejn nistkennu ". Ċika qalet: "Jiddispjaċini…kont mgħaġġla u ma smajtx l-aħħar ftit kliem li għidtli."**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għalfejn kienet inkwetata l-mamà ta' Żigu ?
- Għalfejn ma semgħetx l-aħħar ftit kliem Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli ġralkom hekk? Min jixtieq jgħid xi ħaġa fuq hekk?

5. Stieden lit-tfal jilagħbu l-logħba 'Qanfud, Skwiril u Ġurdien'.

Il-karattri f'din il-logħba huma l-qanfud, l-iskwiril u l-ġurdien u t-tfal iridu jieħdu pożizzjoni fissa għal kull annimal u ma jiċċaqalqux. Qabel ma tibda l-logħba, spjega lit-tfal il-pożizzjonijiet li jirrappreżentaw l-annimali (eż: il-qanfud jista' jinżel kokka, l-iskwiril jista' jieħu l-pożizzjoni ta' żeffien, u l-ġurdien jista' jgħolli jdejh 'il fuq ). L-istudenti jistgħu jiċċaqalqu u jiżfnu madwar il-kamra mal-mużika. B'dahrek lejn it-tfal, waqqaf il-mużika. Hekk kif twaqqaf il-mużika, it-tfal iridu jieħdu pożizzjoni u ma jiċċaqalqux sakemm inti tgħid min jista' joħroġ mil-logħba. Per eżempju: "L-iskwirils kollha joħorġu!" Imbagħad dur u ara min kien l-iskwiril, il-qanfud u l-ġurdien. L-istudenti li ħarġu mil-logħba jistgħu jgħinuk jew josservaw it-tfal l-oħra.

6. Stieden lit-tfal jilagħbu l-logħba 'Sib Par'.

L-istudenti joqogħdu f'pari. Tifel mill-klassi jitlaq mill-kamra. Kull par jagħżel ħoss ta' annimal, eż: 'woof, woof'; 'miaow, miaow'; 'moo, moo'. Wara li kull par jifftiehem fuq il-ħoss, it-tfal iqumu bil-wieqfa u jsibu post fil-kamra. Staqsi lit-tifel li kien barra mill-klassi biex jerġa' jidħol u jsib il-pari. L-istudent għandu jmiss student ieħor fuq spalltu u dan it-tifel għandu jagħmel il-ħoss. It-tifel jista' jkompli sejjer hekk sakemm isib par. Il-logħba tispiċċa meta jinstabu l-pari kollha.

7. Agħżel wieħed jew waħda mit-tfal biex joħorġu mill-klassi. It-tfal li baqgħu fil-klassi jifirxu s-sentenzi fuq mejda. It-tifel li ħareġ mill-kamra jrid isib il-pari.

8. Flimkien mat-tfal, agħmel regola jew regoli fuq kif għandhom jisimgħu lil xulxin. It-tfal jagħmlu *poster* li juri r-regola/regoli.



## *Attività għad-Dar*

Id-dar, it-tfal jistgħu jpenġu l-annimal li imitaw fil-logħba 'Qanfud, Skwiril u Ġurdien' jew fil-logħba 'Sib Par'.

# SIB PAR

*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal ipenġu l-annimal li imitaw fil-logħba 'Qanfud, Skwiril u Ġurdien' jew fil-logħba 'Sib Par'.*

__________________________________________________________________





# Attività 2: Maltempata kooperattiva

## L-Għan tat-Tagħlim

Isegwu istruzzjoni.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naf x' għandi nagħmel billi nisma' sew dak li qed tgħid il-persuna l-oħra.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'; żebgħa sewda, blù u bajda; pniezel; paletta; folja t'attività 'Maltempata kooperattiva'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. Stieden it-tfal biex jieħdu sehem fil-logħba 'Plink Plank'.

Staqsi lit-tfal biex jiffurmaw ringiela twila. Mur quddiem u agħtihom dawn l-istruzzjonijiet filwaqt li tagħmel il-movimenti li jaqblu mal-lirika: "Plink-plank fuq il-lemin (uri idek tal-lemin), plink-plank fuq ix-xellug (uri idek tax-xellug), plink-plank 'il fuq (għolli jdejk 'il fuq), plink-plank 'l isfel (inżel kokka)." It-tfal iridu jikkupjawk. Wara ftit biddel l-ordni tad-direzzjonijiet tal-logħba. It-tfal li jitfixklu jmorru fl-aħħar tar-ringiela.

4. Staqsi lit-tfal biex jiffurmaw ċirku. Għidilhom li se tilagħbu l-logħba 'Maltempata kooperattiva' u li l-għan tal-logħba huwa li jimitaw il-ħsejjes f'maltempata. Staqsi lit-tfal biex jaħsbu fuq kif tinħass xita ħafifa. Imbagħad staqsihom kif tinħass maltempata b'xita qalila. Ibda l-logħba billi togħrok idejk. L-istudent fuq ix-xellug tiegħek irid jimita dak li qed tagħmel. Ibqgħu sejrin hekk sakemm kull student fiċ-ċirku jimita dak li tkun qed tagħmel. Meta l-istudent fuq il-lemin tiegħek jogħrok idejh, ibda faqqa' subgħajk. Ibqgħu sejrin hekk sakemm kull student fiċ-ċirku jfaqqa' subgħajh. Bl-istess ritmu, ċapċap fuq kuxxtejk u mbagħad sabbat

saqajk bis-saħħa. Imbagħad ibda kkalma l-'maltempata' billi tmur lura fis-sekwenza (sabbat saqajk bis-saħħa, ċapċap fuq kuxxtejk, faqqa' subgħajk, ogħrok idejk, u mbagħad ieqaf sakemm ikun hemm kwiet perfett). Mur fuq dan is-sit biex tara vidjo ta' din il-logħba:

http://www.youtube.com/watch?v=vquusVqcUdw&list=RD28yjbpwlqp5Qw

5. Staqsi lill-istudenti x'kellhom bżonn jagħmlu biex jimitaw sew il-ħsejjes mingħand xulxin (joqogħdu attenti, jisimgħu sew, isegwu lill-għalliem/a, ikunu jafu x'inhu mistenni minnhom, ikunu lesti, jistennew meta jmisshom, jiffokaw fuq għan komuni, eċċ.). Staqsi lit-tfal kif dak li għadkom kif għamiltu huwa simili bħal kooperazzjoni bejn il-membri fi grupp (xi kultant niggwidaw u mmexxu, xi kultant insegwu, xi kultant nisimgħu, xi kultant nitkellmu, nsegwu l-istess għan, eċċ.).

6. Għin lit-tfal iħalltu fuq xi paletta tipi differenti tal-kulur griż u/jew il-kulur blù u pprepara ż-żebgħa bajda separatament. Staqsi lit-tfal biex jiżbgħu sħab tal-maltemp (għin lit-tfal ipenġu s-sħab eż: sħab magħqud mimli ilma, sħab ġej mix-xellug, eċċ…). Wara li jiżbgħu s-sħab, it-tfal jiżbgħu x-xita billi jużaw żebgħa bajda u pniezel irqaq.



### *Attività għad-Dar*

Staqsi lill-istudenti biex jitkellmu mal-ġenituri tagħhom u jiktbu fuq sitwazzjoni fejn semgħu lil xi ħadd sew u fehmuh.

## MALTEMPATA KOOPERATTIVA




*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq sitwazzjonijiet fejn urew li semgħukom u fehmukom. Għinuhom ipenġu eżempju ta' dan hawn taħt.*

______________________________________________________________





# Attività 3: Qed tismagħni sew?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddistingwu smigħ attiv minn smigħ passiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf id-differenza bejn meta nisma' lil ħaddieħor sew u ma meta nismax sew.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karta u lapes, folja t'attività 'Qed tismagħni sew?'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi din il-mistoqsija:

- Ċika semgħet sew? Għaliex?

4. Staqsi lit-tfal min minnhom jixtieq jirreċta l-partijiet ta' Ċika li tisma' sew, Żigu, u l-mamà ta' Żigu.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' tlieta u agħti kull membru f'kull grupp wieħed minn dawn ir-rwoli: dawk li se jitkellmu (A), dawk li se jisimgħu (B) u dawk li se josservaw u jieħdu n-noti (C). Dawk li se jitkellmu jridu jiddeskrivu xi ħaġa li ġratilhom riċentament, dawk li se jisimgħu jridu joqogħdu attenti u jisimgħu għal dak li qed tgħid il-persuna l-oħra, u dawk li se josservaw iridu jieħdu nota ta' dak li qed jiġri. Meta dak li qed jitkellem jispiċċa jirrakkonta, dak li sema' jrid jirrepeti bir-reqqa dak li qal il-kelliem.

6. Wara dan, staqsi lit-tfal jekk kienx hemm xi differenzi bejn dak li qal l-istudent li tkellem u dak li qal l-istudent li sema'.

7. Staqsi lit-tfal biex jibdlu r-rwoli: dak li sema' (B) jgħid lill-kelliem (A) fuq esperjenza riċenti. Wara li jsir dan, A jrid jiddeksrivi dak li għadu kemm sema' u kif jaħseb li qed iħossu B. B jikkonferma jekk dan huwiex veru.

8. Stieden lit-tfal biex jieħdu sehem f'diskussjoni u staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta nisimgħu b'attenzjoni huwa differenti mis-smigħ tas-soltu?
- Għaliex meta nisimgħu b'attenzjoni jgħinna nevitaw u nsolvu l-problemi?



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistgħu jistaqsu lill-ġenituri kif jindunaw meta t-tfal ikunu qed jisimgħu jew ma jisimgħux sew meta jkunu qed jitkellmu. It-tfal jistgħu jistaqsu għal eżempju ta' messaġġ verbali u ieħor mhux verbali li għandhom l-istess tisfira (eż: itteptep saqajk, tgħolli għajnejk, ixxejjer idejk, tgħolli spallejk kollha, jagħtu messaġġ mhux verbali).

# QED TISMAGĦNI SEW?




*Lill-ġenituri: Osservaw l-imġiba tat-tfal meta jkunu qed jisimgħukom sew u anke meta ma jkunux. Imbgħad iddiskutu dan mat-tfal u flimkien iktbu hawn taħt.*

---

**Meta tismagħni u tipprova tifhimni ninduna għax:**

**Meta na tkunx qed tismagħni sew ninduna għax:**





# Topik 2 Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu kif qed iħossu ħaddieħor billi josservaw l-imġiba mhux verbali.

Jirrispondu għad-diffikultà ta' xi ħadd ieħor billi jifhmuhom u jaċċetawhom.

Jagħrfu li jistgħu jgħinu lil ħaddieħor b'modi differenti.

## Attività 1: Iż-żarbun ta' xi ħadd ieħor

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu kif qed iħossu ħaddieħor billi josservaw l-imġiba mhux verbali.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf kif qed iħossu ħaddieħor billi nosserva l-movimenti tiegħu/tagħha, u l-espressjoni ta' wiċċu/a.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', żraben u papoċċi differenti mibgħuta mill-ġenituri, folja t'attività 'Iż-żarbun ta' xi ħadd ieħor'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Saqsi lit-tfal biex iqumu bil-wieqfa u staqsihom biex jimxu qishom…

- għandhom sieq miksura fil-ġibs
- re jew reġina
- *cowboys*

- għandhom iż-żarbun żgħir wisq
- għandhom iż-żarbun kbir wisq
- qed jimxu fuq il-ħaxix
- qed jimxu fit-tajn
- qed jimxu fuq il-ġebel
- qed jimxu fuq xi ħaġa taħraq
- qed jimxu fl-ilma
- qed jaqsmu xmara u għaddejjin fuq iċ-ċagħaq
- ferħanin
- imdejqin
- qed jibżgħu
- qed iġorru xi ħaġa tqila
- qed iġorru ġarra mimlija ilma

Imbagħad ibda diskussjoni billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet: Liema mixja kienet l-iktar interessanti? Liema kienet l-iktar diffiċli? Kif taħsbu li dhertu waqt li bdejtu timxu?

3. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**164 pass**

**Darba minnhom Ċika kienet miexja waħedha fil-ġnien. Kienet għodwa kwieta u x-xemx kienet tiżreġ. Ċika ddeċidiet tagħmel xi ħaġa interessanti. Marret ħdejn il-bandli tal-ġnien biex tilgħab. Kien hemm ħofra fl-art taħt ħafna weraq u hemmhekk Żigu u Ċika kienu jaħbu l-ġugarelli speċjali li kellhom: biċċiet taz-zkuk, ġewż, fjuri li waqgħu mis-siġar, qfief… Dakinhar Żigu kiel il-kolazzjon u mar jiġri lejn il-bandli wkoll. Fi triqtu ħabat ma' Ċika. Hi kienet miexja bil-mod b'rasha 'l isfel. Anqas biss daret meta għajtilha Żigu. Ċika qatt ma għamlet hekk iżda Żigu ma qatax qalbu. L-ewwel beda miexi bil-mod ħdejn Ċika – imma ma ġara xejn. Imbagħad qal, "Ċika, ejja nilagħbu". Ċika baqgħet ma qalet xejn u baqgħet miexja bil-kwiet. "Ċika, qed tismagħni?" staqsieha Żigu. "Iva," sellmet Ċika. Issa Żigu tħawwad u staqsa lil Ċika: "Stenna...jaqaw irrabjata miegħi?" Ċika xenglet rasha biex tur li "Le" u baqgħet miexja bil-kwiet. "Imma Ċika, bilfors ġara xi ħaġa! M'intix irrabjata miegħi imma mbagħad ma tridx tkellimni!" għajjat Żigu. Ċika baqgħet miexja mbagħad poġġiet subgħajha quddiem xufftejha. Żigu fehem li Ċika riedet tgħidlu "Oqgħod kwiet", imma Żigu xorta beda jħossu mdejjaq. Beda jaħseb x'seta' ġralha Ċika. Beda jinkwieta li kienet imdejqa jew irrabjata. F'daqqa waħda ġietu idea biex iferraħha. Mar jistaħba wara siġra. Hekk kif Ċika waslet ħdejn is-siġra, Żigu ħareġ u beda jagħmel ħafna uċuh tad-daħq li dejjem kienu jdaħħquha. Imma mhux illum. Ċika għattiet għajnejha u baqgħet miexja. Żigu fehem li Ċika ma riditx tħares lejh iżjed. Sar verament imdejjaq. Imma ma qatax qalbu. Hu baqa' miexi wara l-ħabiba tiegħu mingħajr ma jdejjaqha. B'dan il-mod waslu sal-bandli fi kwiet perfett. Ċika waqfet u daret lejn Żigu u b'daħqa fuq wiċċha qalet: "Hemm eżattament 164 pass mid-dar tiegħi għall-post favorit tagħna!"**

4. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb li ġralha Ċika biex riedet timxi bla kliem?
- X'kont tagħmel kieku kont minflok Żigu?
- Min se joħroġ jirreċta l-parti ta' Ċika li tgħodd sa 100 f'qalbha u l-parti ta' Żigu li ma jifhimx x'qed jiġri?

5. Il-logħba tkompli billi t-tfal jilbsu ż-żraben ta' xi ħadd ieħor. L-għan tal-attività hija li jqattgħu ftit ħin fiż-żarbun ta' xi ħadd ieħor billi jimxu madwar il-klassi u jilagħbu.

6. Fl-aħħar tal-attività staqsi lit-tfal kif ħassewhom fiż-żarbun ta' xi ħadd ieħor: ta' min kien iż-żarbun u x'jaħsbu fuq din il-persuna?



### *Attività għad-Dar*

Id-dar it-tfal jistgħu jimxu b'modijiet differenti kif għamlu l-iskola. Il-ġenituri jridu jaqtgħu jekk il-mixja hix ta' xi ħadd li hu ferħan, imdejjaq, irrabjat, iddiżappuntat, muġugħ, eċċ. It-tfal se jieħdu d-dar lista ta' modi differenti kif jistgħu jimxu u l-ġenituri jridu jieħdu nota tat-tip ta' mixi li rexxielhom jaqtgħu.

## IŻ-ŻARBUN TA' XI ĦADD IEĦOR

*Lill-ġenituri: It-tfal se jurukom modi differenti ta' mixi, u intom tridu taqtgħu l-emozzjonijiet jew is-sitwazzjonijiet li t-tfal qed jimitaw. Immarka dawk il-mixjiet li rnexxielkom taqtgħu.*

---

Imxi qisek:

- għandek sieq miksura fil-ġibs
- re jew reġina
- *cowboy*
- għandek iż-żarbun żgħir wisq
- għandek iż-żarbun kbir wisq
- qed timxi fuq il-ħaxix
- qed timxi fit-tajn
- qed timxi fuq il-ġebel
- qed timxi fuq xi ħaġa taħraq
- qed timxi fl-ilma
- qed taqsam xmara u għaddej fuq iċ-ċagħaq
- ferħan
- imdejjaq
- qed tibża'
- qed iġġorr xi ħaġa tqila
- qed iġġorr ġarra mimlija ilma





# Attività 2: Irċevejna ittra

## L-Għan tat-Tagħlim

Jirrispondu għad-diffikultà ta' xi ħadd ieħor billi jifhmuhom u jaċċetawhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nifhem meta nkun qed nisma' lil xi ħadd li għaddej minn diffikultà.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Ittra ppreparata mill-għalliem fejn tifel (jew tifla) fittizju jikteb lill-klassi fuq id-diffikultajiet li għaddej minnhom (eż: ġie minn pajjiż jew kultura oħra u ma jistax jifhem il-lingwa tat-tfal fl-iskola, it-tfal l-oħra mhux qed jinkluduh, beda skola ġdida, m'għandux ħbieb, eċċ.), pannell fejn jistgħu jitwaħħlu n-noti, tejp jew *pins* biex jitwaħħlu n-noti, kuluri, folja t'attività 'Irċevejna ittra'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-ittra lit-tfal. Staqsihom jekk jafux lil xi ħadd li qiegħed f'sitwazzjoni simili u ħeġġiġhom biex jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom, jikkummentaw fuq dak li kien hemm miktub fl-ittra, u jistaqsu xi mistoqsijiet lilek jew lil ħaddieħor.

3. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

4. Kellem lit-tfal fuq l-importanza li nipprovaw nifhmu lil xi ħadd li nixtiequ ngħinu. Nistgħu nifhmu lil xi ħadd ieħor biss jekk nuru interess, nistaqsuh fuq dak li għaddej minnu, u nisimgħuh sew.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' ħamsa. Kull grupp irid jikteb u jpenġi messaġġ lit-tifel li kiteb l-ittra.

6. Weħħel il-pannell x'imkien fil-klassi. Staqsi lit-tfal biex jagħtu titlu li jista' jitwaħħal fuq il-pannell (jista' jkun qawl jew frażi jew sentenza fil-bidu tal-ittra). In-noti u t-tpenġijiet jitwaħħlu fuq il-pannell. It-tfal jistgħu jarawhom u jikkummentaw fuqhom.



## Attività għad-Dar

It-tfal jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq id-diffikultajiet li kellhom xi ħbieb tal-ġenituri meta kienu għadhom żgħar. It-tfal jistgħu jistaqsu lill-ġenituri fuq kif huma mxew ma' dawn il-ħbieb, kif trattawhom l-għalliema u tfal oħra, u jekk jafux x'sar minnhom dawn il-ħbieb issa.

# IRĊEVEJNA ITTRA

*Lill-ġenituri:Tkellmu mat-tfal fuq id-diffikultajiet li xi ħbieb tal-iskola tagħkom kellhom meta kontu żgħar (eż: problemi fit-tagħlim, fil-familja, bis-saħħa...). Kellmuhom fuq l-attitudni tagħkom lejn dawn il-ħbieb u kif trattawhom l-għalliema u tfal oħra.*

---

IL-ĦABIB/A TAL-ĠENITURI KELLU/KELLHA DIFFIKULTÀ GĦAX

---

**Il-ġenituri tiegħi għamlu hekk:**

**L-għalliema għamlu hekk:**

**It-tfal l-oħra għamlu hekk:**





# Attività 3: Kif nista' ngħinek?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li jistgħu jgħinu lil ħaddieħor b'modi differenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf li hemm iktar minn mod wieħed kif nista' ngħin lil xi ħadd.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karti biex it-tfal ipenġu jew jiżbgħu fuqhom, lapsijiet ikkuluriti, folja t'attività 'Kif nista' ngħinek?'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Agħti karta lil kull student u staqsihom biex jitwuha fi tnejn. Staqsihom biex jaħsbu f'post fejn jieħdu pjaċir joqogħdu waħedhom. Huwa importanti li jħossuhom komdi u siguri f'dan il-post. Irid ikun post fejn jagħmlu xi ħaġa hemmhekk u ma jarawx il-ħin għaddej. It-tfal iridu jużaw l-ewwel nofs tal-karta biex ipenġu dan il-post u lilhom nfushom fih.

3. Issa jridu jiftakru sitwazzjoni fejn ħassewhom ħażin u waħedhom. Forsi ma kien hemm ħadd magħhom; forsi kien hemm oħrajn magħhom imma ma setgħux jagħtu l-għajnuna li kellhom bżonn. It-tfal iridu jużaw it-tieni nofs tal-karta biex ipenġu lilhom f'dawk is-sitwazzjonijiet.

4. Fuq wara tal-karta, it-tfal iridu jiktbu tliet karatteristiċi li l-persuna li setgħet tgħinhom f'dik is-sitwazzjoni għandha jkollha.

5. Stieden lit-tfal jitkellmu fuq il-post sabiħ li għażlu u fuq is-sitwazzjoni diffiċli.

6. Fl-aħħar staqsi lit-tfal biex isemmu t-tliet karatteristiċi li kitbu. Ikkonkludi l-attività billi tiġbor fil-qosor il-karatteristiċi li semmew it-tfal. Għid lit-tfal li mhux kulħadd għandu bżonn l-

istess ħaġa biex iħossu aħjar. M'hemmx mod wieħed biss kif nistgħu ngħinu lill-oħrajn u għalhekk huwa importanti li nistaqsu "Kif nista' ngħinek?".



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq id-diffikultajiet li kellhom l-iskola meta kienu ta' età simili. It-tfal jistaqsu lill-ġenituri kif għenuhom it-tfal l-oħra tal-klassi, min għenhom, min għamel is-sitwazzjoni iktar diffiċli, u liema huma dawk it-tliet karatteristiċi li l-persuna li setgħet tgħinnhom f'dak il-mument għandu jkollha.

# KIF NISTA' NGĦINEK?

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq id-diffikultajiet li kellkom l-iskola meta kontu ta' età simili.*

X'KIEN DIFFIĊLI?

______________________________________________

MIN GĦEN U KIF?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

MIN GĦAMEL IS-SITWAZZJONI IKTAR DIFFIĊLI U KIF?

______________________________________________

______________________________________________

LIEMA KARATTERISTIĊI GĦANDHA JKOLLHA L-PERSUNA LI SETGĦET TGĦINEK F'DAK IL-MUMENT?

1.

2.

3.





# Topik 3 Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jieħdu sehem f'attivitajiet ta' kooperazzjoni biex japprezzaw il-benefiċċji tal-kooperazzjoni.

Isibu iktar minn soluzzjoni waħda għal sitwazzjoni problematika.

Isibu soluzzjonijiet ta' benefiċċju għal kull min ikun involut fis-sitwazzjoni problematika.

## Attività 1: Il-kooperazzjoni

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jieħdu sehem f'attivitajiet ta' kooperazzjoni biex japprezzaw il-benefiċċji tal-kooperazzjoni.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Naħdem b'mod kollaborattiv ma' sħabi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'; żewġ fliexken tal-ħġieġ u għaxar tappijiet tas-sufra, kull wieħed minnhom imwaħħal ma' biċċa spaga (l-għonq tal-flixkun irid ikun wiesa' biżżejjed biex bil-mod jinġibed tapp bi spaga); folja t'attività 'Kooperazzjoni'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Darba minnhom grupp ta' annimali ltaqgħu fejn il-bandli tal-ġnien. Kien hemm Ċika u Żigu, u l-ħbieb tagħhom Fifi l-farfett, Lulu l-ġurdiena u Milo l-fenek. Ċika sabet ballun antik fil-ħaxix u tefgħetu fuq ix-xewk ta' dahrha biex turih lil sħabha. "Araw x'sibt!" qalet Ċika. Kulħadd dar madwar Ċika. Il-farfett tar u ħa l-ballun minn fuq dar Ċika u mbagħad ħallieh jaqa' fuq il-ħaxix. Żigu qabdu u tefgħu lil Milo. Milo tafa' l-ballun fl-arja bis-saħħa. Lulu marret tiġri lejn fejn ħasbet li se jaqa' l-ballun iżda kien tard wisq. Il-ballun beda nieżel man-niżla tal-għadira. Kulħadd beda jiġri wara l-ballun hekk kif il-ballun baqa' jitgerbeb lejn l-għadira...**

3. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u staqsihom jaħsbu fi tmiem għall-istorja kif l-annimali rnexxielhom jabdu l-ballun qabel jaqa' fl-għadira. Huwa importanti li jiġbru l-ballun u li kull annimal, bil-mod tiegħu, ikollu parti f'dan.

4. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi (mhux iktar minn għaxart itfal f'kull grupp) u staqsihom jiffurmaw ċirku madwar il-flixkun. Kull student iżomm naħa tal-ispaga (it-tappijiet għandhom ikunu kollha fil-flixkun u l-ispag għandhom ikunu fuq barra). Mas-sinjal tiegħek it-tfal jibdew joħorġu t-tappijiet mill-flixkun permezz tal-ispag. Għidilhom li l-ewwel darba hija biss prova biex jipprattikaw dak li jridu jagħmlu. Il-grupp li jirnexxielu jaqbel fuq l-ordni li t-tfal għandhom joħorġu t-tappijiet u jlesti l-ewwel, jirbaħ il-logħba.

5. Wara l-logħba, staqsi lill-istudenti kif ġabu ruħhom fl-ewwel prova u x'kellhom jagħmlu biex isolvu l-problema.

6. Kull grupp jikteb jew ipenġi dwar it-tagħlima ta' din il-logħba u r-regoli ta' kooperazzjoni għall-klassi kollha.

7. Il-gruppi jaħdmu flimkien biex jagħmlu *poster* fuq ir-regoli tal-klassi.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jaħdmu mal-ġenituri biex jagħmlu xi regoli għall-kooperazzjoni għaż-żmien ta' meta l-familja tkun qed tivvjaġġa (eż: min se jieħu ħsieb jipprepara xi affarijiet differenti, min se jġorr l-affarijiet, kif inġibu ruħna fil-karozza, eċċ.).

## KOOPERAZZJONI

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq il-preparazzjoni li għandha ssir qabel ma tivvjaġġaw xi mkien (eż: min se jieħu ħsieb jipprepara xi affarijiet differenti, min se jġorr l-affarijiet, kif iġġibu ruħkom fil-karozza, il-mużika li se tisimgħu, eċċ.). Iddiskutu mat-tfal ir-regoli ta' kooperazzjoni li huma importanti għalik u għall-familja tiegħek f'sitwazzjonijiet bħal dawn.*

IR-REGOLI TAGĦNA

META________________________________________________

1. 
2. 
3. 
4. 
5. 
6. 





# Attività 2: Storja f'sitt stampi

## L-Għan tat-Tagħlim

Isibu iktar minn soluzzjoni waħda għal sitwazzjoni problematika.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Insib iktar minn soluzzjoni waħda għal problema.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karta ta' daqs kbir maqsuma f'sitt kaxex – waħda għal kull grupp, kuluri jew lapsijiet ikkuluriti, folja t'attività 'Storja f'sitt stampi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar. L-ewwel student jgħid '1', it-tieni student jgħid '2', u jibqgħu sejrin hekk san-numru '5'. It-tfal jiftakru n-numru tagħhom biex dawk kollha li qalu n-numru '1' imorru fi grupp wieħed, dawk kollha li qalu n-numru '2' imorru fi grupp ieħor, eċċ.

3. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

4. Staqsi lit-tfal dawn il-mistoqsijiet:

- X'kien jiġri kieku Ċika u sħabha qabdu jgħajtu ma' Milo l-fenek talli tafa' l-ballun 'il fuq bis-saħħa?
- X'kien jiġri kieku Milo rrabja ma' Lulu l-ġurdiena talli ma ġrietx biżżejjed biex taqbad il-ballun?
- Xi tmiem kien ikollha l-istorja mbagħad?
- Kif kienu jħossuhom Ċika, Żigu, Lulu, Milo u Fifi kieku l-istorja spiċċat hekk?

5. Kull grupp jagħżel ħrafa li sema' l-iskola li kulħadd jaf u li tispiċċa billi xi ħadd jitlef. Membru tal-grupp irid jirrakkonta l-ħrafa u membru ieħor irid ikompli jirrakkonta kif din il-ħrafa tispiċċa.

6. Kull grupp issa jrid jagħżel kif il-ħrafa tista' tispiċċa biex kull karattru jkun kuntent. Wara li jkunu qablu fuq it-tmiem, it-tfal ipenġu l-ħrafa, bit-tmiem il-ġdid, f'sitt stampi. L-ewwel żewġ stampi għandhom juru l-istorja oriġinali filwaqt li l-istampi ta' wara juru x-xeni li jwasslu għat-tmiem il-ġdid fejn kulħadd huwa rebbieħ. Kull grupp jispjega l-istorja tiegħu u jagħmel reċta qasira tal-istorja.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistgħu jagħżlu storja oħra flimkien mal-ġenituri u jpenġuha f'sitt stampi bħalma għamlu fil-klassi.

# STORJA F'SITT STAMPI




*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal agħżlu storja magħrufa u biddlu t-tmiem biex il-karattri kollha jkunu kuntenti fl-aħħar. Flimkien penġu l-istorja f'sitt stampi.*





# Attività 3: L-istorja tagħna f'sitt stampi

## L-Għan tat-Tagħlim

Isibu soluzzjonijiet li jkunu ta' benefiċċju għal kull min ikun involut.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nsib soluzzjonijiet li jkunu ta' ġid għal kulħadd.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karta ta' daqs kbir maqsuma f'sitt kaxex – waħda għal kull grupp, kuluri jew lapsijiet ikkuluriti, folja t'attività 'L-istorja tagħna f'sitt stampi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar. L-ewwel student jgħid '1', it-tieni student jgħid '2', u jibqgħu sejrin hekk san-numru '5'. It-tfal għandhom jiftakru n-numru tagħhom sabiex dawk kollha li qalu n-numru '1' imorru fi grupp wieħed, dawk kollha li qalu n-numru '2' imorru fi grupp ieħor, eċċ.

4. Kull grupp irid jiddiskuti sitwazzjoni fejn problema ġiet solvuta iżda b'mod fejn xi ħadd ma kienx kuntent bis-soluzzjoni. ("Iddeskrivu sitwazzjoni fejn solvejtu problema imma fl-aħħar xi ħadd spiċċa mdejjaq, mweġġa', jibki, irrabjat..."). Fakkar lit-tfal fl-istorja li għadek kemm qrajt u fakkarhom fuq l-importanza li kull animal irid ikun involut biex isolvi l-problema.

5. Wara li kull grupp ikun għażel is-sitwazzjoni, irid joħroġ b'idea ta' kif il-problema tista' tissolva b'mod li kull min hu involut ikun kuntent bis-soluzzjoni. Imbagħad staqsi lill-istudenti biex ipenġu l-ħrafa, bit-tmiem il-ġdid, f'sitt stampi. L-ewwel żewġ stampi juru l-istorja oriġinali filwaqt l-istampi ta' wara juru x-xeni li jwasslu għat-tmiem il-ġdid fejn kulħadd huwa rebbieħ. Kull grupp jispjega l-istorja tiegħu u jagħmel reċta qasira ta' din l-istorja.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jagħżlu attività tal-familja u, bl-għajnuna tal-ġenituri, jpenġuha f'sitt stampi bħalma għamlu l-iskola.

# L-ISTORJA TAGĦNA F'SITT STAMPI




*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal agħżlu attività tal-familja u penġuha f'sitt stampi.*

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |





# SOTTOTEMA 2
# L-assertività

**Li tkun assertiv tfisser li tkun determinat iżda mhux aggressiv, li tirrispetta lil ħaddieħor iżda mhux li toqgħod għal dak kollu li jgħid ħaddieħor. L-assertività tgħin lill-persuna tiddefendi lilha nnifisha mingħajr ma tweġġa' lil ħaddieħor. Tfal li huma assertivi jafu jieħdu pożizzjoni, jagħtu *feedback* lill-oħrajn fuq l-imġiba li ddejjaqhom, u jispjegaw il-bżonnijiet u x-xewqat tagħhom b'mod ċar, u jekk ikun hemm bżonn iktar minn darba. Huma kapaċi jgħidu LE, MA RRIDX, MA NISTAX, u jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom u l-integrità mingħajr ma jweġġgħu u waqt li jifhmu l-persuna l-oħra. Fl-ewwel u t-tieni topik it-tfal se jkollhom l-opportunità jesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħhom u jieħdu pożizzjoni b'mod assertiv.**

**It-tfal ma jistax ikollhom opportunità jipprattikaw kif jasserixxu ruħhom jekk ma jkunux f'kunflitt reali jew immaġinarju mal-ambjent tagħhom. Hemm distinzjoni bejn kunflitti li t-tfal jidħlu fihom biex jissodisfaw xi bżonnijiet tagħhom u kunflitti li jseħħu għax tfal jew adulti oħra b'xi mod ma jirrispettawx l-integrità tat-tfal u b'xi mod jagħmlu ħsara jew jipperikolaw il-ħwejjeġ jew il-valuri tagħhom. Il-kuntest li fih it-tfal jistgħu jipprattikaw l-assertività għandu jappoġġja r-rispett tagħhom lejhom infushom, jippermettilhom jibdlu l-fehma tagħhom, jagħtihom żmien biex jaħsbu u jneħħi minn fuqhom ir-responsabbiltà għall-imġiba u l-istat emozzjonali tal-adulti. Il-karatteristika li tisma' u tifhem lill-oħrajn hija mibnija fuq il-karatteristika tal-imġiba assertiva. Fin-nuqqas ta' imġiba assertiva, is-smigħ u li tifhem lil ħaddieħor jinbidlu f'sottomissjoni u passività. Għall-kuntrarju, li tesprimi lilek innifsek u li tiġġieled għad-drittijiet tiegħek jirriskjaw li jinbidlu f'egoiżmu u insensittività jekk ma jkunux marbuta mal-karatteristika l-oħra li tmur magħhom – li tisma' u tifhem lill-oħrajn. L-aħħar topik fil-fatt jittratta r-riżoluzzjoni tal-kunflitt assertiv.**

**TOPIK 1 Għanijiet tat-Tagħlim**

## NESPRIMU L-EMOZZJONIJIET U L-BŻONNIJIET TAGĦNA

- JAGĦRFU R-RABTA BEJN META JESPRIMU RUĦHOM B'MOD VERBALI U B'MOD MHUX VERBALI.
- JAGĦRFU U L-BŻONNIJIET BAŻIĊI TAGĦHOM.
- JAGĦRFU XEWQITHOM U KIF SE JWETTQUHOM.

**TOPIK 2 Għanijiet tat-Tagħlim**

## NAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦNA

- JESPRIMU NUQQAS TA' QBIL WAQT LI JIRRISPETTAW LIL ĦADDIEĦOR.
- JIDDISTINGWU DISKORS ADDATTAT MINN DAK MHUX ADDATTAT.
- JAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦHOM BILLI JGĦIDU 'LE'.

| | |
|---|---|
| **TOPIK 3** | **INSOLVU KUNFLITT B'MOD ASSERTIV** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JIDENTIFIKAW MODI DIFFERENTI TA' KIF JISTGĦU NSOLVU KUNFLITT.<br>• JIDDISTINGWU BEJN IMĠIBA XIERQA U MHUX XIERQA TA' KIF JISSOLVA KUNFLITT.<br>• JIDENTIFIKAW MODI EFFETTIVI TA' KIF JISTGĦU JSOLVU KUNFLITT. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uri lill-istudenti mħabba bla kundizzjoni, u aċċettahom, b'mod li huwa addattat għall-età tagħhom.

2. Uri lill-istudenti l-limiti ta' mġiba permessa, fakkarhom fir-regoli, u ħeġġiġhom jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom b'mod addattat.

3. Faħħar l-imġiba assertiva tat-tfal.

4. Ipprovdi sitwazzjonijiet fejn l-istudenti jkollhom l-opportunità jipprattikaw imġiba assertiva.

5. Oħloq diskussjonijiet fuq l-emozzjonijiet u l-problemi tat-tfal u dak li jistennew.

6. Għin lill-istudenti jieħdu responsabbiltà tal-imġiba tagħhom.

# Topik 1 Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu r-rabta bejn meta jesprimu ruħhom b'mod verbali u b'mod mhux verbali.

Jagħrfu l-bżonnijiet bażiċi tagħhom.

Jagħrfu xewqithom u kif se jwettquhom.

## Attività 1: Fejn jgħixu l-emozzjonijiet tiegħi?

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu r-rabta bejn meta jesprimu ruħhom b'mod verbali u b'mod mhux verbali.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf l-aspetti verbali u mhux verbali tal-emozzjonijiet tiegħi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti kbar (id-daqs tat-tfal), kuluri jew żebgħa għal kull student/a, folja t'attività 'Kif konna ta' għajnuna'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żewġt iħbieb**[1]

**Darba minnhom, Ċika u Żigu kienu mixjin fil-ġnien meta kelb kbir f'daqqa waħda tfaċċa quddiemhom. Il-kelb qam fuq saqajh ta' wara, wera snienu u beda jinbaħ. Kemm kien tal-biża'! Ċika u Żigu bdew jibżgħu ħafna u Żigu qabad dawwar denbu u ġera 'l hemm. Hu ma ħarisx lura u ma ħaseb fuq xejn iktar. Żigu tela' ma' siġra u staħba hemm fejn il-kelb ma setax jarah. Ċika tant beżgħet li baqgħet f'postha mingħajr ma ċċaqilqet. Peress li ma setgħetx taħrab mill-kelb, Ċika ntefgħet saret ballun u taparsi taha ħass ħażin.**

**Il-kelb kien sorpriż b'dan u mar ħdejn Ċika biex ixammem. Ċika żammet in-nifs 'il ġewwa biex żgur ma tiċċaqlaqx. Il-kelb beda jxammem wiċċ u widnejn Ċika... Wara li għamel ħin twil ixammem, il-kelb telaq 'l hemm għax ħaseb li Ċika ma kinitx se terġa' tqum.**

**Hekk kif il-kelb telaq, Żigu niżel malajr minn mas-siġra. Mar ħdejn Ċika, li kienet għadha mixħuta mal-art, u b'daħqa fuq wiċċu staqsieha: "Il-kelb x'beda jgħidlek f'widnejk?"**

**"Qalli li l-ħbieb ta' veru ma jabbandunawx lil sħabhom meta verament ikollhom bżonn", wieġbet Ċika.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara fl-istorja?
- Kif ħassewhom Ċika u Żigu meta raw il-kelb?
- Kif ġabu rwieħhom?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tippreferu l-imġiba ta' Żigu jew ta' Ċika?
- Ġieli tħossukom bħalhom?
- Imbagħad x'tagħmlu?
- Min jista' jgħinkom f'sitwazzjonijiet bħal dawn?

5. Poġġi l-karti mal-art u staqsi lil xi tfal biex jimteddu fuq il-karti. Penġi madwar il-forma tal-ġisem bil-kulur. Staqsi lill-istudenti jkomplu sabiex il-forom tat-tfal kollha jkunu mpenġijin fuq il-karti.

6. Staqsi lil kull student jagħżel kulur li jirrappreżenta d-dwejjaq u jużah biex fuq il-forma tiegħu jpenġi l-post/postijiet fejn iħoss id-dwejjaq. Għidilhom ipenġu wkoll il-partijiet tal-ġisem fejn juru li jkollna d-dwejjaq (eż: dmugħ f'għajnejna, dahrna mgħawweġ, eċċ).

[1] adattata minn *World Association of Early Childhood Educator* (AMEI-WAECE), http://www.waece.org/paz/bosnia/02.%20Prijateljstvo.pdf

7. Staqsi lil kull student jagħżel kulur li jirrappreżenta r-rabja u jużah biex fuq il-forma tiegħu jpenġi l-post/postijiet fejn iħoss ir-rabja. Osserva l-postijiet li t-tfal ipenġu. Għidilhom ipenġu wkoll il-partijiet tal-ġisem fejn juru li nkunu rrabjati (eż: il-ħalq, idejna, eċċ).

8. Staqsi lil kull student jagħżel kulur li jirrappreżenta l-biża' u jużah biex fuq il-forma tiegħu jpenġi l-post/postijiet fejn iħoss il-biża'.

9. Fakkarhom li jistgħu jħalltu l-kuluri jew iż-żebgħa. Jistgħu wkoll jużaw żewġ kuluri differenti fl-istess post. Għin lil dawk l-istudenti li ma jistewx jiktbu biex jagħmlu nota taħt biex jiktbu l-kuluri u l-emozzjonijiet li jirrappreżentaw.

10. Għid lill-istudenti jitkellmu fuq x'jistgħu jagħmlu jekk il-ħbieb tagħhom qed iħossuhom imdejqin, irrabjati jew beżgħanin.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri kif għenu lil xi ħadd li kien imdejjaq jew li kien qed iħossu waħdu. L-għada staqsi lit-tfal jekk tkellmux mal-ġenituri u jaqsmu mal-klassi, jekk iridu, dak li qalulhom il-ġenituri.

# KIF KONNA TA' GĦAJNUNA




*Lill-ġenituri: Kellmu mat-tfal dwar kif għentu lil xi ħadd li kien imdejjaq jew li kien qed iħossu waħdu. Staqsuhom biex jiktbu xi punti jew ipenġu hawn taħt.*

______________________________________________________________





# Attività 2: Ma nistax ngħix!

## L-Għan tat-Tagħlim
Jagħrfu l-bżonnijiet bażiċi tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf l-bżonnijiet bażiċi tiegħi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Siġġijiet (wieħed inqas min-numru tal-istudenti li hemm fil-klassi), ballun taċ-ċarruta, ħames *posters* u *markers* jew *felt-tip pens* biex jiktbu, folja t'attività 'Kif tħossok kieku...?'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara fl-istorja?
- Kif ħassewhom Ċika u Żigu meta raw il-kelb?
- Kif ġabu rwieħhom?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tippreferu l-imġiba ta' Żigu jew ta' Ċika?
- Ġieli tħossukom bħalhom?
- Imbagħad x'tagħmlu?
- Min jista' jgħinkom f'sitwazzjonijiet bħal dawn?

5. Ilagħbu l-logħba 'Ma nistax ngħix mingħajr'. L-istudenti joqogħdu bil-qiegħda fuq siġġu f'ċirku u student minnhom għandu joqgħod bil-wieqfa fin-nofs. Hu għandu jgħid: "Jisimni... u

ma nistax ngħix mingħajr... (ilma, ommi, sħabi, ikel...)". Wara, l-istudenti kollha, inkluż l-istudent li kien qiegħed fin-nofs, iqumu u jibdlu posthom. Student ieħor se jispiċċa bil-wieqfa mingħajr siġġu u jkun imiss lilu "Jisimni... u ma nistax ngħix mingħajr....". Il-logħba tkompli sakemm l-istudenti kollha tal-klassi jkunu spiċċaw fin-nofs taċ-ċirku.

6. Staqsi lit-tfal jerġgħu jpoġġu f'forma ta' ċirku. Spjega li se titfa' ballun lil xi ħadd u li se tistaqsi mistoqsija lil dak l-istudent. Wara li jkun wieġeb il-mistoqsija, hu jerġa' jwaddab il-ballun lilek. Il-logħba tkompli sejra hekk sakemm tkun saqsejt mistoqsija lil kull student. Il-mistoqsijiet għandhom ikunu fuq tfal li huma esklużi mis-soċjetà għal raġunijiet differenti (tista' ssib eżempji ta' xi mistoqsijiet fil-folja t'attività).

7. Aqsam il-klassi f'ħames gruppi. Kull grupp jagħżel grupp ta' tfal minn din il-lista u fuq il-*poster* iniżżel dawk l-affarijiet kollha li t-tfal ma jistgħux jgħixu mingħajr:

- It-tfal tal-klassi
- Tfal intelliġenti ħafna (tfal *gifted*)
- Tfal li għandhom diffikulatjiet fit-tagħlim
- Tfal minn pajjiżi oħra
- Tfal minn familji foqra

8. Kif kulħadd ikun lest, kull grupp jippreżenta l-*poster* tiegħu. Ħeġġeġ lit-tfal jinnotaw id-differenzi u t-tixbih bejn grupp u ieħor. Mexxi d-diskussjoni b'tali mod li t-tfal jagħrfu li kollha kemm aħna għandna l-istess bżonnijiet, imma li ċerti tfal għandhom bżonn iktar attenzjoni biex nissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom.

9. Weħħel il-*posters* fil-klassi.



## *Attività għad-Dar*

Stieden lill-istudenti jġibu l-iskola oġġett li huwa importanti ħafna għalihom. Iddedika ftit ħin fil-klassi biex l-istudenti jaqsmu mal-klassi għalfejn għażlu dawk l-oġġetti.

# KIF TĦOSSOK KIEKU…?

Eżempji ta' mistoqsijiet:

- Immaġina li hemm tifel ġdid fil-klassi tiegħek. Inti tixtieq tistaqsieh jilgħab miegħek, imma malajr tinduna li ma tistax tifhmu għax ġej minn pajjiż ieħor u ma jifhimx bil-Malti jew bl-Ingliż. Kieku kif tħossok?
- Immaġina li t-tpenġija tiegħek rebħet l-ewwel premju f'kompetizzjoni bejn tfal minn Malta u Għawdex. Dakinhar tasal id-dar u tara li hemm dlam ċappa d-dar. F'daqqa waħda xi ħadd jixgħel id-dawl u l-familja u l-ħbieb joħorġi u jgħajtu: '*Surprise! Prosit talli rbaħt!*' Kieku kif tħossok?
- Immaġina li mort fuq vjaġġ twil mal-ġenituri tiegħek lejn pajjiż fejn qatt ma mort qabel. Tara ħanut sabiħ li jogħġbok. Tixtieq tidħol ġewwa imma ma tistax għax qiegħed f'siġġu tar-roti u bilfors trid titla' t-taraġ biex tidħol fil-ħanut. Kieku kif tħossok?
- Immaġina li fl-aħħar tas-sena ħadt premju talli kont l-aħjar plejer tal-futbol. Kieku kif tħossok?
- Immaġina li xtaqt tmur iċ-ċinema imma l-ġenituri tiegħek ma jistgħux jaffordjaw jixtrulek biljett. Kieku kif tħossok?
- ...





# Attività 3: Is-siġra tal-ħajja

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu xewqithom u kif se jwettquhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf ix-xewqat tiegħi u niddeskrivi kif se naqtagħhom.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba’, *poster* kbir b’siġra mpenġija fuqu (siġra mingħajr weraq), karti kkuluriti u lapsijiet ikkuluriti għal kull student/a, kolla, folja t’attività ‘Siġra tal-ħajja’.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b’attività ta’ Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f’Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta’ pupazzi tal-idejn jew tas-swaba’.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X’ġara fl-istorja?
- Kif ħassewhom Ċika u Żigu meta raw il-kelb?
- Kif ġabu rwieħhom?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tippreferu l-imġiba ta’ Żigu jew ta’ Ċika?
- Ġieli tħossukom bħalhom?
- Imbagħad x’tagħmlu?
- Min jista’ jgħinkom f’sitwazzjonijiet bħal dawn?

5. Staqsi lill-istudenti biex jinġabru madwar il-*poster* il-kbir bis-siġra mpenġija fuqu. Għidilhom: “Din hi s-siġra tal-grupp tagħna. Jekk tħarsu sew, tindunaw li fiha biss zkuk u

m'għandhiex weraq. Is-siġra qed tħossha mdejqa ħafna. Nistgħu ngħinu lil din is-siġra terġa' tibda tgħix u tkabbar il-weraq u l-fjuri?"

6. L-istudenti jridu jagħmlu xewqa li jixtiequ li ssir realtà. Ħallihom jagħżlu l-kulur tal-karta li jixtiequ u jpenġu jew jiktbu x-xewqa tagħhom fuqha. Jekk ikollhom iktar xewqat, jistgħu jużaw iktar karti.

7. Meta jkunu lesti, stidinhom isibu post fuq is-siġra fejn jistgħu jweħħlu l-karti bix-xewqat tagħhom. Staqsi lill-istudenti jekk issa s-siġra hix isbaħ u iktar kuntenta. Għidilhom li tixtieq li s-siġra tikber u tirrealizza x-xewqat ta' kulħadd. Imma l-għeruq u l-ħamrija ta' madwarhom mhumiex hemm. Staqsihom: "X'għandha bżonn is-siġra biex tikber u tirrealizza x-xewqat ta' kulħadd?" Ħeġġeġ lill-istudenti jaħsbu fuq dak li hemm bżonn isir sabiex ix-xewqat tagħhom isiru realtà (eż: li jitgħallmu iżjed, jieklu ikell bnin, jisimgħu mill-ġenituri, jirrispettaw lil oħrajn, joqogħdu attenti, eċċ…).

8. Ikteb it-tweġibiet tagħhom fuq in-naħa ta' taħt tal-*poster* sabiex tagħmel l-għeruq. Ħeġġu lill-istudenti jsemmu l-karatteristiċi, l-imġiba u l-persuni li għandhom bżonn biex jissodisfaw ix-xewqat tagħhom.

9. Aqra lill-istudenti dak li ktibt u saqsihom x'jistgħu jagħmlu llum biex jaslu iktar qrib lejn ix-xewqa tagħhom.



### *Attività għad-Dar*

Qassam il-folji t'attività u għid lill-istudenti biex bl-għajnuna tal-ġenituri jagħmlu siġra tal-ħajja tal-familja tagħhom. L-għada staqsi lit-tfal ipoġġu s-siġra tal-ħajja fil-portafol tagħhom.

## IS-SIĠRA TAL-ĦAJJA

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ipenġu siġra tal-ħajja tal-familja tagħhom. Iz-zkuk għandhom jiġu msebbħa bix-xewqat tal-familja, u l-għeruq bil-modi differenti li tistgħu twettqu dawk ix-xewqat.*





## Topik 2 Naqbżu għad-drittijiet tagħna

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
|---|
| Jesprimu nuqqas ta' qbil waqt li jirrispettaw lil ħaddieħor. |
| Jiddistingwu diskors addattat minn dak mhux addattat. |
| Jaqbżu għad-drittijiet tagħhom billi jgħidu 'le'. |

# Attività 1: Kif ngħidu 'le'

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jesprimu nuqqas ta' qbil waqt li jirrispettaw lil ħaddieħor.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Ngħid Le b'mod xieraq.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Ktieb 'Kif ngħidu Le' (Ara l-Appendiċi), karti biex ipenġu fuqhom, lapsijiet ikkuluriti, imkatar jew xalel (biex tgħatti għajnejn it-tfal).



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Giddieba[2]**

**Ċika u Żigu kienu qattgħu s-sajf kollu jilagħbu 'catch' u noli. Il-ġnien fejn kienu jgħixu kien post sabiħ fejn jilagħbu. Waslet il-ħarifa. Is-siġar bdew iwaqqgħu il-weraq. It-temp beda jiksaħ u Ċika u Żigu ma baqagħux jilagħbu noli; baqgħu jilagħbu biss 'catch'.**

**Għodwa minnhom Żigu qal lil Ċika, "Qed inħossni għajjien. Għandi bżonn norqod. Jekk jogħġbok qajjimni fir-rebbiegħa, meta s-siġar jibdew jagħmlu l-ewwel fjuri". Daħal fis-sodda li kienet ġo siġra tal-ballut u beda jonħor.**

**Imbagħad waslet ix-xitwa. Kien hemm ħafna xita u kwiet fil-ġnien. "Kif iddejjaqt waħdi!" bdiet tonfoħ Ċika. Bdiet timmissja lill-ħabib tagħha. Għalhekk darba minnhom marret tqajjem lil Żigu. "X'ġara? Waslet ir-rebbiegħa? Bdew jagħmlu l-fjuri s-siġar?" staqsa Żigu.**

**"Iva, iva, waslet ir-rebbiegħa!" wieġbet Ċika.**

**Żigu nħasad meta ħareġ u ra li kienet ix-xita. Hu dar, mar lura fis-sodda u reġa' beda jonħor. Ix-xitwa bdiet għaddejja bil-mod il-mod. Ċika kienet imxebba.**

**"Kif iddejjaqt waħdi!" baqgħet tgħid Ċika. Imbagħad reġgħet marret tqajjem lil Żigu bil-mod għat-tieni darba.**

**"Xiex? X'ġara? Waslet ir-rebbiegħa?" qal Żigu nofsu rieqed.**

**"Iva, iva, u s-siġar diġà bdew jagħmlu l-fjuri!" bdiet tifraħ Ċika.**

**Imma quddiem is-siġra tal-ballut Żigu ra l-verità; kien hemm kullimkien xita u kien ħafna bard.**

**"Giddieba!" qal Żigu rrabjat u reġa' daħal jorqod.**

**Imbagħad fl-aħħar waslet ir-rebbiegħa. Kien hemm iż-żunżan idur ma' kullimkien u l-għasafar bdew ipespsu. Il-ġnien kien mimli fjuri. Ċika marret tqajjem lil Żigu bil-mod.**

**"Ejja, qum, waslet ir-rebbiegħa!" qaltlu ferħana.**

**U Żigu? Ħares lejn Ċika, dar in-naħa l-oħra u kompla jorqod.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Taħseb li Ċika għamlet sew?
- X'kienet l-intenzjoni tagħha?
- Laħqitu l-għan tagħha fl-aħħar?
- Kien hemm xi ħaġa li setgħet għamlet b'mod differenti?

[2] Verżjoni addattata minn storja ta' Marica Milčec (Smib, 7 ta' Marzu 2006)

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom din il-mistoqsija:

- Kieku kont minflok Ċika x'kont tagħmel?

5. Aqra lit-tfal il-ktieb 'Kif ngħidu Le' (Il-ktieb jinstab fl-Appendiċi).

6. Saqsi lit-tfal dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġbitkom l-istorja?
- X'taħsbu fuq l-istorja?
- Ġieli kontu f'sitwazzjoni fejn xtaqtu tgħidu 'le' lil xi ħadd imma ma rnexxilkomx?
- X'għamiltu mbagħad?
- Kif ħassejtukom?

7. Wara d-diskussjoni, ipenġu l-parti tal-ktieb li għoġbithom l-iktar. Weħħel it-tpenġijiet fil-klassi u ħallihom imdendlin għall-ġimgħa mill-inqas.

8. Stieden lit-tfal jilagħbu 'Il-Logħba tal-Fiduċja'. Poġġi ħafna ostakli fil-klassi (siġġijiet, mwejjed, …) u saqsi lill-istudenti joqogħdu f'pari. L-ewwel student irid imexxi lit-tieni student, li se jkollu għajnejh mgħottija, madwar l-ostakli u jieħu ħsieb li ma jolqothomx. L-attività ssir f'silenzju perfett. Wara xi ftit minuti sejrin hekk, l-istudenti jaqilbu r-rwoli.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jiddiskutu mat-tfal sitwazzjoni fejn għandhom bżonn jgħidu 'le' u mbagħad it-tfal ipinġu din is-sitwazzjoni fuq il-folja t'attività. Staqsi lit-tfal iġibu magħhom dak li pinġew u jaqsmuh mal-klassi jekk jixtiequ.

## META GĦANDI NGĦID LE?




*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal sitwazzjoni fejn għandhom bżonn jgħidu 'le'. Staqsuhom biex ipinġu din is-sitwazzjoni hawn isfel.*





# Attività 2: Qtar tas-silġ sħan u kesħin

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddistingwu diskors addattat minn dak mhux addattat.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nesprimi li ma naqbilx mingħajr ma nweġġa' lill-persuna l-oħra.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karti żgħar f'ħames kuluri differenti (in-numru tal-karti għandu jkun l-istess daqs in-numru tat-tfal fil-klassi u għandu jkun hemm l-istess ammont ta' karti bl-istess kulur); ħames *envelopes* u karti bid-deskrizzjoni ta' dawn it-tfal li ġejjin (kull *envelope* jrid ikollu deskrizzjoni ta' tifel/tifla wieħed/waħda): tifel li għandu ħwejġu qodma u mqattgħin, tifla li ma tismax, tifel li ma jifhimx il-lingwa tagħna, tifel f'siġġu tar-roti, u tifla b'kulur tal-ġilda differenti; kaxxa; ħames karti u lapsijiet; w*hiteboard* żgħir u *markers* jew *flipchart* u *marker*, folja t'attività 'Qtar tas-silġ sħan u kesħin'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Taħseb li Ċika għamlet sew?
- X'kienet l-intenzjoni tagħha?
- Laħqitu l-għan tagħha fl-aħħar?
- Kien hemm xi ħaġa li setgħet għamlet b'mod differenti?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom din il-mistoqsija:

- Kieku kont minflok Ċika x'kont tagħmel?

5. Staqsi lil kull student jieħu *sticky note* jew karta mill-kaxxa.

6. L-istudenti jifformaw gruppi skont il-kulur tal-karta li għandhom. Kull grupp jieħu karta bid-deskrizzjoni tat-tifel jew tifla u jirrappreżenta dak/dik it-tifel/tifla. L-istudenti jniżżlu l-emozzjonijiet kollha li jaħsbu li jħoss/tħoss it-tifel/tifla li qed jirrappreżentaw. Kif ilestu, stieden lil rappreżentant mill-grupp biex jaqra l-emozzjonijiet fl-ewwel persuna (eż: "Jien tifel bi ħwejjeġ qodma u mqattgħin u nħossni…"). Fl-istess ħin u b'dan il-mod ikteb l-emozzjonijiet fuq il-*whiteboard* jew *flipchart*. Qassam l-emozzjonijiet f'żewġ kolonni – dawk pożittivi u dawk negattivi.

7. Staqsi lill-istudenti kif jistgħu jesprimu ruħhom meta jkollhom esperjenza negattiva. Għinhom jagħrfu li meta ma nkunux sodisfatti b'xi ħaġa nistgħu nesprimu ruħna b'mod xieraq u aċċettabli. Ipprovdi dawn l-eżempji:

- META TAĊĊETTA: "Nirrabja meta twaqqagħni għaċ-ċajt minħabba ħwejġi. Nixtieqek tagħti iktar attenzjoni lejn il-kwalitajiet tiegħi."
- META MA TAĊĊETTAX : "Qed terġa' twaqqagħni għaċ-ċajt! Terġax! Jekk terġa' ntik daqqa ta' ponn!"

Wara li tkun tajt dawn l-eżempji, saqsi lill-istudenti biex jiddeskrivu d-differenzi bejn dawn iż-żewġ modi ta' kif nesprimu ruħna. Spjegalhom li 'lingwa li taċċetta' tinkludi messaġġi li jesprimu b'mod ċar kif l-emozzjonijiet tagħna jistgħu jaffettwaw jew jipprovokaw lill-oħrajn u dak li qed nistennew mingħand il-persuna. Ikteb l-istruttura tal- messaġġi fuq il-*whiteboard* jew *flipchart*:

INĦOSSNI ………. META ………. . NIXTIEQ LI ………. .

8. Saqsi lil kull grupp jaħseb fuq żewġ eżempji ta 'lingwa li taċċetta' u żewġ eżempji ta' 'lingwa li ma taċċettax' dwar l-emozzjonijiet li għadhom kemm kitbu. It-tfal jagħmlu *role-play* ta' dawn is-sentenzi.



## *Attività għad-Dar*

Qassam il-folji t'attività u ħeġġeġ lit-tfal jużaw 'lingwa li taċċetta' f'konverżazzjoni mal-ġenituri tagħhom u jiktbu dak li qalu fuq il-folja t'attività. L-għada t-tfal jistgħu jpoġġu l-folji t'attività fil-portafol tagħhom.

## QTAR TAS-SILĠ SĦAN U KESĦIN




*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal u għinuhom jaħsbu f'eżempji ta' 'lingwa li taċċetta' u jiktbuhom hawn isfel. Ħeġġu lit-tfal jesprimu x'iweġġagħhom fl-imġiba ta' persuna oħra (META...), jiktbu l-isem tal-emozzjoni (NĦOSSNI...), u jesprimu liema mġiba jippreferu din il-persuna turi (NIXTIEQ LI...).*

META

______________________________________________

NĦOSSNI______________________________________

NIXTIEQ LI

______________________________________________

META

______________________________________________

NĦOSSNI______________________________________

NIXTIEQ LI

______________________________________________

_____________________________________________ .





# Attività 3: Ponn

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaqbżu għad-drittijiet tagħhom billi jgħidu 'le'.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Ngħid 'le' biex niddefendi lili nnifsi u d-drittijiet tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Ponn'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Taħseb li Ċika għamlet sew?
- X'kienet l-intenzjoni tagħha?
- Laħqitu l-għan tagħha fl-aħħar?
- Kien hemm xi ħaġa li setgħet għamlet b'mod differenti?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom din il-mistoqsija:

- Kieku kont minflok Ċika x'kont tagħmel?

5. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi bl-istess ammont ta' tfal f'kull grupp. Grupp minnhom jibqa' fil-kamra u lil grupp ieħor joħroġ barra. It-tfal biex jagħmlu ponn b'idejhom mas-sinjal tiegħek (meta ċċapċap) u ma jiftħux idejhom għall-ebda raġuni. Oħroġ mill-kamra u għid lit-tfal li

qegħdin barra biex jipprovaw jipperswadu lill-oħrajn jiftħu l-ponn billi jużaw kull metodu possibbli li s-soltu jużaw biex jieħdu xi ħaġa li jridu.

6. Idħol ġol-kamra u aqsam lit-tfal f'pari biex it-tfal kollha li għandhom idejhom f'ponn ikunu ma' xi ħadd li se jipperswadihom jiftħu jdejhom. Agħti s-sinjal u ħalli lit-tfal jitkellmu għal 3-5 minuti u waqqaf il-logħba mas-sinjal tiegħek.

7. It-tfal ipoġġu bil-qiegħda f'forma ta' ċirku. Staqsihom jekk fetħux idejhom u ddiskutu dawn il-mistoqsijiet:

- X'għamiltu biex tħeġġu lil sħabhkom jiftħu jdejhom? Kif ħassejtukom dak il-ħin?
- Meta kontu qegħdin b'idejkom magħluqin f'ponn xi bdejtu taħsbu? Kif ħassejtukom?
- Liema mġiba ma għenitx biex tipperswadikom tiftħu jdejkom?
- Liema mġiba għenet biex tipperswadikom tiftħu jdejkom?

8. Ħeġġeġ lit-tfal jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq meta xi ħadd ikun kapaċi jipperswadihom jagħmlu xi ħaġa li ma jixtiqux. X'iridu jagħmlu f'dik is-sitwazzjoni?



## *Attività għad-Dar*

Qassam il-folji t'attività u staqsi lit-tfal biex jiftakru (bl-għajnuna tal-ġenituri) sitwazzjoni fejn il-ġenituri tawhom xi ħaġa li riedu. L-istudenti jpenġu jew jiktbu fuq is-sitwazzjoni u dak li ġara. L-għada t-tfal jistgħu jpoġġu l-folji t'attività fil-portafol tagħhom.

## PONN

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaħsbu f'sitwazzjoni fejn ħadu dak li riedu mingħandkom. Għandhom ipenġu jew jiktbu fuq is-sitwazzjoni u dak li ġara.*

---





# Topik 3 Insolvu kunflitt b'mod assertiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jidentifikaw modi differenti ta' kif jistgħu jsolvu kunflitt.

Jiddistingwu bejn imġiba xierqa u mhux xierqa ta' kif jissolva kunfitt.

Jidentifikaw modi effettivi ta' kif jistgħu jsolvu kunflitt.

## Attività 1: Tista' tkun differenti wkoll!

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Nidentifikaw modi differenti ta' kif nistgħu nsolvu kunflitt.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Insolvi kunflitti b'modi differenti.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti vojta, lapes ikkulurit għal kull student, *flipchart*, *felt tip pen*, folja t'attività 'Insolvu kunflitt'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu u sħabu kienu qed jilagħbu futbol fil-ġnien. Kulħadd kien qed jieħu pjaċir jilgħab meta Ċika ħarġet b'idea 'brillanti': "Qed tarawha dik it-tieqa fuq il-bejt? Ejja naraw min se jirnexxilu jitla' mal-kanna u jerġa' jinżel 'l isfel. Min jasal l-ewwel jirbaħ." Xi wħud minnhom ħasbu li din kienet idea tajba, imma mhux Żigu. Hu qal lill-oħrajn: "Din mhix idea tajba. Se mmur ngħid lit-*teacher*". Ċika bdiet twaqqa' lil Żigu għaċ-ċajt u tgħajru 'beżżiegħ'. L-oħrajn malajr komplew ma' Ċika. Żigu ma bediex iħossu tajjeb u beda jibża' li xi ħadd seta' jaqa'**

**mill-għoli u iweġġa. Barra minn hekk xtaq ikompli jilgħab ma' sħabu u mhux jikkompeti ma' sħabu.**

3. Hawnhekk tispiċċa l-istorja. Staqsi lit-tfal: "X'taħsbu li ġara mbagħad?" Qassam il-karti u l-lapsijiet ikkuluriti u staqsi lit-tfal ipenġu jew jiktbu kif jaħsbu li spiċċat l-istorja.

4. Meta t-tfal ikunu lesti, kull student jispjega l-mod ta' kif jaħseb li spiċċat l-istorja. Għid lit-tfal jagħmlu '*thumbs up*'' (*Like)* jekk jaħsbu li l-problema ġiet solvuta b'mod aċċettabli u '*thumbs down*' (*Dislike*) jekk jaħsbu li l-problema ġiet solvuta b'mod inaċċettabli. Fuq il-*flipchart* għodd kemm kien hemm '*thumbs up*' u '*thumbs down*' u għodd it-totali ta' kull "+" u "-".

5. Iddiskuti mal-istudenti jekk humiex sodisfatti bl-ammont ta' soluzzjonijiet aċċettabli. Jekk in-numbru tas-soluzzjonijiet huwa żgħir, ħeġġiġhom jimlew il-kolonna tal-"+" flimkien (eż: nesprimu ruħna b'mod ċar, nistaqsu għal spjegazzjoni oħra, nistaqsu lill-adulti għall-għajnuna, nissuġġerixxu ideat oħra, eċċ.). Staqsi lill-istudenti x'jagħmlu kieku qegħdin minflok Żigu.

6. Ikkonkludi l-attività billi flimkien taħsbu fuq mill-inqas regola waħda ta' kif tistgħu ssolvu kunflitt fil-klassi. Agħmluha fuq *poster* u weħħel il-*poster* f'post viżibbli fil-klassi.



## *Attività għad-Dar*

Staqsi lit-tfal jagħmlu użu mir-regola li għamiltu fil-klassi kemm jista' jkun matul il-ġimgħa. Qassam il-folji t'attività u stidinhom jiktbu (bl-għajnuna tal-ġenituri) fuq sitwazzjoni fejn huwa importanti li jsegwu din ir-regola. L-għada staqsihom fuq dak li kitbu. It-tfal jistgħu jpoġġu l-folji t'attività fil-portafol tagħhom.




## INSOLVU KUNFLITT

*Lill-ġenituri: It-tfal iddiskutew regola fil-klassi li se tgħinhom isolvu l-kunflitti. Iridu jużawha kemm jista' jkun matul il-ġimgħa. Għinuhom ipenġu fuq sitwazzjoni fejn huwa importanti li jsegwu din ir-regola.*

______________________________________________________________





# Attività 2: Agħtini l-lapes lura

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu bejn imġiba xierqa u mhux xierqa ta' kif jissolva kunfitt.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf bejn kif għandi u m'għandix insolvi kunflitt.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', kaxxa tal-kartun, karti (biex tagħmel karti tal-votazzjoni), folja t'attività 'Agħtini l-lapes lura'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Serqa**

**Kien il-Ħadd u ma kien hemm xejn interessanti li qed jiġri fil-ġnien. Kważi kienet waslet ix-xitwa u kien hemm xi annimali li kienu jorqdu tul ix-xitwa kollha. Ċika u Żigu kienu bil-qiegħda taħt siġra tal-ballut u ma kinux jafu x'se jaqbdu jagħmlu bil-ħin tagħhom.**

**"Daqt tispiċċa l-ħarifa u ma ġara xejn speċjali!", qal Żigu.**

**"U x'jista' jiġri? Għandek xi ħaġa f'moħħok?", staqsiet Ċika, sorpriża.**

**"Ejja nidħlu fid-dar tal-kelb il-kbir u nħarbtuhielu!", issuġġerixxa Żigu.**

**"Imma...dak periklu, Żigu! Nistgħu nweġġgħu!", wieġbet Ċika konfuża. "U mhux xieraq li nidħlu fid-dar ta' xi ħadd ieħor mingħajr ma jkunu jafu", kompliet Ċika.**

**"U ejja Ċika, mhux se ninqabdu. Xi ġralek, għalfejn qed tibża'? Il-kelb mhux qiegħed hawn illum. Tgħidlix li se tibdilli l-pjanijiet?" kompla Żigu waqt li jipprova jipperswadi lil Ċika.**

**"Ħeqq...ma nafx..." wieġbet Ċika.**

**"Ejja miegħi għax inkella ma nibqax ħabib miegħek", qal Żigu b'mod arroganti.**

**"*Ok*, tlaqna!" wieġbet Ċika kontra qalbha.**

**Meta daħlu ġod-dar tal-kelb, Żigu beda jħarbatlu l-kuxins u l-gvieret, waqt li Ċika baqgħet tħares lejh bla kliem. Fid-daqqa u l-ħin semgħet xi passi u Ċika rat il-kelb ġej lura bil-mod il-mod. Mal-ewwel qalet lil Żigu u dak qabad jiġri 'il bogħod kemm jiflaħ.**

**Ċika ħarġet inkiss inkiss u staħbiet. Waqt li kienet mistoħbija, bdiet taħseb għalfejn daħlet fid-dar tal-kelb allavolja ma xtaqitx. Għalfejn għamlet xi ħaġa għax xi ħadd ieħor riedha tagħmilha bilfors? Min seta' jgħidilha x'tagħmel u x'ma tagħmilx?**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħsbu fuq l-istorja?
- Żigu x'ried lil Ċika tagħmel?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħsbu fuq l-idea ta' Żigu?
- Setgħet għamlet xi ħaġa differenti Ċika?
- Kieku intom kif kontu tgħinuha?
- Ġieli sibtu ruħkom f'sitwazzjoni simili?
- X'għamiltu?

5. Agħżel erba' studenti biex jieħdu sehem f'*role-play*. Ħu l-istudenti li għażilt barra mill-klassi biex tispjegalhom ir-rwoli li se jkollhom. Qabel ma toħroġ mill-klassi, staqsi lill-istudenti l-oħra jippreparaw il-'karti tal-votazzjoni' (kull student għandu jipprepara żewġ karti ta' votazzjoni). It-tfal iridu jiktbu 1 fuq l-ewwel karta, u 2 fuq it-tieni karta.

6. Sjega lill-istudenti r-rwoli li se jkollhom:

- Student li ġej minn familja fqira ġie l-iskola b'lapes ġdid. L-istudent li qiegħed bil-qiegħda ħdejh ħadlu l-lapes u ma jridx jagħtihulu lura. Student minnhom irid jaħdem il-parti tat-tifel li se jeħodlu l-lapes filwaqt li t-tlieta l-oħra iridu jaħdmu l-parti tat-tifel bil-lapes il-ġdid imma b'modi differenti i.e. b'imġiba differenti:
  - L-ewwel student (wara li t-tifel ikun ħadlu l-lapes) jirreċta li hu mdejjaq, ma jgħid xejn lit-tifel l-ieħor u jibqa' mdejjaq;
  - It-tieni student jgħajjat u jimbotta t-tifel l-ieħor u jeħodlu l-lapes minn idejh;
  - Fl-aħħar sitwazzjoni, it-tielet student jispjega b'mod kalm li dan hu l-lapes il-ġdid tiegħu u b'mod edukat jistaqsi lit-tifel l-ieħor biex jagħtihulu lura. Jista' wkoll jgħid

lit-tifel l-ieħor biex isaqsi lill-ġenituri, lin-nanniet, liz-zija, jew xi lil ħadd ieħor fil-familja biex jixtrulu l-istess lapes fil-*birthday* (jew f'xi okkażjoni oħra).

7. Meta l-istudenti jifhmu sew ir-rwoli tagħhom, erġa' idħol fil-klassi u staqsi lit-tfal ilestu l-karti tal-votazzjoni. Spjegalhom li jridu josservaw sew l-imġiba tal-atturi biex mbagħad jivvotaw.

8. Wara li jlestu r-*role play*, it-tfal jivvotaw għal wieħed mit-tfal li, fl-opinjoni tagħhom, jirnexxielu jieħu l-lapes tiegħu lura (jistgħu jiktbu l-isem tal-istudent fuq wara tal-karta bin-numru 1). Imbagħad, għoddu l-voti. Suppost dak it-tifel li baqa' kwiet u mdejjaq jieħu l-inqas voti filwaqt li t-tfal b'imġieba 'assertiva' u 'aggressiva' jirbħu l-iktar voti. L-istudenti mbagħad jivvotaw għal dik is-sitwazzjoni fejn jemmnu li mhux se tispiċċa b'rabja u bi ġlied fuq wara tal-karta bin-numru 2. Għoddu l-voti (suppost l-aħħar sitwazzjoni tirbaħ l-iktar voti).

9. Iddiskutu r-riżultati u kif il-modi differenti ta' kif nistgħu nsolvu l-problemi jistgħu jwasslu għal iktar ġlied u rabja jew għal soluzzjoni pożittiva fejn kulħadd ikun kuntent:

- Liema soluzzjoni għoġbitkom l-iktar?
- X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' din it-tip ta' soluzzjoni?
- X'effett jista' jkollha fuq ħaddieħor?
- Is-soltu x'tip ta' soluzzjoni tużaw biex issolvu kunflitt? …



## *Attività għad-Dar*

Qassam il-folji t'attività u staqsi lit-tfal biex flimkine mal-ġenituri jaħsbu f'sitwazzjoni fejn kellhom kunflitt ma' xi ħadd imma rnexxielhom isolvu l-kunflitt mingħajr rabja u ġlied. Staqsihom biex jerġgħu jġibu l-folji t'attività l-iskola biex tiddiskutu l-modi kollha kif nistgħu nirriżolvu kunflitt bil-kalma u mingħajr ġlied. Weħħel l-ideat f'post viżibbli fil-klassi matul il-ġimgħa.

# AGĦTINI L-LAPES LURA




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jiddeskrivu sitwazzjoni fejn irnexxielhom jsolvu kunflitt mingħajr rabja u ġlied. Għinuhom jiftakru f'dawn is-sitwazzjonijiet. Imbgħad ipenġu din is-sitwazzjoni hawn taħt.*

___





# Attività 3: Il-kunflitt u jien

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw modi effettivi ta' kif jistgħu jsolvu kunflitt.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf modi tajbin kif kif nista' nsolvi kunflitt.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karti bi rwoli differenti miktubin jew karti bi kliem miktubin għal verżjoni oħra tal-attività kif hemm miktub fin-nota ta' taħt, kaxxa għall-karti, pakkett ħelu jew frott, folja t'attività 'Il-kunflitt u jien'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 2 lill-istudenti permezz ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħsbu fuq l-istorja?
- Żigu x'ried lil Ċika tagħmel?

4. Imbagħad irrelata l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Taqblu mal-idea ta' Żigu?
- Setgħet għamlet xi ħaġa differenti Ċika?
- Kieku intom kif tgħinuha lil Ċika?
- Ġieli sibtu ruħkom f'sitwazzjoni simili?
- X'għamiltu?

5. Aqsam il-klassi f'pari jew fi gruppi ta' tlieta skont in-numru ta' student fil-klassi. Għidilhom jieħdu karta kull wieħed u ma jurux lil ħaddieħor dak li għandhom miktub fuq il-karta.

6. Staqsi lill-istudenti jidentifikaw mar-rwol li għandhom miktub. Meta jkunu lesti, għidilhom li jridu jitkellmu fil-grupp fuq soluzzjonijiet li jistgħu jsolvu l-problema li ġejja:

**Ċika sellfet lil ħabib tagħha Żigu CD bil-mużika tal-grupp favorit tagħha. Meta Żigu tahielha lura, xi ħbieb oħra raw din is-CD u bdew jidħqu b'Ċika talli tisma' l-mużika ta' dak il-grupp; bdew ikantaw id-diski tagħhom apposta u ħadu s-CD u bdew iqassmuha lil xulxin sakemm inkisret.**

7. Għid lill-istudenti li għandhom għaxar minuti biex jiddiskutu soluzzjonijiet u fakkarhom li għandhom jiddiskutu mir-rwol li ngħataw. Kif jgħaddi l-ħin, staqsihom kif ħassewhom fir-rwoli li kellhom. Setgħu 'jidħlu fiż-żarbun ta' xi ħadd ieħor?' X'sabu faċli u x'sabu diffiċli?

8. Ħalli lil kull par jew grupp jippreżenta s-soluzzjoni tiegħu. Għid lit-tfal l-oħra biex jgħollu jdejhom jekk togħġobhom is-soluzzjoni i.e. jekk hi aċċettabli u ma twassalx għal iktar kunflitt. Għidilhom biex ma jikkummentawx u ma jirreaġixxux jekk is-soluzzjoni mhix aċċettabli.

9. Wara li kull par jew grupp ikun ippreżenta s-soluzzjoni tiegħu, iddiskuti mat-tfal liema kienu dawk is-soluzzjonijiet li għoġbuhom l-iktar u għaliex.



### *Attività għad-Dar*

Għid lit-tfal jieħdu l-folja t'attività d-dar u bl-għajnuna tal-ġenituri jaħsbu f'sitwazzjoni ta' kunflitt u jissuġġerixxu kif jista' jiġi solvut. It-tfal jpenġu jew jiktbu fuq il-kunflitt u s-soluzzjoni tiegħu fis-sitt kaxex fuq il-folja t'attività. Għid lit-tfal biex l-għada jġibu lura l-folji t'attività u jpoġġuhom fil-portafol tagħhom.

# IL-KUNFLITT U JIEN




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu 'comic strip' fejn kunflitt ġie solvut b'mod fejn kulħadd kien sodisfatt bir-riżultat. It-tfal ipenġu taħt.*

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |





**Checklist għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ________________________________________<br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3: Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 1 Insaħħu l-Ħiliet tal-Komunikazzjoni*** | |

| | |
|---|---|
| **1. INSAĦĦU L-ĦILIET TAL-KOMUNIKAZZJONI** | |
| **1.1. Komunikazzjoni effettiva** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **1.1.1. Nisimgħu b'mod effettiv** | |
| 1.1.1.B[3]. L-istudent kapaċi jisma' messaġġ qasir | |
| 1.1.1.I. L-istudent kapaċi jsegwi istruzzjoni | |
| 1.1.1.A. L-istudent kapaċi jiddistingwi smigħ attiv minn smigħ passiv | |
| **1.1.2. Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni** | |
| 1.1.2.B. L-istudent kapaċi jagħraf kif qed iħossu ħaddieħor billi josserva l-imġiba mhux verbali | |
| 1.1.2.I. L-istudent kapaċi jirrispondi għad-diffikultà ta' xi ħadd ieħor billi jifhimhom u jaċċettahom | |
| 1.1.2.A. L-istudent kapaċi jagħraf li jista' jgħin lil ħaddieħor b'modi differenti | |
| **1.1.3. Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw** | |
| 1.1.3.B. L-istudent kapaċi jipparteċipa f'attivitajiet ta' kooperazzjoni biex japprezza l-benefiċċji tal-kooperazzjoni | |
| 1.1.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika iktar minn soluzzjoni waħda għal sitwazzjoni problematika | |
| 1.1.3.A. L-istudent kapaċi jsib soluzzjonijiet li jkunu ta' benefiċċju għal kull min ikun involut | |
| **1.2. ASSERTIVITÀ** | |
| **1.2.1. Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna** | |
| 1.2.1.B. L-istudent kapaċi jagħraf il-konnessjoni ta' bejn meta nesprimu ruħna b'mod verbali u meta nesprimu ruħna b'mod mhux verbali | |
| 1.2.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf u jidentifika l-bżonnijiet bażiċi tiegħu | |
| 1.2.1.A. L-istudent kapaċi jagħraf ix-xewqat tiegħu u kif jirrealizzahom | |
| **1.2.2. Naqbżu għad-drittijiet tagħna** | |
| 1.2.2.B. L-istudent kapaċi jesprimi nuqqas ta' qbil waqt li jirrispetta lil ħaddieħor | |

[3] B = livell bażiku, I = livell intermedju, A = livell avvanzat

| | |
|---|---|
| 1.2.2.I. L-istudent kapaċi jiddistingwi diskors addattat minn dak mhux addattat | |
| 1.2.2.A. L-istudent kapaċi jgħid 'Le' biex jiddefendi d-drittijiet tiegħu | |
| **1.2.3. Insolvu kunflitt b'mod assertiv** | |
| 1.2.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika modi differenti ta' kif nistgħu nsolvu kunflitt | |
| 1.2.3.I. L-istudent kapaċi jagħraf bejn imġiba xierqa u mġiba mhux xierqa ta' kif jissolva kunfitt | |
| 1.2.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika modi effettivi ta' kif nistgħu nsolvu kunflitt | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent:

Il-ħtiġijiet tal-istudent:

Għanijiet għal titjib:

**Checklist għall-Assessjar tal-Istudenti fuqhom nnifishom**

| | |
|---|---|
| Jismini: ________________________________<br><br>Data: ________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| | | |
|---|---|---|
| **INSAĦĦU L-ĦILIET TAL-KOMUNIKAZZJONI - KOMUNIKAZZJONI EFFETTIVA** | | |
| **Nisimgħu b'mod effettiv** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li juri kif tħossok.** | **Nista' nagħmilha** | **Nieħu gost nagħmilha** |
| Jien kapaċi nisma' messaġġ qasir | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nkun naf x'għandi nagħmel billi nisma' sew dak li qed tgħid il-persuna l-oħra | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf id-differenza bejn li nisma' lil ħaddieħor sew u ma nismax lil ħaddieħor sew | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni** | | |
| Jien kapaċi nagħraf kif qed iħossu ħaddieħor billi nosserva l-movimenti tiegħu/tagħha u l-espressjoni ta' wiċċu/a | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nifhem meta nkun qed nisma' lil xi ħadd li għaddej minn diffikultà | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li hemm iktar minn mod wieħed kif nista' ngħin lil xi ħadd | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw** | | |
| Jien kapaċi naħdem b'mod iktar kollaborattiv ma' sħabi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsib iktar minn soluzzjoni waħda għal problema | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsib soluzzjonijiet li jkunu ta' ġid għal kull min ikun involut | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **INSAĦĦU L-ĦILIET TAL-KOMUNIKAZZJONI – L-ASSERTIVITÀ** | | |
| **Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna** | | |
| Jien kapaċi nagħraf l-aspetti verbali u mhux verbali tal-emozzjonijiet tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf l-bżonnijiet bażiċi tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf ix-xewqat tiegħi u niddeskrivi kif se naqtagħhom | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| **Naqbżu għad-drittijiet tagħna** | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi ngħid 'Le' b'mod xieraq | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi ngħid li ma naqbilx mingħajr ma nweġġa' lill-persuna l-oħra | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi ngħid 'Le' biex niddefendi lili nnifsi u d-drittijiet tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Insolvu kunflitt b'mod assertiv** | | |
| Jien kapaċi nsolvi kunflitt b'modi differenti | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf bejn kif għandi u m'għandix insolvi kunflitt | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf modi tajbin ta' kif nista' nsolvi kunflitt | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb f'din il-ħaġa……**

# TEMA 2: Nibnu u nżommu relazzjonijiet b'saħħithom

## Sottotema 1 Relazzjonijiet b'saħħithom

TOPIK 1

Nagħmlu u nżommu l-ħbieb

TOPIK 2

Imġiba prosoċjali

TOPIK 3

Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola

## Sottotema 2 Il-kooperazzjoni, l-empatija u l-ħsieb morali

TOPIK 1

Naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw, u naħdmu bħala tim

TOPIK 2

L-empatija

TOPIK 3

Imġiba etika, responsabbli u morali

# SOTTOTEMA 1
# Relazzjonijiet b'saħħithom

**L-attivitajiet ta' din is-sottotema ġew iddisinjati biex jgħinu lit-tfal fl-iżvilupp ta' ħiliet prosoċjali sabiex joħolqu netwerk b'saħħtu ta' relazzjonijiet pożittivi. Huma jiffokaw fuq oqsma prinċipali bħal: nagħmlu u nsostnu ħbiberiji, infittxu u nipprovdu appoġġ, nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet, u klima tal-iskola inklusiva u ta' appoġġ. Ir-relazzjonijiet huma għajn importanti ħafna għall-*wellbeing* u s-saħħa tat-tfal billi jnaqqsu l-effetti tal-istress u jgħinuna negħlbu d-diffikultajiet. Tfal li huma kapaċi jibnu u jsostnu relazzjonijiet pożittivi jiżviluppaw ħiliet soċjali, jiksbu għarfien aħjar tagħhom innfushom u tal-oħrjan , u jfittxu u jużaw iktar appoġġ emozzjonali fi żminijiet ta' stress (Doll et al., 2004). Meta jkollhom dan l-appoġġ emozzjonali, it-tfal ikunu mħarsa mill-impatt negattiv ta' sitwazzjonijiet negattivi. Permezz ta' kommunikazzjoni pożittiva u appoġġ, it-tfal iħossuhom li huma maħbubin, imħarsa, li għandhom valur, u li huma parti minn komunità li tifhimhom u tagħtihom appoġġ.**

**L-ewwel topik jgħin lill-istudenti jirriflettu fuq il-valur tal-ħbiberija u jagħtihom l-opportunità jiżviluppaw u jikkonsolidaw strateġiji biex jibnu, isostnu u jipproteġu relazzjonijiet pożittivi mal-ħbieb u jegħlbu b'suċċess diffikultajiet li jpoġġu l-ħbiberija f'riskju. It-tieni topik jibni fuq l-iżvilupp ta' ħiliet fit-tfal biex ifittxu u jipprovdu appoġġ lil min ikun għaddej minn diffikultà. Fit-tielet topik, l-istudenti jitgħallmu japprezzaw, jafdaw u jħarsu lill-oħrajn f'relazzjoni reċiproka ta' appoġġ. Permezz ta' attivitajiet, tfal ikbar se jiżviluppaw il-kapaċità li japprezzaw u jirrispettaw id-differenzi individwali u kulturali. L-aħħar sezzjoni tat-tielet topik tiffkoka fuq il-kwalità tal-klima tal-iskola u tinkludi attivitajiet fuq il-ħolqien ta' klima tal-klassi mibnija fuq sens ta' fiduċja u għaqda.**

*NB. Ir-referenzi kollha jinstabu fil-Gwida għall-Għalliema*

**TOPIK 1**
**Għanijiet tat-Tagħlim**

## NAGĦMLU U NŻOMMU L-ĦBIEB

- JIDENTIFIKAW STRATEĠIJI BIEX ISOSTNU RELAZZJONIJIET POŻITTIVI MA' SĦABHOM
- JAGĦMLU LISTA TA' ARRARIIET TA' KIF IMORRU TAJJEB MAL-OĦRAJN
- JIDENTIFIKAW SITWAZZJONIJIET FEJN IL-ĦBIBERIJA TKUN QIEGĦDA F'RISKJU

| | |
|---|---|
| **TOPIK 2**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **IMĠIBA PROSOĊJALI**<br>• JIDENTIFIKAW ĦBIEB LI JISTGĦU JITOLBUHOM APPOĠĠ<br>• JISIMGĦU SEW DAK LI JGĦIDU L-OĦRAJN SABIEX JAGĦRFU L-BŻONNIJIET TAGĦHOM<br>• IĦARSU L-BŻONNIJIET TA' ĦADDIEĦOR |
| **TOPIK 3**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIEĦDU ĦSIEB IR-RELAZZJONIJIET U L-KLIMA TAL-ISKOLA**<br>• JIFHMU U JIRRISPETTAW DIFFERENZI FOST IT-TFAL<br>• JIDENTIFIKAW IMĠIBA LI TIRRIFLETTI PREĠUDIZZJU<br>• JIDENTIFIKAW U JAPPREZZAW ID-DIFFERENZI KULTURALI FIL-ĦBIBERIJI |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Il-kunflitt u n-nuqqas ta' ftehim huma parti inevitabbli tal-ħajja soċjali tat-tfal. Agħti t-tfal l-opportunità biex iħarsu u jsostnu l-ħbiberiji li għandhom. Jekk tinnota lil xi ħadd f'xi argument, agħtihom ċans jirranġaw is-sitwazzjoni. Organizza xi logħob fejn l-istudenti jistgħu jikkooperaw flimkien għal għan komuni.

2. Ikkrea klima ta' għożża u rispett fil-klassi billi taċċetta l-emozzjonijiet tat-tfal u turi emozzjonijiet pożittivi u ta' mħabba.

3. Waqt il-lezzjonijiet tal-arti, l-istudenti jistgħu jiddisinjaw ċertifikati biex jiċċelebraw xi għajnuna li osservaw li ngħatat ġewwa jew barra mill-klassi.

4. Ħeġġeġ l-istudenti biex japprezzaw lil ħaddieħor u jqisu li kulħadd għandu valur, u juru dan ma' sħabhom tal-klassi. Jistgħu, per eżempju, iċemplu lil xi ħadd jekk ikun ma jiflaħx, jagħmlu 'get well soon' card, jiċċelebraw għeluq snin xulxin, eċċ.

5. Kull xahar jistgħu jiġu organizzati laqgħat fejn tfal minn klassijiet ta' etajiet differenti jadmu flimkien fuq xi attivitajiet ta' *mentoring*. Student ikbar (*mentor*) jista' jingħaqad ma' student iżgħar (*mentee*) biex jiggwidah u jagħtih appoġġ. Dawn l-attivitajiet jgħinu wkoll fl-iżvilupp tal-ħiliet soċjali u emozzjonali fit-tfal.

# Topik 1 Nagħmlu u nżommu l-ħbieb

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
|---|
| Jidentifikaw strateġiji biex isostnu relazzjonijiet pożittivi ma' sħabhom. |
| Jagħmlu lista ta' strateġiji biex imorru tajjeb mal-oħrajn. |
| Jidentifikaw sitwazzjonijiet fejn il-ħbiberija tkun qiegħda f'riskju. |

## Attività 1: Jien kuntent/a miegħek

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw strateġiji biex isostnu relazzjonijiet pożittivi ma' sħabhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Insib modi kif inżomm relazzjonijiet tajbin ma' sħabi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, *posters*, folja t'attività 'Il-ħbieb speċjali ta' ommi u missieri'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ħabib antik**

**Dakinhar kien jum speċjali għal Żigu għax il-familja tiegħu kienet qed torganizza *surprise party* kbir f'għeluq snin in-nannu. Kien hemm ħafna tiżjin madwar id-dar u omm Żigu ħejjiet ħafna kejkijiet u ħelu għal kulħadd. Meta n-nannu ta' Żigu wasal lura d-dar sab lill-familja kollha tkanta "*Happy birthday to you, happy birthday to you*!!!"**

**In-nannu ħa pjaċir ħafna bil-*party*, anke minħabba li kellu l-okkażjoni jerġa' jiltaqa' ma' xi ħbieb antiki ta' meta kien għadu tifel żgħir. Kien kuntent fil-bidu iżda mbagħad għamel id-dwejjaq meta ra li l-ikbar ħabib tiegħu ta' meta kien żgħir ma ġiex il-*party*.**

**"Kif inti? Qed tħossok tajjeb nann? Tidher imdejjaq," qal Żigu.**

**"Xtaqt nara l-ħabib antik tiegħi Milo," qal in-nannu, "imma qed nibża' li nesieni għax xi ftit snin ilu iġġilidna u ma riedx jibqa' ħabib miegħi."**

**"X'kien ġara mela?" staqsieh Żigu.**

**"Għażiż Żigu, il-ħbieb huma verament speċjali imma din indunajt biha meta bdejt inħoss in-nuqqas tiegħu. Konna ħbieb kbar meta konna tfal imma darba minnhom kellna argument. Hu ma kienx twil ħafna u jien waqqajtu għaċ-ċajt quddiem sħabna minħabba f'hekk. Hu kien weġġa' ħafna u ma riedx ikellimni iktar. Qatt ma kelli l-opportunità nitolbu skuża ta' dak li għamilt. Kemm nixtieq nerġa' niltaqa' miegħu! Kemm jiddispjaċini ta' dak li għamilt!"**

**Hekk kif waqaf jirrakkonta, Milo ħareġ minn wara bieb u kien sema' kollox. Mar jgħannaq in-nannu u qal kemm hu kuntent li reġa' ltaqa' ma' ħabib antik.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet

- X'kienet l-okkażjoni tal-*party*?
- Kif ħassu n-nannu fil-*party*?
- X'kien ġara bejn in-nannu u Milo?
- Għalfejn in-nannu xtaq jerġa' jara lil Milo?

4. Saqsi lill-istudenti biex l-ewwel jirriflettu waħedhom fuq dawn il-mistoqsijiet:

- Min huma l-ħbieb tiegħek?
- X'jogħġbok fil-ħbieb tiegħek?
- X'tagħmel mal-ħbieb tiegħek?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar, u stidinhom jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet:

- Għalfejn huma importanti l-ħbieb?
- X'affarijiet taħseb li għandu jkollhom il-ħbieb?

6. Wara d-diskussjoni, staqsi lil kull grupp jagħmel lista ta' dak kollu li jistgħu jagħmlu biex juru li japprezzaw il-ħbieb u biex iżommu relazzjonijiet pożittivi magħhom.

7. Fl-aħħar niżżel l-ideat kollha fuq *poster*.



***Attività għad-Dar***

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri tagħhom biex jitkellmu fuq ħabib/a speċjali li għandhom u jispjegaw għalfejn din il-persuna hija speċjali għalihom. Jistgħu jimlew il-folja t'attività 'Il-ħbieb speċjali ta' ommi u missieri' u/jew ipenġu mument speċjali li l-ġenituri kellhom ma' din il-persuna.

## ĦBIEB SPEĊJALI TA' OMMI U MISSIERI




*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq ħabib/a speċjali li għandkom u spjegaw għalfejn din il-persuna hija speċjali għalikom. Għinu lit-tfal jimlew din il-folja t'attività u/jew ipenġu mument speċjali li kellkom ma' din il-persuna.*

X'JISMU/JISIMHA L-ĦABIB/A SPEĊJALI?

GĦALFEJN HU/HI SPEĊJALI?

PENĠI MUMENT SPEĊJALI LI OMMOK/MISSIEREK QASAM/QASMET MA' DIN IL-PERSUNA.





# Attività 2: Immorru tajjeb mal-oħrajn

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħmlu lista ta' affarijiet ta' kif jistgħu jmorru tajjeb mal-oħrajn.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħmel lista ta' kif nista' mmur tajjeb mal-oħrajn.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, *posters*, *flipchart*, *biros* jew *markers*, folja t'attività 'Id-djarju tiegħi'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettuf fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-okkażjoni tal-*party*?
- Kif ħassu n-nannu fil-*party*?
- X'kien ġara bejn in-nannu u Milo?
- Għalfejn in-nannu xtaq jerġa' jara lil Milo?

4. Saqsi lill-istudenti biex l-ewwel jirriflettu waħedhom fuq dawn il-mistoqsijiet:

- Min huma l-ħbieb tiegħek?
- X'jogħġbok fil-ħbieb tiegħek?
- X'tagħmel mal-ħbieb tiegħek?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar, u staqsihom jagħmlu lista ta' dak li jagħmlu li jgħinhom imorru tajjeb mal-oħrajn. Ikteb it-tweġibiet tat-tfal fuq *flipchart*. Għin lit-tfal jirriflettu iktar fil-fond billi jinkludu per eżempju, iferrħu lil oħrajn, jgħinu lill-oħrajn, qalbhom tajba, onesti.

6. Wara d-diskussjoni, staqsi lil kull grupp jagħmel lista ta' dak kollu li jistgħu jagħmlu biex juru li japprezzaw il-ħbieb u biex iżommu relazzjonijiet pożittivi magħhom.

6. Fl-aħħar iddiskuti mat-tfal fuq dak li kitbu u agħmel lista komuni fuq *poster* tal-imġiba kollha li nistgħu nuru biex immorru tajjeb mal-oħrajn.



### Attività għad-Dar

It-tfal jagħżlu mġiba waħda mil-lista li jista' josserva fl-oħrajn matul il-ġimgħa li ġejja. Għandhom ukoll jipprattikaw din l-imġiba huma stess u jirrekordjaw l-imġiba tagħhom fi djarju.

# ID-DJARJU TIEGĦI




*Lill-ġenituri: It-tfal iridu jagħżlu mġiba waħda mil-lista li ddiskutew fil-klassi li jistgħu josservaw fl-oħrajn matul il-ġimgħa li ġejja. It-tfal imbgħad jipprattikaw din l-imġiba huma stess u jirrekordjaw l-imġiba tagħhom fi djarju*





# Attività 3: S.O.S...il-ħbiberija qiegħda f'riskju!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw sitwazzjonijiet fejn il-ħbiberija tkun qiegħda f'riskju.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi sitwazzjonijiet li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ħbiberija.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *poster*, *markers*, folja t'attività 'Ħbieb tajbin: Fl-opinjoni tiegħi ħbieb tajbin...'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-okkażjoni tal-*party*?
- Kif ħassu n-nannu fil-*party*?
- X'kien ġara bejn in-nannu u Milo?
- Għalfejn in-nannu xtaq jerġa' jara lil Milo?

4. Saqsi lill-istudenti biex l-ewwel jirriflettu waħedhom fuq dawn il-mistoqsijiet:

- Min huma l-ħbieb tiegħek?
- X'jogħġbok fil-ħbieb tiegħek?
- X'tagħmel mal-ħbieb tiegħek?
- Kif jittrattawk il-ħbieb tiegħek ?
- Kif tittratta l-ħbieb tiegħek?

5. Staqsi lit-tfal isemmu eżempji ta' mġiba li tista' tgħinhom iżommu ħbiberiji tajbin mal-oħrajn. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster*.

6. Ħeġġeġ lill-istudenti jaħsbu fuq il-problemi li jistgħu jinqalgħu bejn il-ħbieb u jiffokaw fuq dik l-imġiba li tista' tħalli ħsara fuq ħbiberija. Imbgħad jiddiskutu strateġiji li jużaw biex jevitaw jew jegħlbu l-problemi mal-ħbieb. Ikteb is-suġġerimenti kollha tat-tfal fuq *poster*.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom il-kwalitajiet u l-imġiba ta' ħbiberija tajba. Flimkien imlew il-folja t'attività 'Ħabib tajjeb' billi jpenġu stilla waħda jekk ma jaqblux, żewġt istilel jekk jaqblu, u tlett istilel jekk jaqblu ħafna. Jistgħu wkoll iżidu sentenzi oħra fl-aħħar tal-folja t'attività.

## ĦABIB TAJJEB: FL-OPINJONI TIEGĦI, ĦABIB TIEGĦI…

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal tagħkom il-kwalitajiet u l-imġiba ta' ħbiberija tajba. Flimkien imlew il-folja t'attività billi tpenġu stilla waħda jekk ma taqblux, żewġt istilel jekk taqblu, u tlett istilel jekk taqblu ħafna. Tistgħu wkoll iżżidu sentenzi oħra fl-aħħar tal-folja.*

| | |
|---|---|
| IĦALLIK IKOLLOK ĦBIEB OĦRAJN | |
| JAQSAM L-IKEL MIEGĦEK U JĦALLIK TILGĦAB BIL-ĠUGARELLI TIEGĦU | |
| JAĦSEB FIK META MA TKUNUX QED TQATTGĦU ĦIN FLIMKIEN | |
| JIDĦAQLEK | |
| IDAĦĦQEK META TKUN GĦADDEJ MINN ŻMIEN DIFFIĊLI | |
| JISMA' U JAPPREZZA L-IDEAT TIEGĦEK | |
| JAĦFIRLEK META TAGĦMEL XI ĦAĠA ĦAŻINA | |
| JIFHEM KIF QED TĦOSSOK | |
| JGĦINEK META JKOLLOK BŻONN | |
| | |
| | |
| | |





# Topik 2 L-imġiba pro-soċjali

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jidentifikaw ħbieb li jistgħu jistaqsuhom għall-appoġġ |
| Jisimgħu sew dak li jgħidu l-oħrajn sabiex jagħrfu l-bżonnijiet tagħhom |
| Iħarsu l-bżonnijiet ta' ħaddieħor |

## Attività 1: Ċika fil-periklu

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw ħbieb li jistgħu jitolbuhom għall-appoġġ.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħmel lista ta' ħbieb li jistgħu igħinuni meta jkolli bżonn

### *Livell*

Intermedju

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, *markers*, folja t'attività 'Mument diffiċli'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika fil-periklu**

**Darba minnhom, Ċika kienet qed iddur gol-ġnien u tara ssibx xi fjuri. Tant kienet kurjuża li minkejja t-twissija tal-mamà tagħha, bdiet miexja waħedha lejn it-tarf tal- ġnien. Bdiet miexja fuq ħamrija niexfa li kienet mgħottija b'ħafna weraq. Imma waqt li bdiet miexja, ma ndunatx li bdew jeħlu l-weraq magħha. Wara ftit ma setgħetx tiċċaqlaq iżjed jew tara fejn kienet miexja. Ċika infixlet u ma kinitx taf x'se taqbad tagħmel!**

**Ipprovat timxi ftit iktar għax kienet taf li daqt tasal għand Żigu u bdiet tgħajjat: "Żigu! Żigu! Fejn qiegħed? Għinni jekk jogħġbok! Jien Ċika – weħilt fil-ħamrija minħabba l-weraq u ma nistax niċċaqlaq! Jekk jogħġbok ejja hawn u għinni!" qalet Ċika.**

**Hekk kif Żigu għaraf il-vuċi tagħha, mar biex isalvaha: "Hawn jien Ċika!" u b'idejh żgħar beda jneħħi l-weraq. "Issa tista' tiċċaqlaq," qal Żigu, "imma darb'oħra oqgħod attenta fejn timxi!"**

**Ċika kienet ferħana ħafna u qalet: "Grazzi ħafna Żigu! Grazzi talli għintni meta kelli bżonn. Issa noqgħod iktar attenta fejn inpoġġi saqajja."**

**"Kien il-pjaċir tiegħi li għintek Ċika!," wieġeb Żigu.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet qed tagħmel Ċika fil-ġnien?
- Xi ġralha Ċika waqt li kienet miexja?
- X'għamlet meta sabet ruħha fil-periklu?

4. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu fuq meta xi darba sabu ruħhom fil-periklu (eż: intilfu xi mkien, ma ħassewhomx tajjeb, jew weġġgħu).

5. Agħżel waħda mill-istejjer tal-istudenti u staqsihom jagħmlu *brainstorming* ta' xi strateġiji li jistgħu jużaw biex jgħinuhom f'dik is-sitwazzjoni.

6. Staqsi l-istudenti jagħmlu lista tan-nies kollha li jistgħu jitolbu għall-għajnuna f'dawk is-sitwazzjonijiet.

7. Aqsam il-klassi f'pari u staqsihom jispjegaw għalfejn għażlu dawk in-nies u jagħtu raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom.



***Attività għad-Dar***

It-tfal jistgħu jistaqsu lill-ġenituri tagħhom biex jirrakkuntawlhom sitwazzjoni fejn sabu ruħhom fil-periklu jew f'diffikultà u x'għamlu biex jegħlbu d-diffikultà. L-istudenti jistgħu jagħmlu tpenġija fuq dan.

# MUMENT DIFFIĊLI

*Lill-ġenituri: Irrakkuntaw lit-tfal sitwazzjoni fejn sibtu ruħkom fil-periklu jew f'diffikultà u x'għamiltu biex tegħlbu d-diffikultà. It-tfal jistgħu jagħmlu tpenġija fuq dan hawn taħt.*

______________________________________________________________





# Attività 2: Ismagħni!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jisimgħu sew dak li jgħidu l-oħrajn sabiex jagħrfu l-bżonnijiet tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nisma' lil sħabi sew biex inkun nista' nifhem x'għandom bżonn.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, *poster*, folja t'attività 'Biex tkun kuntent…'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jipproċessaw l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet qed tagħmel Ċika fil-ġnien?
- Xi ġralha Ċika waqt li kienet miexja?
- X'għamlet meta sabet ruħha fil-periklu?
- Kif induna Żigu li Ċika kienet fil-periklu?

4. Għin lill-istudenti jiddiksutu iktar fil-fond billi tagħmel enfasi fuq kif Żigu sema' lil Ċika meta talbitu jgħinnha. Staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta xi ħadd ikun qed ikellmek, xi trid tagħmel biex tisimgħu sew?
- Jekk xi ħadd ieħor ma jisimgħekx kif tħossok?

5. Fi gruppi, l-istudenti jistgħu jagħmlu lista ta' mġiba li turi li jkunu qed jisimgħu sew u jifmhu l-bżonnijiet ta' ħaddieħor.

6. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster*.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lil xi ħadd fil-familja biex jidentifikaw tliet affarijiet li għandom bżonn biex iħossuhom kuntenti. Bl-għajnuna tal-ġenituri, jistgħu jqabblu dawn il-bżonnijiet mal-bżonnijiet tagħhom u jpenġu stampa tal-bżonnijiet ta' din il-persuna.




## BIEX INKUN KUNTENT…

*Lill-ġenituri: It-tfal jistaqsu lil xi ħadd fil-familja biex jsemmi tliet affarijiet li għandu/a bżonn biex iħossu/tħossa kuntent/a. Għinuhom jqabblu dawn il-bżonnijiet mal-bżonnijiet tagħhom u jpenġu stampa tal-bżonnijiet ta' din il-persuna.*

IL-BŻONNIJIET TA' ………………………………………………………………

1. …………………………………………………………………………………………………………………..
2. ………………………………………………………………………………………………………………….
3. ………………………………………………………………………………………………………………….





# Attività 3: Żigu jsegwi b'attenzjoni l-bżonnijiet ta' Ċika

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Iħarsu l-bżonnijiet ta' ħaddieħor.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Inħares il-bżonnijiet ta' ħaddieħor.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *posters*, folja t'attivita` 'Kif nista' ngħin'



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet qed tagħmel Ċika fil-ġnien?
- Xi ġralha Ċika waqt li kienet miexja?
- X'għamlet meta sabet ruħha fil-periklu?
- Kif induna Żigu li Ċika kienet fil-periklu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta n-nies ikellmuk, is-soltu kif toqgħod tismagħhom?
- Meta xi ħadd jgħidlek fuq problema personali, tisimgħu sew?
- Ġie li għint lil xi ħadd meta kellu/a bżonn l-għajnuna?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi u kull grupp jivvinta storja fuq xi ħadd li għandu bżonn l-għajnuna. Jistgħu wkoll jagħmlu reċta ta' din l-istorja.

6. Fl-aħħar, għin lit-tfal jifhmu iktar l-importanza li nsegwu b'attenzjoni dak li għandu bżonn ħaddieħor billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'sinjali u x'imġiba turina li xi ħadd għandu bżonn l-għajnuna?
- X'tista' tagħmel meta ħabib ikollu bżonn l-għajnuna?
- Kif tħossok wara li tkun għentu?

7. Bl-għajnuna tal-istudenti ikteb dak kollu li nistgħu nagħmlu biex ngħinu lill-ħbieb fuq *poster.*



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jiddiskutu mal-ġenituri x'jistgħu jagħmlu biex jgħinu lill- ħbieb meta ikollhom bżonn. Jagħmlu lista ta' tliet affarijiet li jistgħu jagħmlu, u ipenġu waħda minnhom

# KIF NISTA' NGĦIN




*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal x'jistgħu jagħmlu biex jgħinu lill- ħbieb meta ikollhom bżonn. Agħmlu lista ta' tliet affarijiet li jistgħu jagħmlu, u huma ipenġu waħda minnhom*

***X'NISTA NAGĦMEL BIEX NGĦIN***

1. ……………………………………………………………….……………………………………………………….

1. ……………………………………………………………….…………………………………………………………
…

2. ……………………………………………………………….…………………………………………………………
….





## Topik 1 Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
| --- |
| Jifhmu u jirrispettaw differenzi fost it-tfal. |
| Jidentifikaw imġiba li tirrifletti preġudizzju. |
| Jidentifikaw u japprezzaw id-differenzi kulturali fil-ħbiberiji. |

# Attività 1: Ma tantx jien differenti

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jifhmu u jirrispettaw differenzi fost it-tfal.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nirrispetta tfal li huma differenti minni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *poster*, kuluri, *markers*, lapsijiet, folja t'attività 'Jien u int'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Wisq differenti minn Ċika**

**Wara xitwa twila u kiefra, fl-aħħar waslet ir-rebbiegħa fil-ġnien. Il-fjuri u l-pjanti bdew jagħmlu l-fjuri u Ċika and Żigu diġà bdew jaraw is-siġar jagħmlu l-ewwel frott tagħhom. Kienu kuntenti għax l-annimali tal-ġnien kienu qed jiċċelebraw il-bidu tar-rebbiegħa b'*party* kbir ħdejn is-Siġra l-Kbira. Din is-sena l-*party* kien qed jiġi organizzat mill-familja tal-kokki. Kienu magħrufa fil-ġnien li huma ftit strambi għax kienu joħorġu biss matul il-lejl. Ħadd ma kien jafhom sew imma kulħadd kien kuntent li ġie mistieden għall-*party*.**

**Żigu u Ċika rċivew l-invit ukoll, iżda Ċika ddeċidiet li ma tmurx il-*party*. Qalet li minħabba li kienu jafu kollox fuq id-dinja, il-kokki ma kinux annimali li tista' tidħaq magħhom. Qatt ma daħqu jew qalu xi ċajta, u kienu moħħhom biss fil-kotba. "Il-kokki dejjem jaħsbu li huma l-aħjar annimali; dejjem iridu jirbħu kollox. Dejjem jgħaġġlu biex jagħmlu l-affarijiet, mingħajr ma jistennew lil ħaddieħor" qalet Ċika.**

**Żigu ma qabilx ma' Ċika għax hu xtaq ħafna jmur il-*party* u fl-aħħar irnexxielu jġib lil Ċika miegħu, allavolja ma riditx tiġi. Meta daħlet Ċika, ħafna kokki ħarsu lejha bil-kurżità. Indunat li kienu dħulin u donnhom kienu interessati fiha. Bdiet taħseb li forsi mhux vera kienu strambi.**

**"Hello," qal Miki, l-ixjeħ kokka. "Merħba! Kemm jien kuntent li qed niltaqa' miegħek!"**

**Huma tkellmu għal ħin twil. Miki tkellem ma' Ċika fuq kemm iħobb il-kotba u l-muntanji. Kien iħobb jitla' l-muntanji u jħares lejn is-sema. Ċika tkellmet miegħu fuq il-ġnien u fuq il-familja tagħha. Urietu wkoll kif jagħmel kejkijiet tajbin bil-frott, u Miki u l-kokki l-oħrajn tantx kemm għoġbuhom! Baqgħu jitkellmu għal ħin twil.**

**"Ħadt gost li ltqajt miegħek Ċika" – qal Miki fl-aħħar tal-*party*. Ċika marret lura d-dar bil-ħsieb li għalkemm Miki kien jidher differenti ħafna, fl-aħħar mill-aħħar kien annimal qalbu tajba u li jmur tajjeb mal-oħrajn. Kienet ukoll kuntenta u kburija li għallmitu jagħmel kejk tajjeb bil-frott.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jipproċessaw l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġobkom fl-istorja?
- Għalfejn ma xtaqitx tmur il-*party* Ċika?

4. Bl-għajnuna tal-istudenti, agħmel *poster* u penġi qanfud u kokka. Staqsi lill-istudenti biex isemmu d-differenzi li hemm bejn qanfud u kokka.

5. Aqsam il-klassi f'pari, u staqsi l-pari jiktbu d-differenzi u s-similaritajiet bejniethom u jimlew il-folja t'attività 'Jien u int'.

6. Wieħed wara l-ieħor, kull par jispjega lill-bqija tal-klassi d-differenzi u s-similaritajiet li niżżel.

7. Iġbor l-ideat kollha li kellhom it-tfal fuq *poster*.



## Attività għad-Dar

Id-dar it-tfal jistgħu jagħżlu xi ħadd mill-familja biex jimla l-folja t'attività 'Jien u int'. Flimkien jiddiskutu d-differenzi u s-similaritajiet li jsibu bejn xulxin. Fil-partijiet il-griżi fil-ġnub, kulħadd jista' jikteb dawk l-aspetti jew kwalitajiet li għandu (eż: Jien inħobb il-futbol). Fil-parti tan-nofs, it-tfal jistgħu jiktbu l-kwalitajiet komuni bl-għajnuna tal-ġenituri.

# JIEN U INT




*Lill-ġenituri: It-tfal jimlew din il-folja t'attività magħkom. Iddiskutu flimkien d-differenzi u s-similaritajiet li ssibu bejn xulxin. Fil-partijiet il-griżi fil-ġnub, kulħadd jikteb dawk il-kwalitajiet li għandu (eż: Jien inħobb il-futbol). Fil-parti tan-nofs, it-tfal jiktbu l-kwalitajiet komuni bl-għajnuna tagħkom.*





# Attività 2: Iktar mill-apparenza

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw imġiba li tirrifletti preġudizzju.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi mġiba li turi li għandi idea żbaljata fuq xi ħadd.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *poster*, kuluri, *markers*, lapsijiet, folja t'attività 'Miki, l-ixjeħ kokka', folja t'attività 'Kont żbaljat/a'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġobkom fl-istorja?
- Għalfejn ma xtaqitx tmur il-*party* Ċika?
- X'ħasbet Ċika fuq il-kokki?
- X'għamel Żigu?
- X'għamel Miki l-ixjeħ kokka?
- Kif ħassitha Ċika wara li tkellmet ma' Miki?

4. Staqsi lill-istudenti jekk ġieli ġabux ruħhom bħal Ċika: Ċika ħasbet li peress li l-kokki kienu jħobbu jaqraw u li kienu jidhru strambi, ma ridux jagħmlu ħbieb. Fl-aħħar Ċika ndunat li għamlet żball meta ġġudikat l-kokki. Hi għallmet xi ħaġa lil Miki u kienet kuntenta. B'dan il-mod, Miki tgħallem xi ħaġa wkoll. Ħalli lit-tfal jaqsmu l-esperjenzi tagħhom.

5. Staqsi lill-istudenti jimlew il-folja t'attività 'Miki l-ixjeħ kokka' billi jiktbu dwar il-preġudizzji li kellha Ċika qabel ma saret taf lil Miki, x'tgħallmet u kif ħassitha wara li saret taf lill-kokki.

6. Iġbor l-ideat kollha fuq il-*poster*.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri jgħidulhom fuq żmien jew sitwazzjoni fejn kellhom xi preġudizzju kontra xi ħadd jew xi ħaġa qabel ma saru jafu l-persuna jew is-sitwazzjoni sew, u kif biddlu l-opinjoni tagħhom. It-tfal jpenġu xi ħaġa dwar is-sitwazzjoni qabel u wara.

## MIKI L-IXJEĦ KOKKA



*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq żmien jew sitwazzjoni fejn kellkom xi preġudizzju (idea żbaljata) kontra xi ħadd jew xi ħaġa qabel ma sirtu tafu l-persuna jew is-sitwazzjoni sew, u kif biddiltu l-opinjoni. It-tfal ipenġu xi ħaġa dwar is-sitwazzjoni (Qabel u Wara).*

| **QABEL** | **WARA** |
|---|---|
|  |   |

# Attività 3: Differenzi u similaritajiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw u japprezzaw id-differenzi kulturali fil-ħbiberiji.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf u napprezza differenzi fil-ħbiberija.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Kulturi differenti', folja t'attività 'Ktieb tal-kultura', *biros* jew *markers*, karti.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jipproċessaw l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġobkom fl-istorja?
- Għalfejn ma xtaqitx tmur il-*party* Ċika?
- X'ħasbet Ċika fuq il-kokki?
- X'għamel Żigu?
- X'għamel Miki l-ixjeħ kokka?
- Kif ħassitha Ċika wara li tkellmet ma' Miki?

4. Fi gruppi żgħar, it-tfal iniżżlu d-differenzi kollha li hemm bejn Ċika u Miki.

5. Iġbor l-ideat kollha u għid lit-tfal kemm hu importanti li nirrispettaw u napprezzaw id-differenzi ta' bejnietna minflok inwarrbu lil min hu differenti minna.

6. Uża l-istampi li hemm fuq il-folja t'attività 'Kulturi differenti', aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u staqsihom jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet:

- Fl-opinjoni tiegħek, dawn it-tfal minn fejn ġejjin?
- Kif iqattgħu l-ġurnata tagħhom?
- X'lingwa jitkellmu?
- X'iħobbu jilagħbu?
- Taħseb li ħajjithom hija simili jew differenti minn tiegħek? Għalfejn?

7. Spjega lit-tfal li għalkemm forsi nidhru differenti minn barra, xorta waħda nistgħu nsibu ħafna modi kif aħna simili.

8. Staqsi lit-tfal biex isibu lil xi ħadd fil-klassi li hu/hi simili tagħhom b'xi mod u staqsihom:

- X'jismu/x'jisimha?
- Din il-persuna kif mhijiex bħalek?
- Din il-persuna kif hi bħalek?

9. Ħalli lit-tfal jagħmlu xi *brainstorming* tal-ideat tagħhom. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster* u enfasizza l-importanza li napprezzaw u nagħtu valur lid-differenzi.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jgħinu lit-tfal jagħmlu ktieb fuq it-tfal billi jqasqsu minn xi rivisti xi stampi ta' tfal minn pajjiżi differenti. It-tfal jistgħu jkunu libsin ħwejjeġ tradizzjonali tal-post u jista' jkollhom stili ta' xagħar differenti u l-kulur tal-ġilda differenti.

## KTIEB TAL-KULTURA




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu ktieb fuq it-tfal billi tqasqsu minn xi rivisti antiki xi stampi ta' tfal minn pajjiżi differenti. It-tfal jistgħu jkunu libsin ħwejjeġ tradizzjonali tal-post u jista' jkollhom stili ta' xagħar differenti u l-kulur tal-ġilda differenti.*

______________________________________________





# KULTURI DIFFERENTI
























<table>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2"> </td></tr>
</table>

# SOTTOTEMA 2
# Il-Kooperazzjoni, l-empatija u l- l-ħsieb morali

**Din is-sottotema tikkonsisti fi tliet topiks ta' attivitajiet biex isaħħu l-kooperazzjoni, l-empatija u l-ħsieb morali. L-ewwel topik ta' attivitajiet jipprovdi materjal biex ikunu żviluppati kapaċitajiet bħal li wieħed jistenna t-*turn* tiegħu, li naqsmu dak li jkollna mal-oħrajn, il-koperazzjoni u *team building*. Il-kollaborazzjoni bejn it-tfal taffettwa l-iżvilupp soċjali u emozzjonali tagħhom u twassal għal attitudni pożittiva lejn l-oħrajn, iżjed rispett u kooperazzjoni, u *self-esteem* iktar pożittiv. L-attivitajiet huma ddisinjati b'tali mod li l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu flimkien b'mod kollaborattiv, jiddiskutu l-aħjar mod li jagħmlu biċċa xogħol, u jaċċertaw li kulħadd jipparteċipa b'mod attiv.**

**It-tieni topik joffri attivitajiet biex jgħinu lit-tfal jitgħallmu jagħrfu u japprezzaw il-motivi, l-imġiba, ix-xewqat u l-emozzjonijiet tal-oħrajn. L-empatija hija bażi essenzjali li permezz tagħha nibnu relazzjonijiet tajbin mal-oħrajn. L-empatija hija meħtieġa għall-imġiba soċjali u prosoċjali u tinfluwenza wkoll biex l-individwu jiġi aċċettat mill-oħrajn. It-tielet topik ta' attivitajiet għandu l-għan li jgħin lill-istudenti jirriflettu b'mod kritiku, jiddiskutu u jelaboraw soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet morali u etiċi (Gasser & Malti, 2012). L-istudenti jitgħallmu kif jifhmu l-perspettiva ta' xi ħadd ieħor permezz tal-kommunikazzjoni soċjali mal-oħrajn u billi jirrifilettu b'mod kritiku fuq l-argumenti morali u etiċi tagħhom infushom. Biex jipprattikaw imġiba etika u responsabbli, it-tfal għandhom bżonn iħarsu lil hinn minnhom infushom, u jiżviluppaw onestà intellettwali u emozzjonali, u rieda biex jidentifikaw u jikkonfrontaw il-vulnerabbiltajiet tagħhom biex jagħmlu t-tibdiliet meħtieġa fil-ħajja personali tagħhom (Staub & Vollhardt, 2008).**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1** | **NAQSMU MAL-OĦRAJN, NIKKOOPERAW, U NAĦDMU F'TIM** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JAĦDMU FLIMKIEN MA' STUDENTi OĦRA FUQ BIĊĊA XOGĦOL<br>• JAĦDMU FLIMKIEN MAL-OĦRAJN GĦAL GĦAN KOMUNI<br>• JAPPREZZAW L-IMPORTANZA LI JAĦDMU FI GRUPP B'MOD KOLLABORATTIV |

| | |
|---|---|
| **TOPIK 2**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **EMPATIJA**<br>• JAGĦRFU KIF QED IĦOSSU XI ĦADD IEĦOR<br>• JAGĦRFU KIF L-EMOZZJONIJIET TAL-OĦRAJN JISTGĦU JAFFETTWAW L-EMOZZJONIJIET U L-IMĠIBA TAGĦHOM<br>• JIDENTIFIKAW L-EMOZZJONIJIET U L-BŻONNIJIET TA' TFAL IMMIGRANTI JEW REFUĠJATI |
| **TOPIK 3**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **L-IMĠIBA ETIKA, RESPONSABBLI U MORALI**<br>• JIDENTIFIKAW IR-RAĠUNIJIET GĦALIEX HUWA IMPORTANTI LI JOBDU R-REGOLI<br>• JIDDESKRIVU GĦALIEX HUWA IMPORTANTI LI JAĦFRU LILL-OĦRAJN GĦALL-IŻBALJI TAGĦHOM<br>• JITOLBU SKUŻA GĦALL-IŻBALJI TAGĦHOM U JIEĦDU RESPONSABBILTÀ GĦALL-AZZJONIJIET TAGĦHOM |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uża *cooperative learning* biex tiffaċilita x-xogħol tal-istudenti u oħloq gruppi żgħar biex tiżgura s-sehem ta' kulħadd f'biċċa xogħol kollettiva li tkun ippjanata minn qabel. Tista' torganizza attivitajiet ta' kooperazzjoni billi tagħti lil kull student rwol u biċċa xogħol partikolari.

2. Tista' tiżviluppa l-ħiliet tal-istudenti li jagħtu appoġġ lil tfal oħra billi tikkunsidra modi differenti ta' kif jistgħu jgħinu lill-oħrajn. It-tfal jistgħu jiddeskrivu u jiddiskutu episodji fejn għenu lil xi ħadd.

3. Ħeġġeġ lit-tfal jaqsmu dak li għandhom mal-oħrajn billi torganizza party biex tiċċelebraw xi ħaġa fejn it-tfal jaqsmu xi ikel u xi ħelu mal-oħrajn.

4. L-opportunità li jużaw l-istess żebgħa jew kolla waqt l-arts and crafts, speċjalment waqt is-snin bikrin, tgħin lit-tfal jifhmu aħjar kif għandna naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu bħala tim.

5. Ħeġġeġ lit-tfal jagħtu *feedback* pożittiv lil xulxin; per eżempju fl-aħħar tal-ġurnata, jistgħu jsemmu xi ħaġa tajba li għamel student jew jirringrazzjaw student għal dak li għamel.

# Topik 1 Naqsmu mal-oħrajn, nikooperaw u naħdmu f'tim

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jaħdmu flimkien ma' studenti oħra fuq biċċa xogħol.

Jaħdmu flimkien mal-oħrajn għal għan komuni.

Japprezzaw l-importanza li jaħdmu fi grupp b'mod kollaborattiv.

## Attività 1: Naħdmu bħan-naħal

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaħdmu flimkien ma' studenti oħra fuq biċċa xogħol.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Naħdem ma' persuna oħra fuq biċċa xogħol komuni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *poster*, kuluri jew *markers*, karti, folja t'attività 'Ngħix bħal annimal'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Is-sigriet tan-naħal**

**Darba waħda l-għalliema ta' Ċika tat lill-istudenti *homework* speċjali: biex josservaw kif jgħixu u jaħdmu n-naħal. Ċika kienet eċċitata biex tagħmel dan il-*homework* u għalhekk marret fil-ġnien tfittex in-naħal. Imxiet mal-ġnien kollu u fl-aħħar rat naħla ttir minn fjura għall-oħra. Rat li kien hemm iktar naħal u kienu donnhom qed ikellmu lil xulxin permezz tal-antenni tagħhom.**

**Kien hemm naħla li kienet kurjuża dwar Ċika. Marret ħdejha u qaltilha: "Hello, jiena Mimi, u inti x'jismek? X'qed tagħmel hawn?"**

**"Hello Mimi, jien Ċika. Nixtieq insir naf iktar dwar in-naħal. In-naħal huma żgħar imma intelliġenti ħafna u bieżla biex jagħmlu l-għasel. Jien nammira ħafna dak li tagħmlu!" wieġbet Ċika.**

**"Is-sigriet tagħna hu li naħdmu flimkien ma' xulxin. Aħna żgħar u waħedna ma tantx nistgħu nagħmlu affarijiet, imma meta naħdmu f'tim wieħed inkunu nistgħu nagħmlu dak li nixtiequ. Nistgħu nċaqalqu affarijiet tqal u nistgħu anke niddefendu lilna nfusna meta nkunu f'daqqa!"**

**Ċika kienet kuntenta li skopriet is-sigriet tan-naħal: hija idea tajba li kulħadd jaħdem flimkien!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kien il-*homework* ta' Ċika?
- X'osservat Ċika fil-bidu?
- X'qalet Mimi lil Ċika?
- X'inhu s-sigriet tan-naħal?

4. Għin lit-tfal jirriflettu fuq imġiba oħra tan-naħal meta jaħdmu flimkien, per eżempju meta jagħmlu l-għasel jew meta jaqsmu r-rwoli u x-xogħol sabiex jipproteġu u jipprovdu l-ikel.

5. Staqsi lill-istudenti biex joqogħdu f'pari u staqsihom jagħmlu tpenġija waħda dwar l-istorja 'Is-sigriet tan-naħal'. Meta l-istudenti jkunu lesti, staqsihom juru t-tpenġijiet tagħhom lill-oħrajn u jispjegaw x'metodi użaw biex jaqsmu x-xogħol. Biex tgħinhom, staqsihom:

- Kif bdejtu t-tpenġija?
- Kif qsamtu x-xogħol?
- X'għen biex ħdimtu tajjeb flimkien?

6. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu fuq l-aspetti pożittivi u negattivi li jista' jkun hemm meta naħdmu ma' xi ħaddieħor fuq biċċa xogħol komuni. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster*.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jilagħbu logħba mal-ġenituri fejn jimmaġinaw li huma annimali. Jistgħu jagħżlu huma stess liema annimal jippreferu. Imbagħad jistgħu jagħmlu tpenġija fuq il-ħajja tal-annimal u kif igħixu flimkien u jgħinu lil xulxin.

## NGĦIX BĦAL ANNIMAL

*Lill-ġenituri: It-tfal jilagħbu logħba magħkom fejn timmaġinaw li intkom annimali. Jistgħu jagħżlu huma stess liema annimal jippreferu. Imbagħad jistgħu jagħmlu tpenġija fuq il-ħajja tal-annimal u kif igħixu flimkien u jgħinu lil xulxin.*





# Attività 2: Qed naħdmu bħala tim?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaħdmu flimkien mal-oħrajn għal għan komuni.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naħdem ma' tim biex nagħmlu xi ħaġa flimkien

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, *posters*, *biros*, folji t'attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirrfettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kien il-*homework* ta' Ċika?
- X'innotat Ċika fil-bidu?
- X'qalet Mimi lil Ċika?
- X'inhu s-sigriet tan-naħal?

4. Staqsi lill-istudenti jifformaw gruppi żgħar u jivvintaw storja ġdida fuq Mimi n-naħla. Meta l-istudenti jkunu lesti, staqsihom jaqsmu dak li kitbu mal-oħrajn.

6. Staqsi lil kull grupp kif i iddeċidew jaqsmu r-rwoli u x-xogħol fil-grupp. Biex tgħinnhom staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iddeċidejtu torganizzaw ix-xogħol?
- Kien hemm xi ħadd li ddeċieda fuq ir-rwoli, ix-xogħol u l-attivitajiet tal-grupp kollu?
- Kif qsamtu r-rwoli? Kuntenti bir-rwoli li kellkom?
- Kien hemm min ħadem aktar jew inqas mill-oħrajn fil-grupp?

7. Staqsi lil kull grupp biex jagħmel lista ta' dawk l-aspetti negattivi u pożittivi kollha li jista' jkun hemm meta naħdmu f'tim.

8. Fl-aħħar iddiskutu dak li kitbu u agħmlu *poster* bl-ideat tagħhom dwar il-vantaġġi li jaħdmu bħala tim.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jaħdmu flimkien mal-ġenituri biex jagħmlu ġugarelli b'forma ta' kaxxa tal-karti permezz tal-folji tal-attivita`. It-tfal jistgħu jiddiskutu l-vantaġġi ta' meta jaħdmu fuq biċċa xogħol flimkien ma' xi ħadd ieħor.

## NAGĦMLU ĠUGARELL FLIMKIEN

*Lill-ġenituri: It-tfal jaħdmu flimkien magħkom biex jagħmlu ġugarelli b'forma ta' kaxxa tal-karti permezz tal-folji ta'attivita` li jġibu magħhom. Iiddiskutu l-vantaġġi ta' meta naħdmu fuq biċċa xogħol flimkien ma' xi ħadd ieħor.*






PAPER
BOX
WORLD
PAPER
BOX
WORLD


PAPER
BOX
WORLD




PAPER BOX WORLD
PAPER BOX WORLD




PAPER
BOX
WORLD

# Attività 3: Aħna tim!

## L-Għan tat-Tagħlim

Japprezzaw l-importanza li jaħdmu fi grupp b'mod kollaborattiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf li l-kooperazzjoni hija importanti għall-ħbiberija.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, kuluri, *biros*, *poster*, folja t'attività 'Naħdmu mal-oħrajn'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kien il-*homework* ta' Ċika?
- X'innotat Ċika fil-bidu?
- X'qalet Mimi lil Ċika?
- X'inhu s-sigriet tan-naħal?

4. Staqsi lill-istudenti jifformaw gruppi żgħar u jivvintaw storja ġdida fuq Mimi n-naħla. Meta l-istudenti jkunu lesti, staqsihom jaqsmu dak li kitbu mal-oħrajn.

5. Staqsi lil kull grupp jaħseb fuq u jiddisinja *logo* u jivvinta isem għall-grupp.

6. Staqsi lil kull grupp kif qasmu r-rwoli u x-xogħol fil-grupp, permezz ta' dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iddeċidejtu torganizzaw ix-xogħol?
- Kien hemm xi ħadd li ddeċieda fuq ir-rwoli, ix-xogħol u l-attivitajiet tal-grupp kollu?

- Kif qsamtu r-rwoli? Kuntenti bir-rwoli li kellkom?
- Kien hemm min ħadem aktar jew inqas mill-oħrajn fil-grupp?
- Kuntenti b'dak li ġara?
- X'tgħallimtu minn din l-attività?

7. Kull grupp biex jagħmel lista tar-raġunijiet kollha għalfejn huwa tajjeb li nikkooperaw mal-oħrajn. Iddiskutu l-aspetti li kitbu t-tfal u iġborhom fuq *poster*.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jagħmlu lista tax-xogħlijiet u l-attivitajiet kollha li jistgħu jagħmlu waqt li jikkooperaw ma' membri oħra tal-familja.

## NAĦDMU MAL-OĦRAJN




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu lista tax-xogħlijiet u l-attivitajiet kollha li jistgħu jagħmlu waqt li jikkooperaw ma' membri oħra fil-familja u jpenġu waħda minn dawn l-attivatijiet.*

---





# Topik 2 L-empatija

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu kif qed iħossu xi ħadd ieħor.

Jagħrfu kif l-emozzjonijiet tal-oħrajn jistgħu jaffettwaw l-emozzjonijiet u l-imġiba tagħhom.

Jidentifikaw l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet ta' tfal immigranti jew refuġjati.

## Attività 1: Jien nista' nħoss l-emozzjonijiet tiegħek

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu kif qed iħossu xi ħadd ieħor.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf kif qed iħossu xi ħadd ieħor.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Karti tal-emozzjonijiet', folja t'attività 'Inħoss l-emozzjonijiet tiegħek', karti, kuluri/*markers*, *poster*, '*Changing Batteries*' vidjo fuq *YouTube*.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu jiltaqa' ma' ħabib**

**Darba waħda Żigu kien miexi fil-ġnien u ltaqa' ma' Buxu l-fenek, ħabib li kien ilu ma jara.**

**"Kif inti Buxu? Kemm jien kuntent li qed narak!" qal Żigu. "Anke jien qed nieħu pjaċir narak!" wieġeb Buxu.**

**Żigu nnota li Buxu kien jidher inkwetat, għajjien u mdejjaq. "Ma tantx tidher kuntent li qed tarani," qal Żigu. "Kuntent li qed narak imma qed inħossni mdejjaq ukoll għax il-post fejn kont noqgħod għereq għax faret ix-xmara, u jien u l-familja qed infittxu post ġdid fejn ngħixu. Nimmissja d-dar fejn konna ngħixu qabel u tant inħossni mdejjaq għax inħossni li tlift kollox. Kont kuntent ħafna fejn konna noqogħdu, imma issa li hemm il-periklu, kelli niċċaqlaq minn hemm mal-familja tiegħi u nsib xelter. Issa qed nipprovaw nsibu dar f'post ġdid. Ma nafx annimali oħrajn hawnhekk. Hawn xi annimali li jitkellmu b'mod li lanqas nifhimhom. Inħossni mitluf hawnhekk. Jiddispjaċini imma ħa jkolli nħallik issa għax tal-familja qed jistennewni. Narak dalwaqt Żigu!" qal Buxu u telaq.**

**Żigu ħassu mdejjaq. Ħass li qisu anke hu tilef id-dar tiegħu u seta' jimmaġina kif qed iħossu Buxu f'post ġdid fejn ma jaf lil ħadd. Iddispjaċih ħafna għal dak li ġralu l-ħabib tiegħu. Fehem kemm tista' tkun kiefra u ta' dwejjaq għal xi ħadd bħal Buxu li jkollu jitlaq f'daqqa waħda minn fejn kien igħix.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Ma' min iltaqa' Żigu fil-ġnien?
- Kif deher Buxu?
- Kif ħassu Buxu?
- Xi ġralu Buxu?
- Kif ħassu Żigu wara li tkellem ma' Buxu?

4. Staqsi lill-istudenti jifformaw ċirku u staqsi lil kull student jagħżel waħda mill-'karti tal-emozzjonijiet' min-nofs taċ-ċirku. Tista' żżid ukoll stampi oħrajn mill-gazzetti jew mill-internet. Kull student irid jidentifika l-emozzjoni fuq il-karta u jaħseb f'sitwazzjoni fejn ra lil xi ħadd iħoss dik l-emozzjoni.

5. Kull student jagħmel tpenġija tal-esperjenza personali tiegħu u imbgħad jaqsmu dak li pinġew mal-oħrajn u jispjegaw x'ġara, x'għamlu biex jiffaċċjaw u jegħlbu s-sitwazzjoni u kif ħassewhom.

7. Waqt li qegħdin f'ċirku, urihom il-vidjo "*Changing Batteries*", li hija storja 3D minn MMU fuq *You Tube* u tista' tinstab jekk issegwi din il-link:

http://www.youtube.com/watch?v=O_yVo3YOfqQ

jew fuq Vimeo jekk issegwi din il-link:

http://vimeo.com/58515111

8. Wara li jkunu raw il-vidjo, staqsi lit-tfal:

- Kif qed tħossukom?
- Għalfejn taħsbu li qed tħossukom hekk?
- Ġieli ħassejtu kif tkun qed tħossa persuna li intom qrib tagħha? X'ġara?

Nota għall-għalliem/a: dan il-vidjo juri l-istorja ta' mara anzjana li tgħix waħedha ma' robot. It-tmiem tal-istorja tista' temozzjona lil xi tfal, xi tfal jistgħu jħossuhom imdejqin jew iddispjaċuti wara l-vidjo. Huwa importanti li tgħin lit-tfal jifhmu aħjar ir-raġunijiet wara dawn l-emozzjonijiet u l-empatija. Tista' tesplora magħhom xi tfisser il-kelma 'empatija' u tispjega li qed iħossu l-istess emozzjonijiet bħall-karattri.















### *Attività għad-Dar*

It-tfal lill-ġenituri tagħhom dwar meta urew empatija ma' xi ħadd f'xi esperjenza minn ħajjithom, u ħassew l-emozzjoni ta' xi ħadd ieħor bħallikieku kienet l-emozzjoni tagħhom stess. It-tfal jistgħu jpenġu dak li ġara lill-ġenituri fuq karta.

## KARTI TAL-EMOZZJONIJIET













## INĦOSS L-EMOZZJONIJIET TIEGĦEK

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal dwar meta ħassejtu l-emozzjonijiet ta' persuna oħra daqs li kieku kienu l-emozzjonijiet tagħkom stess. Irrakuntaw x'ġara u x'ħassejtu u staqsu lit-tfal ipenġu dak li ġara.*





# Attività 2: Jekk tħossok…jien inħossni…

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu kif l-emozzjonijiet tal-oħrajn jistgħu jaffettwaw l-emozzjonijiet u l-imġiba tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf li l-emozzjonijiet tal-oħrajn jistgħu jaffettwaw dak li nħoss u nagħmel.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Nifhmu l-emozzjonijiet tal-oħrajn', karti, *markers*, folja t'attività 'Kif tħossok?'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Ma' min iltaqa' Żigu fil-ġnien?
- Kif deher Buxu?
- Kif ħassu Buxu?
- Xi ġralu Buxu?
- Kif ħassu Żigu wara li tkellem ma' Buxu?
- Għalfejn taħsbu li Żigu jħossu hekk?

4. Staqsi lill-istudenti jifformaw ċirku u staqsi lil kull student jagħżel waħda mill-'karti tal-emozzjonijiet' min-nofs taċ-ċirku. Tista' żżid ukoll stampi oħrajn mill-gazzetti jew mill-internet. Kull student l-ewwel jidentifika l-emozzjoni fuq il-karta u jaħseb f'sitwazzjoni fejn ra lil xi ħadd iħoss l-emozzjoni li hemm fuq il-karta. Imbgħad jagħmel tpenġija tal-esperjenza personali tiegħu. L-istudenti jaqsmu dak li pinġew mal-oħrajn u jispjegaw x'ġara, x'għamlu u kif

ħassewhom. Staqsihom jaħsbu fuq liema sinjali espressivi għenuhom jagħrfu emozzjoni partikolari.

5. Introduċi l-folja t'attività 'Nifhmu l-emozzjonijiet tal-oħrajn' u staqsi lill-istudenti jimlew il-folja t'attività individwalment. Filwaqt li qegħdin f'ċirku, iġbor fil-qasir it-tweġibiet kollha tal-istudenti.

6. Introduċi l-kunċett tal-empatija billi tgħid lill-istudenti li huwa importanti ħafna li jifhmu u jirriflettu fuq l-emozzjonijiet tal-oħrajn u jiffokaw b'mod speċjali fuq il-bżonnijiet tagħhom. Spjega li meta t-tfal juru empatija mal-oħrajn, ikunu qishom qed "iħossu ma" dik il-persuna, u qishom qed iħossu l-istess emozzjonijiet tagħha. Staqsihom:

- Qatt ħassejt l-emozzjoni ta' xi ħadd viċin tiegħek? X'ġara?

Ħeġġeġ lill-istudenti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal iżommu djarju u jieħdu nota ta' dawk id-drabi kollha fejn innotaw kif qed iħossu xi membru tal-familja, qraba jew ħbieb. Jiddiskutu wkoll mal-ġenituri.

# NIFHMU L-EMOZZJONIJIET TAL-OĦRAJN



NAĦSEB LI DIN IL-MARA QED TĦOSSHA...

GĦAX

WIĊĊHA....

ĠISIMHA JURI...

META NĦARES LEJHA, INĦOSSNI...

NAĦSEB LI GĦANDI NAGĦMEL HEKK...

GĦAX GĦANDHA BŻONN...



NAĦSEB LI DAN IT-TIFEL QED IĦOSSU...

GĦAX

WIĊĊU....

ĠISMU JURI...

META NĦARES LEJH, INĦOSSNI...

NAĦSEB LI GĦANDI NAGĦMEL HEKK...

GĦAX GĦANDU BŻONN...

| | |
|---|---|
|  | NAĦSEB LI DAN IT-TIFEL QED IĦOSSU...<br>GĦAX<br>WIĊĊU....<br>ĠISMU JURI...<br>META NĦARES LEJH, INĦOSSNI...<br>NAĦSEB LI GĦANDI NAGĦMEL HEKK...<br>GĦAX GĦANDU BŻONN... |
|  | NAĦSEB LI DAN IT-TIFEL QED IĦOSSU...<br>GĦAX<br>WIĊĊU....<br>ĠISMU JURI...<br>META NĦARES LEJH, INĦOSSNI...<br>NAĦSEB LI GĦANDI NAGĦMEL HEKK...<br>GĦAX GĦANDU BŻONN... |

| | |
|---|---|
|  | NAĦSEB LI DAN IT-TIFEL QED IĦOSSU…<br><br>GĦAX<br><br>WIĊĊU….<br><br>ĠISMU JURI…<br><br>META NĦARES LEJH, INĦOSSNI…<br><br>NAĦSEB LI GĦANDI NAGĦMEL HEKK…<br><br>GĦAX GĦANDU BŻONN… |
|  | NAĦSEB LI DIN IT-TIFLA QED TĦOSSHA…<br><br>GĦAX<br><br>WIĊĊHA….<br><br>ĠISIMHA JURI…<br><br>META NĦARES LEJHA, INĦOSSNI…<br><br>NAĦSEB LI GĦANDI NAGĦMEL HEKK…<br><br>GĦAX GĦANDHA BŻONN… |

| | |
|---|---|
|  | NAĦSEB LI DAN IT-TIFEL QED IĦOSSU...<br><br>GĦAX<br><br>WIĊĊU....<br><br>ĠISMU JURI...<br><br>META NĦARES LEJH, INĦOSSNI...<br><br>NAĦSEB LI GĦANDI NAGĦMEL HEKK...<br><br>GĦAX GĦANDU BŻONN... |
| <br> | NAĦSEB LI DAN IT-TIFEL QED IĦOSSU...<br><br>GĦAX<br><br>WIĊĊU....<br><br>ĠISMU JURI...<br><br>META NĦARES LEJH, INĦOSSNI...<br><br>NAĦSEB LI GĦANDI NAGĦMEL HEKK...<br><br>GĦAX GĦANDU BŻONN...<br> |

## KIF TĦOSSOK?




*Lill-ġenituri: It-tfal ser iżommu djarju u jieħdu nota ta' dawk id-drabi kollha fejn innotaw kif qed iħossu xi ħadd ieħor mill-familja u jiddiskutu dawn l-emozzjonijiet u kif ħassewhom magħkom.*





# Attività 3: Infittxu post *safe*

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet ta' tfal immigranti jew refuġjati.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet ta' tfal li ġew minn pajjiżi oħrajn.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Infittxu post *safe*', *posters*, *markers*, folja t'attività 'Xewqat?'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Ma' min iltaqa' Żigu fil-ġnien?
- Kif deher Buxu?
- Kif ħassu Buxu?
- Xi ġralu Buxu?
- Kif ħassu Żigu wara li tkellem ma' Buxu?
- X'inhuma l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet ta' Buxu?

4. Għin lit-tfal jiddiskutu iktar fil-fond l-emozzjonijiet ta' Buxu. Iffoka fuq kif Buxu kellu bilfors jitlaq minn post familjari li sar mimli periklu u jmur f'post iktar *safe*, u kif kellu jfittex dar ġdida.

5. Staqsi lill-istudenti jekk jafux nies li kellhom jitilqu minn post u jmorru f'ieħor biex jipprovaw igħixu aħjar. Għid lill-istudenti jaħsbu fuq immigranti jew refuġjati li kellhom bilfors jitilqu minn pajjiżhom sabiex jipproteġu lilhom infushom u l-familjari tagħhom.

6. Aqsam il-klassi fi gruppi u staqsihom jagħmlu *poster* billi jużaw xi stampi mill-folja t'attività 'Infittxu post *safe'*. Wara li jiddiskutu fi gruppi, jistgħu jużaw il-*poster* biex jiktbu fuq kif immigranti jew refuġjati jħossuhom, x'għandhom bżonn u d-diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom meta jaslu f'pajjiż ġdid.

7. Fl-aħħar kull grupp jista' juri u jitkellem fuq il-*poster* tiegħu.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jimlew il-folja t'attività 'Xewqat?' flimkien mal-ġenituri u jiktbu jew ipenġu dwar kif il-karattri tal-istampi jħossuhom u x'jixtiequ li jagħmlu jew ikollhom.

# INFITTXU POST *SAFE*

















## XEWQAT?

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jimlew il-folja tal-attivita`. It-tfal iridu jiktbu fuq kif qed iħossuhom il-karattri ta' fuq l-istampi u x'jaħsbu li jixtiequ jagħmlu jew ikollhom.*

| | |
|---|---|
|  | IĦOSSU…<br><br>JIXTIEQ JAGĦMEL JEW IKOLLU… |
|  | IĦOSSU…<br><br>JIXTIEQ JAGĦMEL JEW IKOLLU… |
|  | TĦOSSHA…<br><br>TIXTIEQ TAGĦMEL JEW IKOLLHA… |
|  |  |

# Topik 3 L-imġiba etika, responsabbli u morali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jidentifikaw ir-raġunijiet għaliex huwa importanti li jobdu r-regoli.

Jiddeskrivu għaliex huwa importanti li jaħfru lill-oħrajn għall-iżbalji tagħhom.

Jitolbu skuża għall-iżbalji tagħhom u jieħdu responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom.

## Attività 1: Ċika m'obditx lill-mamà

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw ir-raġunijiet għaliex huwa importanti li jobdu r-regoli.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Insemmi r-raġunijiet għaliex huwa importanti li nobdi r-regoli.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, *biros*, folja t'attività 'Meta nobdi r-regoli'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-faqqiegħ velenuż**

**Xi kultant, Ċika u l-ġenituri tagħha kienu jmorru fil-ġnien biex ifittxu l-faqqiegħ. Il-mamà ta' Ċika kienet koka tajba u kienet taf ir-riċetti kollha ta' kif issajjar il-faqqiegħ: faqqiegħ mimli, stuffat tal-faqqiegħ, u laħam bil-faqqiegħ. Il-familja kollha kienet tħobb ħafna l-faqqiegħ!**

**Ċika tbiegħdet minn fejn kienu l-ġenituri għax kienet taf post fejn tista' ssib il-faqqiegħ. Hekk kif waslet hemmhekk, sabet faqqiegħ kbir ħafna f'forom u daqsijiet differenti. Hi ġabret kemm setgħet faqqiegħ u mbagħad reġgħet marret tiltaqa' mal-ġenituri tagħha.**

**Fl-aħħar tal-ġurnata, kif kienu mexjin lejn id-dar, il-mamà ta' Ċika baqgħet viċin ta' Ċika biex tfakkarha biex ma tikolx il-faqqiegħ. "Tafhom ir-regoli Ċika", qalet il-mamà. "Il-faqqiegħ jista' jkunu velenuż u rrid niċċekkja l-faqqiegħ kollu li ġbarna qabel ma nkunu nistgħu nikluhom", kompliet omm Ċika.**

**Ċika għamlet tabirruħha li kienet qed tisma' lil ommha imma kienet wisq fuq ix-xwiek biex tmur tiġri għand Żigu u tagħtih l-ikbar faqqiegħ li sabet. Meta Ċika waslet id-dar ta' Żigu, hu kien kuntent ħafna bir-rigal u kiel il-faqqiegħ f'sekonda, imma wara ftit beda jħossu ma jiflaħx. Sar abjad karti u ħassu ħażin. Ċika beżgħat ħafna u għajtet lil omm Żigu biex tiġi minnufih. Il-mamà ta' Żigu mal-ewwel indunat li seta' kien hemm xi velenu fil-faqqiegħ. Qaltlu biex jidħol fis-sodda u tagħtu mediċina speċjali. Ċika ndunat li kien tort tagħha għax ma kinitix obdiet ir-regoli ta' ommha!**

**Wara ftit sigħat, Żigu qam bil-mod il-mod u beda jħossu aħjar. Ċika skużat ruħha għal dak li ġara. Wiegħdet lilha nnfisha li minn dak in-nhar 'l quddiem dejjem tobdi ir-regoli tal-mama`.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok fl-istorja?
- Fejn marret Ċika mal-ġenituri? X'marru jagħmlu?
- X'sabet Ċika fil-ġnien?
- X'kienet ir-regola ta' omm Ċika?
- Għalfejn taħseb li Ċika ma obditx ir-regola ta' ommha?
- X'ġara meta Żigu beda jiekol il-faqqiegħ?
- X'għamlet Ċika wara li qam Żigu?

4. Introduċi t-topik tal-attività billi tispjega lill-istudenti li r-regoli huma importanti biex iżommu lin-nies 'il bogħod mill-periklu u biex ma jweġġgħux. Enfasizza li li nobdu r-regoli huwa mod kif nuru fiduċja fl-għalliema u rispett lejn sħabna tal-klassi.

5. Għid lill-istudenti jaħsbu f'regoli li jgħinuhom jaħdmu b'mod kollaborattiv fil-klassi u fl-iskola. Niżżel is-suġġerimenti kollha tat-tfal fuq poster.

6. Fi gruppi żgħar, l-istudenti jistgħu joħolqu storja fejn wieħed mill-karattri ma jirrispettax regola. Jiddeskrivu x'ġara u kif spiċċat l-istorja. Jistgħu jagħmlu reċta żgħira tal-istorja.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, it-tfal jissiskutu r-regoli li għandhom l-iskola, id-dar, mal-ħbieb, u fil-bitħa tal-iskola (jistgħu jżidu wkoll kuntesti u regoli oħrajn) u jiffokaw fuq dik l-imġiba li għandhom juru f'dawn il-postijiet. Jiktbu r-regoli u l-konsegwenzi ta' meta nobdu dawn ir-regoli.

## META NOBDI R-REGOLI

*Lill-ġenituri: It-tfal jiddiskutu flimkien magħkom ir-regoli li għandhom l-iskola, id-dar, mal-ħbieb, fuq il-bandli, u dik l-imġiba li għandhom juru f'dawn il-postijiet. Jistgħu jiktbu r-regoli u l-konsegwenzi ta' meta jobdu dawn ir-regoli.*

| | |
|---|---|
| **L-ISKOLA** | META NOBDI R-REGOLI...<br><br>NISTENNA LI... |
| **ID-DAR** | META NOBDI R-REGOLI...<br><br>NISTENNA LI... |
| **MAL-ĦBIEB** | META NOBDI R-REGOLI...<br><br>NISTENNA LI... |
|  |  |

# Attività 2: Żigu jaħfer lil Ċika

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu għaliex huwa importanti li jaħfru lill-oħrajn għall-iżbalji tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi għaliex huwa importanti li naħfer lill-oħrajn meta jagħmlu żball.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *poster*, *markers*, karti, folja t'attività 'Il-maħfra'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok fl-istorja?
- Fejn marret Ċika mal-ġenituri? X'marru jagħmlu?
- X'sabet Ċika fil-ġnien?
- X'kienet ir-regola ta' omm Ċika?
- Għalfejn taħseb li Ċika ma obditx ir-regola ta' ommha?
- X'ġara meta Żigu beda jiekol il-faqqiegħ?
- X'għamlet Ċika wara li qam Żigu?

4. Introduċi t-topik tal-attività u ħeġġeġ lill-istudenti jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet:

- Xi tfisser li wieħed jaħfer?
- Kif tħossok wara li taħfer lil xi ħadd?

5. L-istudenti jiktbu fuq ġrajja personali fejn ħafru lil xi ħadd jew xi ħadd ħafrilhom. Ħalli lill-istudenti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom. Jistgħu jpenġu din il-ġrajja



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri igħidulhom dwar ġrajja personali f'ħajjithom fejn ħafru lil xi ħadd. Jistgħu jiktbu jew ipenġu l-istorja fuq il-folja t'attività.

## IL-MAĦFRA




*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal ġrajja personali f'ħajjitkom fejn ħfirtu lil xi ħadd. It-tfal jiktbu jew ipenġu l-istorja hawn taħt.*





# Attività 3: Ċika titlob skuża

## L-Għan tat-Tagħlim

Jitolbu skuża għall-iżbalji tagħhom u jieħdu responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Inkun responsabbli għal dak li nagħmel u nitlob skuża għall-iżbalji tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', flixkun, pakket ħelu, ftit lapsijiet jew *biros*, folja t'attività 'Jiddispjaċini meta…'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jipproċessaw l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok fl-istorja?
- Fejn marret Ċika mal-ġenituri? X'marru jagħmlu?
- X'sabet Ċika fil-ġnien?
- X'kienet ir-regola ta' omm Ċika?
- Għalfejn taħseb li Ċika ma obditx ir-regola ta' ommha?
- X'ġara meta Żigu beda jiekol il-faqqiegħ?
- Kif ħassitha Ċika malli fehmet x'kien ġara?
- X'għamlet Ċika?

4. Iddiskuti mal-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli kellkom titolbu skuża lil xi ħadd?
- Xi tfisser meta tgħid 'skużani', 'jiddispjaċini' jew '*sorry*'?
- Tistgħu tagħtu eżempju tal-aħħar darba li kellkom titolbu skuża lil xi ħadd?

5. Uri lill-istudenti 'l-flixkun tal-apoloġija', xi ħaġa li tgħinna meta rridu nitolbu skuża lil xi ħadd. Biex tagħmel wieħed, għandek bżonn flixkun, pakkett ħelu, u ftit lapsijiet jew *biros*. Meta xi ħadd jixtieq jitlob skuża għal żball li għamel, jista' jikteb l-apoloġija tiegħu, jorbot il-karta ma' ħelwa, u jpoġġiha fil-flixkun. Darba fil-ġimgħa, it-tfal jistgħu jaqraw l-apoloġiji kollha flimkien. Jekk ikun hemm apoloġija għal student partikolari, dak l-istudent jista' jieħu l-ħelwa. Huwa importanti li l-għalliema wkoll jitfgħu xi ħelu fil-flixkun ħalli b'hekk l-istudenti jirrealizzaw ukoll li kulħadd jagħmel l-iżbalji.



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri tagħhom, it-tfal jimlew l-folja t'attività 'Jiddispjaċini meta...". Jaħsbu f'xi mġiba ħażina li wrew, u jiktbu kif jistgħu jieħdu responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom.

## JIDDISPJAĊINI META…

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jimlew din il-folja t'attività. Jistgħu jaħsbu f'xi mġiba ħażina li wrew, u jiktbu kif jistgħu jieħdu responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom.*

| | |
|---|---|
| **JIDDISPJAĊINI META…** | **IMMA NISTA' NSOLVI S-SITWAZZJONI U NIEĦU RESPONSABBILTÀ TA' DAK LI GĦAMILT BILLI…** |
| **JIDDISPJAĊINI META…** | **IMMA NISTA' NSOLVI S-SITWAZZJONI U NIEĦU RESPONSABBILTÀ TA' DAK LI GĦAMILT BILLI…** |
| **JIDDISPJAĊINI META…**  | **IMMA NISTA' NSOLVI S-SITWAZZJONI U NIEĦU RESPONSABBILTÀ TA' DAK LI GĦAMILT BILLI…**  |

**Checklist għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ____________________<br><br>Data: ____________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3: Ikkonsolidata |

**Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 2 Nibnu u nżommu relazzjonijiet b’saħħithom***.

| **2. NIBNU U NŻOMMU RELAZZJONIJIET B’SAĦĦITHOM** | |
|---|---|
| **2.1. RELAZZJONIJIET B’SAĦĦITHOM** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **2.1.1. Nagħmlu u nżommu l-ħbieb** | |
| 2.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jidentifika strateġiji biex isostni relazzjonijiet pożittivi ma’ sħabu | |
| 2.1.1.I. L-istudent kapaċi jagħmel lista ta’ strateġiji biex imur tajjeb mal-oħrajn | |
| 2.1.1.A. L-istudent kapaċi jidentifika sitwazzjonijiet fejn il-ħbiberija tkun qiegħda f’riskju | |
| **2.1.2. L-imġiba prosoċjali** | |
| 2.1.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika ħbieb mingħand min jista’ jitlob għajnuna | |
| 2.1.2.I. L-istudent kapaċi jisma’ sew dak li jgħidu l-oħrajn sabiex jagħraf l-bżonnijiet tagħhom | |
| 2.1.2.A. L-istudent kapaċi jħares il-bżonnijiet ta’ ħaddieħor | |
| **2.1.3. Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola** | |
| 2.1.3.B. L-istudent kapaċi jifhem u jirrispetta differenzi fost it-tfal | |
| 2.1.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika mġiba li tirrifletti preġudizzju | |
| 2.1.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika u japprezza d-differenzi kulturali fil-ħbiberiji | |
| **2.2. IL-KOOPERAZZJONI, L-EMPATIJA U L-ĦSIEB MORALI** | |
| **2.2.1. Naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu bħala tim** | |
| 2.2.1.B. L-istudent kapaċi jaħdem flimkien ma’ studenti oħra fuq biċċa xogħol | |
| 2.2.1.I. L-istudent kapaċi jaħdem flimkien mal-oħrajn għal għan komuni | |
| 2.2.1.A. L-istudent kapaċi japprezza l-importanza li jaħdem fi grupp b’mod kollaborattiv | |
| **2.2.2. L-empatija** | |
| 2.2.2.B. L-istudent kapaċi jagħraf kif qed iħossu xi ħadd ieħor | |
| 2.2.2.I. L-istudent kapaċi jagħraf kif l-emozzjonijiet ta’ ħaddieħor jistgħu jaffettwaw l-emozzjonijiet u l-imġiba tiegħu/tagħha | |

[1] B = Bażiku livell, I = livell Intermedju, A = livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| 2.2.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet ta' tfal immigranti jew refuġjati | |
| **2.2.3. L-imġiba etika, responsabbli u morali** | |
| 2.2.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika r-raġunijiet għaliex huwa importanti li jobdi r-regoli | |
| 2.2.3.I. L-istudent kapaċi jiddeskrivi għaliex huwa importanti li jaħfer lill-oħrajn għall-iżbalji tagħhom | |
| 2.2.3.A. L-istudent kapaċi jitlob skuża għall-iżbalji tiegħu u jieħu responsabbiltà għall-azzjonijiet tiegħu | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent:

Il-bżonnijiet tal-istudent:

Għanijiet għal titjib:

***Checklist* għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nnifisha**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ______________________________<br>Data: ____________________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| | | |
|---|---|---|
| **NIBNU U NŻOMMU RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM – RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM** | | |
| **Nagħmlu u nżommu l-ħbieb** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Jien nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi nsemmi modi ta' kif inżomm relazzjonijiet tajbin ma' sħabi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħmel lista ta' kif nista' mmur tajjeb mal-oħrajn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi sitwazzjonijiet li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ħbiberija | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **L-imġiba prosoċjali** | | |
| Jien kapaċi nagħmel lista ta' ħbieb mingħand min nista' nitlob l-għajnuna | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nisma' lil sħabi sew biex inkun nista' nifhem x'ikollhom bżonn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nħares il-bżonnijiet ta' ħaddieħor | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola** | | |
| Jien kapaċi nirrispetta tfal li huma differenti minni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika mġiba li turi li jista' jkolli idea żbaljata fuq xi ħadd | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf u napprezza differenzi fil-ħbiberija | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBNU U NŻOMMU RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM – IL-KOOPERAZZJONI, L-EMPATIJA U L-ĦSIEB MORALI** | | |
| **Il-kooperazzjoni, l-empatija u l-ħsieb morali** | | |
| Jien kapaċi naħdem ma' persuna oħra fuq biċċa xogħol | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naħdem bħala tim biex nagħmlu xi ħaġa flimkien | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi nagħraf li l-kooperazzjoni hija importanti għall-ħbiberija | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **L-empatija** | | |
| Jien kapaċi nagħraf kif qed iħossu xi ħadd ieħor | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li l-emozzjonijiet tal-oħrajn jistgħu jaffettwaw dak li nħoss u nagħmel | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet ta' tfal li ġew minn pajjiżi oħrajn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **L-imġiba etika, responsabbli u morali** | | |
| Jien kapaċi nsemmi r-raġunijiet għaliex huwa importanti li nobdi r-regoli | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi għaliex huwa importanti li naħfer lill-oħrajn meta jagħmlu żball | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nkun responsabbli għal dak li nagħmel u nitlob skuża għall-iżbalji tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb f'din il-ħaġa……**

# TEMA 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva

## Sottotema 1 Ħsieb pożittiv u ottimistiku

TOPIK 1 — Ħsieb pożittiv u negattiv

TOPIK 2 — Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar

TOPIK 3 — Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi

## Sottotema 2 Emozzjonijiet pożittivi

TOPIK 1 — It-tama

TOPIK 2 — Il-kuntentizza

TOPIK 3 — L-umoriżmu

# SOTTOTEMA 1
# Ħsieb pożittiv u ottimistiku

L-ewwel sottotema tiffoka fuq l-iżvilupp ta' ħsieb pożittiv u ottimistiku, speċjalment quddiem l-isfidi. Permezz tal-attivitajiet, l-istudenti għandhom l-opportunità jaħsbu b'mod ottimist, jirriflettu fuq xi ħsibijiet negattivi tagħhom u mbagħad jiġġieldu kontra dawn il-ħsibijiet negattivi. Dawn huma ħiliet li t-tfal għandhom bżonn sabiex jegħlbu l-isfidi li jiltaqgħu magħhom b'attitudni pożittiva (Seligman, 2011; Noble & McGrath, 2008). L-ewwel topik 'Ħsieb pożittiv u negattiv' jintroduċi lit-tfal għall-ħsibijiet pożittivi u negattivi b'modi differenti. It-tfal iżgħar jitgħallmu jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha tal-ħajja bl-għajnuna tal-karattri Sinjura Xemx u Sinjur Dlam. Tfal ikbar imbagħad jitgħallmu jiddistingwu bejn, jirriflettu fuq, u jużaw stil ta' ottimist u stil pessimist. Min jaħseb b'mod pessimist għandu tendenza jaħseb li s-sitwazzjoni ħażina ġrat għax tort tiegħu, li ser tibqa' hemm u tibqa' taffettwalhom ħajjithom, u li tinfluwenza partijiet oħra ta' ħajjithom ukoll. Min-naħa l-oħra, min jaħseb b'mod ottimist jifhem li s-sitwazzjoni ħażina jista' jkollha kawża oħra li mhux bil-fors tkun taħt il-kontroll tagħhom, li s-sitwazzjoni hija temporanja, u speċifika iktar milli mifruxa fl-oqsma kollha tal-ħajja tagħhom (Seligman, 1998).

Fit-tieni topik, 'Tajjeb li nkunu pożittivi!', it-tfal jibdew jifhmu kif attitudni pożittiva jista' jkollha effett pożittiv fuq l-emozzjonijiet u l-imġiba tagħhom. Tfal iżgħar jibdew jifhmu li jistgħu jħossuhom aħjar meta jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew jagħmlu xi ħaġa li jieħdu pjaċir jagħmlu. Tfal ikbar jitgħallmu kif il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-imġiba huma marbuta ma' xulxin, u bidla fil-ħsieb tagħhom tista' tikkawża bidla fl-emozzjonijiet u l-imġiba. Fl-aħħar topik 'Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi' t-tfal jiżviluppaw strateġiji differenti ta' kif jistgħu jiġġieldu kontra l-ħsibijiet u t-twemmin negattiv tagħhom. Peress li dan jista' jkun diffiċli għal tfal żgħar ħafna, l-attivitajiet tas-snin bikrin u s-snin bikrin tal-primarja jiffokaw iżjed fuq *positive tracking* fejn it-tfal jiġu mistiedna jsemmu l-affarijiet is-sbieħ u pożittivi (Noble & McGrath, 2008). Tfal ikbar huma mħeġġa jaħsbu fuq *positive self-affirmations*, bħal per eżempju 'Jien qalbi tajba', 'Jien inħobb ngħin', bħala mod ta' kif jiġġieldu ħsibijiet negattivi. It-tfal huma mħeġġa wkoll jaħsbu fuq il-problemi b'mod pożittiv, flessibbli u differenti.

**TOPIK 1** **ĦSIEB POŻITTIV U NEGATTIV**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAGĦRFU KIF MIN IĦARES LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA U MIN IĦARES LEJN IN-NAĦA L-KERHA JĠIBU RUĦHOM FL- ISFIDI.
- JIDDISTINGWU BEJN ĦSIEB POŻITTIV U ĦSIEB NEGATTIV FL-ISFIDI.
- JAQSMU ĦSIEB POŻITTIV FI TLIET PARTIJIET (MHUX JIEN/ MHUX DEJJEM/ MHUX KOLLOX).

**TOPIK 2** **NAĦSBU B'MOD POŻITTIV, INĦOSSUNA AĦJAR**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAGĦFRU KIF QED IĦOSSUHOM WARA LI ĦARSU LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA.
- JIDENTIFIKAW L-EMOZZJONIJIET U L-AZZJONIJIET LI JIĠU WARA ĦSIEB POŻITTIV.
- JIDENTIFIKAW L-EMOZZJONIJIET U L-AZZJONIJIET LI JIĠU WARA ĦSIEB POŻITTIV.

**TOPIK 3** **NIĠĠIELDU KONTRA L-ĦSIBIJIET NEGATTIVI**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW SENTENZA POŻITTIVA LI TGĦINHOM JIĠĠIELDU ĦSIBIJIET NEGATTIVI.
- JIDENTIFIKAW MODI TA' KIF JIĠĠIELDU ĦSIEB NEGATTIV.
- JIDENTIFIKAW ĦSIEB NEGATTIV U SENTENZA POŻITTIVA LI TMUR KONTRIEH.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. It-tfal jiżviluppaw l-attitudni tagħhom lejn il-ħajja billi josservaw l-attitudni tan-nies ta' madwarhom. Għalhekk għinhom jaħsbu b'mod pożittiv billi inti stess turi attitudni pożittiva lejn il-ħajja.

2. Ipprova inkludi l-ħsieb ottimistiku bħala parti mir-rutina ta' kuljum tal-klassi. Tista' tagħmel dan billi tieħdu brejk ta' ħames minuti u tkantaw u tiżfnu ma' diska ferriħija. Jekk ikollkom ħin fl-aħħar tal-ġurnata, ħeġġeġ lit-tfal jaħsbu fl-isbaħ ħaġa li ġrat f'dik il-ġurnata u jaqsmuha mal-oħrajn. Tista' anke tistaqsihom fuq l-isbaħ ħaġa li kellhom dik il-ġimgħa, x'qed jistennew l-iktar mill-ġurnata li jmiss, eċċ.

3. Meta tiġri xi ħaġa negattiva u l-istudenti jibdew iħossuhom ħażin, għinhom jiffokaw fuq dak li qed jgħidilhom moħħhom biex jaraw jekk il-ħsibijiet tagħhom jistgħux ikunu iktar pożittivi.

4. Meta taqraw xi stejjer jew taraw xi film, għin lill-istudenti jevalwaw il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet, u l-azzjonijiet tal-karattri. Jistgħu anke jagħmlu sekwenza *Ħsieb-> Emozzjoni-> Azzjoni* wara l-istorja jew il-film.

5. Bħala attività fil-klassi, l-istudenti jistgħu jaħsbu fi *slogan* li jistgħu jiftakru meta jkunu għaddejjin minn sfida. Fakkar lill-istudenti bis-*slogan* meta jkunu qed iħarsu lejn in-naħa l-kerha.

# Topik 1 Ħsieb pożittiv u negattiv

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jagħrfu kif min iħares lejn in-naħa s-sabiħa u min iħares lejn in-naħa l-kerha jġibu ruħhom fl-sfidi. |
| Jiddistingwu bejn ħsieb pożittiv u ħsieb negattiv fl-isfidi. |
| Jaqsmu ħsieb pożittiv fi tliet partijiet (Mhux jien/ Mhux dejjem/ Mhux kollox). |

## Attività 1: L-Għolja tal-Istilel

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu kif min iħares lejn in-naħa l-kerha u min iħares lejn in-naħa s-sabiħa jirrispondu għall-isfidi.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf kif min iħares lejn in-naħa l-kerha u min iħares lejn in-naħa s-sabiħa  jara l-isfidi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'X'nista' nagħmel meta tiġri xi ħaġa ħażina?'



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**L-Għolja tal-Istilel**

**Meta l-annimali tal-ġnien jagħlqu tliet snin, l-għalliema kienu joħduhom għal mixja fil-kampanja u mbagħad jitilgħu l-Għolja tal-Istilel. L-Għolja tal-Istilel kienet l-ikbar għolja u kienet diffiċli biex titla' din l-għolja sa fuq nett. Din is-sena kien imiss lil Żigu biex jitla' l-għolja. Imma Żigu beda jibża'. Xi annimali kienu jaqbdu miegħu għax kellu kulur differenti mill-iskwirils l-oħrajn u ma tantx kien jinqala' biex jiġbor il-ġewż. L-annimali l-oħra ma kinux jemmnu li Żigu kien kapaċi jitla' l-għolja. "U nti skwiril daqs nitfa!" kienu jgħidulu bid-daħqa, "qatt mhu se jirnexxielek tasal sa fuq nett! M'inti tajjeb!" Żigu kien iħossu mdejjaq ħafna li l-annimali kienu jgħidu dawn l-affarijiet fuqu u kien jibki. Xi kultant hu stess beda jemmen dak li kienu jgħidulu l-annimali li hu mhu kapaċi jagħmel xejn!**

**Meta wasal il-ħin biex Żigu jitla' l-għolja, beda jaħseb fuq dak li qalu l-annimali l-oħra fuqu. "Jien mhux se jirnexxili nitla' din l-għolja," qal Żigu. "L-annimali kellhom raġun. Jien qatt mhu se jirnexxieli nitla' sa fuq nett." U dar lura. L-għada Żigu reġa' prova jitla' l-għolja. Imma x'ħin wasal fin-nofs, reġa' għajja. "Jien mhux se jirnexxieli nitla' din l-għolja," qal Żigu. "L-annimali kellhom raġun. Jien qatt mhu se jirnexxieli nitla' sa fuq nett." U dar lura. L-għada Żigu staqsa lill-ħabiba tiegħu Ċika biex titla' l-għolja miegħu. Imma x'ħin wasal fin-nofs, reġa' għajja. "Jien mhux se jirnexxieli nitla' din l-għolja," qal Żigu. "Jien qatt mhu se jirnexxieli" Waqt li Żigu kien se jerġa' jdur lura, sema' l-vuċi ta' Ċika. "Se jirnexxilek Żigu," qaltlu Ċika. Żigu kien għajja ħafna. Kellu ħafna ġuħ. U kien qed iħoss ħafna bard. Imma Żigu beda tiela' u tiela'...u baqa' tiela'! "Se jirnexxili," beda jgħid Żigu ma' kull pass. Fl-aħħar, Ċika u Żigu telgħu sa fuq nett. Żigu kien tassew kuntent! "Irnexxieli Ċika!" qal Żigu, b'daħqa fuq wiċċu. "Jien MINIEX biss skwiril żgħir daqs nitfa...irnexxieli nitla' l-għolja sa fuq nett!" Ċika u Żigu ċċelebraw il-*birthday* ta' Żigu fuq il-quċċata tal-għolja waqt li jħarsu lejn ix-xemx nieżla. U talli Żigu rnexxielu jitla' l-għolja, Ċika tatu *badge* speċjali.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġbitkom l-istorja? Liema parti għoġbitkom l-iktar?
- X'kienet il-problema ta' Żigu?
- X'ħaseb Żigu għall-ewwel?
- Fil-bidu tal-istorja Żigu beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Żigu jħossu differenti mill-iskwirils l-oħra. Kif nistgħu nħossuna differenti ħafna minn ħaddieħor? (eż: tfal li jkollhom kultura differenti, kulur tal-ġilda differenti eċċ. jistgħu jħossuhom differenti ħafna minn ħaddieħor.)
- F'dawn il-każijiet, it-tfal kif jistgħu jħarsu lejn l-isfidi tagħhom? Għin lit-tfal jirriflettu fuq jekk b'dak li qed jgħidu jkunux qed iħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha.

5. Staqsi lill-istudenti jifformaw ċirku. Introduċi l-karattri Sinjura Xemx (jew is-Sinjur Xemx) li tħobb tħares lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja u Sur Dlam (jew is-Sinjura Dlam) li jħares iktar lejn in-naħa l-kerha. Xi ftit mill-istudenti jilagħbu l-parti tas-Sinjura Xemx u xi oħrajn il-parti tas-Sur Dlam. Wara aqra dawn l-isfidi li ġejjin lill-istudenti u ħeġġiġhom jirreċtaw kieku kif il-karattru jġibu ruħhom :

- Is-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam jibdew skola ġdida iżda ma jafu lil ħadd.
- Is-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam jixtiequ jilagħbu ma' ħabiba imma ma tridx tħallihom jilagħbu magħha.
- Is-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam qegħdin fil-klassi imma l-għalliem ma jagħżilhomx biex ikantaw fir-reċta.
- Is-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam huma l-uniċi tfal fil-klassi li ma jafux jaqflu l-lazz.

Fl-aħħar staqsi lit-tfal:

- Kieku kellek tagħżel biex tkun bħas-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam, min tagħżel li tkun? Għalfejn?



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistaqsu lit-tfal biex isemmu ħaġa waħda li jistgħu jżommu f'moħħhom meta tiġri xi ħaġa ħażina. It-tfal jistgħu jpenġuha fuq il-folja t'attività.

# X'NISTA' NAGĦMEL META TIĠRI XI ĦAĠA ĦAŻINA?




*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal biex jirriflettu fuq dak li jistgħu jagħmlu meta tiġri xi ħaġa ħażina. X'jistgħu jagħmlu differenti biex ikunu iktar bħas-Sinjura Xemx, li tħobb tħares lejn in-naħa sabiħa tal-ħajja? Staqsihom biex jagħmlu tpenġija ta' dan fil-kaxxa.*





# Attività 2: Pożittiv negattiv

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddistingwu bejn ħsieb pożittiv u ħsieb negattiv quddiem l-isfidi.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħżel bejn ħsieb pożittiv u ħsieb negattiv meta niltaqa' ma sfida.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Is-Sinjura Xemx, is-Sur Dlam u l-lezzjoni tal-Matematika', folja t'attività 'Ħsibijiet pożittivi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 4 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet il-problema ta' Żigu?
- X'ħaseb Żigu għall-ewwel?
- Fil-bidu tal-istorja Żigu beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa jew il-kerha?
- X'għamel Żigu fl-aħħar?
- Min għenu jħares lejn in-naħa s-sabiħa?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Żigu jħossu differenti mill-iskwirils l-oħra. Kif nistgħu nħossuna differenti ħafna minn ħaddieħor? (eż: tfal li jkollhom kultura differenti, kulur tal-ġilda differenti eċċ.)
- F'dawn il-każijiet, it-tfal kif jistgħu jħarsu lejn l-isfidi tagħhom? Għin lit-tfal jirriflettu fuq jekk b'dak li qed jgħidu jkunux qed iħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew dik kerha.

5. Staqsi lill-istudenti jifformaw ċirku. Introduċi l-karattri Sinjura Xemx (jew is-Sinjur Xemx) li tħobb tħares lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja u Sur Dlam (jew is-Sinjura Dlam) li jħares iktar lejn in-naħa l-kerha tal-ħajja. Spjega li s-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam għandhom lezzjoni tal-Matematika imma ma jħossuhomx tajbin fis-suġġett. Bl-użu tal-pupazzi, irreċta kieku x'jaħsbu u x'jagħmlu meta tkun se tasal il-lezzjoni.

6. Qassam il-folji t'attività. L-istudenti jistgħu jaħdmu f'pari biex jaħsbu fi ħsieb negattiv u fi ħsieb pożittiv għall-karattri. Fl-aħħar tal-attività, staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kieku inti xi ħsieb tagħżel? Għalfejn?
- X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' meta nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa u n-naħa l-kerha?



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jgħinu lit-tfal jaqraw il-ħsibijiet differenti ta' fuq il-folja t'attività. It-tfal ipenġu l-ħsibijiet pożittivi u jaqtgħu l-ħsibijiet negattivi.

# IS-SINJURA XEMX, IS-SUR DLAM U L-LEZZJONI TAL-MATEMATIKA

Is-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam jixtiequ jilagħbu mal-ħabiba tagħhom imma hi ma tridx tilgħab magħhom.

| **Inħarsu lejn in-naħa s-sabiħa** | **Inħarsu lejn in-naħa l-kerha** |
|---|---|
| **Is-Sinjura Xemx kieku taħseb:** | **Is-Sur Dlam kieku jaħseb:** |
| Ma jimpurtax!  | Uff!  |
| | |
| | |
| | |
| | |
|  |  |

## ĦSIBIJIET POŻITTIVI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaqraw il-ħsibijiet differenti t'hawn isfel u jidentifikaw liema huma pożittivi u liema huma negattivi. It-tfal jagħtu kulur lill-ħsibijiet pożittivi u jagħmlu X fuq il-ħsibijiet negattivi.*

**Jien ma jien tajjeb għal xejn!**

**L-aqwa li nagħti l-aħjar li nista'.**

**Jien ħabiba tajba.**

**Ma ġara xejn! Kulħadd jagħmel l-iżbalji.**

**L-għalliema qatt ma tagħżilni l-ewwel!**

**Jien tellief kbir!**





# Attività 3: L-intervista

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaqsmu ħsieb pożittiv fi tliet partijiet (Mhux Jien/ Mhux Dejjem/ Mhux Kollox).

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naqsam ħsieb pożittiv fi tliet partijiet (Mhux Jien/ Mhux Dejjem/ Mhux Kollox).

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', mikrofonu, folja t'attività 'Mhux dejjem'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 4 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet il-problema ta' Żigu?
- X'ħaseb Żigu għall-ewwel?
- Fil-bidu tal-istorja Żigu beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha?
- X'għamel Żigu fl-aħħar?
- Min għenu jħares lejn in-naħa s-sabiħa?
- Żigu kif beda jħossu fl-aħħar tal-logħba?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Żigu jħossu differenti mill-iskwirils l-oħra. Kif nistgħu nħossuna differenti ħafna minn ħaddieħor? (eż: tfal li jkollhom kultura differenti, kulur tal-ġilda differenti eċċ. )
- It-tfal kif jistgħu jaħsbu quddiem dawn l-isfidi? B'dak li qed jgħidu, għin lill-istudenti jidentifikaw jekk humiex qed iħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha.

- X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa u nħarsu lejn in-naħa l-kerha?
- Kif nistgħu nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa fl-isfidi li semmejtu?

5. Staqsi lill-istudenti jifformaw ċirku. Introduċi l-karattri Sinjura Xemx (jew is-Sinjur Xemx) li tħobb tħares lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja u Sur Dlam (jew is-Sinjura Dlam) li jħares iktar lejn in-naħa l-kerha tal-ħajja. Ħalli lill-istudenti jsiru familjari mal-pupazzi.

6. Għid lill-istudenti li wieħed wieħed se jilbsu l-pupazz tas-Sinjura Xemx, jidħlu fir-rwol u jkollhom sfida. L-għalliem jew student ieħor mill-klassi jintervista lis-Sinjura Xemx fuq kif se tibqa' tħares lejn in-naħa s-sabiħa quddiem l-isfida li jkollha. L-istudenti jipprovaw jużaw dawn it-tliet punti differenti (Mhux Jien/ Mhux Dejjem/ Mhux Kollox) biex jgħinuhom iħarsu lejn in-naħa s-sabiħa. Dawn huma xi sfidi li tista' tagħti lill-istudenti:

- Is-Sinjura Xemx tintagħżel l-aħħar meta jagħżlu t-timijiet għal-logħba
- Il-papà tas-Sinjura Xemx nesa jmur għaliha l-iskola
- L-istudenti l-oħra qed ipenġu stampa u s-Sinjura Xemx għandha bżonn l-għajnuna tal-għalliema
- Xi ħadd fil-klassi tas-Sinjura Xemx għajjarha kemm hi qasira
- L-iskola, l-għalliem tas-Sinjura Xemx staqsietha biex tilgħab logħba imma mhux qed tifhem xi trid tagħmel
- L-għalliema tas-Sinjura Xemx għajtet magħha fuq xi ħaġa li m'għamlitx



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistaqsu lit-tfal biex jagħżlu sfida li għaddew minnha jew ħsieb negattiv li kellhom, bħal 'it-tfal l-oħra dejjem jaqbdu miegħi', 'qatt ma nġib marka tajba fil-*homework*', 'sħabi tal-klassi qatt ma jsaqsuni biex nilgħab magħhom', eċċ. Il-ġenituri jgħinu lit-tfal jirriflettu fuq din l-isfida u jiżviluppaw ħsibijiet iktar pożittivi, bħal per eżempju li dak li ġralhom mhux dejjem jiġri (MHUX DEJJEM). It-tfal jaħsbu f'dawk id-drabi fejn xi ħaġa differenti ġrat eż: drabi fejn sħabhom saqsewhom biex jilagħbu, jew drabi fejn ġabu marka tajba fix-xogħol li għamlu.

## MHUX DEJJEM

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal biex jagħżlu sfida li għaddew minnha jew ħsieb negattiv li kellhom, bħal 'it-tfal l-oħra dejjem jaqbdu miegħi', 'qatt ma nġib marka tajba fil-*homework*', 'sħabi tal-klassi qatt ma jsaqsuni biex nilgħab magħhom'. Għinu lit-tfal jirriflettu fuq din l-isfida u jiżviluppaw ħsibijiet iktar pożittivi, bħal per eżempju li dak li ġralhom mhux dejjem jiġri (MHUX DEJJEM). It-tfal jaħsbu f'dawk id-drabi fejn xi ħaġa differenti ġrat eż: drabi fejn sħabhom saqsewhom biex jilagħbu jew drabi fejn ġabu marka tajba fix-xogħol li għamlu.*

---

**Aħseb fi sfida li għaddejt minnha (per eżempju, sħabek ma ħallewkx tilgħab magħhom).**

**L-isfida tiegħi:**

...........................................................

**Minn dejjem kienet hekk? Dejjem jiġri hekk? Semmi xi drabi fejn din ma ġratx.**

...........................................................................................

...........................................................................................

...........................................................................................

...........................................................................................

...........................................................................................

...........................................................................................





# Topik 2 Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
| --- |
| Jidentifikaw kif qed iħossuhom wara li ħarsu lejn in-naħa s-sabiħa. |
| Jidentifikaw l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv. |
| Jidentifikaw l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv. |

## Attività 1: L-affarijiet il-favoriti tiegħi

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw kif qed iħossuhom wara li ħarsu lejn in-naħa s-sabiħa.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf kif inħossni wara li nħares lejn in-naħa s-sabiħa.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-kanzunetta 'My Favourite Things' mill-film 'The Sound of Music', żebgħa, kartonċina kbira, folja t'attività 'Kif inħossni meta nħares lejn in-naħa s-sabiħa?', folja t'attività 'Xi ftit mill-affarijiet favoriti tiegħi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-kompetizzjoni fil-ġnien**

**Meta kienet titla' x-xemx, l-annimali kienu jieħdu gost jilagħbu logħba speċjali fil-ġnien. Kull annimal kellu jiġbor il-ġewż kollu tal-ġnien. L-annimal li kien jiġbor l-iktar ġewż kien jirbaħ! Żigu kien eċitat ħafna dwar din il-logħba. Hu kien skwiril. U kulħadd jaf li l-iskwirils huma tajbin ħafna biex jiġbru l-ġewż. Imma Żigu kien differenti. Il-mamà u l-papà tiegħu u ħuh kienu kollha tajbin biex jiġbru l-ġewż imma Żigu ma kienx hekk. Żigu beda jaħseb li se jitlef u kulħadd se jidħaq bih. Iżda Żigu xorta waħda ħa sehem fil-logħba, u fl-aħħar poġġa u beda jgħodd il-ġewż li ġabar. "Waħda, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa!" "Uff!", ħaseb Żigu, "Xi DWEJJAQ! Jiena skwiril u lanqas biss naf niġbor il-ġewż! Jien TELLIEF kbir! Jien QATT ma nirbaħ logħba!"**

**Żigu tant ħassu mdejjaq li mar fuq ġebla jibki. Ħassu differenti ħafna mill-annimali l-oħra. Imbagħad ġiet Ċika ħdejh. "X'ġara Żigu?", qalet Ċika. "Jien mhu tajjeb għalxejn Ċika. Jien skwiril u anqas biss jien kapaċi niġbor il-ġewż!" "Żigu", qalet Ċika. "Nifhem kif qed tħossok. Jien ukoll m'iniex eżatt bħall-qniefed l-oħra – għandi xi xewk imkisser. Imma li tkun differenti hija xi ħaġa tajba Żigu. Kulħadd huwa differenti u speċjali bil-mod tiegħu! Għidli ftit, fiex iktar inti tajjeb?" "Issa sirt tajjeb ħafna biex nitla' l-għoljiet! U naħseb li jien ħabib tajjeb. U għadni skwiril żgħir Ċika. Forsi la nikber, niġbor iktar ġewż". Wara li beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa, Żigu beda jħossu daqsxejn aħjar. Fl-aħħar tal-ġurnata, Ċika u Żigu marru *party* fil-ġnien u kielu l-ġewż kollu li ġabru. Żigu kien kuntent li ġabar biss ħames ġewżiet. Għax żaqqu ma felħitx għal iktar!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'beda jaħseb Żigu meta tilef il-logħba ?
- Beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha?
- Kif beda jħossu mbagħad?
- X'għamel meta ħaseb u ħassu hekk?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Agħtuni eżempju ta' ħsieb negattiv fi sfida. Kif taħsbu li tħossukom wara li taħsbu hekk?
- Agħtuni eżempju ta' ħsieb pożittiv fi sfida. Kif taħsbu li tħossukom wara li taħsbu hekk?

5. Biex tintroduċi l-attività, stieden lill-istudenti biex ikantaw u jżfnu mal-kanzunetta *'My Favourite Things'* mill-film '*The Sound of Music*'.

6. Stieden lill-istudenti biex ipoġġu f'ċirku u staqsihom jaqsmu l-affarijiet il-favoriti tagħhom. Staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Qed inħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha hekk?
- Kif tħossok wara li ħarisna lejn in-naħa s-sabiħa?

7. Staqsi lill-istudenti biex ipenġu x'qed iħossu f'ġisimhom wara li ħasbu fuq l-affarijiet favoriti tagħhom fuq il-folja t'attività.

8. Flimkien mal-istudenti, oħloq *poster* li juri r-relazzjoni bejn ħsibijiet pożittivi u l-emozzjonijiet tagħna. Iktbu jew penġu l-affarijiet favoriti fuq nett u weħħel il-folji t'attività tal-istudenti taħt. Il-*poster* jista' jitweħħel fil-klassi.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistaqsu lit-tfal biex isemmu ftit mill-affarijiet favoriti tagħhom fuq l-iskola u jpenġuhom fuq il-folja t'attività. Wara l-attività, l-istudenti jpenġu kif qed iħossuhom fil-wiċċ li hemm fuq il-folja.

# KIF INĦOSSNI META NĦARES LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA?










## *XI FTIT MILL-AFFARIJIET FAVORITI TIEGĦI*




*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal isemmu xi affarijiet favoriti fuq l-iskola u jpenġuhom hawn isfel:*

*Lill-ġenituri: Issa staqsuhom ipenġu kif qed iħossuhom fuq dan il-wiċċ:*







# Attività 2: L-iskola ġdida ta' Ċika

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jiġu wara ħsieb pożittiv.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', lapsijiet ikkuluriti, kuluri, *markers*, folja t'attività 'Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ta' Żigu'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'beda jaħseb Żigu meta tilef il-logħba ?
- Beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha?
- Kif beda jħossu mbagħad?
- X'għamel meta ħaseb u ħassu hekk?
- Min għenu jħares lejn in-naħa s-sabiħa?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ikteb is-sekwenza ħsibijiet→ emozzjonijiet → azzjonijiet fuq il-*board* u staqsi lill-istudenti x'kienu l-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' Żigu fl-istorja.

- Agħti eżempji ta’ ħsieb negattiv jew ħsieb pożittiv fi sfida. Kif taħsbu li tħossok wara li taħseb hekk? X’jista’ jiġri wara li taħseb hekk? (Ikteb l-ideat tal-istudenti f’forma ta’ sekwenza sabiex l-istudenti jifhmu r-relazzjoni ta’ bejn it-tlieta).

5. Irreċta l-parti ta’ Ċika bl-użu tal-pupazz. Ċika daqt se tibda skola ġdida imma qed tipprova tħares lejn in-naħa s-sabiħa. Xi ħsibijiet li għaddejjin minn moħħha huma: “Se jkolli għalliema ġdida. Naħseb se tkun owkej. Naħseb se nagħmel ħbieb ġodda wkoll. Nista’ nurihom il-logħba li kont inħobb nilgħab l-iskola ta’ qabel. Naħseb se togħġobhom!” Staqsihom ‘Kif taħsbu li se tħossha Ċika wara li tħares lejn in-naħa s-sabiħa?’ Imbagħad staqsihom ‘Kif se tkun il-ġurnata ta’ Ċika jekk tħares lejn in-naħa s-sabiħa?’

6. Flimkien agħmlu *poster* tal-ewwel ġurnata tal-iskola ta’ Ċika: xi ħsibijiet pożittivi żammet f’moħħha, u l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li ġew wara bl-użu ta’ kliem, stampi u tpenġijiet.



### *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja t’attività, it-tfal ipenġu ċirku aħmar madwar il-ħsibijiet u ċirku aħdar madwar l-emozzjonijiet.

## IL-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET TA' ŻIGU

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħrfu liema huma l-ħsibijiet u liema huma l-emozzjonijiet. It-tfal iridu jpenġu ċirku aħmar madwar il-ħsibijiet u ċirku aħdar madwar l-emozzjonijiet.*

---

"Jien qatt ma nagħmel xejn tajjeb."

"L-għalliem qatt ma jagħżilni biex nieħu sehem fil-lezzjoni!"

ferħan

"Jien qalbi tajba."

"Jien tajjeb niex ngħin lill-oħrajn."

"Dejjem nipprova nagħmel mill-aħjar l-iskola."

imdejjaq

irrabjat





# Attività 3: Irreċtaha!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-*cards* tar-reċti' (kull sitwazzjoni maqtugħa għaliha), folja t'attività 'Xi jmiss għal Ċika?'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'beda jaħseb Żigu meta tilef il-logħba ?
- Kif beda jħossu minħaba f'hekk?
- X'għamel meta ħaseb u ħassu hekk?
- Min għenu jħares lejn in-naħa s-sabiħa?
- Kif beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ikteb is-sekwenza Ħsibijiet→ Emozzjonijiet→ Azzjonijiet fuq il-*board*. Spjega lill-istudenti li waqt sfida, il-ħsibijiet tagħna se jaffettwaw kif inħossuna u dak li nagħmlu. F'din l-istorja, x'kienet l-isfida ta' Żigu? X'beda jgħidlu moħħu? X'għamel minħabba l-ħsibijiet tiegħu?

- X'tipi ta' sfidi jistgħu jgħaddu minnhom l-istudenti l-iskola? Kif nistgħu nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa? Il-ħsibijiet pożittivi kif jistgħu jaffettwaw l-emozzjonijiet tagħna? U l-azzjonijiet tagħna?

5. Poġġi l-*cards* tar-reċti wiċċhom 'l isfel fin-nofs. Wieħed mill-istudenti jagħżel *card* u jirreċta s-sitwazzjoni ta' fuq il-*card* u l-ħsibijiet pożittivi li jista' jużа f'din is-sitwazzjoni. Wara r-reċta, iddiskuti s-sitwazzjoni billi flimkien mal-istudenti taraw x'emozzjonijiet u azzjonijiet jistgħu jiġu wara l-ħsibijiet pożittivi li ssemmew.



### Attività għad-Dar

Fuq il-folja t'attività, it-tfal iqabblu l-ħsibijiet ta' Ċika mal-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' wara.

# IL-*CARDS* TAR-REĊTI




- **Waqt il-brejk, tilgħab logħba ma' sħabek. Meta titlef sħabek iwaqqgħuk għaċ-ċajt.**
- **Qiegħed/qiegħda waqt lezzjoni tal-Ingliż u ma fhimtx ix-xogħol li tatkom l-għalliema. Qed tibża' tgħidilha li ma fhimtx.**
- **Tixtieq tintgħażel biex tieħu sehem fil-*play* tal-iskola imma lil ħabibtek jagħżluha biex tkanta u lilek ma jagħżlukx.**
- **Xi ħbieb mill-klassi tiegħek se jagħmlu *sleepover* imma int u xi ftit mill-ħbieb tiegħek m'intomx mistednin.**
- **Inti għadek kif bdejt tattendi skola ġdida. Kulħadd fil-klassi tiegħek iħobb jilgħab bil-karti tal-logħob. Inti qatt ma lgħabt b'dawn il-karti fl-iskola li kont tmur qabel. Qed tħossha diffiċli tagħmel il-ħbieb.**
- **Għadek kif bdejt sena skolastika ġdida imma ma taf lil ħadd fil-klassi tiegħek.**





# XI JMISS GĦAL ĊIKA?

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal iqabblu l-ħsibijiet mal-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jirriżultaw wara l-ħsibijiet.*

---

"Meta naqsam dak li għandi mal-oħrajn nista' nagħmel ħbieb ġodda."

"Meta ma nifhimx, nista' nistaqsi għall-għajnuna."

"Meta nagħmel l-iżbalji jfisser li jien m'iniex bravu."

Ċika tħossha kuraġġuża biex tistaqsi għall-għajnuna. Tgħolli jdejha u tistaqsi mistoqsija.

Ċika tħossha li mhi tajba għal xejn u li kulħadd aħjar minnha. Tieqaf taħdem il-*homework* għax taqta' qalbha.

Ċika taqsam il-ħelu ma' sħabha tal-klassi u huma jistidnuha tilgħab magħhom.





# Topik 3 Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jidentifikaw sentenza pożittiva li tgħinhom jiġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi tagħhom. |
| Jidentifikaw modi ta' kif jiġġieldu kontra ħsieb negattiv. |
| Jidentifikaw ħsieb negattiv u sentenza pożittiva li tmur kontrieh. |
| |

## Attività 1: Hakuna Matata

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw sentenza pożittiva li tgħinhom jiġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi tagħhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nibni sentenza pożittiva li tgħinni niġġieled kontra ħsibijiet negattivi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-kanzunetta 'Hakuna Matata' mill-film 'The Lion King', folja t'attività 'L-affarijiet is-sbieħ f'dan ix-xahar'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu jiġġieled il-ħsibijiet negattivi**

**Żigu u Ċika kienu jħobbu jilagħbu mal-ħbieb tagħhom fil-ġnien. Darba waħda Żigu vvinta logħba li kulħadd seta' jilgħab. L-annimali kellhom jiġbru t-tuffieħ kollu li waqa' mis-siġar. L-annimali li jkollhom l-ikbar numru ta' tuffieħ fil-qoffa jirbħu. L-annimali nqasmu f'żewġ timijiet: it-tim ta' Tuta l-kelba u t-tim ta' Ġoġo l-ġurdiena. Tuta u Ġoġo bdew jagħżlu l-annimali biex ikunu fit-timijiet tagħhom imma Żigu spiċċa l-aħħar annimal li ntagħżel! Żigu beda jħares lejn in-naħa l-kerha: "Tuta u Ġoġo jogħboduni!" ħaseb Żigu. "Ma jridunix fit-timijiet tagħhom. Kulħadd se jaħseb li jien m'jien tajjeb għal xejn issa. Ħadd mhu se jerġa' jagħżilni biex inkun fit-tim tiegħu issa." Żigu ħassu mweġġa' u beda jibki.**

**Żigu kien jaf li jekk jitkellem ma' xi ħadd iħossu aħjar. Iddeċieda li jgħid lil Ċika b'dak li ġara. Ċika qaltlu li ġieli jkollna ħsibijiet li mhux bilfors ikunu vera. Meta Tuta u Ġoġo m'għażlux lil Żigu fit-tim tagħhom, ma kienx ifisser li mhumiex ħbieb. Meta Żigu ntagħżel l-aħħar ma kienx ifisser li hu mhu tajjeb għal xejn. Żigu ftakar kif Tuta u Ġoġo kienu jistidnuh biex imur jitla' mas-siġar magħhom. Żigu ftakar ukoll kif hu stess ivvinta l-logħba u li kulħadd għoġbitu. U Żigu ftakar li kien tajjeb f'ħafna affarijiet oħra. "Kulħadd tajjeb f'xi ħaġa", qal Żigu. "Tuta u Ġoġo mhux vera jogħboduni. Aħna ħbieb kbar." Ċika għenet ukoll billi żiedet xi ħaġa oħra! Hi qalet lil Żigu li hu kien il-ħabib favorit tagħha. Imbagħad Żigu u Ċika ġrew wara xulxin biex jaqbdu t-tuffieħ!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kien qed iħossu Żigu?
- Għaliex beda jħossu hekk?
- X'beda jgħid lilu nnifsu?
- Il-ħsibijiet ta' Żigu kienu vera? Għaliex?
- X'għamel Żigu biex jipprova jħossu aħjar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Żigu beda jaħseb li mhu tajjeb għal xejn. Ġieli ħsibtu xi affarijiet li ma kinux vera?
- X'nistgħu nagħmlu meta nibdew inħarsu lejn in-naħa l-kerha? (Nistgħu nitkellmu ma' adult, inkantaw kanzunetta favorita, nagħmlu xi ħaġa oħra li nieħdu gost nagħmlu, naħsbu f'memorji sbieħ, naħsbu fl-affarijiet is-sbieħ minflok...)
- Meta tibda tħares lejn in-naħa l-kerha, kif tista' tħares lejn in-naħa s-sabiħa?

5. Kantaw u iżfnu mal-kanzunetta 'Hakuna Matata'.

6. Wara l-kanzunetta, staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Taf xi tfisser Hakuna Matata?
- Għalfejn li l-annimali fil-kanzunetta jkantaw Hakuna Matata?

- Tista' taħseb f'iktar affarijiet pożittivi li nistgħu ngħidu lilna nfusna biex inħarsu lejn in-naħa s-sabiħa?

7. Aqsam il-klassi fi gruppi u staqsi lil kull grupp itella' reċta qasira fejn se juru l-użu ta' ħsieb pożittiv jew sentenza pożittiva li semmejtu.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistgħu jaħsbu fuq l-affarijiet is-sbieħ f'dan ix-xahar u jpenġuhom fuq il-folja t'attività.

## L-AFFARIJIET IS-SBIEĦ F'DAN IX-XAHAR

*Lill-ġenituri: Fakkru lit-tfal li mod wieħed li bih nistgħu nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa hija li naraw l-affarijiet is-sbieħ kollha li għandna f'ħajjitna. Staqsu lit-tfal biex isemmu l-affarijiet is-sbieħ fix-xahar li qegħdin fih u jpenġuhom hawn isfel.*





# Attività 2: Infittxu l-evidenza

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw modi ta' kif jiġġieldu kontra ħsieb negattiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi kif nista' niġġieled kontra ħsieb negattiv.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti kkuluriti, *markers*, dekorazzjonijiet, folja t'attività 'Twemmin pożittiv'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kien qed iħossu Żigu?
- Għalfejn beda jħossu hekk?
- X'beda jgħid lilu nnifsu?
- Il-ħsibijiet ta' Żigu kienu vera? Għaliex le?
- X'għamel Żigu biex jipprova jħossu aħjar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Żigu beda jaħseb li mhu tajjeb għal xejn. Ġieli ħsibtu xi affarijiet li ma kinux vera?
- X'nistgħu nagħmlu meta nibdew inħarsu lejn in-naħa l-kerha? (Nistgħu nitkellmu ma' adult, inkantaw kanzunetta favorita, nagħmlu xi ħaġa oħra li nieħdu gost nagħmlu, naħsbu f'memorji sbieħ, naħsbu fl-affarijiet is-sbieħ minflok...)
- Meta tibda tħares lejn in-naħa l-kerha, kif tista' tħares lejn in-naħa s-sabiħa?

5. Uri lill-istudenti stampa ta' *detective* u staqsihom kif jipprova jsolvi każ. It-tweġiba hija billi jfittex l-evidenza. Għid lill-istudenti li mod wieħed kif niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi tagħna huwa li nfittxu evidenza li tmur kontra l-ħsibijiet. Meta jkollna ħsieb negattiv, irridu nsibu evidenza li turi li dan il-ħsieb mhux veru. Staqsihom jiktbu ħsieb negattiv li bih iħossuhom imdejqin. Jista' jkun "Jien injurant", "Jien m'iniex tajjeb biex nagħmel ħbieb", jew "Jien m'jien tajjeb għal xejn". L-istudenti jistaqsu lill-għalliema u li sħabhom tal-klassi biex isemmu modi kif dan il-ħsieb mhux veru.

6. Biex tagħlaq l-attività, staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Kif tħossok issa li għandek l-evidenza kontra l-ħsieb?
- Xorta taħseb li l-ħsieb huwa vera?

Fakkar lill-istudenti li għandna bżonn iktar ħin biex nipprattikaw niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi tagħna u biex nibdew nemmnu li mhux il-ħsibijiet kollha fuqna nfusna huma vera.



## Attività għad-Dar

Il-*card* fuq il-folja t'attività tista' tinqata' u titweħħel fuq kartonċina. It-tfal jistgħu jiktbu isimhom fuq nett tal-*card*. Kull membru tal-familja jikteb xi ħaġa pożittiva li tiddeskrivi lit-tifel/tifla, per eżempju, li huma qalbhom tajba, li jgħinu lil ħaddieħor, eċċ. Din tista' sseħħ għal kull membru tal-familja sabiex kull membru jkollu l-*card* tiegħu. It-tfal jistgħu jħarsu lejn il-*cards* meta jibdew iħarsu lejn in-naħa l-kerha.

## TWEMMIN POŻITTIV

*Lill-ġenituri: Il-*card *fuq il-folja t'attività tista' tinqata' u titweħħel fuq kartonċina. It-tfal jiktbu isimhom fuq nett tal-*card*. Kull membru tal-familja jrid jikteb xi ħaġa pożittiva li tiddeskrivi lit-tifel/tifla, per eżempju, li huma qalbhom tajba, li jgħinu lil ħaddieħor, eċċ. Din tista' sseħħ għal kull membru tal-familja sabiex kull membru jkollu l-*card *tiegħu. It-tfal jistgħu jħarsu lejn il-*cards *meta jibdew iħarsu lejn in-naħa l-kerha.*

________________________________________________________





# Attività 3: Mentalità pożittiva

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw ħsieb negattiv u sentenza pożittiva li tmur kontrieh.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi ħsieb negattiv u sentenza pożittiva li tmur kontrieh.

### Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Mentalità pożittiva', folja t'attività 'Il-fjura tal-kwalitajiet pożittivi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kien qed iħossu Żigu?
- Għalfejn beda jħossu hekk?
- X'beda jgħid lilu nnifsu?
- Il-ħsibijiet ta' Żigu kienu vera? Għalfejn le?
- X'għamel Żigu biex jipprova jħossu aħjar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta naħsbu xi ħaġa, dejjem tkun vera?
- Żigu beda jaħseb li mhu tajjeb għal xejn. Ġieli ħsibtu xi affarijiet li ma kinux vera?
- X'nistgħu nagħmlu meta nibdew inħarsu lejn in-naħa l-kerha? (Nistgħu nitkellmu ma' adult, inkantaw kanzunetta favorita, nagħmlu xi ħaġa oħra li nieħdu gost nagħmlu, naħsbu f'memorji sbieħ, naħsbu fl-affarijiet is-sbieħ minflok...)

- Meta tibda tħares lejn in-naħa l-kerha, kif tista' tħares lejn in-naħa s-sabiħa?

5. Spjega l-folja t'attività 'Mentalità pożittiva' u staqsi lill-istudenti biex jaħsbu fi ħsieb pożittiv jew sentenza pożittiva li tmur kontra l-ħsieb negattiv li identifikaw fl-attività ta' qabel. L-istudenti jimlew il-kaxex il-vojta skont il-ħsibijiet tagħhom.

6. L-istudenti jistgħu jagħmlu *poster* bil-ħsieb pożittiv jew bis-sentenza pożittiva li kitbu fuqha fuq il-folja t'attività.



## *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja t'attività, it-tfal jiktbu kwalità pożittiva fuqhom infushom fuq kull petala tal-fjura. Imbagħad iżejnu jew jpenġu l-fjura li tista' titweħħel fil-klassi biex tfakkarhom fuq il-kwalitajiet pożittivi tagħhom.

# MENTALITA POŻITTIVA

| Mentalità Negattiva | Mentalità Pożittiva |
|---|---|
| Jien ma nistax nagħmel żbalji. | L-iżbalji jgħinuni nitgħallem. |
| Il-*homework* tal-Maths huwa wisq diffiċli għalija. | Jekk nipprova, nista' mmur tajjeb. |
| Daqshekk! Qatt mhu se nitgħallem kif nagħmilha. | Jien dejjem nista' nitjieb. Ejja ħa nkompli nipprova. |
| Jekk nagħmel żball, ifisser li jien m'iniex tajjeb. | |
| | |





## IL-FJURA TAL-KWALITAJIET POŻITTIVI

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal jiktbu kwalità pożittiva tagħhom fuq kull petala. It-tfal jistgħu mbagħad ipenġu u jżejnu l-fjura.*

___







# SOTTOTEMA 2
# Emozzjonijiet pożittivi

**Din is-sottotema tagħti lill-istudenti l-opportunità li jagħrfu, jidentifikaw u jirregolaw l-emozzjonijiet pożittivi. Emozzjonijiet pożittivi bħat-tama, il-kuntentizza u l-umoriżmu jgħinu lit-tfal ikomplu jiżviluppaw ir-riżorsi personali tagħhom u jevitaw problemi psikoloġiċi (Fredrickson, 2001). Fl-ewwel topik, it-tfal jipparteċipaw f'attivitajiet dwar it-tama. L-attivitajiet huma mibnijin fuq l-idea li t-tama hija proċess li permezz tiegħu l-individwu jaħseb b'żewġ modi differenti: l-ewwel hemm dak li jissejjaħ *pathways thinking* i.e. l-abilità li tagħmel għanijiet u toħloq modi kif tilħaqhom, u mbagħad hemm *agency thinking*, li hija l-motivazzjoni u t-twemmin li tista' tilħaq l-għanijiet li tkun għamilt. Fl-attivitajiet dwar il-kuntentizza l-istudenti jesploraw din l-emozzjoni iktar fil-fond inkluż x'inhu dak li jagħmilhom kuntenti, x'jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba, u x'jistgħu jagħmlu biex jikkontribwixxu għall-kuntentizza u l-ferħ ta' ħaddieħor. Fl-aħħar topik dwar l-umoriżmu, l-istudenti ikollhom l-opportunità jħarsu lejn il-problemi b'lenti iktar umoristika u jużaw l-umoriżmu b'mod pożittiv.**

---

**TOPIK 1** **IT-TAMA**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW GĦANIJIET ĠODDA LI JGĦINU ŻMIEN DIFFIĊLI JAQLEB GĦALL-AĦJAR.
- JIBQGĦU JITTAMAW META JKUNU QED JIPPROVAW JILĦQU GĦAN.
- JIBQGĦU JITTAMAW META JIPPROVAW JILĦQU GĦAN U MA JIRNEXXILHOMX.

---

**TOPIK 2** **IL-KUNTENTIZZA**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW ATTIVITÀ JEW PERSUNA LI TAGĦMILHOM KUNTENTI.
- JAGĦRFU LI EMOZZJONIJIET NEGATTIVI JISTGĦU JINBIDLU F'EMOZZJONIJIET POŻITTIVI.
- JIDENTIFIKAW X'JISTGĦU JAGĦMLU BIEX IBIDDLU BURDATA ĦAŻINA F'WAĦDA TAJBA.

---

**TOPIK 3** **L-UMORIŻMU**

---

| | |
|---|---|
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JIDENTIFIKAW SITWAZZJONIJIET JEW PERSUNI LI JDAĦĦQUHOM.<br>• ISEMMU L-AFFARIJIET LI JDAĦĦQUHOM.<br>• JIDENTIFIKAW X'JISTGĦU JAGĦMLU BIEX BL-UMORIŻMU TAGĦHOM JGĦINU LILL-ĦADDIEĦOR. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Għamel kamera fil-klassi biex tirrekordja mumenti speċjali u turi l-istudenti meta jkunu ferħana. Il-mumenti jistaw ikunu xi għeluq ta' snin ta' xi ħadt, jew xi ħadt waqt li qed jirbaħ kompetizzjoni. L-istudenti jistgħu jagħmlu pitazz għall-klassi biex fih jiktbu dawk id-drabi li jħossuwhom kuntenti l-iskola.

2. Organizza ġurnata "Agħti tbissima lil xi ħadt". Ħeġġeġ lill-istudenti jaqsmu l-kuntentizza tagħhom ma xi ħadt ieħor billi jagħmu, jgħidu jew jiktbu xi ħaġa sabiħa ma' xi ħadt minn sħabhom. Per eżempju, juru interess f'ħaddieħor billi jisimgħu l-problemi tiegħu/tagħha, jgħidu xi ħaġa pozittiva lil xi ħadt, jagħtu rigal, jilagħbu ma xi ħadt, jew jiktbulhom nota speċjali.

3. Meta l-istudenti jħossuwhom mdejqin jew ikollhom ġurnata ħażina, organizza mixja jew attività fejn joqgħodu jfittxu xi ħaġa li tgħinhom iħossuhom aħjar. Dan jista' jkun ġugarell, ktieb jew ħabib/a li jkunu jistgħu jitkellmu miegħu/magħha.

4. Meta l-istudenti jibdew jaqtgħu qalbhom li ser jilħqu l-għanijiet tagħhom, għinhom biex jaqsmhuwom f' għanijiet iżgħar.

5. Minflokk ngħidu 'Thank God it's Friday' (TGIF), ipprattikaw 'Be Glad it's Monday' (BGIM) bħala parti mir-rutina tal-klassi. Ibda' it-Tnejn b'diska jew storja umoristika biex tgħin l-istudenti jkunu ħerqana u entużjasti għall-ġimgħa li ġejja (Cornett, 1986).

# Topik 1 It-tama

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
|---|
| Jidentifikaw għanijiet ġodda li jgħinu żmien diffiċli jaqleb għall-aħjar. |
| Jibqgħu jittamaw meta jkunu qed jipprovaw jilħqu għan. |
| Jibqgħu jittamaw meta jipprovaw jilħqu għan u ma jirnexxilhomx. |

## Attività 1: Il-qawsalla

### L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw għanijiet ġodda li jgħinu żmien diffiċli jaqleb għall-aħjar.

### Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nfassal għanijiet ġodda jgħal żmien diffiċli

### Livell

Bażiku

### Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Kif nafu li wara żmien diffiċli jiġi żmien aħjar?'



### Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika u l-post il-ġdid**

**Ċika kienet toqgħod f'parti mill-iktar sabiħa tal-ġnien b'ħafna siġar kbar u żgħar. Din in-naħa tal-ġnien kienet tkun dejjem bix-xemx. Kien hemm ħafna qniefed oħra li setgħet tilgħab magħhom. Imma ġurnata waħda għamel riħ qawwi u waqqa' s-siġar tal-parti tal-ġnien fejn**

**kienet toqgħod Ċika. Ċika kellha tħalli kollox warajha u taħrab lejn parti oħra tal-ġnien 'il bogħod mill-periklu. Kollox kien differenti f'din in-naħa tal-ġnien. Il-ħin kollu xita. Ma kienx hemm qniefed oħrajn u Ċika ħassitha waħedha ħafna. Kienet tibża' għax ma kinitx taf x'seta' jiġri. Ħasset li kollox se jispiċċa. Darba waħda, imdejqa ħafna, Ċika poġġiet bilqiegħda fuq werqa. Kif kienet qed tibki, għadda Żigu. "Jien naf li dan il-post hu differenti," qal Żigu, "imma nittama li l-affarijiet se jkunu aħjar anke jekk inti stess ma tafx kif." Ċika qatt ma semgħet din il-kelma *'tama'* imma anke hi bdiet temmen li l-affarijiet setgħu jkunu aħjar. Bit-tama li l-affarijiet se jkunu aħjar diġa' kienet qed tħossha aħjar.**

**Ċika bdiet taħseb fl-affarijiet is-sbieħ li setgħu jiġru flok dawk koroh. Dan għen ħafna biex Ċika tħossha aħjar. "Naf!", qalet Ċika, "nista' nibni dar ġdida għalija biex inħossni iktar komda." Imma Ċika ma kinitx taf kif se tibni din id-dar. Bdiet taħseb u taħseb u fl-aħħar għamlet lista ta' x'għanda tagħmel:**

**"L-ewwel: Sib il-post fejn se tibni d-dar ġdida.**

**It-tieni: Iġbor il-weraq biex tibni d-dar.**

**It-tielet: Iġbor ftit tajn biex bih twaħħal il-weraq flimkien.**

**Ir-raba': Waħħal il-weraq flimkien biex b'hekk tibni d-dar."**

**Ċika bdiet bil-mod il-mod tħassar l-affarijiet mil-lista. Sabet post sabiħ fejn setgħet tibni d-dar il-ġdida. "L-ewwel: Sib fejn se tibni d-dar. Lesta!," qalet kuntenta Ċika. Imbagħad Ċika u Żigu ġabru ħafna weraq. "It-tieni: Iġbor il-weraq. Lesta!" Imbagħad Ċika u Żigu ġabru t-tajn. "It-tielet: Iġbor ftit tajn. Lesta!" Ċika u Żigu bdew jibnu d-dar bil-weraq imma wara ġurnata sħiħa jaħdmu, ir-riħ tajjar il-weraq kollha! "Le, le," qalet Ċika, "wara dan ix-xogħol kollu d-dar tiegħi waqgħet!" Ċika ħassitha mdejqa ħafna imma ma qatgħetx qalbha. "Ma ġara xejn, nista' nipprova nagħmel xi ħaġa aħjar," qalet Ċika. Għalhekk Ċika u Żigu bnew dar ġdida bil-ġebel. Imma wara li damu jaħdmu ġurnata sħiħa, "Bumm!", Tuta l-kelba baqgħet dieħla fid-dar u l-ġebel kollu waqa' gozz. "Le, le, wara dan ix-xogħol kollu u d-dar tiegħi waqgħet!" Ċika ħassitha mdejqa ħafna imma ma qatgħetx qalbha. "Ma ġara xejn, nista' nipprova xi ħaġa oħra," qalet Ċika. Għalhekk Ċika bniet dar oħra biz-zkuk. Ċika stenniet, bit-tama li din id-darba d-dar ma taqax. Stenniet ir-riħ. Stenniet lil Tuta biex tgħaddi minn hemm. Imma d-dar baqgħet wieqfa fejn kienet. "Iva!" bdiet taħseb Ċika. "Qed tara kemm kien sew li ma qtajniex qalbna. Għamilnieha, Żigu!"**

**Wara tlett ijiem ta' xita, Ċika fetħet it-tieqa tad-dar il-ġdida tagħha u ħarset lejn is-sema. Fis-sema rat ħafna kuluri differenti. Qatt ma kienet rat xi ħaġa daqshekk sabiħa. "Żigu, tista' tgħidli dawk il-kuluri fis-sema x'inhuma!" "Dik hija qawsalla," qalilha Żigu, "tidher wara li tkun għamlet ix-xita!". Ċika fl-aħħar ħassitha li f'dan il-post setgħet tħossha għal qalbha.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Fuq xiex inhi l-istorja?
- Wara li smajt l-istorja, tista' tgħidli xi tfisser *tama*?
- X'għamlet Ċika biex tgħin iż-żmien diffiċli jaqleb għall-aħjar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tiftakar ġurnata ħażina li kellek jew żmien diffiċli li għaddejt minnu? X'ġara?
- L-affarijiet marru għall-aħjar wara ż-żmien diffiċli?
- Ġieli ridt li tiġri xi ħaġa u ħdimt ħafna għaliha?

5. Għid lill-istudenti li Ċika għamlet għan biex tgħin iż-żmien diffiċli jaqleb għall-aħjar. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu f'għanijiet oħrajn li Ċika tista' tagħmel għaliha nfisha fil-parti l-ġdida tal-ġnien. Aqsam il-klassi fi gruppi u staqsi lil kull grupp biex jagħmel pjan għal Ċika ta' kif se tilħaq l-għanijiet tagħha. Imbagħad l-istudenti jridu jtellgħu reċta ta' kif Ċika se tilħaq l-għanijiet tagħha. L-istudenti jistgħu jirreċtaw bl-użu tal-pupazzi. Waqt ir-reċta ggwida lill-istudenti billi ssaqsihom mistoqsijiet fuq l-għanijiet tagħhom, kif se jilħquhom, lil min se jistaqsu għall-għajnuna, x'jistgħu jgħidu lilhom infushom biex jibqgħu jittamaw, eċċ.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jgħinu lit-tfal ifittxu stampi ta' simboli fin-natura li juruna li wara żmien diffiċli jiġi żmien aħjar, per eżempju, żerriegħa li tikber fi fjura sabiħa, fjura li qed tikber fuq il-ġebel, qawsalla wara l-maltemp, il-wasla tar-rebbiegħa wara x-xitwa, eċċ. It-tfal iweħħlu l-istampi fuq il-folja t'attività.

## KIF NAFU LI WARA ŻMIEN DIFFIĊLI JIĠI ŻMIEN AĦJAR?

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ifittxu stampi ta' simboli fin-natura li juruna li wara żmien diffiċli jiġi żmien aħjar, per eżempju, żerriegħa li tikber fi fjura sabiħa, fjura li qed tikber fuq il-ġebel, qawsalla wara l-maltemp, il-wasla tar-rebbiegħa wara x-xitwa, eċċ. It-tfal iweħħlu l-istampi hawn taħt.*

___________________________________________________________________





# Attività 2: Lista ta' x'irrid nagħmel

## L-Għan tat-Tagħlim

Jibqgħu jittamaw meta jkunu qed jipprovaw jilħqu għan.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nibqa' nittama meta nkun qed nipprova nilħaq għan.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Lista ta' x'irrid nagħmel', folja t'attività 'Il-motto tiegħi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Wara li smajt l-istorja, tista' tgħidli xi tfisser *tama*?
- Tista' timmaġina x'kien jiġri kieku Ċika qatgħet qalbha wara li waqgħet id-dar l-ewwel darba?
- X'għen lil Ċika tilħaq l-għan tagħha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tiftakar ġurnata ħażina li kellek jew żmien diffiċli li għaddejt minnu? Kont temmen li ż-żmien se jiġi aħjar?
- L-affarijiet marru għall-aħjar wara ftit?
- Ġieli ridt li tiġri xi ħaġa u ħdimt ħafna għaliha?

- Hawn xi ħadd li għandu għanijiet importanti li jixtieq jilħaq bħal m'għamlet Ċika? X'għandek bżonn tagħmel biex tilħaq dawn l-għanijiet?

5. Għid lill-istudenti li Ċika għamlet għan biex tgħin iż-żmien diffiċli jaqleb għall-aħjar. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu f'għanijiet oħrajn li Ċika tista' tagħmel għaliha nfisha fil-parti l-ġdida tal-ġnien. Aqsam il-klassi fi gruppi u staqsi lil kull grupp jagħmel lista tal-passi li għandha bżonn tagħmel biex tilħaq l-għan tagħha bl-użu tal-folja t'attività. Għid lill-istudenti li huwa tajjeb li jistaqsu għall-għajnuna jew li jiksbu ħiliet ġodda biex jilħqu l-għanijiet tagħhom.

6. L-istudenti jippreżentaw l-għan ewlieni tagħhom, u l-għanijiet iż-żgħar li jwasslu għal dan l-għan ewlieni, lill-klassi kollha. L-istudenti l-oħra jistgħu jissuġġerixxu modi oħra ta' kif jista' jintlaħaq dak l-għan partikolari. B'dan il-mod, l-istudenti jistgħu jaraw li l-istess għanijiet jistgħu jintlaħqu b'modi varji.



## *Attività għad-Dar*

Id-dar, it-tfal jistgħu f'motto li jistgħu jżommu f'moħħhom meta jkunu qegħdin jaħdmu biex jilħqu għan. Il-motto jista' jgħin lit-tfal jibqgħu motivati meta jkunu qegħdin jaħdmu għal dak li jixtiequ. Huma jistgħu jiktbu jew ipenġu l-motto fuq il-folja t'attività, u jġibu l-mottos l-iskola u juruhom lil sħabhom. Il-mottos jistgħu jitweħħlu fil-klassi.

# LISTA TA' X'IRRID NAGĦMEL

L-għan ta' Ċika ............................................................................

## LISTA TA' X'IRRID NAGĦMEL

- ☐ ..........................................................................................
- ☐ ..........................................................................................
- ☐ ..........................................................................................
- ☐ ..........................................................................................
- ☐ ..........................................................................................
- ☐ ..........................................................................................





# IL-MOTTO TIEGĦI




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaħsbu f'motto li jistgħu jżommu f'moħħhom meta jkunu qegħdin jaħdmu biex jilħqu għan. Il-motto jista' jgħin lit-tfal jibqgħu motivati meta jkunu qegħdin jaħdmu għal dak li jixtiequ. It-tfal jistgħu jiktbu u ipenġu l-motto hawn taħt u wara jistgħu jieħdu l-mottos l-iskola biex juruhom lil sħabhom.*

_____________________________________________________________________________





# Attività 3: Ċika tiffaċċja l-isfidi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jibqgħu jittamaw meta jipprovaw jilħqu għan u ma jirnexxilhomx.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nibqa' nittama meta nipprova nilħaq għan u ma jirnexxilix.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'L-għanijiet tal-annimali', folja t'attività 'Diġà ksibt suċċess'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Wara li smajt l-istorja, tista' tgħidli xi tfisser *tama*?
- Tista' timmaġina x'kien jiġri kieku Ċika qatgħet qalbha wara li waqgħet id-dar l-ewwel darba?
- X'għen lil Ċika tilħaq l-għan tagħha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tiftakar ġurnata ħażina li kellek jew żmien diffiċli li għaddejt minnu? Kont temmen li ż-żmien se jiġi aħjar?
- L-affarijiet marru għall-aħjar wara ftit?
- Ġieli ridt li tiġri xi ħaġa u ħdimt ħafna għaliha?

- Hawn xi ħadd li għandu għanijiet importanti li jixtieq jilħaq bħal m'għamlet Ċika? X'għandek bżonn tagħmel biex tilħaq dawn l-għanijiet?
- X'se tagħmel biex tilħaqhom?

5. Spjega lill-istudenti li Ċika u l-ħbieb għamlu xi għanijiet u ħadmu ħafna għalihom. Imma ma rnexxilhomx jilħqu l-għanijiet tagħhom. Fuq il-folja t'attività l-istudenti jridu jimmaġinaw kif jista' jkun li qed iħossuhom l-annimali. Imbagħad staqsihom biex jiktbu ħsieb jew twemmin li jista' jgħin lill-annimali jibqgħu jittamaw. Staqsihom ukoll jissuġġerixxu għan ieħor li bih jistgħu jilħqu dak li jixtiequ.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jaħsbu fuq xi ħaġa li qabel ma kinux jafu jagħmlu iżda li issa tgħallmu jagħmlu. Jistgħu wkoll jaħsbu f'xi ħaġa li ma kellhomx suċċess fiha qabel, iżda li mbagħad ħadmu u kisbu suċċess fiha. It-tfal jiddiskutu dan mal-ġenituri tagħhom, u jpenġu stampa ta' dan fuq il-folja t'attività.

## L-GĦANIJIET TAL-ANNIMALI

| | Sfida | Tista' timmaġina kif qed iħossuhom? | Xi ħsibijiet jista' jgħinhom jibqgħu jittamaw? | Aħseb f'għan ieħor li xorta jgħinhom jilħqu dak li jixtiequ |
|---|---|---|---|---|
| | Ċika xtaqet li l-affarijiet imorru għall-aħjar fil-post il-ġdid allura ddeċidiet li tibni dar. Ipprovat tibniha bil-weraq imma wara ftit waqgħet! | Iddiżappuntata u mdejqa. | "Ma ġara xejn. Il-weraq ma ħadmux. Xorta nista' nibni dar b'materjal differenti." | Nuża ġebel minflok. |
| | Ġoġo xtaqet tagħmel ħbieb ġodda. Organizzat *party* imma żewġt iħbieb biss tfaċċaw. | | | |
|  | Buxu xtaq jgħid lil Ċika kemm jiddispjaċih li waqqa' d-dar. Imma hi tant kienet irrabjat li anqas biss semgħetu. | | |  |
| | | | | |

## DIĠA KSIBT SUĊĊESS!

*Lill-ġenituri: It-tfal jaħsbu fuq xi ħaġa li qabel ma kinux jafu jagħmlu iżda li issa tgħallmu kif jagħmluha. Jistgħu wkoll jaħsbu f'xi ħaġa li ma kellhomx suċċess fiha qabel, iżda li mbagħad ħadmu u kisbu suċċess fiha. Iddiskutu dawn il-ħiliet mat-tfal u mbagħad staqsihom ipenġu stampa ta' dan hawn isfel.*

______________________________________________________________________





# Topik 2 Il-kuntentizza

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
| --- |
| Jidentifikaw attività jew persuna li tagħmilhom kuntenti. |
| Jagħrfu li emozzjonijiet negattivi jistgħu jinbidlu f'emozzjonijiet pożittivi. |
| Jidentifikaw x'jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba. |
| |

## Attività 1: Ċika tibdel il-burdata

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw attività jew persuna li tagħmilhom kuntenti.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nidentifika u niddeskrivi attività jew persuna li tagħmilni kuntenta.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti A3, kuluri, *markers*, żebgħa, stampi maqtugħin minn xi rivisti antiki, dekorazzjonijiet, folja t'attività 'Nibdlu burdata ħażina f'burdata tajba'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika tmur tesplora**

**Darba waħda Ċika żelqet, ħabtet ma' ġebla kbira, u kissret xi xewk ta' daharha. Bix-xewk miksur ma setgħetx tiżżerżaq iktar mal-ħbieb tagħha. Kellha toqgħod fejn taraha l-mamà u għamlet in-nervi. "Mhux sewwa hekk! Għalfejn għandi noqgħod hawn meta l-qniefed l-oħra qed jilagħbu fil-ġnien? Dawn l-affarijiet dejjem lili jiġru!" bdiet tgerger Ċika ma' Żigu. Kull meta Ċika kienet tkun irrabjata, Żigu dejjem kien jgħidilha li hi setgħet tikkmanda r-rabja tagħha. Hi dejjem setgħet tagħmel xi ħaġa fuq dak li tkun qed tħoss. Żigu kien jaf li meta Ċika kienet tkun irrabjata hija kellha bżonn tmur f'post għall-kwiet sakemm jgħaddilha. "Jiddispjaċini li ma tistax tmur tilgħab mal-oħrajn, Ċika," qal Żigu, "imma xi tgħid kieku tmur f'xi post għall-kwiet sakemm tgħaddilek ftit ir-rabja?" Ċika ma riedet tweġġa' lil ħadd bir-rabja tagħha u għalhekk iddeċidiet li tmur f'post għall-kwiet sakemm jgħaddilha.**

**Wara ftit minuti Ċika diġa' kienet qed tħossha aħjar. "Veru nixtieq li mmur nilgħab mal-ħbieb," bdiet taħseb, "u nħossni mdejqa li ma nistax immur. Imma xorta nista' nagħmel xi ħaġa oħra li togħġobni." Ċika kienet tħobb tfittex u tipprova affarijiet ġodda. "Forsi jekk immur nesplora l-ġnien fil-viċin inkun nista' nħossni aħjar", ħasbet Ċika. "Żigu, trid tiġi tesplora l-ġnien miegħi?" staqsiet Ċika. "Iva, idea tajba!" qal Żigu. Għalhekk Ċika u Żigu marru jfittxu flimkien . Daħħlu geddumhom fil-ħamrija, daħlu taħt is-siġar u qalb il-ħaxix. Esploraw f'kull post li setgħu u sa filgħaxija Ċika kienet sabet żewġ rixiet ta' għasfur, weraq differenti li bħalhom qatt ma kienet rat qabel, xi marki ta' xi annimali u għanqbuta ta' brimba! Fil-ħin li qagħdu jfittxu Ċika ndunat li x-xewk ta' fuq daharha reġa' ġie f'postu. "Ara, Żigu!" qalet Ċika ferħana, "ix-xewk ta' dahri reġgħu ġew f'posthom! Qed inħossni aħjar!" Ċika ndunat ukoll li setgħet tikkmanda r-rabja tagħha u dak li tħoss. "Qed nieħu gost li ma qgħadtx bin-nervi l-ġurnata kollha. Ħassejtni ħafna aħjar li bdejt nagħmel xi ħaġa oħra li ħadt gost nagħmel!" qalet Ċika.**

**Filgħaxija Żigu ma kienx qed iħossu tajjeb. Waqt li kien qed ifittex ma' Ċika tilef iċ-ċagħqa speċjali li kienet tatu ommu meta kien twieled. Ċika riedet tagħmel xi ħaġa biex tferraħ lil Żigu, bħalma hu kien għamel magħha. "Hawn," qaltlu Ċika bil-mod, "tista' tieħu din ir-rixa tal-għasfur li sibt illum fil-ġnien. Din mhux l-istess bħaċ-ċagħqa tiegħek imma hi speċjali għax tajthielek jien". Żigu ħassu kuntent ħafna u ferħan li kellu lil Ċika bħala ħabiba tiegħu. Meta Ċika għamlet ħaġa sabiħa bħal dik mal-ħabib tagħha ħassitha ferħana wkoll. "Jiena għamilt sew illum li kkmandajt il-burdati tiegħi", bdiet taħseb Ċika waqt li kienet se tmur torqod bin-ngħas. "Iġri jasal għada ħa nara fejn se mmur nesplora!"**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema parti tal-istorja għoġbitkom l-iktar? Għaliex?
- Żigu dejjem jgħid lil Ċika li hi tista' tikkmanda r-rabja tagħha. Xi jrid ifisser b'dan?
- Kif ikkmandat Ċika l-emozzjonijiet tagħha?
- Kif inbidlu l-ħsibijiet ta' Ċika meta marret fil-post il-favorit tagħha biex tikkalma?
- X' ġara meta Ċika marret tesplora?

- X'seta' ġara kieku Ċika ma kkontrollatx l-emozzjonijiet tagħha? Tista' timmaġina kif kienet tkun il-ġurnata tagħha kieku baqgħet fil-burdata ħażina?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ħassitha Ċika meta ma setgħetx tmur tilgħab ma' sħabha,?
- X'tagħmel is-soltu meta tħossok imdejjaq jew irrabjat?
- Tiftakar xi darba meta kkmandajt l-emozzjonijiet tiegħek? X'ġara? X'għamilt?

5. L-istudenti jistgħu jagħmlu *poster* jew *collage* ta' attività jew persuna li tagħmilhom kuntenti. Biex jagħmlu l-*collage*, jistgħu jużaw ritratti u affarijiet oħrajn li jfakkruhom fl-attività jew fil-persuna. Wara li jlestu l-*poster*, jiddiskutu għalfejn għażlu dik l-attività jew persuna u kif tagħmilhom kuntenti.

6. Staqsi lill-istudenti din il-mistoqsija:

- X'nistgħu nagħmlu biex nferrħu lil xi ħadd ieħor?



### *Attività għad-Dar*

Staqsi lit-tfal biex jaħsbu f'dak li jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'burdata tajba u jpenġu l-ideat tagħhom fuq il-folja t'attività. Fl-ewwel kaxxa, l-istudenti jpenġu lilhom infushom b'burdata ħażina. Fit-tieni kaxxa jpenġu dak li jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba.

## NIBDLU BURDATA ĦAŻINA F'BURDATA TAJBA




*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal ipenġu lilhom infushom b'burdata ħażina fl-ewwel kaxxa. Fit-tieni kaxxa, imbgħad ipenġu dak li jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba.*

| BURDATA ĦAŻINA |
| --- |
| |

| BURDATA TAJBA |
| --- |
| |





# Attività 2: Niżfen u noħroġ id-dwejjaq!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li emozzjonijiet negattivi jistgħu jinbidlu f'emozzjonijiet pożittivi.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf li nista' nibdel emozzjonijiet negattivi f'emozzjonijiet pożittivi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-kanzunetta 'Shake My Sillies Out', folja t'attività 'L-affarijiet li nista' nagħmel biex nibdel burdata ħażina f'burdata tajba'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jipproċessaw l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Żigu dejjem jgħid lil Ċika li hi tista' tikkmanda r-rabja tagħha. Xi jrid ifisser b'dan?
- Kif ikkmandat Ċika l-emozzjonijiet tagħha?
- Ejja nħarsu lejn il-ħsibijiet ta' Ċika meta kienet qed tħossha ħażin: "Mhux sewwa hekk! Għaliex għandi noqgħod hawn meta l-qniefed l-oħra qed jilagħbu fil-ġnien? Dawn l-affarijiet dejjem lili jiġru!". Kif bdiet tħossha Ċika B'dawn il-ħsibijiet?
- Kif inbidlu l-ħsibijiet ta' Ċika meta marret fil-post il-favorit tagħha biex tikkalma? Kif bdiet tħossha wara?
- X'ġar meta Ċika marret tesplora?
- X'seta' ġara kieku Ċika ma kkontrollatx l-emozzjonijiet tagħha? Tista' timmaġina kif kienet tkun il-ġurnata tagħha kieku baqgħet fil-burdata ħażina?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ċika ma setgħetx tmur 'il bogħod ħafna mid-dar tagħha. Xi kultant meta jiġrulna xi affarijiet ħżiena, nistgħu naħsbu li kollox huwa ħażin jew li affarijiet ħżiena jiġru lilna biss. Tista' taħseb f'xi ħaġa ħażina li ġratlek? Kif ħassjetek? X' għamilt biex tħossok aħjar?
- X'tagħmel is-soltu meta tħossok aħjar meta tkun imdejjaq jew irrabjat?
- Tiftakar xi darba meta kkmandajt l-emozzjonijiet tiegħek? X'ġara?

1. Għid lill-istudenti li Ċika biddlet burdata ħażina f'burdata tajba billi għamlet xi ħaġa li tagħmilha kuntenta: marret tesplora. Għamlet xi ħaġa sabiħa lil Żigu wkoll. Hemm ħafna affarijiet li jistgħu jagħmluna kuntenti. Ħaġa waħda li nistgħu nagħmlu hija li nqumu u niżfnu. Kanta u iżfen mal-istudenti mal-kanzunetta 'Shake My Sillies Out'.

***Shake My Sillies Out***

***I gotta Shake, Shake, Shake, my sillies out!***

***Shake, Shake, Shake my sillies out***

***Shake, Shake, Shake my sillies out***

***And wiggle my waggles away***

***Other verses:***

***Clap, Clap, Clap my crazies out!***

***Jump, Jump, Jump my jiggles out!***

***Yawn, Yawn, Yawn my sleepies out!***

***Stretch, Stretch, Stretch my stretchies out!***

6. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Kif tħossok issa li żfint u ħriġt l-emozzjonijiet li kellek?



### Attività għad-Dar

Il-ġenituri jiddiskutu mat-tfal ideat ta' kif jistgħu jbiddlu l-burdata (per eżempju, jitbissmu, ikantaw, jiżfnu, iċemplu lill-ħbieb, eċċ). It-tfal ifittxu xi stampi ta' ideat li ddiskutew u jweħħluhom fuq il-folja t'attività.




## L-AFFARIJIET LI NISTA' NAGĦMEL BIEX NIBDEL BURDATA ĦAŻINA F'BURDATA TAJBA

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal ideat ta' kif jistgħu jbiddlu l-burdata (per eżempju, jitbissmu, ikantaw, jiżfnu, iċemplu lill-ħbieb, eċċ). Staqsu lit-tfal ifittxu xi stampi ta' ideat li ddiskutejtu u jweħħluhom hawn isfel. L-għada l-iskola, it-tfal se jiddiskutu l-ideat li ħarġu bihom.*

___________________________________________________________________





# Attività 3: Ċika tagħżel li tkun kuntenta

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw x'jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi x'nista' nagħmel biex nibdel burdata ħażina f''waħda tajba.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Se nagħmlu mima'- kull *card* maqtugħa għaliha, folja t'attività 'Kif nibdlu burdata ħażina f'burdata tajba'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Żigu dejjem jgħid lil Ċika li hi tista' tikkmanda r-rabja tagħha. Xi jrid ifisser b'dan?
- Kif ikkmandat Ċika l-emozzjonijiet tagħha?
- Ejja nħarsu lejn il-ħsibijiet ta' Ċika meta kienet qed tħossha ħażin: "Mhux sewwa hekk! Għaliex għandi noqgħod hawn meta l-qniefed l-oħra qed jilagħbu fil-ġnien? Dawn l-affarijiet dejjem lili jiġru!". Kif bdiet tħossha Ċika B'dawn il-ħsibijiet?
- Kif inbidlu l-ħsibijiet ta' Ċika meta marret fil-post il-favorit tagħha biex tikkalma? Kif bdiet tħossha wara?
- X'ġar meta Ċika marret tesplora?
- X'seta' ġara kieku Ċika ma kkontrollatx l-emozzjonijiet tagħha? Tista' timmaġina kif kienet tkun il-ġurnata tagħha kieku baqgħet fil-burdata ħażina?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ċika ma setgħetx tmur 'il bogħod ħafna mid-dar tagħha. Xi kultant meta jiġrulna xi affarijiet ħżiena, nistgħu naħsbu li kollox huwa ħażin jew li affarijiet ħżina jiġru lilna biss. Tista' taħseb f'xi ħaġa ħażina li ġrat? ? Kif ħassjetek? X' għamilt biex tħossok aħjar?
- Meta jiġru xi affarijiet ħżiena, is-soltu kif taħseb fuqhom? Tħares iktar lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha?
- Tiftakar xi darba meta kkmandajt l-emozzjonijiet tiegħek? X'ġara?
- X'affarijiet jagħmluk kuntent u jbiddlulek il-burdata meta tkun imdejjaq jew bil-buli? Hemm xi persuna speċjali li tgħinek tibdel il-burdata?
- Qatt tajt xi ħaġa speċjali lil ħabib/a bħalma għamlet Ċika? Kif ħassejtek wara?
- Fl-aħħar tal-ġurnata Ċika ħassitha kburija biha nfisha talli kkmandat ir-rabja tagħha. Semmi xi ħaġa li għamilt **int** illum jew din il-ġimgħa li tħossok kburi biha.

5. Ilagħbu l-logħba ta' fuq il-folja t'attività 'Se nimmimaw'. Agħżel student biex jagħmel mima ta' waħda mill-azzjonijiet ta' fuq il-folja. L-azzjonijiet huma kollha affarijiet li jistgħu jagħmluna kuntenti jew jibdlulna l-burdata. L-istudenti l-oħra jridu jaqtgħu x'inhi l-azzjoni. Wara l-attività staqsi lill-istudenti:

- Tista' taħseb f'iktar attivitajiet li jagħmluna kuntenti?
- Lilek x'jagħmlek kuntent/a?
- X'nistgħu nagħmlu biex nagħmlu lil xi ħadd ieħor kuntent?



## *Attività għad-Dar*

Staqsi lit-tfal biex jintervistaw lil xi membri tal-familja dwar x'jagħmlu huma biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba. It-tfal jiktbu, ipenġu jew iweħħlu stampi ta' xi ideat li ddiskutew fuq il-folja.

| NAGĦMLU MIMA | |
|---|---|
| Naqbżu | Nitbissmu |
| Nidħqu | Niżfnu |
| Inkantaw | Nirrilassaw |
| Naqraw ktieb | Nitkellmu ma' ħabib/a |
| Nirċievu tgħanniqa mingħand xi ħadd | Inferrħu lil xi ħabib/a |
| Nagħtu rigal | Nagħmlu l-eżerċizzju |
| Nilagħbu mal-ħbieb | Ngħinu lil xulxin |

| | |
|---|---|
| Nagħmlu pittura | Immorru nimxu |
| Inxommu l-fjuri | Naħdmu fil-ġnien |
| Inċemplu lil ħabib/a | Immexxu l-kelb |
| Naqsmu dak li għandna mal-oħrajn | Inżur lin-nanniet |
| Nikteb ittra lil ħabib/a  | Nirkeb ir-rota  |

## KIF NIBDLU BURDATA ĦAŻINA F'BURDATA TAJBA

*Lill-ġenituri: It-tfal se jintervistawkom u xi membri oħra tal-familja dwar x'tagħmlu biex tbiddlu burdata ħażina f'waħda tajba. It-tfal jiktbu, ipenġu jew iweħħlu stampi ta' xi ideat fuq din il-folja.*





# Topik 3 L-umoriżmu

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jidentifikaw sitwazzjonijiet jew persuni li jdaħħquhom. |
| Isemmu l-affarijiet li jdaħħquhom. |
| Jidentifikaw x'jistgħu jagħmlu biex bl-umoriżmu tagħhom jgħinu u mhux iweġġgħu. |

## Attività 1: X'idaħħaqni

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw sitwazzjonijiet jew persuni li jdaħħquhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħmel lista ta' sitwazzjonijiet jew persuni li jdaħħquni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', kartonċin kbir, *markers*, kuluri, stampi maqtugħin minn xi rivisti antiki, ċajt, stampi, ritratti, folja t'attività 'Mostru tad-daħq'.



### *Passi tal-Attività*

1. Qabel ma tasal il-ġurnata tal-attività, staqsi lill-istudenti biex, bl-għajnuna tal-ġenituri, iġibu xi eżempji tal-affarijiet li jdaħħquhom, per eżempju, ċajta tajba, xi ħaġa moħġaġa, xi komik jew *cartoon*, storja tad-daħq, logħba li ddaħħaqhom, eċċ.

2. Fil-ġurnata tal-attività, ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

3. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu u Mika jdaħħqu lil Ċika**

**Ċika kienet qanfuda dħulija ħafna. Imma minħabba li kellha ġisimha mimli xewk, ħafna annimali oħrajn kienu xi ftit jibżgħu minnha u kienu jaħsbu li se tniggiżhom bix-xewk tagħha. L-annimali ma kinux jilagħbu magħha. Ma kinux jistidnuha għall-*parties* fil-ġnien u meta kienu jarawha kienu jiġru 'l hemm. Ċika ma kinitx tifhem għaliex l-annimali kienu jaħsbu li se tweġġagħhom meta hi kienet qanfuda dħulija. Ma setgħetx issib mod ieħor kif tgħin lill-annimali jifhmu li hi ma kinitx kif kienu qed jaħsbu huma, u għalhekk kienet imdejqa ħafna. Iżda Ċika kellha żewġt iħbieb li kienu jafu li hi ma kinitx ta' periklu – Żigu u Mika. Żigu u Mika kienu jieħdu pjaċir meta Ċika ddaħħaqhom bl-uċuħ li kienet tagħmel u bil-kostumi u l-maskri li kienet tieħu pjaċir tilbes. Darba waħda Żigu u Mika ddeċidew li jagħmlu xi ħaġa biex idaħħqu lil Ċika. Libsu kostumi tad-daħq u għamlu żifna tad-daħq. Meta Ċika rat dan infaqgħet tidħaq kemm tiflaħ. Insiet il-problemi tagħha u daħqet għall-ewwel darba fi żmien twil! Ċika ndunat li kien ikun sabiħ kieku l-annimali tal-ġnien kienu jieħdu ħsiebha b'dan il-mod – imma għalissa kienet kuntenta li kellha żewġt iħbieb mill-aqwa li kienu jdaħħquha fi żmien ta' dwejjaq!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema parti tal-istorja għoġbitkom l-iktar? Għaliex?
- X'kienet il-problema ta' Ċika? Min daħħaq lil Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tiftakar xi sfida li għaddejt minnha (jew xi ħadd ieħor li għadda minnha) fejn irnexxielek isib xi ħaġa tad-daħq fiha?
- X'jiġri meta nħarsu lejn l-affarijiet tad-dwejjaq fi problema? X'jiġri meta nħarsu lejn l-affarijiet tad-daħq fi problema?

5. Staqsi lill-istudenti jippreżentaw il-materjali li ġabu magħhom u jiddiskutu għalfejn isibuhom tad-daħq. L-istudenti jagħmlu *poster* jew *collage* bl-affarijiet kollha li jsibu tad-daħq.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri t-tfal jpenġu mostru tad-daħq fuq il-folja t'attività, u jagħtuh/a isem tad-daħql jistgħu jġibu l-mostru l-iskola biex juruh lil sħabhom.

## MOSTRU TAD-DAĦQ

RIZORSI

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal ipenġu mostru tad-daħq hawn isfel.*
*It-tfal jistgħu jagħtuh/a isem tad-daħq!*

______________________________________________________________





# Attività 2: Inħobb nidħaq...

## L-Għan tat-Tagħlim

Isemmu l-affarijiet li jdaħħquhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Insemmi l-affarijiet li jdaħħquni.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Inħobb nidħaq...', folja t'attività 'Uċuh tad-daħq', ritratti tal-istudenti.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema parti tal-istorja għoġbitkom l-iktar? Għaliex?
- X'kienet il-problema ta' Ċika?
- Min daħħaq lil Ċika?
- X'għamlu Mika u Żigu biex idaħħqu lil Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'jiġri meta nħarsu lejn l-affarijiet tad-dwejjaq fi problema? X'jiġri meta nħarsu lejn l-affarijiet tad-daħq fi problema?
- Min jogħġbuh stejjer tad-daħq? Min jogħġbuh programmi tad-daħq fuq it-televixin? Min jogħġbuh il-*cartoons*? Min jogħġbuh iċ-ċajt?
- Semmi l-iktar darba li dħaqt. X'ġara? Għalfejn kienet tad-daħq?
- Meta tidħaq kif tħossok?

5. Staqsi lill-istudenti jimlew il-folja t'attività billi jiktbu lista tal-affarijiet kollha li jisbu tad-daħq. Jistgħu jweħħlu ritratt tagħhom fuq il-folja jekk jixtiequ.



## *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja t'attività, it-tfal flimkien mal-ġenituri, jpenġu xi espressjonijiet tad-daħq fuq l-uċuh.

## INĦOBB NIDĦAQ...

# Jien inħobb nidħaq ...

…………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………





## UĊUH TAD-DAĦQ




*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal ipenġu espressjonijiet tad-daħq fuq l-uċuh.*







# Attività 3: Bl-umoriżmu ngħinu u mhux inweġġgħu

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw x'jistgħu jagħmlu biex bl-umoriżmu tagħhom jgħinu u mhux iweġġgħu lill-ħaddieħor.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi x'nista' nagħmel biex biċ-ċajt tiegħi ngħin u mhux inweġġa' lill-oħrajn.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Biċ-ċajt tiegħi nista' ngħin billi...', folja t'attività 'Tpenġija tad-daħq', ritratti tal-istudenti.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema parti tal-istorja għoġbitkom l-iktar? Għaliex?
- X'kienet il-problema ta' Ċika?
- Min daħħaq lil Ċika?
- X'għamlu Mika u Żigu biex idaħħqu lil Ċika?
- Kif ħassitha Ċika mbgħad?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'jiġri meta nħarsu lejn l-affarijiet tad-dwejjaq fi problema? X'jiġri meta nħarsu lejn l-affarijiet tad-daħq fi problema?
- Min jogħġbuh stejjer tad-daħq? Min jogħġbuh programmi tad-daħq fuq it-televixin? Min jogħġbuh il-*cartoons*? Min jogħġbuh iċ-ċajt?

- Semmi l-iktar darba li dħaqt. X'ġara?
- Kif tħossok meta tidħaq?
- Kif nistgħu nużaw ċajt li jgħin u jkun ta' rispett lejn ħaddieħor?
- Għalfejn hu importanti li nużaw ċajt li jgħin?

5. Għid lill-istudenti biex iweħħlu r-ritratti tagħhom fuq il-folja t'attività, isemmu l-affarijiet kollha li jdaħħquhom, u jiktbu x'jistgħu jagħmlu biex iċ-ċajt tagħhom ikun ta' rispett u jgħin lill-oħrajn.

6. L-istudenti jistgħu jippreżentaw dak li kitbu quddiem l-oħrajn.



***Attività għad-Dar***

Fuq il-folja t'attività, it-tfal flimkien mal-ġenituri jpenġu xi ħaġa tad-daħq li ġratilhom.

**BIĊ-ĊAJT TIEGĦI NISTA' NGĦIN BILLI...**

Jien inħobb nidħaq ...

.................................................................................

.................................................................................

.................................................................................

Biċ-ċajt tiegħi nista' ngħin billi

.................................................................................

.................................................................................

.................................................................................

.................................................................................





# TPENĠIJA TAD-DAĦQ

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal xi affarijiet tad-daħq li ġraw lilhom jew lill- familja. Staqsihom biex ipenġu xi ħaġa tad-daħq li ġratilhom hawn isfel:*

______________________________________________________________





**Checklist għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ____________________<br>Data: ____________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3: Ikkonsolidata |

**Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva***

| 3. NIŻVILUPPAW MENTALITÀ POŻITTIVA | |
|---|---|
| **3.1 ĦSIEB POŻITTIV U OTTIMISTIKU** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **3.1.1. Ħsieb pożittiv u negattiv** | |
| 3.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jagħraf kif min iħares lejn in-naħa s-sabiħa u min iħares lejn in-naħa l-kerha jista' jġib ruħu quddiem fl-sfidi | |
| 3.1.1.I. L-istudent kapaċi jiddistingwi bejn ħsieb pożittiv u ħsieb negattiv quddiem l-isfidi | |
| 3.1.1.A. L-istudent kapaċi jaqsam ħsieb pożittiv fi tliet partijiet (Mhux jien/ Mhux dejjem/ Mhux kollox) | |
| **3.1.2. Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar** | |
| 3.1.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika kif qed iħossu wara li jħares lejn in-naħa s-sabiħa | |
| 3.1.2.I. L-istudent kapaċi jidentifika l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv | |
| 3.1.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv | |
| **3.1.3. Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi** | |
| 3.1.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika sentenza pożittiva li tgħinu jiġġieled kontra ħsibijiet negattivi | |
| 3.1.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika modi ta' kif jiġġieled kontra ħsieb negattiv | |
| 3.1.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika ħsieb negattiv u sentenza pożittiva li tmur kontrieh | |
| **3.2. EMOZZJONIJIET POŻITTIVI** | |
| **3.2.1. It-tama** | |
| 3.2.1.B. L-istudent kapaċi jidentifika għanijiet ġodda li jgħinu żmien diffiċli jaqleb għall-aħjar | |
| 3.2.1.I. L-istudent kapaċi jibqa' jittama meta jkun qed jipprova jilħaq għan | |
| 3.2.1.A. L-istudent kapaċi jibqa' jittama meta jipprova jilħaq għan u ma jirnexxilux | |

[1] B = Livell bażiku, I = Livell intermedju, A = Livell avvanzat

| **3.2.2. Il-kuntentizza** | |
|---|---|
| 3.2.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika attività jew persuna li tagħmlu kuntent | |
| 3.2.2.I. L-istudent kapaċi jagħraf li emozzjonijiet negattivi jistgħu jinbidlu f'emozzjonijiet pożittivi | |
| 3.2.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika x'jista' jagħmel biex jibdel burdata ħażina f'waħda tajba | |
| **3.2.3. L-umoriżmu** | |
| 3.2.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika sitwazzjonijiet jew persuni li jdaħħquh | |
| 3.2.3.I. L-istudent kapaċi jsemmi l-affarijiet li jdaħħquh | |
| 3.2.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika x'jista' jagħmel biex biċ-ċajt tiegħu jgħin u mhux iweġġa' lill-ħaddieħor | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-bżonnijiet tal-istudent:

Għanijiet għal titjib:

***Checklist* għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nfisha**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ____________________________<br><br>Data: ________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| | | |
|---|---|---|
| **NIŻVILUPPAW MENTALITÀ POŻITTIVA – ĦSIEB POŻITTIV U OTTIMISTIKU** | | |
| **Ħsieb pożittiv u negattiv** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Jien nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi niddeskrivi kif min iħares lejn in-naħa l-kerha u min iħares lejn in-naħa s-sabiħa jara l-isfidi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħżel bejn ħsieb pożittiv u ħsieb negattiv meta niltaqa ma' sfidi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naqsam ħsieb pożittiv fi tliet partijiet (Mhux jien/ Mhux dejjem/ Mhux kollox) | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar** | | |
| Jien kapaċi nagħraf kif qed inħossni wara li nħares lejn in-naħa s-sabiħa | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jiġu wara ħsieb pożittiv | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi** | | |
| Jien kapaċi nibni sentenza pożittiva li tista' tgħinni niġġieled kontra ħsibijiet negattivi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi kif niġġieled kontra ħsieb negattiv | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi ħsieb negattiv u sentenza pożittiva li tmur kontrieh | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIŻVILUPPAW MENTALITÀ POŻITTIVA- EMOZZJONIJIET POŻITTIVI** | | |
| **It-tama** | | |
| Jien kapaċi nfassal għanijiet ġodda għal żmien diffiċli | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nibqa' nittama meta nkun qed nipprova nilħaq għan | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nibqa' nittama meta nipprova nilħaq għan u ma jirnexxilix | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| **Il-kuntentizza** | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi nidentifika u niddeskrivi attività jew persuna li tagħmilni kuntent/a | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien nagħraf li emozzjonijiet negattivi jistgħu jinbidlu f'emozzjonijiet pożittivi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi x'nista' nagħmel biex nibdel burdata ħażina f'burdata tajba | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **L-umoriżmu** | | |
| Jien kapaċi nagħmel lista ta' sitwazzjonijiet jew persuni li jdaħħquni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsemmi l-affarijiet li jdaħħquni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi x'nista' nagħmel biex biċ-ċajt tiegħi tiegħi ngħin u mhux inweġġa' lill-oħrajn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb f'din il-ħaġa……**

# TEMA 4: Niżviluppaw Sens ta' Determinazzjoni Soda

## Sottotema 1 Insolvu l-problemi

TOPIK 1

Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi

TOPIK 2

Nqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni

TOPIK 3

Napplikaw soluzzjoni u nevalwawha

## Sottotema 2 L-*empowerment* u l-awtonomija

TOPIK 1

Niżviluppaw skop għall-ħajja u raġuni għalxiex qed ngħixu

TOPIK 2

Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna

TOPIK 3

Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna

# SOTTOTEMA 1
# Insolvu l-problemi

**L-istudji li saru dwar ir-reżiljenza juru li tfal reżiljenti għandhom l-kapaċità li jsolvu l-problemi (Benard, 2004; Munist et al., 1998). Din il-kapaċità tgħin lit-tfal jegħlbu l-isfidi u tipproteġihom mill-effettivi negattivi li jħallu l-problemi. Din il-kapaċita` tgħinhom iqisu u jaraw r-riżorsi li għandhom, jagħmlu pjanijiet realistiċi, u ifittxu l-għajnuna meta hemm bżonn. Din is-sottotema, li hija ffokata fuq il-problemi u fuq il-ħiliet biex it-tfal ikunu kapaċi jsolvuhom, hija maqsuma fi tliet topiks li jkopru l-passi ġenerali ta' kif nistgħu nsolvu l-problemi. Fl-ewwel topik, l-istudenti se jiġu mistiedna biex jagħtu definizzjoni tal-problema (jiġbru l-informazzjoni dwarha, jiddefinixxu l-oġġettivi, u janalizzaw dak li jista' jgħinhom u dak li jista' jtellifhom milli jsolvu l-problema) u jsibu soluzzjonijiet kreattivi għall-problema. Fit-tieni topik, l-istudenti jiżviluppaw ħiliet biex iqisu s-soluzzjonijiet, inkluż il-ħin u l-isforz li hemm bżonn, u jevalwaw ir-riżultati tas-soluzzjonijiet. It-tielet topik jenfasizza l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet, u joffri l-opportunità lill-istudenti biex isolvu l-problemi billi jippruvaw soluzzjonijiet differenti, jevalwaw ir-riżultati tas-soluzzjonijiet, u jerġgħu jipprovaw xi soluzzjonijiet oħra jekk hemm bżonn. F'dan l-aħħar topik, l-istudenti jkunu kapaċi wkoll isemmu l-proċess u l-passi ta' kif isolvu l-problemi.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet għat-Tagħlim** | **NIDDEFINIXXU L-PROBLEMA U NAĦSBU F'SOLUZZJONIJIET KREATTIVI**<br><br>• JAGĦRFU LI HUMA KAPAĊI JSOLVU PROBLEMA.<br>• JAGĦRFU LI L-EWWEL PASS BIEX ISOLVU PROBLEMA HUWA LI JAQSMUHA F'PARTIJIET ŻGĦAR.<br>• JAGĦRFU LI T-TIENI PASS BIEX ISOLVU PROBLEMA HUWA LI JAĦSBU F'SOLUZZJONIJIET KREATTIVI. |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet għat-Tagħlim** | **NQISU S-SOLUZZJONIJIET U NIEĦDU DEĊIŻJONI**<br><br>• JIDDEĊIEDU JEKK DEĊIŻJONI HIX TAJBA JEW LE, SKONT IL-VANTAĠĠI U L-IŻVANTAĠĠI TAGĦHA.<br>• JEŻAMINAW IL-PRATTIĊITÀ TA' SOLUZZJONI GĦAL PROBLEMA.<br>• JEVALWAW KEMM HI EFFETTIVA SOLUZZJONI SKONT KIF HUMA U ĦADDIEĦOR IĦOSSUHOM. |

## TOPIK 3 NAPPLIKAW U NEVALWAW IS-SOLUZZJONI

**Għanijiet għat-Tagħlim**

- IPOĠĠU SOLUZZJONI FIL-PRATTIKA U JAGĦMLU UŻU MINN IKTAR MINN SOLUZZJONI WAĦDA JEKK HEMM BŻONN
- JEVALWAW IR-RIŻULTATI TA' SOLUZZJONI U JEKK IKUN HEMM BŻONN JERĠGĦU JIPPROVAW.
- ISOLVU PROBLEMA FILWAQT LI JSEMMU T-TLIET PASSI TA' KIF INSOLVU L-PROBLEMI.

### Għajnuniet għall-Għalliema

1. Għin lit-tfal jifhmu li xi kultant ser ikollna problemi, kunflitti, u diżgwid iżda nistgħu nitgħallmu l-aħjar mod ta' kif insolvuhom.

2. Għin lit-tfal jaħsbu u jiġbru informazzjoni biex jidentifikaw u jsolvu l-problemi b'mod effettiv.

3. Uża l-problemi li jinqalgħu ta' kuljum fil-klassi biex tgħin lit-tfal jaħsbu b'mod kreattiv meta jkunu jridu jsolvu xi problema.

4. Inkludi dawn il-proċessi ta' kif wieħed isolvi problema f'sitwazzjonijiet diffiċli fil-klassi biex tgħin lit-tfal jaħsbu fuq is-soluzzjoni qabel ma jaġixxu.

5. Involvi lit-tfal fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-klassi inkluż fit-tagħlim akkademiku (eż: attivitajiet, riżorsi, *homework*), fl-aspett soċjali, u fl-imġiba.

# Topik 1 Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu li huma kapaċi jsolvu problema.

Jagħrfu li l-ewwel pass biex isolvu problema huwa li jaqsmuha f'partijiet żgħar.

Jagħrfu li t-tieni pass biex isolvu problema huwa jaħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi.

## Attività 1: Ċika tista' ssolvi l-problema tagħha

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li huma kapaċi jsolvu problema.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li jien kapaċi nsolvi problema.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'; folja t'attività 'Agħmel il-pupazz tiegħek', lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, kuluri differenti ta' żebgħa, strixxi żgħar tal-injam (*lolly sticks*), tejp, imqass.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-kappell ta' Ċika jixxarrab**

**Ċika u Żigu kienu fil-ġnien meta f'daqqa qamet maltempata. Ir-riħ qawwi tefa' l-kappell ta' Ċika fil-vaska. Ċika u Żigu telqu jiġru taħt siġra biex jistkennu. Ċika bdiet tibki għax dan kien il-kappell favorit tagħha u kienet qalgħetu f'għeluq snienha. "Irrid il-kappell!" bdiet tibki. Żigu pprova jgħinha u qalilha: "Ċika, ejja nieqfu u naħsbu! Il-problema hija li tlift il-kappell. Imma ħares lejn in-naħa s-sabiħa: nistgħu naħdmu flimkien biex naraw kif nistgħu nsolvu l-problema." Waqt li baqgħet tibki, Ċika qaltlu: "X'nistgħu nagħmlu? Qed jagħmel ħafna maltemp u ma nistgħux niċċaqilqu minn hawn. Il-kappell qiegħed fil-vaska u jkun ta' periklu jekk naqbżu għalih. U m'hawn ħadd li jista' jgħinna." Żigu baqa' jħares lejn in-naħa s-sabiħa: "Ċika, tinsiex li l-problemi għandhom is-soluzzjonijiet! Diġà nafu fejn qiegħed il-kappell! Kull ma rridu nagħmlu huwa li nibqgħu kalmi u naraw x'nistgħu nagħmlu! Ejja naħsbu ftit. Min jivvinta l-affarijiet ġodda hekk jagħmel. Jaħsbu f'ħafna ideat differenti sakemm isibu xi ħaġa li qatt ħadd ma ħaseb fiha!" Ċika u Żigu ddeċidew li jistennew sakemm jgħaddi l-maltemp. F'dak il-ħin, ħasbu fuq soluzzjonijiet differenti għall-problema: jħallu l-kappell fil-vaska, jidħlu fl-ilma u jfittxu l-kappell, isibu lil xi animal li jaf jgħum, jew imorru lura d-dar u jitolbu lill-ġenituri għall-għajnuna. Huma ħasbu li l-ewwel soluzzjoni għandha tkun li jistennew lil xi ħadd jgħaddi sabiex jitolbuh l-għajnuna.**

**F'dak il-ħin raw lil Peppu l-papru għaddej u ferħu ħafna! Peppu kien għawwiem tajjeb ħafna: kemm-il darba kienu jarawh jgħum u jogħdos fil-vaska biex jgħin lill-annimali l-oħra. "Il-kappell tiegħi tar fil-vaska! Peppu, taħseb li tista' tgħinni?" staqsiet Ċika. "Bil-qalb kollha, Ċika!", wieġeb Peppu. Fil-pront niżel jogħdos għall-kappell u tah lil Ċika. Ċika tantx kemm irringrazzjatu. Iktar tard Ċika marret lura d-dar ma' Żigu. "Rajt kemm hi importanti li tieqaf u taħseb u tipprova ssib soluzzjonijiet differenti?" staqsa Żigu. "Għandek raġun Żigu! Qatt m'għandna ninsew li l-problemi għandhom is-soluzzjonijiet" wieġbet Ċika.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-parti li l-iktar għoġbitkom mill-istorja? Għalfejn?
- Ċika u Żigu sabu soluzzjonijiet differenti għall-problema ta' Ċika. Tiftakru x'kienu?
- Kienu kapaċi jsolvu l-problema? Kif?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'tagħmel meta jkollok problema?
- Tipprova taħseb f'iktar minn soluzzjoni waħda għall-problema li jkollok?
- Temmen li tista' ssolvi l-problemi? Għalfiex huwa importanti li temmen li tista' ssolvi l-problemi?

5. Għid lill-istudenti li huwa normali li niltaqgħu mal-problemi, u li kulħadd iħares lejn l-affarijiet b'mod differenti. Biex ikunu jistgħu jsolvu l-problemi aħjar, huwa tajjeb li npoġġu l-enerġija tagħna fuq li naħsbu f'soluzzjoni milli nweħħlu fina nfusna jew f'ħaddieħor jew

naħsbu fuq kemm se tkun diffiċli biex insolvu l-problema. Enfasizza li kollha kemm huma jistgħu jitgħallmu jaħsbu b'mod pożittiv fuq il-problemi tagħhom.

6. Għid lill-istudenti jagħmu il-pupazz tagħhom stess bl-użu tal-folja t'attività. Wara li jagħtu l-kulur lill-annimali, jqasqsuhom u jwaħħlu l-*lolly sticks* fuq wara. Il-pupazzi jistgħu jintużaw biex isiru *role plays* ta' soluzzjonijiet differenti għall-problema ta' Ċika u għal problem oħrajn.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu l-pupazzi d-dar biex jiddiskutu l-problema ta' Ċika mal-ġenituri tagħhom u jaħsbu fuq soluzzjonijiet oħrajn. Il-ġenituri jitkellmu ma' wliedhom fuq deċiżjonijiet li għamlu huma biex isolvu problemi fil-passat u jekk kinux suċċess. L-għada staqsi lit-tfal fuq dak li ddiskutew id-dar.

## AGĦMEL IL-PUPAZZ TIEGĦEK




Biex tkun tista' ssolvi l-problemi aħjar, aħseb fuq is-soluzzjoni. Tista' tagħmel il-pupazz tiegħek u mbagħad oħloq storja dwar kif solvejt problema.







# AGĦMEL IL-PUPAZZ TIEGĦEK










# AGĦMEL IL-PUPAZZ TIEGĦEK

Wara li tkun għamilt il-pupazzi, oħloq l-istorja b'dawk il-karattri. Aħseb f'min hu involut, il-post fejn isseħħ, meta sseħħ, x'inhi l-problema u kif jistgħu jsolvuha!



*Lill-ġenituri:It-tfal ġabu pupazzi d-dar u se jkellmukom fuq l-istorja li semgħu l-iskola 'Il-kappell ta' Ċika jixxarrab'. F'din l-istorja, jagħmel il-maltemp u l-kappell ta' Ċika jtir għal ġol-vaska. Ċika u Żigu rnexxielhom isibu soluzzjoni u saqsew lil papra għall-għajnuna. Staqsu lit-tfal fuq din l-istorja u għinuhom jaħsbu f'soluzzjonijiet oħrajn għal din il-problema. Tistgħu titkellmu mat-tfal fuq għażliet li għamiltu intom biex issolvu problemi fil-passat u kif ksibtu suċċess.*




# Attività 2: Ċika ssib soluzzjoni

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li l-ewwel pass biex isolvu problema huwa li jaqsmuha f'partijiet żgħar.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li biex insolvi problema rrid l-ewwel naqsamha f'partijiet żgħar.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ejja nimmaġinaw problema', *biros* jew lapsijiet, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, folja t'attività 'Naqsmu l-problema'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 u stieden lill-istudenti jagħmlu reċta tal-istorja bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-parti li l-iktar għoġbitkom mill-istorja? Għalfejn?
- Xi ġralha Ċika?
- Kienet problema waħda jew iktar minn waħda?
- Ċika u Żigu sabu soluzzjonijiet differenti għall-problema ta' Ċika. Tiftakru x'kienu?
- X'seta' ġara kieku Ċika ma waqfitx biex taħseb fuq il-problema?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'tagħmel meta jkollok problema?
- Il-problema ta' Ċika kienet diffċli? X'nistgħu nagħmlu meta jkollna problemi diffiċli?

- Temmen li tista' ssolvi l-problemi? Għaliex huwa importanti li temmen li tista' ssolvi l-problemi?
- Tipprova taħseb f'iktar minn soluzzjoni waħda għall-problema li jkollok?

5. Tkellem mal-istudenti fuq problemi li ġraw fil-klassi u għinhom jiftakru problema li kellhom qabel. Staqsihom biex iħarsu lejn l-ewwel stampa ta' fuq il-folja t'attività 'Ejja nimmaġinaw problema' u iddiskutu flimkien kif il-problema tista' tinqasam f'partijiet iżgħar. Per eżempju, l-ewwel stampa turi tifel li waqa' bir-rota. Nistgħu naqsmu din il-problema f'partijiet żgħar: 1. Jista' jkun li t-tifel weġġa'; 2. Ir-rota waqgħet mal-art u; 3. Jista' jkun li sarilha xi ħsara.

6. Qassam l-aħħar folja t'attività 'Naqsmu l-problema' u staqsi lill-istudenti biex jagħżlu waħda mill-problemi ta' fuq il-folja t'attività 'Ejja nimmaġinaw problema', ipenġuha u jaqsmuha f'partijiet iżgħar bħalma għamlu fl-ewwel eżempju.

7. L-istudenti jaqsmu dak li pinġew quddiem il-klassi u flimkien iddiskutu xi soluzzjonijiet għall-problemi.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu t-tpenġijiet id-dar, jitkellmu mal-ġenituri fuq l-attività li għamlu l-iskola, u jiddeskrivu l-problema u kif tista' tissolva. Il-ġenituri jgħinu lit-tfal jifhmu li jistgħu jsolvu problemi li jinqalgħu ta' kuljum u jekk ikun hemm bżonn, jaqsmuhom f'partijiet żgħar.

# EJJA NIMMAĠINAW PROBLEMA




Ejja nimmaġinaw problema u naqsmuha f'partijiet żgħar



Meta jkolli problema, NIEQAF, NAĦSEB, NIĠBOR L-INFORMAZZJONI u naħseb f'ideat biex insolviha. Jekk il-problema tkun kbira, nista' naqsamha f'partijiet żgħar.

Ejja nimmaġinaw problem komuni li jista' jkollhom it-tfal. Ħares lejn dawn l-istampi. X'taħseb li seta' ġara?

A)







# EJJA NIMMAĠINAW PROBLEMA

B)



Ċ)







# EJJA NIMMAĠINAW PROBLEMA




D)



E)







# EJJA NIMMAĠINAW PROBLEMA

F)



Ġ)



# NAQSMU L-PROBLEMA




Agħmel tpenġija fuq problema u kif tista' taqsamha f'partijiet żgħar:

**PROBLEMA** | **PARTIJIET TAL-PROBLEMA**

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu t-tpenġijiet fuq problema u kif qasmuhom f'partijiet żgħar. Għinhom jifhmu kif huma jistgħu jsolvu problemi li jinqalgħu ta' kuljum u jekk ikun hemm bżonn jaqsmuhom f'partijiet żgħar.*





# Attività 3: Ċika taħseb f'soluzzjonijiet differenti

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li t-tieni pass biex isolvu problema huwa li jidentifikawha u jaħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf li t-tieni pass biex insolvi problema huwa li naħseb f'soluzzjonijiet differenti.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Għandi problemi u soluzzjonijiet', *biros* jew lapsijiet.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-parti li l-iktar għoġbitkom mill-istorja? Għalfejn?
- Ċika u Żigu sabu soluzzjonijiet differenti għall-problema ta' Ċika. Kienu differenti jew bħal xulxin?
- Tista' taħseb f'soluzzjonijiet differenti għall-problema ta' Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'tagħmel meta jkollok problema?
- Tipprova taħseb f'iktar minn soluzzjoni waħda għall-problema li jkollok? Agħti eżempju.
- Kemm hi diffiċli/faċli li taħseb f'soluzzjonijiet differenti?

Għid lit-tfal li ħafna drabi hemm iktar minn soluzzjoni waħda għal problema. Mhux dejjem faċli li taħseb f'iktar soluzzjonijiet u għalhekk jistgħu jitgħallmu rużaw strateġija li tgħinhom jaħsbu f'ħafna ideat differenti – *brainstorming*. Fisser u agħti eżempju ta' problema u brainstorming ta' soluzzjonijiet mill-grupp kollu.

5. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu fuq problema li kellhom u għidilhom jimlew il-folja t'attività 'Għandi problemi u soluzzjonijiet'. Iridu jiftakru jekk setgħux jaħsbu f'soluzzjonijiet differenti biex isolvu problema. Jistgħu jaqsmu l-problema mal-klassi u t-tfal l-oħra jipprovaw isibu soluzzjonijiet differenti għall-problema.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu l-folja t'attività id-dar u jiddiskutu l-problema mal-ġenituri. Flimkien jaħsbu f'soluzzjonijiet oħra biex isolvu l-problema.

## GĦANDI PROBLEMI U SOLUZZJONIJIET

Meta jkolli problema niftakar li jien kapaċi nsib soluzzjonijiet!



### GĦANDI DIN IL-PROBLEMA:

____________________________________________



**SIBT SOLUZZJONIJIET DIFFERENTI:**

1 ______________________________________________

2 ______________________________________________

3

______________________________________________

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu magħhom il-folji t'attività li għamlu l-iskola biex jiddiskutuhom magħkom. Flimkien, aħsbu f'soluzzjonijiet oħrajn għall-problema.*





# Topik 2 Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jiddeċiedu jekk deċiżjoni hix tajba jew le, skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha.

Jeżaminaw il-prattiċità ta' soluzzjoni għal problema.

Jevalwaw kemm hi effettiva soluzzjoni skont kif huma u ħaddieħor iħossuhom.

## Attività 1: Żigu jqis is-soluzzjoni

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeċiedu jekk deċiżjoni hix tajba jew le, skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf jekk soluzzjoni hix tajba billi nqis l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Vantaġġi u żvantaġġi', lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, *sticker paper* trasparenti, imqass.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-bord maġiku ta' Ċika**

**Ċika rċeviet 'drawing kit' b'bord maġiku, pniezel, żebgħa u kappell ta' pittur mingħand in-nanna tagħha. Dan il-bord kien verament speċjali għax setgħet tpenġi dak kollu li riedet u wara li tkun lestiet, setgħet tħassar kollox bi sponża maġika u tibda xi ħaġa ġdida. In-nanna wissietha: "Ċika, l-unika ħaġa li ma tistax tagħmel hija li tpenġi l-bord kollu bl-iswed għax l-isponża ma tħassarx iż-żebgħa sewda." "Ok jekk dik l-unika ħaġa li ma nistax nagħmel…imma min se jkun irid jiżbogħ il-bord kollu iswed? Żgur ma tiġix sabiħa l-pittura!" wieġbet Ċika.**

**Żigu ġie jara lil Ċika u ddeċidew li jiżbgħu flimkien. Żigu qal lil Ċika: "Taf li tista' tagħmel kuluri ġodda billi tħallat iż-żebgħa? kemm tħallat żewġ kuluri, bħall-aħmar u l-isfar!" "Tajjeb. Issa għamilt l-oranġjo!" qalet Ċika.**

**Minn dakinhar, bdew iqattgħu ħafna ħin jiżbgħu flimkien. Darba minnhom iż-żewġt iħbieb kienu qegħdin jilagħbu meta Żigu qal: "Għandi idea! Kull m'għandna bżonn hija żebgħa sewda." "Żebgħa sewda?" staqsiet Ċika. Ċika fehmet lil Żigu li n-nanna qaltilha biex ma tużax żebgħa sewda fuq il-bord. Imma Żigu staqsa: "Le? Għalfejn?" "Għax in-nanna qaltli li l-isponża ma tħassarx żebgħa sewda", qalet Ċika. "U ejja nipprovaw!" qal Żigu. "Imma n-nanna qaltli…" insistiet Ċika. Żigu ma qatax qalbu: "Qed tibża'?" U hi qalet: "Le!" "Iva qed tibża'!" wieġeb Żigu.**

**Ċika ddeċidiet li turi lil Żigu li ma kinitx qed tibża'. Qabdet il-pinzell biż-żebgħa sewda u bdiet tiżbogħ il-bord. Meta lestiet, Żigu qal: "Qed tara? Irnexxielna!" Ċika ħadet gost li lil Żigu għoġbitu, sakemm marret tipprova tħassar il-bord. L-isponża ma bdietx tħassar iż-żebgħa, hekk kif kien qaltilha n-nanna. Ċika bdiet tibki u qalet: "Issa ma nistax inpenġi fuq il-bord!"**

**Żigu ddispjaċih ħafna, imma Ċika baqgħet tibki. F'dak il-ħin, Żigu sema' l-vuċi tan-nanna tagħha u qal: "Ċika, għalfejn ma nsaqsux lin-nanna tgħinna? Ċika bdiet tibża' ssaqsi lin-nanna għall-għajnuna. Żigu ħa nifs twil u beda jgħin lil Ċika jispjegaw dak li kienu għamlu.**

**"Ejja ħa naħsbu f'dak li nistgħu nagħmlu", qalet in-nanna. Marret u ġabet ingwent speċjali minn ġol-kexxun. "Dan jista' jgħinna nnaddfu ż-żebgħa sewda, imma l-bord qatt m'hu ser jiġi kif kien qabel. Issa ħa jkun griż minflok abjad. Kieku smajt minni l-bord kien jibqa' abjad", qalet in-nanna. Ċika u Żigu ferħu għax setgħu jkomplu jużaw il-bord. Minn dakinhar, Ċika ddeċidiet li tisma' minn dak li tgħidilha in-nanna meta tagħtieha xi rigal.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-parti li l-iktar għoġbitkom mill-istorja? Għalfejn?
- Ċika għamlet għażla. X'kienet?
- Liem kienu l-vantaġġi (l-affarijiet is-sbieħ) tad-deċiżjoni tagħha? U liem kienu l-iżvantaġġi (l-affarijiet il-koroh)?
- Taħseb li Ċika jew Żigu setgħu għamlu xi ħaġa differenti?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta jkollok problema, tieqaf u taħseb fuq is-soluzzjonijiet?
- Taħseb fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull soluzzjoni? Għalfejn jew għalfejn le?
- Tiftakar f'xi deċiżjoni li għamilt? Għidilna fuqha.
- Tista' tgħidilna liem kienu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi (l-affarijiet sbieħ u koroh) ta' dik is-soluzzjoni?

5. Staqsi lit-tfal jekk jiftakrux il-passi li nistgħu nsegwu biex insolvu l-problemi. Meta jkollhom problema, l-ewwel iridu jieqfu, jaħsbu, u jiġbru l-informazzjoni biex ikunu jistgħu jidentifikaw x'inhi l-problema. Imbagħad iridu jaħsbu f'soluzzjonijiet differenti, jevalwawhom, u jirriflettu fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull soluzzjoni.

6. Qassam il-folji t'attività lil kull student/a u staqsihom biex jaħsbu fi problema li kellhom u kif solvewha. Għidilhom jirriflettu fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull soluzzjoni. Imbgħad jagħmlu tpenġija fuq soluzzjoni billi jużaw il-parti tax-xellug tal-*jigsaw puzzle* biex juru l-affarijiet is-sbieħ tas-soluzzjoni, u l-parti tal-lemin biex juru l-affarijiet il-koroh (negattivi). Meta jkunu lesti, għinhom iwaħħlu l-*sticker paper* trasparenti fuq iż-żewġ naħat u jqasqsu ż-żewġ biċċiet tal-*puzzle* b'imqass. Staqsi lit-tfal biex jitkellmu fuq il-problema tagħhom u fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-soluzzjoni li għażlu. Fl-aħħar, it-tfal jistgħu jħawdu l-biċċiet tal-*puzzles* kollha f'daqqa, u jerġgħu jsibu l-pari.



## Attività għad-Dar

It-tfal jieħdu l-*puzzles* id-dar u jitkellmu fuq ix-xogħol li għamlu u fuq il-problemi li għażlu mal-ġenituri. Jistgħu jesploraw soluzzjonijiet differenti għall-problema tagħhom, u jidentifikaw l-affarijiet it-tajbin u dawk negattivi ta' kull soluzzjoni.

# VANTAĠĠI U ŻVANTAĠĠI




Meta taħseb f'soluzzjonijiet differenti, aħseb fuq l-aspetti pożittivi u negattivi ta' kull soluzzjoni qabel ma tagħżel waħda.

**VANTAĠĠI U ŻVANTAĠĠI TAL-PROBLEMA TIEGĦI**

***Il-problema tiegħi hi*:**_______________________________________

***Is-soluzzjoni tiegħi hi:***_______________________________________

**Vantaġġi**: Affarijiet sbieħ fuq is-soluzzjoni tiegħi

**Żvantaġġi**: Affarijiet negattivi fuq is-soluzzjoni tiegħi



*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq dak li għamlu l-iskola. Illum tkellmu fuq problemi u soluzzjonijiet. Flimkien, esploraw soluzzjonijiet differenti għall-problema hawn fuq, u ddiskutu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull soluzzjoni.*





# Attività 2: Id-deċiżjoni ta' Ċika

## L-Għan tat-Tagħlim

Jeżaminaw il-prattiċità ta' soluzzjoni għal problema.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeċiedi jekk soluzzjoni hix diffiċli biex sseħħ fil-prattika.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', kobba suf, folja t'attività 'Immaġina storja', *cards* għall-istorja magħmulin mill-istudenti stess (kuntesti: ħdejn il-baħar, fil-muntanji, ġo belt; karattri: tifel/tifla, adoloxxent, mara żagħżugħa, raġel xiħ; problemi: katastrofi naturali, dar antika, ambulanza).



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 u stieden lill-istudenti jagħmlu reċta tal-istorja bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-parti li l-iktar għoġbitkom mill-istorja? Għalfejn?
- Ċika għamlet għażla. X'kienet?
- Ċika ħadet il-ħin tagħha tirrifletti fuq l-għażla tagħha? Għidilna iktar fuq dan.

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'tagħmel meta jkollok problema? Jekk ikun hemm soluzzjoni li ma tiħux ħafna ħin, tagħżel dik is-soluzzjoni mill-ewwel?
- Tiftakar f'deċiżjoni li għamilt? Ħadt iż-żmien biex tapplikaha fil-prattika? Għidilna fuqha.

5. Ibda l-attività billi tgħid lill-istudenti jpoġġu f'ċirku. Huma jridu jgħidu storja fejn kull student irid jieħu sehem fiha. L-istorja jrid ikun fiha karattru li għandu problema u huma jridu jsibu tmiem sabiħ (soluzzjoni tajba). Oħroġ is-suf mill-kobba u ibda l-istorja billi tgħid: "Darba waħda… ". Agħti l-kobba lil student u dan irid jieħu *card* b'karattru u jkompli l-istorja fuq il-karattru li jiġi. Imbagħad l-istudent jagħddi l-kobba lil xi ħadd ieħor li jiġbor *card* oħra u jkompli l-istorja skont l-istampa ta' fuq il-*card*. Irrepetu għat-tielet *card*. L-istudenti kollha jridu jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-istorja billi jiċċaraw il-problema, jaħsbu f'soluzzjonijiet, jevalwaw il-ħin jew iż-żmien li tirrikjedi kull soluzzjoni, u jagħmlu deċiżjoni (l-istorja jrid ikollha tmiem sabiħ).



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jagħmlu attività simili mal-familja tagħhom u jagħmlu *cards* tagħhom. Staqsi lit-tfal iġibu l-iskola l-*cards* li għamlu mal-ġenituri tagħhom.

## IMMAĠINA STORJA

Qabel ma nagħżlu soluzzjoni, irridu naħsbu wkoll f'kemm hi faċli jew diffiċli biex timplimentaha fil-prattika. **Agħzel kelma minn kull kategorija biex tibni storja.**

# POSTIJIET

| | |
|---|---|
| **ĠNIEN** | **SPTAR** |
| **MUNTANJI** | **POST BARRA MINN MALTA** |
| **BELT** | **SUPERMARKET** |

# POSTIJIET

| | |
|---|---|
| **BAĦAR** | **L-ISKOLA** |
| **ID-DAR** | |
| | |





# KARATTRI

| | |
|---|---|
| TARBIJA ŻGĦIRA | RAĠEL XIĦ |
| ŻAGĦŻUGĦ | MISSIER |
| OMM | TIFEL MINN PAJJIŻ IEĦOR |





# KARATTRI

| | |
|---|---|
| **TIFLA TA' RELIĠJON DIFFERENTI** | **TIFEL ĠO *WEELCHAIR*** |
| **RAĠEL GĦAMI** | **MARA ŻAGĦŻUGĦA** |
| | |





# SITWAZZJONI

| | |
|---|---|
| **TERRIMOT** | **GWERRA** |
| **MISSIER LI JAĦDEM BARRA** | **INĊIDENT TAT-TRAFFIKU** |
| **LINGWA DIFFERENTI** | **XI ĦADD JGĦADDINI BIŻ-ŻMIEN** |





# SITWAZZJONI

| | |
|---|---|
| **BLA ĦBIEB** | **BLA XOGĦOL** |
| **MARDA** | **IMKEĊĊI MILL-ISKOLA** |
| **MARKI ĦŻIENA FL-ISKOLA** | **INĦOSSNI MITLUF** |





# SITWAZZJONI

| | |
|---|---|
| **MA NOBDIX LILL-ĠENITURI** | **MA NISTAX TAGĦMEL IL-*HOMEWORK*** |
| **IN-NANNU MARID** | |
| | |

*Lill-ġenituri: Agħmlu* cards *bi problemi differenti mat-tfal. Dawn huma* cards *fejn tistgħu tiktbu postijiet, sitwazzjonijiet jew karattri. Imbagħad, flimkien, oħolqu stejjer b'dan il-mod: xi ħadd minnkom jagħżel* card *b'karattru u jibda l-istorja, mbagħad xi ħadd ieħor jagħżel* card *b'sitwazzjoni jew post fejn il-karattru jkun qiegħed jiffaċċja problema. Flimkien ipprovaw sibu tmiem sabiħ u soluzzjoni tajba għall-istorja.*




# Attività 3: Ċika u r-riżultati tas-soluzzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Jevalwaw kemm hi effettiva soluzzjoni skont kif huma u ħaddieħor iħossuhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nqis jekk soluzzjoni hix tajba jew le skont kif jien u oħrajn inħossuna fuq ir-riżultat.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ejja naħsbu fuqha', imqass.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-parti li l-iktar għoġbitkom mill-istorja? Għalfejn?
- Meta Ċika għamlet l-għażla, qieset ir-riżultati qabel?
- Ħassitha kuntenta fuq l-għażla tagħha? U Żigu? X'iġiegħlek taħseb hekk?
- Kif taħseb li ħassitha n-nanna?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta jkollok problema, x'tagħmel? Tista' tagħti eżempju ta' deċiżjoni li għamilt?
- Irnexxielek issolvi l-problema? Kif ħassejtek fuq l-għażla tiegħek? Kif ħassu ħaddieħor bid-deċiżjoni tiegħek?

5. Qabbad- lill-istudenti jaħdmu f'pari. Uża l-folja t'attività 'Ejja naħsbu fuqha' u qassam il-*cards* bil-problemi. Ara li kull par għandu mill-inqas żewġ *cards* (jekk ikun hemm bżonn, tista' żżid iktar *cards*). Huma jiddiskutu l-*cards*, isibu soluzzjoni għall-problemi, u jqisu kif jistgħu jħossuhom huma u oħrajn bis-soluzzjonijiet. Fl-aħħar, il-gruppi jistgħu jaqsmu x-xogħol mat-tfal l-oħra.



## Attività għad-Dar

It-tfal jieħdu l-*cards* id-dar u jiddiskutuhom mal-ġenituri. Flimkien jaħsbu fuq soluzzjonijiet oħrajn u jipprovaw isibu soluzzjonijiet li kulħadd ser iħossu tajjeb fuqhom.

# EJJA NAĦSBU FUQHA




Qabel ma nipprovaw soluzzjoni, huwa imporanti li naraw sewwa r-riżultati li jista' jkollha, naħsbu jekk is-soluzzjoni hux ser issolvi l-problema, u jekk hux se jogħġobna r-riżultat.

| | |
|---|---|
| INTI U ĦABIBA TIEGĦEK RAJTU ĦABIB IEĦOR JIEĦU XI ĦAĠA LI MHUX TIEGĦU | ĦABIBA LI S-SOLTU TILGĦAB MAGĦHA MA TRIDX TILGĦAB MIEGĦEK |
| IL-ĦBIEB QED IĦEĠĠUK BIEX TAGĦMEL XI ĦAĠA STUPIDA | XI ĦADD JGĦAJREK |
| XI ĦADD JEĦODLOK IL-BALLUN MINGĦAJR MA JSAQSIK | ĦABIB ISAQSIK BIEX TAGĦMILLU L-*HOMEWORK* |
| IL-ĠAR IKISSIRLEK LOGĦBA | XI ĦADD QED JGĦADDI Ż-ŻMIEN B'ĦABIB TIEGĦEK LI QIEGĦED ĠO SIĠĠU TAR-ROTI |
| INSEJT TAGĦMEL IL-*HOMEWORK* | TRID TARA T-TV IMMA WASAL IL-ĦIN BIEX TORQOD |
| XI ĦADD TAK RIGAL LI MA JOGĦĠBOKX | ISSIB XI FLUS FIL-KLASSI |

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu* cards *bi problemi fuqhom biex jiddiskutuhom magħkom. Flimkien, aħsbu f'soluzzjonijiet oħrajn għal dawn il-problemi, u pprovaw identifikaw dawk is-soluzzjonijiet li jagħżlu l-membri differenti tal-familja.*





# Topik 3 Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Ipoġġu soluzzjoni fil-prattika anke jekk ikun hemm bżonn li jagħmlu użu minn iktar minn soluzzjoni waħda.

Jevalwaw ir-riżultati ta' soluzzjoni u jekk ikun hemm bżonn jerġgħu jipprovaw.

Isolvu problema filwaqt li jsemmu t-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi.

## Attività 1: Ċika trid tiddeċiedi x'se tagħmel

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Ipoġġu soluzzjoni fil-prattika anke jekk ikun hemm bżonn li jagħmlu użu minn iktar minn soluzzjoni waħda.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nsolvi problema billi nipprova soluzzjoni u nagħmel użu minn iktar minn soluzzjoni waħda jekk hemm bżonn

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ejja nsibu soluzzjoni', imqass.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**In-nassa – L-istorja ma tiqafx hawn**

**Dakinhar kienet nieżla x-xita bil-qliel. Ċika kienet se tiltaqa' ma' Żigu d-dar tiegħu biex imorru l-iskola flimkien. Iżda l-ġnien kien mimli għadajjar ta' ilma. Ċika bilkemm setgħet tara fejn kienet sejra. F'daqqa waħda rat lil Dino l-kelb maqbud f'toqba taħt l-art. Mill-ewwel xtaqet tgħinu, iżda kien perikoluż li tersaq lejh għax il-ħamrija kienet kollha ilma u setgħet taqa' u tweġġa'. Ħasbet li ssejjaħ lil Żigu għall-għajnuna imma ma xtaqitx tħalli lil Dino waħdu. Ċika ma kinitx taf x'ser tagħmel.**

**Issa pprova kompli l-istorja u aħseb fuq kif se ngħinu lil Ċika.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Ċika kellha problema. X'kienet?
- Kif taħseb li tista' ssolvi din il-problema?
- Tista' tagħmel soluzzjonijiet differenti biex tasal għal soluzzjoni tajba?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' taħseb fi problema li kellek qabel?
- X'għamilt?
- Ħsibt fuq soluzzjonijiet differenti? Għidilna ftit iktar.
- Sibt soluzzjoni tajba? Kellek tuża iktar minn soluzzjoni waħda biex issolvi l-problema aħjar? X'kienu dawn is-soluzzjonijiet?

5. Staqsi lit-tfal biex jaħdmu f'pari. Uża l-folja t'attività 'Ejja nsibu soluzzjoni', qassam il-*cards* bil-problemi fuqhom (inkludi sitwazzjonijiet li taħseb huma importanti biex tiddiskuti mat-tfal) u ara li kull par ikollu mill-inqas żewġ *cards*. Huma jiddiskutu l-problemi fuq il-*cards* u jgħaqqdu iktar minn soluzzjoni waħda biex jaslu għal soluzzjoni aħjar. Imbagħad kull par jagħmel reċta tas-sitwazzjoni quddiem il-klassi. Wara r-reċta, staqsi lil xi ħadd biex jagħmel ġabra tas-soluzzjonijiet.



***Attività għad-Dar***

It-tfal jieħdu l-*cards* id-dar u jiddiskutu mal-ġenituri jekk is-soluzzjonijiet għall-problemi kinux l-aħjar soluzzjonijiet u jekk jistgħux jgħaqqdu żewġ soluzzjonijiet biex jaslu għal riżultat aħjar.

**EJJA NSIBU SOLUZZJONI**

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu dawn il-cards bi problemi differenti. Iddiskutu jekk is-soluzzjonijiet kinux l-aħjar soluzzjonijiet, u jekk ir-riżultat ikunx aħjar meta tgħaqqad iktar minn soluzzjoni waħda. Xi kultant ikun hemm bżonn tgħaqqad iktar minn soluzzjoni waħda flimkien!*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **ĦUK KISSER IL-ĠUGARELL FAVORIT TIEGĦEK** | **WAĦDA MILL-ĦBIEB TIEGĦEK IMBUTTATEK** | **MA TRIDX TMUR TORQOD** | **XI ĦADD BEDA JGĦAJREK** |
| **TIXTIEQ TMUR TILGĦAB BARRA IMMA NIEŻLA X-XITA** | **MA TRIDX TMUR L-ISKOLA** | **MA TISTAX ISSIB IL-ĠUGARELL FAVORIT TIEGĦEK** | **KISSIRT IL-VAŻUN TAL-MAMÀ** |
| **INTILEF IL-KELB** | **IL-*PLAY STATION* MA JAĦDIMX** | **XI ĦADD QED JGĦADDI Ż-ŻMIEN B'TIFEL FIS- SIĠĠU TAR-ROTI** | **SĦABEK QED IGĦIDULEK TAGĦMEL XI ĦAĠA STUPIDA** |
|  | | |  |

# Attività 2: Ċika tħossha tajba fuq id-deċiżjoni li ħadet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jevalwaw ir-riżultati ta' soluzzjoni u jekk ikun hemm bżonn jerġgħu jipprovaw.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Neżamina jekk is-soluzzjoni ħadmitx u jekk ikunx hemm bżonn nerġa' nipprova.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Naħsbu fuq is-soluzzjonijiet', *biros* jew lapsijiet, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 u stieden lit-tfal jagħmlu reċta tal-istorja bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Ċika kellha problema. X'kienet?
- Kif taħseb li tista' ssolvi din il-problema?
- Taħseb li dik is-soluzzjoni tista' ssolvi l-problema?
- Kif taħseb li tħossha fl-aħħar?
- U jekk ma jirnexxilhiex, x'tista' tagħmel?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' taħseb fi problema li kellek qabel?
- X'għamilt?
- Ħsibt fuq soluzzjonijiet differenti?

- Sibt soluzzjoni li kont kuntent biha?
- Kif ħassejtek fuq din is-soluzzjoni?
- Mill-ewwel ħadt din id-deċiżjoni jew kellek bżonn terġa' tipprova?

5. Agħti lil kull student il-folja t'attività 'Naħsbu fuq is-soluzzjonijiet'. Għidilhom jaħsbu fuq problema li solvew, ipenġuha u jwieġbu l-mistoqsijiet li hemm fuq il-folja. Imbagħad jiddiskutu x-xogħol tagħhom u jispjegaw il-problema u s-soluzzjonijiet għaliha, jevalwaw is-suċċess tas-soluzzjonijiet u igħidu kif iħossuhom dwarhom.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu l-folji t'attività id-dar u jaqsmu dak li tkellmu fuqu fil-klassi mal-ġenituri tagħhom. Jistgħu wkoll iżidu sitwazzjonijiet ġodda li ġraw matul il-ġimgħa fuq il-folja t'attività.

# NAĦSBU FUQ IS-SOLUZZJONIJIET

**X'kienet il-problema tiegħi?**

**Kif solvejtha?**

**Kif ħassejtni?**

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu din il-folja t'attività d-dar biex jiddiskutu magħkom xi problemi li tkellmu fuqhom fil-klassi. Iddiskutu magħhom is-soluzzjonijiet u tistgħu anke żżidu sitwazzjonijiet li ġraw lil xi ħadd fil-familja matul il-ġimgħa.*





# Attività 3: Ċika ssolvi l-problemi

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Isolvu problema filwaqt li jsemmu t-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nsolvi problema filwaqt li nsemmi t-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Kif insolvu l-problemi', kartonċin tal-kulur bil-passi u kliem importanti tal-proċess ta' kif insolvu l-problemi, kartonċin vojt, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, żebgħa f'kuluri differenti, materjali differenti (*tissues*, karti minn rivisti, karti kkuluriti, suf, eċċ.), imqass, ħajt, stikek tal-injam.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Ċika kellha problema. X'kienet?
- Kif taħseb li tista' ssolvi din il-problema?
- Taħseb li dik is-soluzzjoni tista' ssolvi l-problema?
- Kif taħseb li tħossha fl-aħħar?
- U jekk ma jirnexxilhiex, tista' terġa' tipprova?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' taħseb fi problema li kellek qabel?

- X'għamilt?
- Ħsibt fuq soluzzjonijiet differenti?
- Sibt soluzzjoni li kont kuntent biha?
- Kif ħassejtek fuq din is-soluzzjoni?
- Mill-ewwel ħadt din id-deċiżjoni jew kellek bżonn terġa' tipprova?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi u staqsihom jagħtu tmiem għall-istorja billi jaħsbu fuq l-aħjar deċiżjoni għall-problema ta' Ċika. Kull grupp jippreżenta is-soluzzjonijiet tiegħu quddiem il-klassi. Wara li kull soluzzjoni tiġi diskussa, staqsi lil xi ħadd jagħmel ġabra ta' dak li ntqal. Il-klassi mbagħad trid issib soluzzjoni li jkun kuntent biha kulħadd. Għid lit-tfal li flimkien ser jagħmlu *mobile* tal-istorja biex idendluha fil-klassi (ara l-eżempju fil-folja t'attività). F'pari joħolqu element wieħed tal-istorja jew iżejnu waħda mill-kartonċin bil-passi ta' kif insolvu l-problemi b'materjali differenti. Fl-aħħar, dendel il-*mobile* bi spag imwaħħlin ma' żewġ stikek tal-injam kif hemm fl-istampa. It-tfal jiftakru kif insolvu l-problemi u nieħdu deċiżjonijiet kull meta jħarsu lejn il-*mobile* mdendel fil-klassi.



## *Attività għad-Dar*

Ħu ritratt tal-*mobile* u agħti kopja lil kull student sabiex ikunu jistgħu jeħduh id-dar. Għidilhom juruh lill-ġenituri u jitkellmu magħhom fuq l-attività li għamlu l-iskola. Flimkien, jistgħu jipprovaw jagħmlu poeżija żgħira tal-proċess ta' kif insolvu l-problemi. L-għada, staqsi lit-tfal fuq dak li ddiskutew mal-ġenituri u t-tfal jistgħu jaqraw il-poeżija li għamlu.

# KIF INSOLVU L-PROBLEMI









*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq is-soluzzjonijiet li sabu għall-problema ta' Ċika u fuq il-mod ta' kif insolvu l-problemi. F'din l-istorja, Ċika sabet ħabib maqbud f'nassa waqt maltempata u ma kinitx taf x'għandha tagħmel. Flimkien, ipprovaw agħmlu poeżija żgħira fuq il-mod ta' kif insolvu l-problemi*




# SOTTOTEMA 2
# L-*empowerment* u l-awtonomija

**L-*empowerment* huwa l-perċezzjoni tal-individwu tal-kompetenza personali tiegħu u kemm jemmen li l-għanijiet jistgħu jintlaħqu. Min-naħa l-oħra l-awtonomija tirreferi għas-sens ta' identità tal-persuna u l-kapaċità li l-persuna taġixxi b'mod independenti u jkolla xi tip ta' kontroll fuq l-ambjent ta' madwarha (Benard, 2004). L-ewwel topik jiffoka fuq l-iżvilupp ta' skop u tifsira tal-ħajja. L-istudenti jaħsbu dwar is-sens li għandhom l-affarijiet ta' madwarhom, kif ukoll jirriflettu fuq l-iskop tagħhom stess u jimmaġinaw x'se jiġri meta jikbru. It-tfittxija għall-iskop tal-ħajja hija kawża ta' ansjetà fil-ħajja ta' ħafna nies. Meta l-persuna ssib skop għal ħajjitha tħossha iktar kuntenta u tkun iktar b'saħħitha. It-tieni topik għandu l-għan li jiżviluppa sens ta' kontrol u fiduċja biex jgħin lill-istudenti jagħrfu li jistgħu jwettqu l-affarijiet, jgħinu lill-oħrajn iwettqu l-affarijiet, jilħqu l-għanijiet tagħhom u jegħlbu l-isfidi. Sakemm l-individwu ma jemminx fih innifsu, li huwa kapaċi u li jista' jipproduċi l-effetti mixtieqa bl-azzjonijiet tiegħu, ftit għandu nċentiv li jaġixxi jew li jżomm sod quddiem id-diffikultajiet (Bandura, 1997). It-tielet topik jiffoka fuq l-għarfien tat-tfal tagħhom infushom u ta' ħaddieħor, u kif jistgħu jaqbzu għalihom infushom (self-*advocacy*). Permezz ta' dawn l-attivitajiet, it-tfal jkollhom ukoll l-opportunità jesploraw id-drittijiet tal-bniedem, u jżidu l-kapaċità li jirriflettu b'mod iktar profond u ħerqan f'livell ogħla minn dak li hu mistenni minn tfal ta' din l-età.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIŻVILUPPAW SKOP FIL-ĦAJJA U RAĠUNI GĦALXIEX QED NGĦIXU**<br><br>• JIDENTIFIKAW DAK LI HU IMPORTANTI GĦALIHOM.<br>• JIDENTIFIKAW IL-KAWŻA TAS-SITWAZZJONIJIET LI JIĠRU LILHOM.<br>• JIDDEKSRIVU DAK LI JISTA' JIĠRI META JIKBRU U R-RWOLI TAL-PREŻENT U TAL-FUTUR. |

**TOPIK 2**

## NIŻVILUPPAW SENS TA' KONTROLL U KUNFIDENZA FINA NNFUSNA

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAGĦRFU LI JISTGĦU JWETTQU L-AFFARIJIET BILLI JAGĦMLU PJANIJIET U JIPPERSISTU SAKEMM IKUNU SODISFATTI BIR-RIŻULTAT.
- JAGĦRFU LI ĦADDIEĦOR JISTA' JGĦINHOM IWETTQU L-AFFARIJIET.
- JIPPERSISTU WAQT LI JAĦDMU GĦALL-MIRI TAGĦHOM.

**TOPIK 3**

## NITGĦALLMU NAQBŻU GĦALINA NNFUSNA

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAGĦRFU LI T-TFAL KOLLHA GĦANDHOM BŻONNIJIET U DRITTIJIET MINKEJJA LI HUMA DIFFERENTI.
- JAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦHOM.
- JIDENTIFIKAW ID-DRITTIJIET TAT-TFAL GĦALL-PROVIŻJONI, PROTEZZJONI U PARTEĊIPAZZJONI.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Emmen fl-istudenti u urihom li inti temmen fihom u tisstenna li huma kapaċi u ser jagħmlu suċċess.

2. Iċċelebra is-suċċessi tal-istudenti u enfasizza l-isforz li jagħmlu.

3. Ara li l-istudenti jkunu esposti għall-varjetà wiesgħa ta' attivitajiet biex iżżid l-għarfien dwar l-interessi u t-talenti tagħhom.

4. Kun pożittiv u ottimistiku dwar il-futur tat-tfal u ħeġġiġhom jesprimu l-ideat tagħhom fuq il-futur.

5. Uża esperjenzi ta' kuljum biex titkellem fuq id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tat-tfal.

# Topik 1 Niżviluppaw skop fil-ħajja u raġuni għalxiex qed ngħixu

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jidentifikaw dak li hu importanti għalihom.

Jidentifikaw il-kawżi tas-sitwazzjonijiet li jiġru lilhom.

Jiddeskrivu dak li jista' jiġri meta jikbru u r-rwoli tal-preżent u tal-futur.

## Attività 1: Ċika u Żigu jirriflettu fuqhom infushom

### L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw dak li hu importanti għalihom.

### Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi dak li hu importanti għalija.

### Livell

Bażiku

### Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', stampi minn rivisti qodma, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, folja t'attività 'Ħin biex taħseb fuqek innifsek'.



### Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Nivvjaġġaw fil-futur**

**Ċika u Żigu kienu qegħdin mimdudin taħt siġra fil-ġnien għas-sħana tax-xemx. Kienu moħħhom fuq biċċa xogħol importanti li l-mamà ta' Ċika kienet qaltilhom jagħmlu: li jaħsbu fuq dak li jħobbu, fiex kienu tajbin, u dak li jistgħu jagħmlu fil-futur.**

**"Il-kbar dejjem isibu mod biex isaqsuna mistoqsijiet diffiċli! Jiena nħobb ħafna affarijiet u jien nimmaġina lili nnifsi nagħmel ħafna affarijiet differenti meta nikber" qalet Ċika. "Ċika, żgur li jekk taħseb fuqha, issib it-tweġiba tiegħek", qal Żigu. "Per eżempju, jien inħobb niekol imma ma nafx insajjar! U tajjeb ħafna biex nilgħab noli fil-ġnien imma hemm ħafna iktar logħob li nista' nitgħallem nilgħab! Jien inħobb il-mużika wkoll imma biex titgħallem iddoqq strument huwa diffiċli għax trid tipprattika ħafna. U kemm inħobb nilgħab ma' sħabi fil-ġnien!" kompla Żigu. "Inħobb innaqqax u l-għalliema tiegħi l-ħin kollu tgħidli li jien tajjeb ħafna biex nagħmel innaqqax bl-injam. Forsi dak hu li jien tajjeb ħafna fih u dak li ħa nagħmel meta nikber. Forsi nkun artist jew skultur!" qal Żigu.**

**"Wowwwww...dik tweġiba tajba ħafna! Żgur li tajjeb ħafna biex tkun skultur Żigu! Inti wieħed mill-aħjar mill-ġnien kollu! Imma xorta jien mhux ċerta fuqi nnifsi. Inħobb norqod, nilgħab il-karti, nisma' l-mużika u nħokk ix-xewk...imma dawn l-affarijiet mhumiex speċjali!" Qalet Ċika.**

**"Ċika, xi tħobb tagħmel kull Ħadd filgħodu?" staqsa Żigu biex jgħin lil Ċika. "Inħobb immur għand in-nanna. Dejjem tkun kuntenta li nqattgħu ħin flimkien. Tgħid li jien fini kumpanija tajba, u tħobb toqgħod miegħi għax inħobb nitkellem magħha, naqralha l-gazzetta, nieħu xi tazza tè magħha, jew ngħinha f'xi ħaġa li jkollha bżonn. Kuntenta ħafna li tieħu gost fil-kumpanija tiegħi!" qalet bil-ferħ Ċika. "Hemm hi t-tweġiba tiegħek Ċika! Inti tajba biex titkellem u tgħin lill-oħrajn, u tagħmel hekk bil-qalb!" wieġeb Żigu fil-pront. "Iva, nista' naħseb f'xogħol fejn inkun nista' ngħin lill-oħrajn bħal infermiera, tabiba jew avukat!" ikkonkludiet Ċika.**

**Ċika u Żigu għalqu għajnejhom għal mument biex iħossu s-sħana tax-xemx u bdew joħolmu fuq dak li forsi se jagħmlu fil-futur. Marru lura d-dar kuntenti ħafna u bi tweġibiet tajbin għall-mistoqsijiet li kienet qaltilhom biex jaħsbu fuqhom omm Ċika.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-iktar parti favorita tal-istorja għalik?
- X'biċċa xogħol tat l-mamà lil Ċika?
- X'għamlu Ċika u Żigu?
- X'kienu ftit mill-iktar affarijiet importanti għal Ċika u Żigu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli waqaft u ħsibt fuq l-affarijiet li tħobb tagħmel u li int tajjeb fihom? Tista ssemmi xi ftit minn dawn

- Ġieli ħsibt fuq l-affarijiet li huma l-iktar importanti għalik? Tista ssemmi xi ftit minn dawn

5. Qassam il-folji t'attività u staqsi lill-istudenti biex jagħmlu tpenġija jew *collage* fuq l-affarijiet li jħobbu jagħmlu, l-affarijiet li huma tajbin fihom, u l-affarijiet li huma importanti f'ħajjithom. Imbagħad għidilhom jimmaġinaw dak li jixtiequ jagħmlu fil-futur meta jikbru u jagħmlu tpenġija oħra jew *collage* ieħor. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinu lit-tfal jibdew it-tpenġija jew il-*collage*: "X'jogħġobni l-iktar fija?" "Min nixtieq inkun la nikber?"; "X'inhi l-logħba favorita tiegħi?"; "Fuq xiex nixtieq nitgħallem iktar?"; "Kif nixtieq ninbidel?"; "X'ħolma għandi?".

6. Fl-aħħar, it-tfal jistgħu jaqsmu u jitkellmu fuq it-tpenġijiet u l-*collages* mal-oħrajn.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu d-dar it-tpenġijiet jew il-*collage*s u jitkellmu mal-ġenituri fuq l-attività li għamlu l-iskola.

# ĦIN BIEX TAĦSEB FUQEK INNIFSEK




Agħmel tpenġija jew *collage* bl-affarijiet li tħobb tagħmel u li int tajjeb fihom.



*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu t-tpenġijiet/collages fuq l-affarijiet li jħobbu jagħmlu u li huma tajbin fihom. Tkellmu mat-tfal fuqhom.*





# Attività 2: Ċika tifhem għalfejn jiġru l-affarijiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw il-kawżi tas-sitwazzjonijiet li jiġru lilhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf għaliex xi affarijiet jiġru lili.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ħin biex inpenġi u naħseb'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 u stieden lit-tfal biex jagħmlu reċta tal-istorja bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-iktar parti favorita tal-istorja għalik?
- X'kienet il-biċċa xogħol importanti li l-mamà tat lil Ċika u Żigu?
- X'ħasbu fuqha u x'kienet il-konklużjoni tagħhom?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli ħsibt fuq il-ħolm tiegħek għall-futur? Fuq xiex ħsibt?
- X'tista' tagħmel biex twettaq dik il-ħolma?
- Ġieli ħsibt għaliex jiġrulek ċerti affarijiet? Tista' tagħti eżempju?
- X'tista' tagħmel biex twettaq l-affarijiet?

5. Qassam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa. L-istudenti jaħsbu fuq u jiddiskutu: "Kieku kont *superhero*, kont inkun..." ..."Jekk (isem ta' student) kien *superhero*, liema wieħed ikun?" It-tfal jaħsbu fuq il-ħiliet ta' dak is-*superhero* u għaliex għażlu dawk il-kwalitajiet fihom. Huwa importanti li jirriflettu fuq l-għażliet tagħhom. "Għaliex għażlu dak is-*superhero*?"; "X'inhi l-ħila prinċipali ta' dak is-*superhero*?" (eż: "Għax itir?", "Għax jgħin lin-nies?"; "Għax intelliġenti?"); "Kieku x'jagħmlu b'dik il-ħila jew b'dak il-qawwa maġika?"; "Għandhom xi ħaġa komuni mas-*superhero*?"

6. L-istudenti joħolqu *superhero* għall-grupp tagħhom billi jgħaqqdu l-ħiliet ta' kull student fil-grupp. Huma jagħżlu d-dehra tas-*superhero*, l-aħjar kwalitajiet u ħiliet li se jkollu, u kif il-ħiliet jew il-kwalitajiet huma marbutin mal-avvenimenti jew ir-riżultati li jixtiequ li jkollhom f'ħajjithom. Fl-aħħar enfasizza l-idea li l-ħiliet u l-kwalitajiet tagħna stess jistgħu jwassluna għal dak li nixtiequ minn ħajjitna u pprovdi eżempji (eż: jekk jistinkaw fl-iskola se jmorru aħjar, jekk jipprattikaw il-*basketball* se jitjiebu fih).

7. L-istudenti jagħmlu pjan ta' ġurnata tajba billi jaħsbu f'dawn il-mistoqsijiet:

- X'jiġri f'ġurnata tajba? (X'għandi bżonn biex ikolli ġurnata tajba? X'inhuma l-ħiliet tiegħi? X'jagħmilni kuntent? X'ikun hemm dejjem preżenti f'ġurnata tajba?)
- Qed tiġri bħalissa? (Qed jiġri dak li għandi bżonn biex ikolli ġurnata tajba? Jekk iva, tajjeb ħafna; Jekk le, ara l-mistoqsija li jmiss)
- X'irid jiġri biex tinbidel f'ġurnata tajba? (X'nista' nagħmel? X'miri nista' nagħmel għalija nnifsi? X'jistgħu jagħmlu l-oħrajn biex jgħinuni nasal għal dawn il-miri?)



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jitkellmu mal-ġenituri dwar ir-raġunijiet għaliex ċerti affarijiet jiġru lilhom (eż: intagħżlu biex jieħdu sehem f'reċta tal-iskola, ġabu marka ħażina/tajba f'eżami...) u jipprovaw jifhmu li ħafna drabi jistgħu jsibu raġuni għal dak li ġara.

# ĦIN BIEX INPENĠI U NAĦSEB




Kieku kont *superhero*, x' kont tkun? Penġi s-*superhero* tiegħek hawn taħt u l-kwalitjiet li għandu/a u l-affarijiet li jagħmel/tagħmel

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq ir-raġunijiet għaliex jiġrulhom l-affarijiet (eż: intagħżlu biex jieħdu sehem f'reċta tal-iskola, ġabu marka ħażina/tajba f'eżami...) u għinuhom jifhmu li ħafna drabi nistgħu nsibu raġuni għal dak li ġara.*





# Attività 3: Ċika u Żigu jaħsbu fuq ir-rwoli tagħhom

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu dak li jista' jiġri meta jikbru u r-rwoli tal-preżent u tal-futur.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi x'se jiġri meta nikber, u nsemmi r-rwoli tal-preżent u tal-futur.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', rivisti jew gazzetti, imqass, kolla, lapsijiet u *biros*, folja t'attività 'La nikber'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-iktar parti favorita tal-istorja għalik? Għalfejn?
- X'kienet il-biċċa xogħol importanti li l-mamà tat lil Ċika u Żigu?
- Tista' tagħti eżempji tar-rwoli tal-preżent u tal-futur ta' Ċika u Żigu?
- X'ħasbu fuq il-futur tagħhom?
- X'taħseb li jistgħu jagħmlu biex jilħqu l-miri tagħhom għall-futur?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli ħsibt fuq min int, dak li jagħmlek kuntent u dak li tixtieq li jiġri fil-futur?
- X'timmaġina li tagħmel fi żmien sena, ħames snin u għaxar snin?
- Għandek xi ħolma għall-futur?
- X'tista' tagħmel biex twettaq dik il-ħolma?

- Ġieli ħsibt fuq għalfejn jiġrulek ċerti affarijiet? Tista' tagħti eżempju?
- X'tista' tagħmel biex twettaq l-affarijiet?
- X'taħseb li tista' tagħmel biex tilħaq l-għanijiet tiegħek għall-futur?

5. L-istudenti biex jifformaw ċirku u jwieġbu għall-mistoqsijiet li ġejjin:
   - Kieku kelli nkun annimal, inkun…
   - Kieku kelli nkun fjura, inkun…
   - Kieku kelli nkun siġra, inkun…
   - Kieku kelli nkun biċċa għamara, inkun…
   - Kieku kelli nkun strument tal-mużika, inkun…
   - Kieku kelli nkun karozza, inkun…
   - Kieku kelli nkun belt/raħal, inkun…
   - Kieku kelli nkun pajjiż ieħor, inkun…
   - Kieku kelli nkun logħba, inkun…
   - Kieku kelli nkun programm fuq it-TV, inkun…
   - Kieku kelli nkun film, inkun…
   - Kieku kelli nkun ikel, inkun…
   - Kieku kelli nkun kulur, inkun…

L-istudenti jagħtu raġunijiet għat-tweġibiet tagħhom (eż: Jien għażilt dan l-annimal għax…).

6. L-istudenti jifformaw pari u jilagħbu l-logħba 'La nikber' hekk kif hemm fl-eżempju fuq il-folja t'attività. Uża l-ispazju vojt bil-*?* biex iżżid mistoqsijiet li taħseb li huma relevanti għall-istudenti. Imbagħad staqsihom jimmaġinaw lilhom infushom meta jkunu kbar. Wieħed mill-istudenti fil-par jagħmel il-mistoqsijiet u l-ieħor jaħseb u jwieġeb. Fl-aħħar jaqsmu mal-oħrajn xi ħaġa li tgħallmu fuq l-istudent l-ieħor u li sabu interessanti. Il-klassi tista' taħseb fuq mistoqsijiet oħrajn. Għinhom jimmaġinaw rwoli differenti (fid-dar u mal-familja, fl-edukazzjoni u fil-karriera, fil-komunità, u fil-ħin liberu tagħhom) u għanijiet u skopijiet marbuta ma' dawn ir-rwoli.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu l-*future thinkers* id-dar u jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq ir-rwoli tal-futur.

# LA NIKBER

Agħmel *future thinker* biex jgħinek timmaġina min ser tkun meta tikber. Tista' taħseb f'mistoqsijiet oħrajn. Tinsiex tagħti kulur liċ-ċrieki.








# LA NIKBER

RIZORSI

## Segwi dawn l-istruzzjonijiet



---

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu magħhom logħba li għamlu l-iskola biex juruha lilkom. Użawha biex titkellmu mat-tfal fuq ir-rwoli tagħhom fil-futur meta jikbru.*





# Topik 2 Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu li jistgħu jwettqu l-affarijiet billi jagħmlu pjanijiet u jippersistu sakemm ikunu sodisfatti bir-riżultat.

Jagħrfu li ħaddieħor jista' jgħinhom iwettqu l-affarijiet.

Jippersistu waqt li jaħdmu għall-miri tagħhom.

## Attività 1: Ċika tippjana *party*

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li jistgħu jwettqu l-affarijiet billi jagħmlu pjanijiet u jippersistu sakemm ikunu sodisfatti bir-riżultat.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li nista' nwettaq l-affarijiet jekk nippjana bil-quddiem u nibqa' nipprova sakemm inkun kuntent bir-riżultat.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, lapsijiet jew *biros*, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, folja t'attività 'Tista' tilħaq l-għan tiegħek'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-*birthday party***

**Ċika kienet miexja lura d-dar wara l-iskola flimkien ma' Żigu. Kienet ferħana ħafna bir-riżultat li ġabet fit-test tal-*Maths*. "Grazzi Żigu. Ġibt din il-marka minħabba fik! Kieku ma għentnix inti bil-mistoqsijiet tal-*homework*, kieku ma kontx inkun kapaċi nsolvihom fit-test!" qalet Ċika.**

**Ċika wasslet lil Żigu sad-dar tiegħu u kompliet timxi lejn id-dar tagħha. "Żigu dejjem jgħinni meta jkolli bżonn. Għandi bżonn nagħmel xi ħaġa għalih. Naf! Norganizza *birthday party* għalih!" ħasbet Ċika. Daqt kien se jasal għeluq snin Żigu u kienet taf li l-mamà ma kinitx se tkun fil-ġnien dik il-ġimgħa għax kellha tmur tgħin lil oħtha fi ġnien ieħor. Il-mamà ta' Żigu wegħditu li se tpattilu l-ġimgħa ta' wara imma żgur mhux se tkun l-istess. Sa dak iż-żmien, l-iskola tkun laħqet spiċċat u kulħadd ikun beda l-vaganzi.**

**Fil-jiem ta' wara, Ċika għamlet pjan biex torganizza l-*party*. L-ewwel kellha bżonn titkellem mal-familja ta' Żigu biex tara x'jaħsbu huma ukoll. Imbagħad kellha tistaqsi l-mamà tagħha biex tagħmel il-*party* d-dar, tistieden it-tfal u tipprepara l-ikel u x-xorb. "Ok, Ċika. Għandek ħafna affarijiet x'tagħmel imma se jirnexxilek!" qalet Ċika bejnha u bejn ruħha.**

**Ċika segwiet il-pjan tagħha sal-inqas dettall. Xejn ma seta' jmur ħażin. Kellha l-għajnuna tal-familja ta' Żigu, il-mamà ħallietha tagħmel il-*party* d-dar, u bagħtet l-inviti kollha lill-ħbieb ta' Żigu. "Għandi bżonn għajnuna fl-ikel u fix-xorb" bdiet taħseb Ċika. Imbagħad bdiet taħseb f'min seta' jgħinha. "Naħseb Lulu l-ġurdiena tista' ġġib il-ġobon, Milo l-fenek iġib il-karrotti, Mimi n-naħla l-għasel, u Mixa l-qattusa ftit insetti żgħar."**

**F'għeluq sninu, Żigu rċieva sorpriża kbira! Il-ħbieb kollha tiegħu ġew għall-*party* u kulħadd ħa gost! Ċika spiċċat il-ġurnata b'daħqa kbira fuq wiċċha. "Kemm tħossok tajjeb meta tilħaq dak li tixtieq!" ħasbet.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-iktar parti favorita tal-istorja għalik?
- X'kienet l-idea ta' Ċika? Għalkex kellha dik l-idea?
- X'għamlet biex tilħaq l-għan tagħha?
- Kif ħassitha fl-aħħar tal-ġurnata?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' tagħti eżempju wieħed ta' meta kellek idea biex tagħmel xi ħaġa?
- Għamilt pjan biex tilħaq dan l-għan?
- Għaliex hu tajjeb li tippjana xi ħaġa bil-quddiem?
- Tista' taħseb f'eżempju fejn tfal bħalek iridu jippjanaw u jkomplu jippersistu sakemm jiksbu dak li jixtiequ?

5. Qassam il-folji t'attività u għid lill-istudenti jaħsbu fuq xi ħaġa li jixtiequ jagħmlu. Imbagħad, staqsihom biex jaħsbu fuq dak li jridu jagħmlu biex jilħqu dan l-għan. Huma jridu jagħżlu għan u jagħmlu lista ta' passi li se jgħinuhom biex jilħqu dan l-għan.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu l-folji t'attività d-dar u jistaqsu lill-ġenituri biex jaħsbu fuq għanijiet żgħar oħra li jistgħu jinkludu fil-pjan.

# TISTA' TILĦAQ L-GĦAN TIEGĦEK




Aħseb fuq għan li tixtieq tilħaq (ikteb l-għan fiċ-ċirku tan-nofs). Fiċ-ċrieki ta' barra, ikteb il-pjan tiegħek (l-għanijiet żgħar) li se jgħinuk tasal għall-għan li tixtieq.



1

4 **Nixtieq:** 2

3

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq l-affarijiet li jistgħu jagħmlu biex jilħqu l-għan li għażlu l-iskola.*





# Attività 2: Ċika tfittex l-għajnuna

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li ħaddieħor jista' jgħinhom iwettqu l-affarijiet.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf li l-oħrajn jistgħu jgħinuni nwettaq l-affarijiet.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', rixa għal kull student, *biros* jew lapsijiet, folja t'attività 'Xi ħadd jista' jgħin'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 u stieden lill-istudenti biex jagħmlu reċta tal-istorja bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-iktar parti li għoġbitek mill-istorja?
- X'għamlet Ċika biex tilħaq l-għan tagħha?
- Lil min saqsiet għall-għajnuna?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' taħseb f'eżempju wieħed fejn tfal bħalek jistgħu jitolbu għall-għajnuna biex jilħqu għan?
- Tiftakar meta tlabt għall-għajnuna biex tilħaq għan?
- Għalfejn taħseb huwa importanti li tfittex lill-oħrajn għall-għajnuna?

5. Agħti rixa lil kull student. Spjega li l-iskop tal-logħba hija li jipprovaw kemm jista' jkun iżommu r-rixa fl-arja. Imbgħad jerġgħu jipprovaw l-istess logħba imma din id-darba fi gruppi fejn l-istudenti jridu jaħdmu flimkien. Wara igħidu kif ħassewhom.

6. Agħti lil kull student il-folja t'attività 'Xi ħadd jista' jgħin' u staqsihom biex jaħsbu f'għan (xi ħaġa li jixtiequ jagħmlu) u jiktbuh. Imbagħad jaħsbu f'xi ħadd li jista' jgħinhom jilħqu dak l-għan, u jiktbu l-isem tal-persuna fuq il-folja t'attività. Fl-aħħar jaqsmu t-tweġibiet tagħhom quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq l-attività li għamlu l-iskola. Flimkien mal-ġenituri jistgħu wkoll iżidu affarijiet oħra mal-lista.

# XI ĦADD JISTA' JGĦIN




| Għanijiet li nixtieq nagħmel  | | Xi ħadd li jista' jgħinni  |
|---|---|---|
| 1. | → | |
| 2. | → | |
| 3. | → | |
| 4. | → | |
| 5. | → | |

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal iżidu għanijiet oħra mal-listi.*





# Attività 3: Ċika tilħaq l-għan tagħha

## L-Għan tat-Tagħlim

Jippersistu waqt li jaħdmu għall-miri tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nippersisti sakemm nikseb dak li nixieq.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', sett tal-*bowling* (tnax-il flixkun), tnax-il ballun tal-fowm, folja t'attività 'Ċertifikat ta' Suċċess'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 u stieden lill-istudenti jagħmlu reċta tal-istorja bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-iktar parti li għoġbitek mill-istorja?
- X'kien l-għan ta' Ċika?
- X'għamlet Ċika biex tilħaq l-għan tagħha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' tagħti iktar eżempji fejn tfal bħalkom jibqgħu jippersistu sakemm jiksbu suċċess?
- Tiftakar f'sitwazzjonijiet simili f'ħajtek? Kif ksibt dak li xtaqt?
- Kif ħassejtek? Emmint li stajt tikseb dak li xtaqt?

5. Spjega lill-istudenti li se jilagħbu *bowling*. Ir-regoli se jkunu ftit itqal mis-soltu għax se jkollhom ċans wieħed biss biex jitfgħu l-ballun u se jitfgħuh b'għajnejhom magħluqin. Jekk

jirnexxilhom iwaqqgħu l-fliexken kollha, ikollhom ċans ieħor biex jitfgħu l-ballun minn distanza itwal. Fl-aħħar, fakkar lit-tfal li xi għanijiet li nkunu għamilna għalina nfusna jistgħu jkunu tqal ħafna. Għalhekk jekk nibqgħu nippersistu sakemm inlestu biċċa xogħol se jkollna iktar ċans ta' suċċess. Irridu nżommu f'moħħna li ma jimpurtax jekk nagħmlu xi żball, li żball jista' jgħinna naqsmu għan f'għanijiet iżgħar, u li meta niffaċċjaw sfidi diffiċli nistgħu ngħidu "Jien se jirnexxili", "Dejjem tkun ftit iktar diffiċli l-ewwel darba", "Żball wieħed mhux se jaqtagħli qalbi", "Jien ma naqtax qalbi", eċċ.

6. Għid lit-tfal joqogħdu bil-qiegħda f'ċirku. Staqsihom jaħsbu f'sitwazzjonijiet fejn iħossu li laħqu l-għanijiet tagħhom wara li pprovaw ħafna u ppersistew. Staqsihom jagħmlu mima tas-sitwazzjoni mingħajr ma jużaw il-kliem waqt li t-tfal l-oħra jridu jaqtgħu x'inhi s-sitwazzjoni. Wara l-mima, staqsi lill-istudent dawn il-mistoqsijieet: Kif ilħaqt l-għan tiegħek? Tlabt għall-għajnuna? Kif ħassejtek wara li lħaqt l-għan tiegħek? Kull student għandu jkollu l-ħin jitkellem fuq l-esperjenzi tiegħu. Waqt li t-tfal qed jitkellmu fuq l-esperjenzi tagħhom, tista' tagħtihom 'Ċertifikat ta' Suċċess' li għandu jkun iffirmat minnek u mingħand kollega. Fl-aħħar, it-tfal jistgħu jiddiskutu l-importanza li jagħmlu għan u pjan, u l-bżonn li jippersistu sabiex jilħqu għan li huwa importanti għalihom.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri biex jaqsmu magħhom sitwazzjoni fejn ħassewhom li kisbu suċċess. Flimkien jitkellmu fuq l-importanza li jemmnu fil-kapaċitajiet tagħhom stess u li jippersistu biex jiksbu dak li jixtiequ.

# ĊERTIFIKAT TA' SUĊĊESS




## Ċertifikat







______________________________

Irnexxielek!

Ma qtajtx qalbek u rnexxielek tikseb dak li xtaqt!

Tinsa qatt li inti kapaċi!

Emmen fik innifsek!

Emmen fil-ħbieb u fil-familjari tiegħek!

Huma jistgħu u jridu jgħinuk!

PROSIT!

____________________ ____________________

____________________
*(Data)*

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq sitwazzjoni fejn ħassejtukom li ksibtu suċċess. Flimkien tkellmu fuq l-importanza li temmnu fil-kapaċitajiet tagħkom stess u li tippersistu biex tiksbu dak li tixtiequ.*





# Topik 3 Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu li t-tfal kollha għandhom bżonnijiet u drittijiet minkejja li huma differenti.

Jaqbżu għad-drittijiet tagħhom.

Jidentifikaw id-drittijiet tat-tfal għall-proviżjoni, protezzjoni u parteċipazzjoni.

## Attività 1: Ċika u Żigu jgħinu lil-oħrajn

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li t-tfal kollha għandhom bżonnijiet u drittijiet minkejja li huma differenti.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li kulħadd għandu bżonnijiet u drittijiet anke jekk aħna differenti minn xulxin

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', biċċiet tal-kartonċin forma ta' kaxex, *biro*, folja t'attività 'Karti tal-Attivitajiet', materjali li hemm bżonn fuq il-folja t'attività.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Maltempata fil-ġnien**

**Matul il-lejl għamlet ħafna xita. L-annimali kollha tal-ġnien qamu bl-aħbar li l-maltemp kien għamel ħafna ħsara fin-naħa l-oħra tal-ġnien u kien hemm xi annimali li spiċċaw bla dar. Ċika u Żigu semgħu bl-aħbar u riedu jagħmlu xi ħaġa biex jgħinu lil dawk l-annimali. Fuq dik in-naħa tal-ġnien, l-annimali kienu differenti: kienu jitkellmu lingwa differenti, kienu jieklu ikel differenti, u kienu jilagħbu logħob differenti. Fuq l-aħbarijiet qalu li minħabba l-maltemp dawn l-annimali sfaw bla dar, ħafna minnhom kienu mweġġgħin, ma kellhomx biżżejjed ikel x'jieklu u ħwejjeġ x'jilbsu, u l-annimali ż-żgħar ma setgħux imorru skola għax kien hemm ħafna siġar li waqgħu.**

**Ċika u Żigu bdew iħossuhom imdejqin; għalkemm ma kinux jafu lill-annimali l-oħra, huma xtaqu jagħmlu xi ħaġa biex jgħinuhom.**

**"Żigu, għandna bżonn nagħmlu xi ħaġa biex ngħinu lil dawk l-annimali. Irridu nagħmlu laqgħa mal-annimali kollha tal-ġnien biex naraw kif nistgħu ngħinuhom," qalet Ċika. "Għandhom id-dritt li jgħixu ħajja kuntenta daqsna. Ma taħsibx li għandi raġun? X'nistgħu nagħmlu?", staqsiet Ċika.**

**"Nistgħu niktbu ittra lill-President biex nitolbu l-għajnuna!" qal Żigu.**

**"Iva, tajjeb. U nistgħu norganizzaw laqgħa għall-annimali kollha tal-ġnien biex naraw kif nistgħu ngħinuhom" qalet Ċika.**

**L-annimali kollha ltaqgħu ħdejn il-bandli tal-ġnien biex jiftiehmu x'se jagħmlu. Ċika u Żigu għamlu lista' ta' affarijiet biex jgħinu lill-annimali l-oħra. Ċika mexxiet il-laqgħa u Żigu beda jieħu n-noti ta' din il-laqgħa importanti.**

**"Għeżież annimali, qegħdin hawnhekk illum għax xi ħaġa kerha għadha kif ġrat lill-ħbieb tagħna fuq in-naħa l-oħra tal-ġnien. Irridu ngħinuhom jerġgħu jibnu ħajjithom mill-ġdid. Irridu l-għajnuna kollha li jista' joffri kulħadd. Irridu ngħinuhom jibnu d-djar tagħhom u nipprovdulhom l-ikel u l-ħwejjeġ. Irridu nipprovdulhom materjali u kotba ħalli ż-żgħar ikunu jistgħu jerġgħu jibdew imorru l-iskola. Żigu u jien ħsibna biex nibagħtu ittri lill-annimali kollha li nafu li jistgħu jgħinu u konna qed naħsbu wkoll li norganizzaw wirja biex niġbru l-flus. Kulħadd jista' jieħu sehem skont it-tiegħu"**

**L-annimali kollha qablu ma' l-idea ta' Ċika u Żigu. Kull annimal iddeċieda li jieħu sehem fil-wirja tat-talenti: l-għasafar billi jagħmlu żifna tradizzjonali, in-naħal jagħtu wirja tal-għasel, u l-ġrieden ikantaw xi kanzunetti bħala kor.**

**"L-ideat li ħriġtu bihom veru tajbin! Se tkun wirja sabiħa!" qal Żigu. U kellu raġun. L-annimali kollha tal-ġnien semgħu bil-wirja u ġew jarawha biex jgħinu lill-annimali l-oħra. Ġabru ħafna flus u l-annimali min-naħa l-oħra tal-ġnien kienu iktar komdi u t-tfal tagħhom reġgħu bdew imorru l-iskola. L-annimali tal-ġnien irnexxielhom jegħlbu sfida kbira billi ħadmu flimkien u għenu lil xulxin.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-iktar parti li għoġbitek mill-istorja?
- Tista' tagħti eżempji kif l-annimali tal-istorja u l-annimali fuq in-naħa l-oħra tal-ġnien kienu bħal xulxin jew differenti?
- X'kellhom bżonn l-annimali fuq in-naħa l-oħra tal-ġnien wara l-maltempata?
- X'iddeċidew li jagħmlu Ċika u Żigu ?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' taħseb f'xi kwalitajiet li huma bħal xulxin u differenti fost it-tfal?
- Tista' taħseb f'affarijiet li t-tfal kollha verament għandhom bżonn?

5. Semmi kategorija (eż: xagħar, kulur tax-xagħar, belt jew raħal fejn joqogħdu l-istudenti, numru ta' aħwa, annimali li l-istudenti jista' jkollhom id-dar, logħba jew ġugarell favorit, passatemp, suġġett favorit) u staqsi lill-istudenti biex jifformaw grupp ma' oħrajn tal-istess kategorija. Għidilhom li nistgħu nkunu bħal xulxin u differenti f'bosta modi. Enfasizza li kulħadd għandu kwalitajiet differenti bħal per eżempju li jkun qalbu tajba, enerġetiku, jaf idaħħaq, tajjeb fl-futbol.

6. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti lil kull grupp waħda mill-karti tal-attivitajiet li hemm fil-folja t'attività. Kull grupp jagħmel reċta ta' sitwazzjoni fejn tifel (jew tifla) ikollu diffikultà, eż: ma jkunx jista' jimxi, jara jew jaqra. Fl-aħħar tar-reċti staqsi lill-istudenti fuq l-esperjenza tagħhom.

7. Għid lill-istudenti li se jagħmlu lista ta' affarijiet li t-tfal kollha għandhom bżonn biex ikunu kuntenti. Din il-lista se tingħata lill-gvern f'pajjiż immaġinarju. Wara li jkunu għamlu l-lista, għidilhom li l-gvern jista' jipprovdi biss ftit minn dawn l-affarijiet u l-grupp irid ineħħi xi affarijiet mil-lista. Dawk li tneħħew jitpoġġew taħt titlu 'Dak li t-tfal iridu'. Imbagħad għidilhom li jridu jerġgħu jneħħu xi affarijiet u jsegwu l-istess proċess. Fl-aħħar iddiskuti magħhom liema affarijiet ġew eliminati l-ewwel u għalfejn. Għin lit-tfal jifhmu d-differenza bejn dak li rridu u dak li għandna bżonn, u li jista' jkun li dawn ikunu differenti għal tfal u nies differenti, iżda hemm xi bżonnijiet li huma fundamentali għat-tfal kollha.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq il-lista ta' bżonnijiet/drittijiet li għamlu l-iskola u jistaqsuhom jekk iridu ibiddlu jew iżidu xi ħaġa mill-lista.

# KARTI TAL-ATTIVITAJIET




### Attività 1: Nisimgħu

1) Staqsi lil student jilbes *ear plugs* jew *headphones* b'mużika kemmxejn għolja.
2) Student ieħor jibda jaqra gazzetta jew ktieb b'vuċi baxxa u monotona, b'rata mgħaġġla, u jieqaf f'postijiet fejn mhux suppost.
3) Student ieħor jipprova jispjega l-artiklu b'mima u *gestures*.
4) Student ieħor jistaqsi l-mistoqsijiet fuq l-artiklu jew il-ktieb.

### Attività 2: Naraw

1) Student igħin student ieħor li għandu għajnejh mgħottija biex jimxi madwar il-klassi mingħajr ma jolqot l-affarijiet li hemm u jpoġġi fuq is-siġġu tiegħu. It-tfal jistgħu jipprovawha wkoll fil-bitħa, fil-brejk, jew huma u sejrin lejn il-kamra tal-banju.

2) Student jilbes nuċċali li għandu l-kolla mal-lenti sabiex il-viżjoni ma tkunx ċara. Staqsi lill-istudent jaqra biċċa kitba żgħira.

3) Student jikteb sentenzi differenti bil-kontra fuq biċċa karta waqt li student ieħor jipprova jaqrahom sew. Student ieħor jinterrompi lill-istudent u jsaqsih biex jgħaġġel.
Eżempju:
"Il-blek dewsi-l ram doqroj"
"Il-kelb l-iswed mar jorqod"

### Attività 3: Nifhmu

1) Żewġ studenti jpoġġu bilqiegħda dahar ma' dahar. Wieħed minnhom ikollu karta b'disinn astratt fuqha u jispjega lill-ieħor kif ipenġi d-disinn. L-istudent l-ieħor jipprova jpenġi d-disinn skont l-ispjegazzjoni.

2) Agħti lill-istudenti biċċa kitba f'lingwa li ma jafux. Staqsihom biex jaqraw dak li hemm miktub u jwieġbu l-mistoqsijiet. Wara li jgħidulek li ma jafux, għidilhom jippruvaw u jagħmlu iktar sforz.

3) Agħti sentenza u għidilhom jgħoddu n-numru ta' A's. Tħallihomx imorru lura u jiċċekkjaw.

### Attività 4: Niċċaqilqu

1) Ipprova sib *wheelchair* (jekk m'għandkomx *wheelchair* tista' tistaqsi lil student jimbotta student ieħor fuq siġġu). It-tfal jipprovaw attivitajiet differenti fuq il-*wheelchair*: imorru minn post għall-ieħor, jimbottaw il-*wheelchair* b'idejhom, iġibu ktieb minn fuq xkaffa, jilagħbu fil-bitħa jew fil-*gym*, imorru sal-kamra tal-banju.

2) L-istudenti jistgħu jipprovaw attivitajiet differenti bl-id li mhux dominanti: jaqflu l-lazz, jieklu l-*lunch*, jiftħu flixkun, jilagħbu *catch*, iġorru mazz karti u jqassmuhom waħda waħda, eċċ.







# Attività 2: Ċika tmexxi

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqbżu għad-drittijiet tagħhom

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Naqbeż għad-drittijiet tiegħi

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Id-dibattitu fuq it-televixin'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 u stieden lill-istudenti jagħmlu reċta tal-istorja bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-iktar parti li għoġbitek mill-istorja? Għalfejn?
- X'iddeċidew li jagħmlu Ċika u Żigu għall-oħrajn?
- Ta' min kienet l-idea li jgħinu lill-annimali u jmexxu l-laqgħa ħdejn il-bandli tal-ġnien?
- Taħseb li xorta kien jirnexxilhom kieku l-annimali tal-ġnien ma kkooperawx?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli kellek tikkoopera ma' xi ħadd biex tiddefendi d-drittijiet ta' xi ħadd ieħor?
- Taħseb li l-għajnuna tiegħek kienet importanti biex tilħaq dan l-għan? Kif ħassejtek? U l-persuna li għint kif ħassitha?

5. Tkellem mal-istudenti fuq il-preferenzi, l-interessi, l-għanijiet u l-ħolm tagħhom u staqsihom jagħtu ftit eżempji. Imbagħad, spjega t-tifsira tal-kliem *assertività* (meta nkunu kapaċi nesprimu dak li rridu, nixtiequ u nħossu mingħajr ma nweġġgħu lil ħaddieħor); *kooperazzjoni* (meta naħdmu flimkien għal għan komuni, meta naqsmu l-informazzjoni bejnietna, nippjanaw flimkien, niżviluppaw ftehim kollettiv u jkollna l-istess għanijiet); u *tmexxija* (meta nkunu nafu u naqbżu għad-drittijiet tagħna mingħajr ma nikkmandaw lil ħaddieħor x'għandu jagħmel, u meta nikkomunikaw b'mod effettiv u assertiv). Għid lill-istudenti li dawn il-ħiliet huma importanti ħafna biex ikunu jistgħu jaqbżu għad-drittijiet tagħhom.

6. Qassam il-klassi fi gruppi ta' ħamsa jew sitta. Wieħed mill-membri tal-grupp se jkun il-*leader* li se jmexxi lill-*caterpillar* (li se jikkonsisti mill-membri l-oħra tal-grupp b'għajnejhom mgħottija) madwar xi ostakli jew ġewwa jew barra mill-klassi. Ara li l-*leader* ma jkunx qed jabbuża l-poter li għandu biex imexxi lill-oħrajn għax l-iskop huwa li tiġi żviluppata l-fiduċja. Il-*leader* jipprovdi għażla ta' esperjenzi, bħal per eżempju jsaqsi lill-oħrajn biex iħossu l-ostakli b'idejhom jew saqajhom, u billi juża direzzjonijiet verbali. Wara xi ftit minuti, staqsi lit-tfal ibiddlu r-rwoli sabiex il-*leader* ikollu wkoll l-esperjenza li xi ħadd imexxih. Fl-aħħar, staqsi lit-tfal biex jirriflettu fuq l-attività. Kif ħassewhom bħala *leaders* u bħala *partners* li kellhom għajnejhom mgħottija? Fdaw fil-*leaders* tagħhom? Id-direzzjonijiet kienu ta' għajnuna? Setgħu jgħaddu mill-ostakli mingħajr l-għajnuna tagħhom?

7. Aqsam il-klassi f'erba' gruppi, u għid lit-tfal li jridu jagħmlu reċta fejn se jirrappreżentaw karattri differenti fi programm tat-televixin. F'kull grupp ikun hemm rwoli differenti (il-preżentatur tal-programm, il-ġurnalisti u t-tfal). Il-gruppi jippreparaw minn qabel tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet li ġejjin: It-tfal x'għandhom bżonn biex jgħixu, ikunu kuntenti u jikbru? It-tfal għalfejn għandhom bżonn protezzjoni speċjali? Għalfejn taħseb li t-tfal kollha għandhom bżonn ikunu jafu fuq id-drittijiet tagħhom? Għalfejn taħseb li l-bżonnijiet u d-drittijiet tat-tfal huma differenti minn dawk tal-adulti? Imbagħad stieden lit-tfal jagħmlu r-reċta tal-programm u fl-aħħar għinhom jirriflettu fuq it-tweġibiet ta' kull grupp.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu l-mistoqsijiet li ddiskutew l-iskola d-dar biex jiddiskutuhom mal-membri tal-familja.

# ID-DIBATTITU FUQ IT-TELEVIXIN



**It-tfal x'għandhom bżonn biex jgħixu tajjeb, ikunu kuntenti u jikbru?**

- 
- 

**It-tfal għalfejn għandhom bżonn protezzjoni speċjali?**

- 
- 

**Għaliex it-tfal kollha għandhom bżonn ikunu jafu fuq id-drittijiet tagħhom?**

- 
- 

**Għaliex il-bżonnijiet u d-drittijiet tat-tfal huma differenti minn dawk tal-adulti?**

- 
- 

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu dawn il-mistoqsijiet li ddiskutew l-iskola. Għinu lit-tfal iwieġbu l-mistoqsijiet.*





# Attività 3: Ċika u Żigu jaqbżu għad-drittijiet tal-oħrajn

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw id-drittijiet tat-tfal għall-proviżjoni, protezzjoni u parteċipazzjoni.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf id-drittijiet tat-tfal għall-proviżjoni, protezzjoni u parteċipazzjoni.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', biċċiet tal-kartonċin, rivisti qodma, imqass, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, kolla, folja t'attività 'It-Tliet *P*'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema hi l-iktar parti li għoġbitek mill-istorja? Għalfejn?
- X'għamlu Ċika u Żigu biex jgħinu lill-annimali fil-bżonn?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli ħsibt fuq id-drittijiet tiegħek? Tista' tagħti xi eżempji?
- Taħseb li hemm drittijiet li huma l-istess għat-tfal kollha?
- Qatt smajt fuq id-drittijiet tat-tfal għall-proviżjoni, protezzjoni u parteċipazzjoni? Dawn il-kliem xi jfissru?
- Ġieli ppparteċipajt f'xi attività fejn iddefendejt id-drittijiet tiegħek jew id-drittijiet ta' xi ħadd ieħor? Kif ħassejtek?

5. Għid lill-istudenti li huwa importanti ħafna li jagħrfu d-drittijiet tagħhom, u anke r-responsabbilitajiet li jmorru magħhom. Staqsihom biex jagħmlu *brainstorming* tad-drittijiet tat-tfal u iktibhom fuq il-bord. Iddiskuti magħhom id-drittijiet li ma semmewx. Spjega l-prinċipji ġenerali tal-'Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet tat-Tfal': **Li ma jiġux iddiskriminati (Artiklu 2):** l-obligazzjoni li t-tfal jiġu protetti minn kull forma ta' diskriminazzjoni; **L-aħjar interess tat-tfal:** L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu mħarsa f'kull sitwazzjoni; **Id-drittijiet għall-ħajja u għall-iżvilupp (Artiklu 6):** id-dritt tat-tfal għall-ħajja, l-obligazzjoni li l-iżvilupp u l-ħajja tat-tfal jiġu mħarsa. **Ir-rispett lejn kif jaħsbuha t-tfal (Artiklu 12):** id-dritt li tesprimi opinjoni fuq kwalunkwe ħaġa li taffettwa lit-tifel jew tifla u din l-opinjoni tkun meqjusa. Għid lit-tfal li d-drittijiet tat-tfal jistgħu jinqasmu fi tliet gruppi: **Protezzjoni - li taċċerta s-sigurtà tat-tfal u tħares kontra l-abbuż, in-negliġenza u l-isfruttament; Proviżjoni – li tkopri** l-bżonnijiet speċjali tat-tfal bħall-edukazzjoni u s-saħħa; **Parteċipazzjoni – li tagħraf il-kapaċità tat-tfal biex jagħmlu deċiżjonijiet u jipparteċipaw fis-soċjetà.**

6. Aqsam il-klassi fi tliet gruppi. Kull grupp se jagħmel *poster* fuq waħda mit-tliet *P* fuq il-*Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet tat-Tfal*: **Proviżjoni, Protezzjoni u Parteċipazzjoni**. Għid lit-tfal li jistgħu jpenġu, jużaw stampi, u jiktbu fi kliemhom id-drittijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dik il-kelma u li jaħsbu li t-tfal għandu jkollhom. Fl-aħħar, il-gruppi jistgħu jaqsmu x-xogħol tagħhom mal-oħrajn. Biex jippreparaw il-*posters*, it-tfal jistgħu jingħataw dawn il-websajts għal aktar informazzjoni: (Amnesty International: www.amnesty.org; Children's Rights Information Network: www.crin.org; Council of Europe: www.coe.int; Democracy and Human Rights Education in Europe: www.dare-network.org; European Children's Network (EURONET): www.europeanchildrensnetwork.org; European Network of Ombudspersons for Children: www.ombudsnet.org/enoc/; Human Rights Watch: www.hrw.org; UNESCO: www.unesco.org; UNICEF: www.unicef.org; United Nations High Commissioner for Human Rights: www.ohchr.org/english).



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistgħu jieħdu kopja tal-*poster* id-dar u jitkellmu mal-ġenituri fuq id-drittijiet tat-tfal (3P), u l-importanza li dawn id-drittijiet għandhom f'ħajjithom.

# IT-TLIET *P*

**It-Tliet P tal-Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet tat-Tfal** huma:

**Proviżjoni – Protezzjoni – Parteċipazzjoni**

Il-*poster* tagħna huwa fuq id-dritt tat-tfal għall- ____________________

___________________________________________________________________

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu kopja tal-poster li għamlu fuq id-drittijiet tat-tfal (3P). Tkellmu mat-tfal fuq dawn id-drittijiet u fuq l-importanza li dawn id-drittijiet għandhom f'ħajjithom.*





# ID-DRITTIJIET U D-DMIRIJIET TAT-TFAL

RIŻORSI

Huwa importanti li tkun taf id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tat-tfal!























# ID-DRITTIJIET U D-DMIRIJIET TAT-TFAL

RIŻORSI























# ID-DRITTIJIET U D-DMIRIJIET TAT-TFAL

RIŻORSI

















# Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989)

**Artiklu 1**
Kull persuna taħt it-tmintax-il sena għandha dawn id-drittijiet.

**Artiklu 2**
It-tfal kollha għandhom dawn id-drittijiet, irrispettivament min huma, fejn joqogħdu, x'jagħmlu l-ġenituri tagħhom, x'lingwa jitkellmu, x'reliġjon iħaddnu, jekk humhiex bniet jew subien, x'kultura għandhom, jekk għandhomx diżabilità u jekk humhiex fqar jew sinjuri. It-tfal m'għandhom bl-ebda mod jiġu trattati b'mod inġust.

**Artiklu 3**
L-adulti kollha għandhom jagħmlu dak li hu l-aħjar għalik. Meta l-adulti jagħmlu deċiżjonijiet, għandhom iqisu kif id-deċiżjonijiet tagħhom se jaffettwaw lit-tfal.

**Artiklu 4**
Il-Gvern għandu responsabbiltà li jassigura li d-drittijiet tiegħek jiġu protetti. Għandu jgħin lill-familja tiegħek biex tipproteġi d-drittijiet tiegħek u toħloq ambjent fejn tista' tikber u tilħaq il-potenzjal tiegħek.

**Artiklu 5**
Il-familja tiegħek għandha r-responsabbiltà li tgħinek titgħallem tħaddem id-drittijiet tiegħek u tassigura li d-drittijiet tiegħek huma protetti.

**Artiklu 6**
Għandek id-dritt li tgħix.

**Artiklu 7**
Għandek id-dritt għal isem, u dan għandu jkun uffiċjalment rikonoxxut mill-Gvern. Għandek id-dritt li jkollok nazzjonalità (biex tagħmel parti minn pajjiż).

**Artiklu 8**
Għandek id-dritt għal identità – rekord uffiċjali ta' min int. Ħadd m'għandu d-dritt li jeħodhielek.

**Artiklu 9**
Għandek id-dritt li tgħix mal-ġenitur(i), sakemm din ma tkunx ta' ħsara għalik. Għandek id-dritt li tgħix f'familja li tieħu ħsiebek.

**Artiklu 10**
Jekk tgħix f'pajjiż differenti mill-ġenituri tiegħek, għandkom id-dritt li tkunu flimkien fl-istess post.

**Artiklu 11**
Għandek id-dritt li tkun protett minn xi ħadd li jista' jaħtfek.

**Artiklu 12**
Għandek id-dritt li tagħti l-opinjoni tiegħek, u li l-adulti jismgħuha u joħduha bis-serjetà.

**Artiklu 13**
Għandek id-dritt li ssir taf l-affarijiet u taqsam dak li taħseb mal-oħrajn billi titkellem, tpenġi, tikteb jew xi mod ieħor sakemm ma jweġġax jew joffendix lil ħaddieħor.

**Artiklu 14**
Għandek id-dritt li tagħżel ir-reliġjon u t-twemmin tiegħek stess. Il-ġenituri għandhom jgħinuk tiddeċiedi x'inhu tajjeb u ħażin, u x'inhu l-aħjar għalik.

**Artiklu 15**
Għandek id-dritt tagħżel il-ħbieb tiegħek u li tibda jew tingħaqad ma' gruppi sakemm ma jkunux ta' ħsara lil ħaddieħor.

**Artiklu 16**
Għandek id-dritt għall-privatezza.

**Artiklu 17**
Għandek id-dritt li tieħu informazzjoni li hija importanti għall-*wellbeing* tiegħek minn radji, gazzeti, kotba, kompjuters u sorsi oħrajn. L-adulti ta' madwarek għandhom jaċċertaw li l-informazzjoni ma tagħmilx ħsara, u jgħinuk tfittex u tifhem l-informazzjoni li għandek bżonn.

**Artiklu 18**
Għandek id-dritt li titrabba mill-ġenitur(i) tiegħek jekk dan hu possibbli.

**Artiklu 19**
Għandek id-dritt li tiġi protett milli moħħok jew ġismek jiġu mweġġgħin jew trattati ħażin.

**Artiklu 20**
Għandek id-dritt għall-kura u għajnuna speċjali jekk ma tistax tgħix mal-ġenituri tiegħek.

**Artiklu 21**
Għandek id-dritt għall-kura u protezzjoni jekk inti ġejt addottat jew *fostered*.

# Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989)

**Artiklu 22**
Għandek id-dritt għall-protezzjoni u għajnuna speċjali jekk inti refuġjat (jekk inti kont sforzat li titlaq minn darek u tgħix f'pajjiż ieħor), kif ukoll għad-drittijiet kollha f'din il-Konvenzjoni.

**Artiklu 23**
Għandek id-dritt għall-kura u edukazzjoni speċjali jekk għandek diżabilità, kif ukoll għad-drittijiet kollha f'din il-Konvenzjoni, sabiex inti tkun tista' tgħix ħajja kompluta.

**Artiklu 24**
Għandek id-dritt għall-aħjar kura tas-saħħa possibbli, ilma tajjeb għax-xorb, ikel nutrittiv, ambjent nadif u *safe*, u informazzjoni li tgħinek tibqa' b'saħħtek.

**Artiklu 25**
Jekk inti tgħix *in care* jew f'sitwazzjonijiet oħrajn 'il bogħod mid-dar tiegħek, għandek id-dritt li dan l-arranġament jiġi rrivedut regolarment biex nies li qed jieħdu ħsiebek jaraw jekk hux l-aħjar arranġament għalik.

**Artiklu 26**
Għandek id-dritt għall-għajnuna mill-Gvern jekk inti fqir jew fil-bżonn.

**Artiklu 27**
Għandek id-dritt għall-ikel u ħwejjeġ addattati, post fejn toqgħod li huwa *safe* u li jkollok il-bżonnijiet bażiċi mħarsa. M'għandekx tkun żvantaġġat b'tali mod li ma tkunx tista' tagħmel ħafna mill-affarijiet bħat-tfal l-oħra.

**Artiklu 28**
Għandek id-dritt għall-edukazzjoni tajba u ta' kwalità. Għandek tkun imħeġġeġ li tmur l-iskola sal-ogħla livell li tista' tilħaq.

**Artiklu 29**
L-edukazzjoni li qed tirċievi għandha tgħinek tuża u tiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħek. Għandha wkoll tgħinek titgħallem tgħix fil-paċi, tipproteġi l-ambjent u tirrispetta lil ħaddieħor.

**Artiklu 30**
Għandek id-dritt tipprattika l-kultura, il-lingwa u r-reliġjon tiegħek jew kwalunkwe wieħed jew waħda li tagħżel. Dan id-dritt għandu bżonn protezzjoni speċjali għal minoritajiet u gruppi indiġini.

**Artiklu 31**
Għandek id-dritt li tilgħab u tistrieħ.

**Artiklu 32**
Għandek id-dritt għall-protezzjoni minn xogħol li jagħmillek ħsara, u li huwa ħażin għas-saħħa u għall-edukazzjoni tiegħek. Jekk taħdem, għandek id-dritt li tkun *safe* u tiġi mħallas b'mod ġust.

**Artiklu 33**
Għandek id-dritt għall-protezzjoni minn drogi li jagħmlulek il-ħsara u mis-suq tad-droga.

**Artiklu 34**
Għandek id-dritt li tkun liberu mill-abbuż sesswali.

**Artiklu 35**
Ħadd m'għandu dritt jaħtfek jew ibigħek.

**Artiklu 36**
Għandek id-dritt għall-protezzjoni milli tkun użat jew jabbużaw minnek.

**Artiklu 37**
Ħadd m'għandu dritt jagħtik kastig li hu krudili jew b'xi mod jagħmillek il-ħsara.

**Artiklu 38**
Għandek id-dritt għall-protezzjoni u li tkun liberu mill-gwerra. Tfal taħt il-15-il sena ma jistgħux jiġu sforzati biex ikunu suldati jew jiġġieldu fil-gwerer.

**Artiklu 39**
Għandek id-dritt għall-għajnuna jekk tkun weġġajt, ġejt ittraskurat jew ġejt ittrattat ħażin.

**Artiklu 40**
Għandek id-dritt għall-għajnuna legali u li tiġi trattat b'mod ġust f'sistema ġudizzjarja li tirrispetta d-drittijiet tiegħek.

**Artiklu 41**
Jekk il-liġijiet ta' pajjiżek jipprovdu protezzjoni aħjar tad-drittijiet tiegħek mill-artikli ta' din il-Konvenzjoni, għandhom japplikaw dawk il-liġijiet.

**Artiklu 42**
Għandek bżonn tkun taf id-drittijiet tiegħek! L-adulti għandhom ikunu jafu dawn id-drittijiet u jgħinukom titgħallmu fuqhom ukoll.

**Artikli 43 - 54**
Dawn l-artikli jispjegaw kif il-gvernijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNICEF se jaħdmu biex jassiguraw li d-drittijiet tat-tfal ikunu protetti.

**Checklist għall-Valutazzjoni tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ________________________________________<br><br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3: Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 4 Niżviluppaw sens ta' determinazzjoni soda*** | |

| **4. NIŻVILUPPAW SENS TA' DETEMINAZZJONI SODA** | |
|---|---|
| **4.1. INSOLVU L-PROBLEMI** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **4.1.1. Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi** | |
| 4.1.1.B[1]. L-istudent jagħraf li kapaċi jsolvi problema | |
| 4.1.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf li l-ewwel pass biex isolvi problema huwa li jaqsamha f'partijiet żgħar jekk hemm bżonn | |
| 4.1.1.A. L-istudent kapaċi jagħraf li t-tieni pass biex isolvi problema huwa li jaħseb f'soluzzjonijiet kreattivi | |
| **4.1.2. Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni** | |
| 4.1.2.B. L-istudent kapaċi jiddeċiedi jekk deċiżjoni hix tajba jew le, skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha | |
| 4.1.2.I. L-istudent kapaċi jeżamina l-prattiċita ta' soluzzjoni għal problema | |
| 4.1.2.A. L-istudent kapaċi jqis kemm hi effettiva soluzzjoni skont kif hu u ħaddieħor iħossuhom | |
| **4.1.3. Napplikaw soluzzjoni u nevalwawha** | |
| 4.1.3.B. L-istudent kapaċi jpoġġi soluzzjoni fil-prattika u jagħmel użu minn iktar minn soluzzjoni waħda jekk hemm bżonn | |
| 4.1.3.I. L-istudent kapaċi jevalwa r-riżultati ta' soluzzjoni u jerġa' jipprova u jekk hemm bżonn | |
| 4.1.3.A. L-istudent kapaċi jsolvi problema filwaqt li jsemmi t-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi | |
| **4.2. L-*EMPOWERMENT* U L-AWTONOMIJA** | |
| **4.2.1. Niżviluppaw skop għall-ħajja u raġuni għalxiex qed ngħixu** | |
| 4.2.1.B. L-istudent kapaċi jidentifika dak li hu importanti għalih | |
| 4.2.1.I. L-istudent kapaċi jidentifika l-kawżi tas-sitwazzjonijiet li jiġrulu | |
| 4.2.1.A. L-istudent kapaċi jiddeksrivi dak li jista' jiġri meta jikber, u r-rwoli tal-preżent u tal-futur | |
| **4.2.2. Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna** | |
| 4.2.2.B. L-istudent kapaċi jagħraf li jista' jwettaq l-affarijiet billi jagħmel pjanijiet u jippersisti sakemm ikun sodisfatt bir-riżultat | |

[1] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| 4.2.2.I. L-istudent kapaċi jagħraf li ħaddieħor jista' jgħinu jwettaq l-affarijiet | |
| 4.2.2.A. L-istudent kapaċi jagħraf li jista' jippersisti waqt li jaħdem għall-miri tiegħu | |
| **4.2.3. Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna** | |
| 4.2.3.B. L-istudent kapaċi jagħraf li t-tfal kollha għandhom bżonnijiet u drittijiet anke jekk huma differenti | |
| 4.2.3.I. L-istudent kapaċi jagħraf u jaqbeż għad-drittijiet tiegħu | |
| 4.2.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika d-drittijiet tat-tfal għall-proviżjoni, protezzjoni u parteċipazzjoni | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent:

Il-bżonnijiet tal-istudent:

Għanijiet għal titjib:

**Checklist għall-Valutazzjoni tal-Istudent**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ______________________________<br><br>Data: ___________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| **NIŻVILUPPAW SENS TA' DETEMINAZZJONI – INSOLVU L-PROBLEMI** | | |
|---|---|---|
| **Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li juri kif tħossok.** | **Nista' nagħmel hekk** | **Nieħu gost nagħmel hekk** |
| Jien nagħraf li jien kapaċi nsolvi l-problemi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li l-ewwel pass biex insolvi problema huwa naqsamha f'partijiet żgħar jekk hemm bżonn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li t-tieni passi biex insolvi problema huwa naħseb f'soluzzjonijiet differenti | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni** | | |
| Jien kapaċi nagħraf jekk soluzzjoni hix tajba billi neżamina l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeċiedi jekk soluzzjoni hix diffiċli biex sseħħ fil-prattika | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nqis jekk soluzzjoni hix tajba jew le skont kif jien u oħrajn inħossuna fuq ir-riżultat | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Napplikaw soluzzjoni u nevalwawha** | | |
| Jien kapaċi nsolvi problema billi nipprova soluzzjoni u nagħmel użu minn iktar minn soluzzjoni waħda jekk hemm bżonn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi neżamina jekk is-soluzzjoni ħadmitx u jekk ikun hemm bżonn nerġa' nipprova | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsolvi problema filwaqt li nsemmi t-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIŻVILUPPAW *SELF DETERMINATION* – L-*EMPOWERMENT* U L-AWTONOMIJA** | | |
| **Niżviluppaw skop għall-ħajja u raġuni għalxiex qed ngħixu** | | |
| Jien kapaċi niddeskrivi dak li hu importanti għalija | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf għaliex xi affarijiet jiġru lili | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi niddeskrivi x'se jiġri meta nikber, u nsemmi r-rwoli tal-preżent u tal-futur | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna** | | |
| Jien kapaċi nagħraf li nista' nwettaq l-affarijiet jekk nippjana bil-quddiem u nibqa' nipprova sakemm inkun kuntent bir-riżultat | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li l-oħrajn jistgħu jgħinuni nwettaq l-affarijiet | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nibqa nippersisti sakemm nikseb dak li nixtieq | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna** | | |
| Jien kapaċi nagħraf li kulħadd għandu bżonnijiet u drittijiet anke jekk aħna differenti minn xulxin | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naqbeż għad-drittijiet tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf d-drittijiet tat-tfal għall-proviżjoni, protezzjoni u parteċipazzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb f'din il-ħaġa……**

# TEMA 5: Nibnu fuq il-ħiliet

## Sottotema 1 *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi

**TOPIK1**

**Inkunu nafu fuqna nfusna sabiex ikollna *self-concept* pożittiv**

**TOPIK 2**

**Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna biex insaħħu l-istima tagħna nfusna**

**TOPIK 3**

**Nagħrfu li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna, u li nistgħu nkunu**

## Sottotema 2 Nużaw il-ħiliet tagħna għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

**TOPIK 1**

**Nużaw il-ħiliet għall-parteċipazzjoni soċjali**

**TOPIK 2**

**Insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali**

**TOPIK 3**

**Nagħmlu għanijiet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali**

# SOTTOTEMA 1
## *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi

***Self-concept*** **jirreferi għal "kollezzjoni ta' twemmin fuq in-natura, il-kwalitajiet u l-imġiba tipika tiegħek stess... stampa mentali tiegħek innifsek... tista' tinkludi wkoll twemmin bħal 'Jien qalbi tajba' jew 'Jien sabiħ/a' jew 'Jien nagħmel l-almu tiegħi'" (Weiten, Dunn, & Hammer, 2012) . Tirreferi għal aspetti varji tagħna nfusna inkluż il-parti soċjali, il-kompetenza, l-emozzjonijiet, il-parti fiżika, il-parti akkademika u l-familja fost oħrajn. Is-*self-concept* ma hu biss dak li l-persuna hi bħalissa imma wkoll dak li kienet qabel u x'tista' ssir fil-futur. Is-*self-esteem* (kemm wieħed jivvaluta lilu nnifsu) huwa meqjus bħala wieħed mit-tliet partijiet tas-*self-concept*. L-oħrajn huma *self-image* (kif tara lilek innifsek) u l-*ideal self* (kif tixtieq tkun). Iktar ma l-persuna tkun qrib *is-self* ideali tagħha, iktar aħjar, għax is-*self-concept* huwa realistiku. Fl-ewwel żewġ topiks, it-tfal jkollhom l-opportunità li jiskopru xi affarijiet fuqhom infushom li bihom jistgħu jiżviluppaw is-*self-concept* u l-istima pożittiva tagħhom infushom. It-tielet topik jgħin lit-tfal jagħfu li l-ħiliet tagħhom huma parti minn dak li kienu, li huma u li se jkunu fil-futur.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **INKUNU NAFU FUQNA NFUSNA SABIEX IKOLLNA *SELF-CONCEPT* POŻITTIV**<br>• JIFHMU LI ISIMHOM HU PARTI IMPORTANTI MINNHOM.<br>• ISIBU IKTAR INFORMAZZJONI FUQ ISIMHOM.<br>• JISKOPRU AFFARIJIET POŻITTIVI FUQHOM INFUSHOM. |
| **TOPIK 2**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NISKOPRU AFFARIJIET POŻITTIVI FUQNA NFUSNA SABIEX INSAĦĦU L-ISTIMA TAGĦNA NFUSNA**<br>• JIDENTIFIKAW XI AFFARIJIET SBIEĦ FIHOM INFUSHOM.<br>• JIDENTIFIKAW L-AFFARIJIET LI HUMA TAJBIN FIHOM.<br>• JIDENTIFIKAW XI KAPAĊITAJIET LI GĦANDHOM. |
| **TOPIK 3**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIRREALIZZAW LI L-ĦILIET TAGĦNA JAGĦMLU PARTI MINN DAK LI KONNA, LI AĦNA U LI NISTGĦU NKUNU**<br>• JIFHMU KIF IL-PREŻENT JAGĦMEL PARTI MINN DAK LI JISTGĦU JSIRU. |

- JIFHMU KIF IL-PASSAT JAGĦMEL PARTI MINN DAK LI JISTGĦU JSIRU.
- JIFHMU KIF IL-PASSAT U L-PREŻENT JAGĦMLU PARTI MINN DAK LI JISTGĦU JSIRU.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Ikkummenta fuq il-ħiliet tal-istudenti waqt il-lezzjonijiet. Kun speċifiku/a kemm tista', u pprova kkummenta fuq l-affarijiet li jagħmlu. Dak li jagħmlu jista' jkun żviluppat u jista' jitjieb, imma l-karatteristiċi tagħhom huma iktar diffiċli biex jinbidlu; meta tikkumenta fuq il-karatteristiċi tagħhom, l-istudenti jistgħu jħossuhom inċerti u anzjużi. Minflok tgħid "kemm inti bravu/a", tista' tgħid "Togħġobni kif taħdem bir-reqqa; dan se jgħinek 'l quddiem". Minflok tgħid, "inti ħabib/a tajjeb/tajba", tista' tgħid "Napprezza kemm tgħin lil sħabek".

2. Ikkummenta fuq affarijiet li tosserva, speċjalment fuq titjib f'kull qasam (akkademiku, soċjali, imġiba, eċċ).

3. Kun mudell inti stess billi tikkummenta fuq l-affarijiet li inti kburi/kburija bihom u li jogħġbuk fik innifsek.

4. Ħeġġeġ lill-istudenti josservaw u jikkummentaw fuq l-affarijiet li jogħġbuhom fi sħabhom.

5. Għin lill-istudenti jagħrfu kif l-affarijiet jinbidlu maż-żmien billi turi kif il-passat huwa parti minn dak li aħna issa u anke minn dak li nistgħu nkunu, per eżempju, billi tirriflettu fuq l-istejjer li taqralhom fil-klassi.

# Topik 1 Inkunu nafu fuqna nfusna sabiex ikollna *self-concept* pożittiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jifhmu li isimhom hu parti importanti minnhom.

Isibu Iktar informazzjoni fuq isimhom.

Jiskopru affarijiet pożittivi fuqhom infushom.

## Attività 1: Ismi

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jifhmu li isimhom hu parti importanti minnhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi*

Napprezza li ismi huwa parti importanti minni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ismi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Isem Żigu**

**Żigu kien id-dar mal-familja tiegħu u kienu qegħdin jieklu flimkien. Il-mamà staqsietu: "Tista' tgħinni bil-ġewż jekk jogħġbok?" "Iva", wieġeb Żigu. Żigu żied "Se nipprova nfittex iktar ġewż. Jien tajjeb biex insib l-affarijiet". Ommu qaltlu, "Iva, veru. Għalhekk semmejtek għan-nannu Żigu". "Għalfejn semmejtni għan-nannu Żigu, mà?" staqsa Żigu. "Għax fi żmienu kien l-aħjar skwiril mill-ġnien kollu biex isib il-ġewż!", wieġbet ommu. "Din qatt ma kont nafha!", qal Żigu sorpriż. "Issa nipprova nkun tajjeb daqsu biex infittex il-ġewż. Forsi nkun nista' ngħin lill-annimali l-oħrajn isibu l-ġewż ukoll!" qal Żigu. "Jien ċerta li jirnexxilek Żigu" qalet ommu bi tbissima.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għal min kien imsemmi Żigu?
- Għaliex kien imsemmi għan-nannu tiegħu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tgħidilhom li aħna kollha speċjali u persuni uniċi. Li tkun uniku hija xi ħaġa tajba; huwa tajjeb li nkunu nafu lilna nfusna u anke lil persuni uniċi oħrajn.

5. Għid lill-istudenti ipenġu isimhom fuq biċċa karta b'mod li jgħid xi ħaġa fuq isimhom.

6. Staqsihom ipoġġu bilqiegħda f'ċirku u ħalli lil min jixtieq jaqsam dak li penġa mal-oħrajn. Staqsihom jekk qatt xtaqux xi isem ieħor. Jekk iva, x'isem xtaqu? L-istudenti jistgħu jirriflettu fuq ir-raġuni għalfejn jogħġobhom isimhom u fuq wara tal-karta jkomplu din is-sentenza: Ismi jogħġobni għax...



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri fuq ir-raġuni għalfejn iddeċidew li jtuhom l-isem speċjali li għandhom.

# ISMI



**Jisimni...**

**Għax...**

---

*Lill-ġenituri: Għidu lit-tfal għaliex tajtuhom l-isem li għandhom.*





# Attività 2: Ċika msemmija għal…..

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Isibu iktar informazzjoni fuq isimhom.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Insib xi affarijiet fuq ismi.

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, kuluri jew lapsijiet ikkuluriti, dizzjunarju tal-ismijiet (ktieb b'ħafna ismijiet u xi jfissru) jew kompjuters, folja t'attività 'Ismijiet fil-familja'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Isem Ċika**

**Ċika kienet id-dar mal-papà u kienu qegħdin ineħħu xi ftit weraq. F'daqqa waħda Ċika staqsiet lill-papà tagħha "Pà, għalfejn semmejtuni Ċika? Ma naf lil ħadd iktar jismu bħali!" "Veru" qal il-papà, "imma Ċika hu isem sabiħ ħafna. Inti ġejt imsemmija għall-bużnanna tiegħi li kien jisimha MarĊika. Kienet qanfuda tassew speċjali u dak iż-żmien kienet ġabet il-familja kollha biex tgħix ġo dan il-ġnien sabiħ. Kienet qanfuda kuraġġuża u ma kinitx tibża' li tagħmel affarijiet ġodda, li ħadd qatt ma kien għamel qabel. Meta twelidt inti, Ċika, mal-ewwel ħassejt li inti kont se tkun qanfuda speċjali u unika bħall-bużnanna MarĊika." Ċika ħassitha kuntenta li l-ġenituri tagħha tawha isem daqshekk speċjali. "Ara", ħasbet Ċika. "Jiena ġejt imsemmija għall-bużnanna MarĊika, qanfuda tassew speċjali", ħasbet Ċika. Bdiet tkanta "Jien speċjali, jien speċjali..." waqt li kompliet tnaddaf.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għal min issemmiet Ċika?
- Kif ħassitha Ċika meta saret taf x'kien ifisser isimha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tat-tfal billi tgħidilhom li aħna kollha speċjali u persuni uniċi. Ħaġa importanti li tagħmel parti minn dak li aħna huwa isimna. Għidilhom fuq ismek, minn fejn ġie, u xi jfisser. Jekk ismek m'għandux tifsira speċjali, skopri xi ħaġa oħra dwaru. Forsi, semmewk għal persuna famuża jew għal membru fil-familja. Jekk iva tista' tikteb xi ftit affarijiet fuq dik il-persuna. Staqsi lill-istudenti jekk jafux kif u għalfejn għandhom l-isem li għandhom. Għid lil min jaf biex jgħidulek kif u għalfejn ingħataw isimhom.

5. Ħalli lill-istudenti jfittxu t-tifsira ta' isimhom, jew xi informazzjoni oħra, billi jużaw il-ktieb jew il-kompjuter.

6. Staqsihom biex jiktbu isimhom u xi informazzjoni marbuta miegħu u jpinġu l-karta kif jixtiequ huma. Imbgħad jaqsmu dak li pinġew mal-oħrajn u jispjegaw xi jfisser isimhom. Staqsihom kif qed iħossuhom li għandhom isem b'tifsira speċjali.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistgħu juru t-tpenġijiet tagħhom lill-ġenituri u jistaqsuhom dwar ismijiet oħra fil-familja, u fuq xi informazzjoni oħra dwarhom.

## ISMIJIET FIL-FAMILJA

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ifittxu t-tifsira ta' xi ismijiet fil-familja, xi informazzjoni dwar il-persuna li kienu msemmijin għaliha, jew xi informazzjoni oħra dwar xi ismijiet.*





# Attività 3: Ismijiet pożittivi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiskopru affarijiet pożittivi fuqhom infushom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niskopri affarijiet pożittivi dwari.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, kuluri jew lapsijiet ikkuluriti, dizzjunarji, folja t'attività 'Ismijiet pożittivi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ngħidu affarijiet sbieħ fuq xulxin**

**Żigu u Ċika qed jilagħbu logħba speċjali ma' sħabhom fejn kulħadd jgħid affarijiet sbieħ lil xulxin. Il-logħba għandha regola waħda: kulħadd irid jgħid xi ħaġa sabiħa li tibda b'ittra li tinsab fl-isem tal-annimal. Per eżempju, l-annimali l-oħra qalu li Ċika ċajtiera (C) u kuraġġjuża (K). Ċika u Żigu togħġobhom din il-logħba għax jieħdu pjaċir jisimgħu affarijiet sbieħ fuqhom infushom u jaħsbu f'affarijiet sbieħ li se jgħidu lil sħabhom.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għalfejn taħsbu li Ċika u Żigu jħossuhom kuntenti?
- Kif taħsbu li jħossuhom sħabhom?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tat-tfal billi tgħidilhom li aħna kollha speċjali u persuni uniċi. Ħaġa importanti li tagħmel parti minn dak li aħna huwa isimna.

5. Ikteb ismek fuq il-*board*, u għal kull ittra ikteb xi ħaġa fuqek. Jekk jismek Diane tista' tikteb xi ħaġa hekk:

D (Dejjem kuntenta)

I (Immaġinattiva)

A (Assertiva)

N (Ngħin lill-oħrajn)

E (Eleganti)

6. L-istudenti jagħmlu l-istess fuq isimhom. Għandu jkollhom dizzjunarji biex ifittxu kliem pożittivi fuqhom infushom. Ħalli l-istudenti stess jiddeċiedu kif se jiddeskrivu lilhom infushom. Jekk ikollhom diffikultà jsibu xi kelma, għinhom.

7. L-istudenti jistgħu jpinġu l-karta, u min irid jista' jaqsam dak li kiteb mal-oħrajn. Staqsihom jirriflettu fuq il-kelma li togħġobhom l-iktar u għalfejn.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal juru x-xogħol tagħhom lill-ġenituri u jaraw jistgħux iżidu iktar kliem pożittiv ma' isimhom.

# ISMIJIET POŻITTIVI

RIŻORSI




*Lill-ġenituri: Żidu iktar kliem pożittiv fuq it-tfal fuq il-folja t'attivita` li ġabu magħom mill-iskola.*

________________________________________________________





# Topik 2 Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna sabiex insaħħu l-istima tagħna nfusna

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
|---|
| Jidentifikaw xi affarijiet sbieħ fihom infushom. |
| Jidentifikaw l-affarijiet li huma tajbin fihom |
| Jidentifikaw xi kapaċitajiet li għandhom. |

## Attività 1: L-affarijiet li jien tajjeb fihom

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw affarijiet sbieħ fihom infushom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nsib affarijiet sbieħ fija.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'L-affarijiet sbieħ fija'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika u sħabha jgħidu affarijiet sbieħ fuq xulxin**

**Ċika ħarġet fil-ġnien tfittex l-ikel. Hi tajba ħafna biex tfittex l-ikel. Illum għandha ħabiba magħha imma din mhijiex tajba daqs Ċika biex issib l-ikel. Il-ħabiba staqsiet lil Ċika: "Kif jirnexxilek issib l-ikel? Kemm issib karrotti u tuffieħ tajjeb!" "Minn dejjem kont tajba biex insib l-ikel" wieġbet Ċika. "Ara" kompliet Ċika. "Jien kilt ħafna u issa nista' nsib xi ikel għalik". "Kemm inti qalbek tajba Ċika" qaltilha l-ħabiba tagħha. Ċika tgħidx ħadet gost b'dak il-kliem. Kienet tieħu ħafna pjaċir tisma' affarijiet sbieħ fuqha, ħasbet li l-ħabiba tagħha tħossha l-istess. Għalhekk qaltilha "Inti tassew ħabiba tajba għax meta nkun imdejqa dejjem tara kif se tgħinni. Dan l-ikel huwa rigal għalik minn għandi għax inti ħabiba speċjali". Meta l-ħabiba ta' Ċika semgħet hekk, tbissmet u rringrazzjata. Ċika ħassita kuntenta li kienet qed tferraħ lil ħaddieħor.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'qed kienu qed jagħmlu l-ħbieb?
- X'għin lil Ċika tħossha kuntenta?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi titkellem magħhom fuq kif qed iħossuhom Ċika u l-ħabiba tagħha. Ġieli jħossuhom l-istess huma? Xi jġiegħelhom iħossuhom hekk?

5. Qassam il-folja t'attività bil-fjuri. It-tfal għandhom jiktbu tliet affarijiet li huma tajbin fihom.

5. Stieden lit-tfal ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku u ħallihom jaqsmu dak li kitbu mal-oħrajn.



***Attività għad-Dar***

Id-dar, il-ġenituri flimkien mat-tfal, jistgħu jimlew it-tliet petali b'affarijiet li t-tfal huma tajbin fihom.

# L-AFFARIJIET SBIEĦ FIJA



*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal imlew il-petali b' affarijiet sbieħ jew tajbin fit-tfal.*





# Attività 2: Idi

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw xi ftit affarijiet li huma tajbin fihom.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi xi affarijiet li jien tajjeb fihom.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', kuluri, karti, folja t'attività 'Idi'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika taħseb fuq dak li hi tajba fih**

**Ċika qiegħda barra fil-ġnien mal-papà u ma' ħuha. Huma qegħdin ifittxu xi ikel u Ċika sabet xi tuffieħ tajjeb. Il-papà tagħha għajtilha u qalilha, "Naħseb għandek bżonn tipprova xi ħaġa ġdida x'tiekol, Ċika. Huwa importanti li jkollok iktar minn ħaġa waħda." Ċika ħadet pjaċir; xtaqet ħafna titgħallem fuq dak li tista' tiekol. Il-papà tagħha uriha weraq differenti, iżda ma tantx għoġbuha. Imma għalqet għajnejha u gidmet werqa. Il-weraq għoġbuha u Ċika marret tfittex iktar. Staqsiet ukoll lill-papà fuq xi ħaxix ieħor. Ċika bdiet taħseb kemm setgħet issib affarijiet x'tista' tiekol. Il-papà ħares lejha u qalilha: "Prosit Ċika! M'intix qed tibża' tipprova affarijiet ġodda u hekk titgħallem malajr." Ċika tbissmet u qaltlu 'grazzi'. Il-papà kompla: "Hemm ħafna affarijiet li inti tajba fihom Ċika...għidli ftit minnhom". Ċika bdiet tistħi, imma bdiet taħseb fl-affarijiet li hi tajba fihom. L-ewwel ħaġa li ġietha f'moħħha kienet li ta' sikwit kienet tgħin u tfarraġ lill-oħrajn; kienet ukoll tħobb taqsam dak li jkollha mal-oħrajn, u kienet taf tiżfen. Meta bdiet taħseb fuq dawn l-affarijiet, ħassitha tassew kuntenta u xtaqet tiżfen. Bdiet tkanta u tiżfen żifna ferriħija.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'tgħallmet Ċika mingħand il-papà tagħha?
- Kif ħassitha meta l-papà għaddiellha kumpliment?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tkellimhom fuq l-affarijiet tajbin li jinstabu f'kull wieħed u waħda minna. Għidilhom li ħafna drabi naħsbu fuq dawk l-affarijiet li m'aħniex tajbin fihom. Imma huwa iktar importanti li naraw dawk l-affarijiet li aħna tajbin fihom.

5. Staqsi lill-istudenti biex ipenġu jdejhom fuq karta. Għidilhom jimlew ħames affarijiet li huma tajbin fihom.

6. Iżfnu żifna ferriħija flimkien i.e. staqsi lill-istudenti x'passi juru ferħ u kuntentizza u agħżlu kanzunetta addattata jew użaw il-kanzunetta 'Happy' ta' Pharrell Williams.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu l-folja t'attivita` d-dar fejn il-ġenituri jistgħu jżidu ħaġa waħda li jaħsbu li t-tfal huma tajbin fiha. Għandhom jiktbuha fuq fejn hemm isem it-tfal. Għandhom jiktbu xi ħaġa speċjali, bħal per eżempju, Luke żeffien bravu, Elena taf tpenġi, Karolina taf tisma' lil ħaddieħor, eċċ.

## IDI

*Lill-ġenituri: Fuq il-folja t'attivita1, li ġabu magħhom it-tral, żidu ħaġa waħda li t-tfal huma tajbin fiha u iktbuha fuq fejn hemm isem it-tfal, bħal per eżempju, Luke żeffien bravu, Elena taf tpenġi, Karolina taf tisma' lil ħaddieħor, eċċ.*

______________________________________________________________





# Attività 3: Il-bagalja

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw xi kapaċitajiet li għandhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf xi kapaċitajiet li għandi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-bagalja'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu jaħseb fuq dak li hu tajjeb fih**

**Żigu kien qiegħed barra jdur fil-ġnien. Kien qed ifittex il-ġewż u affarijiet oħra li jista' jiġbor u jerfa' fil-bejta tiegħu. Ried ikun ċert li se jkollu biżżejjed għax-xitwa li ġejja. Kif kien jaqbeż minn zokk għall-ieħor, ra ajkla kbira 'il fuq minnu. Beda jibża' u ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel. Staħba bilġri fuq zokk imma kien jaf li ried jiċċaqlaq malajr biex ma taqbdux l-ajkla. Ma setax jiġri mal-art għax imbagħad ikun iktar faċli għall-ajkla biex taqbdu. Ftakar x'qaltlu l-mamà tiegħu: "Aħseb fuq l-affarijiet li int tajjeb fihom. Jekk tagħmel hekk, ma taqtax qalbek u temmen li kollox possibli. Immaġina li għandek bagalja mimlija bl-affarijiet li taf li tista' tagħmel u bl-affarijiet li int tajjeb fihom". Żigu beda jaħseb f'dak li għandu fil-bagalja, u qal bejnu u bejn ruħu, "Jien ħafif, jien naf naqbeż minn zokk għall-ieħor, jien naf nistaħba fis-siġar, jien naf naqbeż minn siġra għall-oħra billi nuża denbi, għandi familja li nħobb, nitgħallem l-affarijiet malajr, u jien skwiril bil-għaqal." Meta ħaseb f'dawn l-affarijiet, Żigu ħassu tajjeb u kunfidenti. Tar minn zokk għall-ieħor u fid-daqqa u l-ħin wasal fil-bejta tiegħu. L-ajkla taret u marret tfittex xi ħaġa oħra x'tiekol.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Minn xiex beda jibża' Żigu?
- Kif irnexxielu jegħleb il-biża'?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli bdejt tibża' bħal Żigu?
- X'kapaċitajiet għandek li setgħu jgħinuk jew li għenuk meta tiltaqa ma' xi saram?

5. Qassam il-folji t'attività lill-istudenti u staqsihom jiktbu l-kapaċitajiet tagħhom fil-bagalja. F'nofs l-attività, staqsihom jaqsmu dak li kitbu mal-oħrajn. Dan jgħinhom biex jisimgħu xi suġġerimenti mingħand sħabhom.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri jżidu xi żewġ affarijiet li t-tfal tajbin fihom fil-bagalja.

## IL-BAGALJA



*Lill-ġenituri: Żidu xi affarijiet li taħsbu għandhom ikunu fil-bagalja tat-tfal (affarijiet li t-tfal tajbin fihom).*





# Topik 3 Nirrealizzaw li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna u li nistgħu nkunu

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jifhmu kif il-preżent jagħmel parti minn dak li jistgħu jsiru.

Jifhmu kif il-passat huwa parti minn dak li jistgħu jsiru.

Jifhmu kif il-passat u l-preżent huma parti minn dak li jistgħu jsiru.

## Attività 1: Fjuri

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jifhmu kif il-preżent jagħmel parti minn dak li jistgħu jsiru.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi kif il-preżent huwa parti minn dak li nista' nsir 'l quddiem.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', fjura bi tliet petali (magħmula mill-kartonċin), kuluri, *biros*, folja t'attività 'Is-snin li ġejjin'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu kien fuq zokk jaħseb fuqu nnifsu. Kien qed jaħseb fuq l-affarijiet li kien jilgħab bihom meta kien iżgħar. Kien iħobb ikanta xi taqbiliet tat-tfal flimkien mal-ġenituri tiegħu u kellu**

**wkoll ġugarell speċjali li kien iħobb ħafna. L-ikel favorit tiegħu kien il-ġewż mqatta'. "Stramba," qal bejnu u bejn ruħu, "Ma tantx għadhom jogħġbuni l-istess affarijiet issa. Min jaf kif se nkun la nikber? Għadhom jogħġbuni l-ġewż imma issa nħobbhom sħaħ, u xorta għadni nħobb nilgħab mal-ġenituri tiegħi imma issa nilagħbu b'mod differenti. Ħames snin oħra din taf tinbidel ukoll," qal bejnu bejn ruħu. "Tkun interessanti li ssir taf kif jinbidlu l-affarijiet fil-ħajja. Għandi bżonn insaqsi lil xi ħadd." U telaq għal passiġġata fil-ġnien.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Fuq xiex beda jaħseb Żigu?
- Kif beda ja jaħseb li kien inbidel?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Issa jogħġbuk logħob differenti minn dawk li kont tilgħab meta kont iżgħar?
- Issa jogħġbok ikel differenti minn dak li kien jogħġbok meta kont iżgħar?
- Kif taħseb li se tkun ħames snin oħra?

5. Agħti fjura lil kull student u staqsihom ipenġu l-ikel favorit tagħhom, il-ġugarell favorit tagħhom u logħba li jħobbu jilagħbu.

6. Staqsi lill-istudenti biex jerġgħu jpenġu f'forma ta' ċirku u staqsihom jaqsmu l-affarijiet favoriti tagħhom mal-oħrajn. Staqsihom: "Taħsbu li dawn l-affarijiet se jinbidlu? Jekk iva, kif?"

8. Staqsihom biex jagħmlu fjura oħra bl-affarijiet li jaħsbu se jogħġbuhom fil-futur. Żomm rikordju ta' din l-attività billi tieħu xi ritratti.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri tagħhom kif jaħsbu li huma se jinbidlu fis-snin li ġejjin. It-tfal jiktbu u jagħmlu tpenġija ta' dan fuq il-folja t'attività.

## FIS-SNIN LI ĠEJJIN

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal kif taħsbu li se jinbidlu fis-snin li ġejjin. X'affarijiet taħsbu li se jibdew jogħġbuhom? Staqsi lit-tfal jiktbu dak li taħseb u jagħmlu tpenġija ta' dan ukoll.*





# Attività 2: L-affarijiet favoriti

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu kif il-passat huwa parti minn dak li jistgħu jsiru.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi kif il-passat huwa parti minn dak li nista' nsir.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'L-affarijiet favoriti', kuluri, *biros*.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif inbidlu l-preferenzi ta' Żigu?
- Taħseb li din hija xi ħaġa komuni fit-tfal meta qed jikbru?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'affarijiet ew preferenzi nbidlu għalik?
- Kif taħseb li se jinbidlu l-preferenzi meta tikber?

5. Staqsi lill-istudenti biex ipenġu id u jiktbu l-affarijiet li jħobbu jagħmlu issa, u fuq l-istess karta, ipenġu id oħra u jiktbu dak li jaħsbu li se jħobbu jagħmlu meta jikbru. L-istudenti jaqsmu dak li pinġew mal-oħrajn.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri x'kienu jħobbu jagħmlu meta kienu l-età tagħhom jekk kienx hemm xi tibdil. Il-ġenituri jirrakkontaw dak li kienu jħobbu jagħmlu meta kienu l-età tat-tfal, u kif il-preferenzi tagħhom inbidlu jew żviluppaw.

## L-AFFARIJIET FAVORITI

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq dak li kontu tħobbu tagħmlu meta kontu l-età tagħhom u tkellmu fuq kif dawn il-preferenzi nbidlu jew żviluppaw maż-żmien. Niżżlu xi ftit punti hawn isfel.*

______________________________________________________________________





# Attività 3: Meta jkolli għoxrin sena

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu kif il-passat u l-preżent huma parti minn dak li jistgħu jsiru.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi kif il-passat u l-preżent huma parti minn dak li nista' nsir meta nikber.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Meta jkolli għoxrin sena'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Darba waħda Żigu kien qed jilgħab ma' sħabu meta ltaqa' ma' skwiril ieħor li kellu diżabilità. Dan l-iskwiril kien twieled mingħajr denb. Żigu staqsieh jekk kinitx diffiċli għalih li jkampa mal-ħajja. "Ma tantx" qal il-ħabib il-ġdid. "Jien nuża l-ħiliet tiegħi biex inkampa. Meta kont żgħir tgħallimt naqbeż minn siġra għal siġra billi nuża biss idejja u saqajja. Staqsejt lill-ġenituri tiegħi biex jgħinuni wkoll. Huma qaluli biex ma naqtax qalbi u nibqa' pożittiv. Qaluli li kelli ħila naħdem ħafna għal dak li nixtieq u naqsam dak li nħoss mal-oħrajn". "Mmm" qal Żigu bejnu u bejn ruħu. "Għandi bżonn naħseb fuq il-ħiliet tiegħi u nistaqsi lill-ġenituri tiegħi."**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'qal il-ħabib lil Żigu?
- X'ħaseb Żigu fuq dan?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi titkellem magħhom fuq kif il-passat u l-preżent huwa parti minn dak li huma issa u anke minn dak li se jsiru. Tista' eżempju ta' persuna b' diżabilità u li kif minn meta kienet għadha żgħira, għamlet għanijiet għall-futur u kif irnexxiela tilħqahom (Tista' ssemmi xi ħadd li ħa sehem fi *Special Olympics*).

5. Qassam il-folji t'attività lill-istudenti, u staqsihom jiktbu fuq kif jimmaġinaw li se jkunu meta jkollhom għoxrin sena.

6. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' ħamsa u ħeġġiġhom biex isibu kwalitajiet fi sħabhom tal-klassi li se jgħinuhom jilħqu l-għan tagħhom. Imbgħad jaqsmu dak li ġabru mal-oħrajn.

7. Tkellem mal-istudenti fuq sfidi speċjali fil-ħajja:

- X'inhuma?
- Xi kwalitajiet jgħinuna niffaċċjawhom?
- Kif tista' tiżviluppa dawn il-ħiliet/kwalitajiet?



## Attività għad-Dar

It-tfal jiddiskutu l-mistoqsijiet fuq il-folja t'attività mal-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri jitkellmu mat-tfal fuq il-ħolm u x-xewqat li kellhom meta kienu żgħar u x'għenhom biex jilħquhom.

# META JKOLLI GĦOXRIN SENA



Meta jkolli għoxrin sena nixtieq…………………………………..

Kwalitajiet li għandi li se jgħinuni………………………………

---

*Lill-ġenituri: Iddiskutu dawn il-mistoqsijiet mat-tfal: X'ħolm/xewqat kellkom meta kontu żgħar? Kien hemm minnhom li lħaqtuhom jew ilħaqtu għanijiet viċin tagħhom? X'għenek twettaq il-ħolm tiegħek? Tafu b'xi ħadd li kellu sfidi speċjali f'ħajtu (diżabilità, immigrant, diffikultajiet l-iskola, eċċ.) - x'għenhom biex jilħqu l-għanijiet tagħhom?*





# SOTTOTEMA 2
# Nużaw il-ħiliet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

***Self-concept*** **pożittiv fit-tfal għandu impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni akkademika u soċjali tagħhom. Kważi ħamsin sena ilu, Purkey (1970) enfasizza l-importanza tas-*self-concept* bħala fattur fis-suċċess fl-iskola u tar-rwoli tal-għalliema u l-iskejjel fit-tisħiħ ta' *self-concept* pożittiv, filwaqt li jkun ukoll realistiku, fl-istudenti. L-ewwel topik f'din is-sottotema jiffoka fuq l-użu tal-ħiliet tal-istudenti biex lilhom nfushom u lill-oħrajn meta jkunu f'diffikultà jew f'sitwazzjonijiet diffiċli. It-tieni topik mibni fuq attivitajiet biex jiżviluppaw l-parteċipazzjoni soċjali tal-istudent, pedament ewlieni fil-bini tar-reżiljenza fost it-tfal (Berkman, Glass, Brissette, & Seeman, 2000). L-aħħar topik jemfasizza l-importanza li l-istudenti japprezzaw u jemmnu fihom infushom u fl-oħrajn bħala mod biex isaħħu l-parteċipazzjoni akkademika.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NUŻAW IL-ĦILIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI SOĊJALI**<br>• ISAĦĦU L-ĦILIET SOĊJALI PERMEZZ TAL-LOGĦOB.<br>• ISAĦĦU L-ĦILIET SOĊJALI BILLI JAGĦMLU AFFARIJIET ĠODDA LI JOGĦĠBUHOM.<br>• ISAĦĦU L-ĦILIET SOĊJALI BILLI JAGĦMLU PJAN TA' X'JISTGĦU JAGĦMLU. |
| **TOPIK 2**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **INSAĦĦU L-PARTEĊIPAZZJONI SOĊJALI**<br>• JISIMGĦU SEW B'MOD MHUX VERBALI<br>• ISAĦĦU L-PARTEĊIPAZZJONI SOĊJALI BL-UŻU TA' MESSAĠĠ LI JIBDEW B''JIENA'.<br>• JUŻAW IL-ĦILIET TAS-SMIGĦ BIEX ISAĦĦU L-PARTEĊIPAZZJONI SOĊJALI. |
| **TOPIK 3**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NAGĦMLU GĦANIJIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI AKKADEMIKA U SOĊJALI**<br>• JAGĦMLU GĦANIJIET FUQ DAK LI JIXTIEQU ĦADDIEĦOR JGĦID FUQHOM.<br>• JAGĦMLU GĦAN BIEX ISAĦĦU L-PARTEĊIPAZZJONI SOĊJALI.<br>• JAGĦMLU GĦANIJIET FUQ IL-ĦILIET LI JIXTIEQU JIŻVILUPPAW. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uri lill-istudenti dak li tammira fihom. Għidilhom fuq dawn il-karatteristiċi u tkellem magħhom fuq l-affarijiet li jħobbu jagħmlu.

2. Ikkummenta fuq kif l-istudenti jiffaċċjaw id-dwejjaq u l-emozzjonijiet koroh b'mod kostruttiv, u agħti eżempji personali jekk dawn ikunu addattati.

3. Kun mudell inti stess, agħti *feedback* pożittiv, u nnota meta l-istudenti jagħtu *feedback* pożittiv lil xulxin.

4. Ikkummenta fuq ħbiberiji tajbin meta tinnotahom. Iffoka fuq dak li l-istudenti jagħmlu iktar milli min huma.

5. Iġbed l-attenzjoni tal-istudenti meta huma jew oħrajn (per eżempju, karattri fi stejjer) ifarrġu lilhom infushom.

## Topik 1 Nużaw il-ħiliet għall-parteċipazzjoni soċjali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Isaħħu l-ħiliet soċjali permezz tal-logħob.

Isaħħu l-ħiliet soċjali billi jagħmlu affarijiet ġodda li jogħġbuhom.

Isaħħu l-ħiliet soċjali billi jagħmlu pjan ta’ x’jistgħu jagħmlu.

# Attività 1: Il-logħob li nieħu pjaċir nilgħab ma’ sħabi

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Isaħħu l-ħiliet soċjali permezz tal-logħob.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi logħob li nieħu pjaċir nilgħab mal-oħrajn.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba’, folja t’attività ‘Logħob li nieħu pjaċir nilgħab mal-oħrajn’.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b’attività ta’ Moħħnihawn

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta’ pupazzi tal-idejn jew tas-swaba’:

**Żigu jħobb jilgħab**

**Żigu qiegħed fil-ġnien jilgħab “Naħbu l-ġewż” mal-ħabib tiegħu. Għadu kif ħeba l-ġewża u qed jgħajjat lil sieħbu “Ħuta” li tfisser li ħeba l-ġewża viċin l-art. Il-ħabib tiegħu għajjat lil**

**sieħbu "sħun", li tfisser li qiegħed viċin il-ġewża. Il-ħabib sab il-ġewża, u issa kien jmiss lill-ħabib li jaħbi l-ġewża. Baqgħu jilagħbu għal ħin twil. Wara ftit, marru jixorbu u jieklu ftit karrotti. Kellhom burdata tajba għax ħadu ħafna gost jilagħbu flimkien. "Issa ejja nerġa' nilagħbu", qal Żigu. "X'se nilagħbu?"**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'logħba bdew jilagħbu?
- Għalfejn kellhom burdata tajba?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi titkellem mal-istudenti fuq il-ħbieb. Għandhom ħbieb? X'iħobbu jagħmlu mal-ħbieb? X'logħob jieħdu gost jilagħbu? Niżżel il-logħob li jogħġbuhom, u waħda waħda ilagħbu l-logħob tal-lista.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri fuq il-logħob li kienu jieħdu pjaċir jilagħbu ma' sħabhom meta kienu żgħar.

## LOGĦOB LI NIEĦU PJAĊIR NILGĦAB MAL-OĦRAJN

RIŻORSI



Logħob li nieħu pjaċir nilgħab ma' sħabi:

..................................................................

..................................................................

..................................................................

..................................................................

---

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq il-logħob li kontu tieħdu pjaċir tilagħbu meta kontu żgħar.*





# Attività 2: Affarijiet li nħobb nagħmel

## L-Għan tat-Tagħlim

Isaħħu l-ħiliet soċjali billi jagħmlu affarijiet ġodda li jogħġbuhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħmel iktar affarijiet li nħobb.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Affarijiet li nħobb nagħmel'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**L-affarijiet li tħobb tagħmel Ċika**

**Ċika għadha kif waslet id-dar wara ġurnata tilgħab fil-ġnien. Kienet mal-ħbieb tagħha. Qagħdu jiġru wara l-insetti u jilagħbu flimkien. Waħda mill-ħbieb ta' Ċika kellha titlaq ftit qabel għax kienet sejra tirreċta mal-grupp tad-drama. "Xi pjaċir", ħasbet Ċika. "M'iniex ċerta jekk irridx inkun fi grupp ta' drama imma kieku nkun nixtieq nagħmel il-mużika mal-oħrajn", ħasbet. Hi kienet bilqiegħda taħseb fuq il-mużika li tixtieq tagħmel. "Naf", ħasbet, "Nixtieq inkanta mal-oħrajn; il-kant huwa meta tuża l-vuċi bħala strument. Nieħu pjaċir nisma' lil ħaddieħor ikanta, u meta nkanta nieħu pjaċir ukoll".**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Fejn marret il-ħabiba ta' Ċika?
- Xi trid tagħmel, Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'tista' tagħmel Ċika biex taqta' x-xewqa tagħha? (eż. tiċċekkja fuq xi lezzjonijiet tad-drama li tista' tattendi).

Staqsi lill-istudenti fuq dak li jixtiequ jagħmlu huma. Kellimhom fuq il-passi li jistgħu jieħdu biex jassiguraw li l-affarijiet li jixtiequ jaslu għalihom. Għinhom billi tuża eżempju u tkellem fuq dak li l-persuna tista' tagħmel għada, u fi żmien ġimgħa. Per eżempju, jekk jien irrid nibda nilgħab il-futbol ma' klabb, nista' nżur wieħed jew tnejn u nistaqsi fuq dak li għandi bżonn nagħmel biex ningħaqad mal-klabb.

6. Qassam il-folji t'attività lill-istudenti u staqsihom jaħdmu f'pari. Jistgħu jgħinu lil xulxin jaħsbu f'dak li jistgħu jagħmlu għada u fi żmien ġimgħa biex iwettqu dak li jixtiequ.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal juru l-folja t'attività lill-ġenituri tagħhom u jistaqsuhom jekk għandhomx iżjed suġġerimenti.

# AFFARIJIET LI NĦOBB NAGĦMEL




Xi ħaġa li nixtieq nagħmel

Għada nista'...

Fi żmien ġimgħa nista'...

---

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal billi tissuġġerixxu affarijiet li jistgħu jagħmlu għada u ġimgħa oħra biex jaslu eqreb lejn l-għan tagħhom.*





# Attività 3: Il-pjan tiegħi

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Isaħħu l-ħiliet soċjali billi jagħmlu pjan ta' x'jistgħu jagħmlu.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Infassal pjan ta' x'nista' nagħmel.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-pjan tiegħi'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 2 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'tixtieq tagħmel Ċika?
- X'tista' tagħmel biex tilħaq l-għan tagħha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom x'affarijiet jixtiequ jinvolvu ruħhom fihom. Dan hu eżempju ta' pjan:

Illum se nagħmel hekk…….

Għada se nagħmel hekk…….

Il-ġimgħa d-dieħla se nagħmel hekk…………

Dawn in-nies jistgħu jgħinuni………

Għandi bżonn…………………………

5. Uża xi eżempju jew tnejn minn dak li jixtiequ jagħmlu l-istudenti u agħmlu pjan fuq il-*board*.

6. Qassam il-folji t'attività u ħallihom jaħdmu f'pari u jgħinu lil xulxin ifasslu l-pjanijiet tagħhom.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal juru u jiddiskutu l-pjan tagħhom lill-ġenituri.

# IL-PJAN TIEGĦI

Dan hu l-pjan tiegħi

Illum se nagħmel hekk…….

Għada se nagħmel hekk…….

Il-ġimgħa d-dieħla se nagħmel hekk…………

Dawn in-nies jistgħu jgħinuni………

Għandi bżonn…………………………

---

*Lill-ġenituri: Ħarsu lejn il-pjan tal-istudenti u għidulhom jekk għandkomx xi suġġerimenti oħrajn.*





# Topik 2 Nsaħħu l-parteċipazzjoni soċjali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jisimgħu sew b'mod mhux verbali.

Isaħħu l-parteċipazzjoni soċjali bl-użu ta' messaġġi li jibdew 'Jiena'

Jużaw il-ħiliet tas-smigħ biex isaħħu l-parteċipazzjoni soċjali.

## Attività 1: Il-ħila tiegħi biex nisma'

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jisimgħu sew b'mod mhux verbali

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nisma' sew lil persuna billi nosserva l-għajnejn, t-ton tal-vuċi u l-pożizzjoni tal-ġisem

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-ħila tiegħi biex nisma''.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika tixtieq tisma' sew**

**Ċika kieent qiegħda tilgħab bil-weraq fil-ġnien. Iltaqgħet ma qanfuda oħra u bdew jitkellmu flimkien. Il-qanfuda bdiet titkellem b'vuċi baxxa ħafna u ma tħarisx lejn Ċika. "Huwa diffiċli ħafna biex nisma' x'qed tgħid. Naħseb tistħi ħafna", ħasbet Ċika. Ċika pprovat iġġiegħel lill-**

**qanfuda tħares lejha imma kien diffiċli. Fl-aħħar qaltilha, "Aħjar tħares lejja għax qed insibha diffiċli nisma' dak li qed tgħid". Il-qanfuda l-oħra mbagħad ħarset lejn Ċika u Ċika tbissmitilha. F'daqqa waħda l-qanfuda bdiet titkellem b'vuċi li Ċika setgħet tisma'. It-tnejn ħadu gost jitkellmu flimkien u qabel ma nfirdu għannqu waħda lil xulxin.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kien diffiċli għal Ċika?
- X'għamlet li għenha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli sibtha diffiċli biex titkellem jew tħares lejn il-persuna meta tkun qed tkellimha?
- X'jgħinek meta tibda tħossok qed tistħi?

5. Uża pupa u kellimha taparsi qed tistħi (uża kemm it-ton tal-vuċi u anke l-pożizzjoni tal-ġisem). Staqsi lill-istudenti x'qed tifhem il-pupa (jista' jkun li ma tkun qed tifhem xejn jekk tkun qed titkellem b'vuċi baxxa ħafna). Staqsi lill-istudenti biex jagħtuk xi suġġerimenti fuq kif tista' tkellem lill-pupa (bl-użu tat-ton tal-vuċi u tal-pożizzjoni tal-ġisem). Issa kellem lill-pupa bil-modi li ssuġġerewlek l-istudenti.

6. L-istudenti jaħdmu f'pari. Kull student jgħid lill-ieħor dwar xi ħaġa li jħobb jagħmel. L-istudent l-ieħor irid jisma' u jkompli miegħu.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jipprattikaw dak li tgħallmu dwar kif jisimgħu mal-ġenituri tagħhom.

# IL-ĦILA TIEGĦI BIEX NISMA'



*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal fuq dak li tgħallmu fuq il-ħiliet tas-smigħ (kif nisimgħu lil persuna oħra bl-użu tat-ton tal-vuċi u l-pożizzjoni tal-ġisem). Ħeġġiġhom biex jipprattikaw magħkom*

# Attività 2: Messaġġi li jibdew b' 'Jiena'

## L-Għan tat-Tagħlim

Isaħħu l-parteċipazzjoni soċjali bl-użu ta' messaġġi li jibdew b' 'Jiena'

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nuża messaġġi li jibdew b' 'Jiena'

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', żewġ folji t'attività '*I-Messages*'- waħda għall-istudenti u waħda għall-ġenituri.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

**Argument waqt il-logħob**

**Żigu kien qed jilgħab ma' sħabu meta f'daqqa waħda xi ħadd werżaq "Kemm tirrabjani! Tort tiegħek li qed inħossni hekk!" L-iskwiril l-ieħor qal, "Mhux tort tiegħi!" Komplew jargumentaw għal ħin twil u fl-aħħar ħadd ma xtaq ikompli jilgħab. Marru lura d-dar u Żigu ħassu mdejjaq. Qal lilu nnifsu "Nispera li l-affarijiet jitranġaw għada".**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi din il-mistoqsija:

- X'ġara fl-istorja?
- Kif ħassu Żigu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Xi ħadd ġieli qalilkom li irrabjatuh, dejjaqtuh, eċċ?
- Kif ħassejtukom meta ġara hekk?

5. Tkellem mal-pupazz ta’ Żigu u għid dawn l-affarijiet:

- Kemm tirrabjani (b’vuċi rrabjata) meta titkellem hekk.
- Kemm ddejjaqni (b’vuċi mdejqa) meta tagħmel hekk.

Spjega li aħna biss responsabbli għall-emozzjonijiet tagħna u għalhekk huwa importanti li nużaw messaġġi li jibdew b’ ‘Jiena’. Meta nużaw dawn il-messaġġi, inkun qed nieħdu responsabbiltà għall-emozzjonijiet tiegħna stess u ma nwaħħlu f’ħadd. Issa kellem lil Żigu billi tuża messaġġi li jibdew b’ ‘Jiena’:

- Jien nirrabja meta titkellem hekk għax naħseb li tkun pastaż; nixtieq li tuża kliem differenti.
- Jien inħossni mdejjaq meta ma tħarisx lejja għax inħoss li ma tridx tisma’ dak li rrid ngħid; nixtieq li tħares lejja.

Messaġġi li jibdew b’ ‘Jiena’ jibdew b’dan il-mod: “Jien inħoss…… meta….. Nixtieq li……”

Erġa’ spjega d-differenza bejn iż-żewġ modi ta’ komunikazzjoni.

6. Staqsi lill-istudenti jipprattikaw f’pari. Jistgħu jaħsbu f’affarijiet li jixtiequ jgħidu lil xi ħadd ieħor.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jipprattikaw messaġġi li jibdew b’ ‘Jiena’ id-dar flimkien mal-ġenituri.

# MESSAĠĠI LI JIBDEW B' 'JIENA'

Jien inħossni………………………………………………………………….

meta…………………………………………………………………..

għax………………………………………………………………

Nixtieq li …………………………………………………………….





# MESSAĠĠI LI JIBDEW B' 'JIENA'

*Lill-ġenituri:*

*Dan hu messaġġ li jibda b' 'Jiena'*

*Jien inħossni……………meta………………………għax……………………………*

*Nixtieq li…………………………………………………………*

*Per eżempju, Jien inħossni mdejjaq meta ma tħarisx lejja meta titkellem għax nibda naħseb li ma jimpurtakx minn dak li qed ngħid. Nixtieq li tħares lejja meta nitkellmu.*

*Meta nużaw messaġġi li jibdew b' 'Jiena', ma nkunux qed nitfgħu t-tort fuq xi ħadd ieħor. Tkun qed tieħu responsabbiltà għall-emozzjonijiet tiegħek. Il-persuna l-oħra tista' tisma' l-messaġġ u ma tħosshiex akkużata jew li t-tort huwa tagħha imma li tista' tbiddel il-mod kif tesprimi jew tagħmel xi ħaġa.*

*Ħeġġu lit-tfal jipprattikaw jużaw messaġġi li jibdew b' 'Jiena' u pprattikaw flimkien.*





# Attività 3: Il-ġurnalist

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jużaw il-ħiliet tas-smigħ biex isaħħu l-parteċipazzjoni soċjali.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nisma' sew tfal oħra li ġejjin minn pajjiżi differenti.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *video camera*.

Din l-attività tista' tieħu iktar minn lezzjoni waħda.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ahmed**

**Żigu iltaqa' ma' ħabib ġdid. Il-ħabib il-ġdid jismu Ahmed u ġej minn pajjiż differenti. Darba waħda kien hemm qattus li xtaq isaqsi lil Ahmed fuq l-esperjenzi tiegħu, imma l-qattus beda jitkellem fuqu nnifsu u ma semax dak li xtaq jgħid Ahmed. Fl-aħħar, Ahmed waqaf ikellem lill-qattus u ħares lejn Żigu. Żigu qal "ejja mmorru nilagħbu xi mkien ieħor għax għalxejn qed nitkellmu ma' xi ħadd li ma jridx jisma'." Huma telqu 'l hemm u marru jilagħbu post ieħor.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għaliex waqaf jitkellem Ahmed?
- X'għamel Żigu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif tħossok meta titkellem ma' xi ħadd u dik il-persuna ma tkunx qed tisimgħek?
- X'għandna bżonn inżommu f'moħħna meta nkunu qed nisimgħu lil xi ħadd?

5. Tkellem mal-pupazz ta' Ahmed (li ġie f'pajjiżek u hu refuġjat). L-ewwel darba li tkellmu, tkellem ħafna u tismax lil pupazz. Wara, staqsi lill-istudenti: Taħsbu li Ahmed ħa pjaċir meta tkellimna? Għaliex le? (Tkellimt ħafna, interrompejtu, bdejt titkellem fuqek innifsek, ma ħaristx lejh, għamilt affarijiet oħra waqt li beda jitkellem hu, eċċ.).

6. Għid lill-istudenti jaħdmu f'pari u jagħmlu l-parti ta' ġurnalist. L-istudent l-ieħor jista' jkun refuġjat jew immigrant. Il-ġurnalist irid jisma' sew dak li qed jgħidlu ir-refuġjat biex ikun jaf sewwa l-istorja tiegħu. L-istudenti jibdlu r-rwoli. Tista' tiġbed vidjo tal-istudenti waqt li qed jagħmluha ta' ġurnalisti.

8. Araw il-vidjos flimkien u agħtu *feedback* pożittiv lil xulxin. Jekk m'għandkomx kamera li tieħu vidjo, tista' tieħu ritratti. L-istudenti xorta waħda jistgħu jagħtu *feedback* pożittiv u jiktbuh ħdejn ir-ritratt.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jintervistaw lil xi ħadd id-dar u 'jirraportaw' x'jiġri.

# IL-ĠURNALIST

*Lill-ġenituri: It-tfal ser jintervistaw lil xi ħadd fil-familja biex jipprattikaw il-ħila li jisimgħu sew. Wara l-intervista għidlulhom l-affarijiet li għamlu tajjeb biex jisimgħu sew. Imbgħad jistgħu ipinġu lil xi ħadd li qed jisma' sew.*

---

# Topik 3 Nagħmlu għanijiet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħmlu għanijiet fuq dak li jixtiequ ħaddieħor jgħid fuqhom.

Jagħmlu għan biex isaħħu l-parteċipazzjoni soċjali.

Jagħmlu għanijiet fuq il-ħiliet li jixtiequ jiżviluppaw.

## Attività 1: X'irrid li ħaddieħor jgħid fuqi

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħmlu għanijiet fuq dak li jixtiequ ħaddieħor jgħid fuqhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi dak li niextieq li ħaddieħor jgħid fuqi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'X'irrid li ħaddieħor jgħid fuqi', *pens*.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika ltaqgħet ma' ħabiba ġdida lbieraħ. Jisimha Fatuma. Tgħidx kemm ħadet gost tilgħab magħha. Huma daħqu ħafna u meta kienu sejrin id-dar Fatuma qalet "Naħseb li inti qanfuda dħulija ħafna għax ġeneruża u ma tiġġudikax lil qniefed oħra fuq kif jidhru". Ċika ħasset qalbha timtela bil-ferħ għal dak li qalet Fatuma. "Nixtieq li ħbieb oħra jgħidu affarijiet sbieħ fuqi wkoll", ħasbet Ċika. "Tgħid hemm affarijiet li nista' nagħmel biex dan iseħħ?" ħasbet.**

**Ċika ddeċidiet li tistaqsi lil ommha. Ommha qaltilha, "Ċika jekk tixtieq li tiġri xi ħaġa trid tagħmel għan u mbagħad taħdem għalih. Jekk trid l-għajnuna tiegħi, ejja għidli x'tixtieq u x'inhu l-għan tiegħek." Ċika u ommha għamlu pjan flimkien.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuql-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għalfejn Ċika ħasset qalbha timtela bil-ferħ?
- X'qaltilha ommha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tiddiskutu x'jistgħu jagħmlu dwar il-mod kif iġibu ruħhom skont kif jixtiequ li jkunu magħrufa mal-oħrajn.

5. Staqsi lill-istudenti biex jaħdmu f'pari u jiktbu dak li jixtiequ li ħaddieħor jgħid fuqhom. Iridu jiktbu wkoll dak li jistgħu jagħmlu biex dan iseħħ. L-istudenti jistgħu jaqsmu l-ideat tagħhom mal-oħrajn.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal juru u jiddiskutu l-ideat tagħhom mal-ġenituri u jħalluhom iżidu xi suġġerimenti.

# X'IRRID LI ĦADDIEĦOR JGĦID FUQI

Nixtieq li ħaddieħor jgħid …………………………………………….

X'nista' nagħmel biex dan iseħħ?………………………………………………….



*Lill-ġenituri: Aqraw dak li kitbu t-tfal u ddiskutu magħhom. Tistgħu tissuġġerixxu xi affarijiet oħra u żżiduhom.*





# Attività 2: Dak li ħaddieħor jogħġbu fija

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħmlu għan biex isaħħu l-parteċipazzjoni soċjali.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi modi differenti ta' kif nista' nilħaq għan soċjali.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Dak li ħaddieħor jogħġbu fija'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu għandu ħafna ħbieb u ta' spiss jilagħbu flimkien. Darba wasal fenek ġdid fil-ġnien li kien jismu Abdul. Abdul kien kemmxejn differenti mill-fniek l-oħra. Il-pil tiegħu kien ta' kulur differenti u anke għajnejh. Żigu ra li Abdul kien interessanti u xtaq li jsir jaf aktar fuqu. Abdul feraħ ħafna meta sema' dan. Hu qal lil Żigu "Naħseb li inti ħabib ta' veru għax tgħid affarijiet sbieħ fuqi u ninsab ċert li tgħid affarijiet sbieħ fuq sħabek kollha". Meta Żigu sema' dan il-kliem ħassu ferħan. Iddeċieda li jibda jipprova jgħid affarijiet sbieħ lil sħabu iktar ta' spiss għax kienet tidher li hija xi ħaġa tajba. Hu ddeċieda jistaqsi lil ommu biex tgħinu jilħaq l-għan tiegħu.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għalfejn kien ferħan Abdul?
- X'iddeċieda li jagħmel Żigu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tiddiskuti magħhom l-affarijiet li jogħġbuhom f'ħaddieħor. Ħallihom jaqsmu xi affarijiet. Staqsihom: Ġieli tgħidu lil ħaddieħor dak li jogħġobkom fihom?

5. Għid lill-istudenti li issa se jiffokaw fuq dak li jogħġobhom fi sħabhom tal-klassi. Staqsi student wieħed biex joħroġ barra mill-klassi u jistenna barra sakemm terġa' tistaqsieh jidħol. Meta l-istudent ikun barra, inti u l-istudenti se taħsbu fuq l-affarijiet li jogħġbukom fuqu. Iktbu dawn l-affarijiet fuq il-folja t'attività. Ara li jkollok għaxar affarijiet fuq l-istudent.

6. Staqsi lill-istudent biex jerġa' jidħol u jaqra l-lista. L-istudent jista' jaqta' min ħareġ bl-affarijiet differenti fil-lista. Irrepeti l-attività għal kull student.

7. Staqsi lil kull student biex iżid ħaġa waħda li jixtieq li ħaddieħor jgħid fuqu. Ħallihom jaħsbu fuq il-modi differenti kif jistgħu jilħqu dan l-għan.

8. Ħalli lill-istudenti jpinġu l-folji t'attività tagħhom.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal juru l-folji t'attività lill-ġenituri tagħhom, u jistaqsuhom biex iżidu mill-inqas ħaġa waħda fuqhom. Il-ġenituri jgħinu lit-tfal billi jissuġġerixxu x'jistgħu jagħmlu biex jilħqu l-għan tagħhom.

# DAK LI ĦADDIEĦOR JOGĦĠBU FIJA

________________________________________

*Lill-ġenituri: Żidu mill-inqas ħaġa waħda mal-lista u għinu lit-tfal isibu modi differenti ta' kif jistgħu jilħqu l-għan tagħhom biex iġibu ruħhom skont dak li qalu fuqhom (eż. ġeneruża).*





# Attività 3: Jien bħala student/a

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħmlu għanijiet fuq il-ħiliet li jixtiequ jiżviluppaw.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħmel għanijiet biex nilħaq il-ħiliet li nixtieq niżviluppa.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Jien bħala student/a'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika għadha kif waslet mill-iskola. Kienet ġurnata verament interessanti. L-annimali tgħallmu ħafna fuq il-ħass, il-kaboċċi, it-tuffieħ u affarijiet oħra li jistgħu jieklu l-qniefed. Tgħallmet xi affarijiet li ma kinitx taf qabel. Kienet fuq ix-xwiek biex tasal id-dar u tgħid lill-papà tagħha fuq dak li tgħallmet. X'ħin waslet u tkellmet mal-papà tagħha, qalilha: "Ċika, naħseb li għandek ħiliet sbieħ bħala studenta: tisma' sew, kurjuża u dejjem tagħmel mill-aħjar li tista'." "Grazzi", qalet Ċika waqt li tbissmet ftit bil-kliem sabiħ li kienet qed tisma'. "Hemm xi ħila oħra li jixtieq ikollok bħala studenta?" staqsieha l-papà tagħha. Ċika qatt ma kienet ħasbet fuq hekk u qalet "Ħalli naħseb ftit fuqha u nkellmek għada." Missierha tbissem u qalilha "Meta tkun taf, se ngħinek tilħaq l-għan tiegħek."**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'sabet interessanti Ċika l-iskola?
- Kif irreaġixxa missierha meta qaltlu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom fuq ir-rwol ta' student. X'inhu? X'jinvolvi? Hemm xi ħiliet li għandhom l-istudenti jew li jistgħu jaħdmu għalihom? Niżżel dawn il-ħiliet fuq il-*board* (eż. jisimgħu, jipprovaw, jagħmlu mill-aħjar, jaqraw, jagħmlu l-*homework*, ikunu kurjużi biex jitgħallmu iktar, ħiliet biex jiktbu, ħiliet fil-matematika, eċċ.).

5. Staqsi lill-istudenti biex jaħdmu f'pari u jitkellmu fuq il-ħiliet li għandhom u l-ħiliet li jixtiequ jiżviluppaw. Staqsihom jiktbu l-ħiliet li għandhom u l-ħiliet li jixtiequ jiżviluppaw. Staqsihom jagħmlu għan fuq xi ħaġa li jixtiequ jiżviluppaw u jippjanaw kif se jaslu għalih.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal juru x-xogħol tagħhom lill-ġenituri u jistaqsuhom jekk iridux iżidu xi ħaġa. It-tfal jistaqsuhom x'jistgħu jagħmlu biex jilħqu l-għan tagħhom.

# JIEN BĦALA STUDENT/A



Ħiliet li għandi

Ħiliet li nixtieq niżviluppa (l-għan tiegħi)

---

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal jekk taħsbu li jistgħu jżidu xi ħaġa oħra mal-lista li ġabu mill-iskola. Tkellmu fuq affarijiet li jistgħu jagħmlu biex jilħqu l-għan tagħhom biex iġibu ruħhom skont il-lista.*





**_Checklist_ għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ______________________<br>Data: ______________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3: Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 5 Nibnu fuq il-ħiliet*** | |

| | |
|---|---|
| **5. NIBNU FUQ IL-ĦILIET** | |
| **5.1 *SELF-CONCEPT* U *SELF-ESTEEM* POŻITTIVI** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **5.1.1. Inkunu nafu fuqna nfusna biex ikollna *self-concept* pożittiv** | |
| 5.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jifhem li ismu hu parti importanti minnu | |
| 5.1.1.I. L-istudent kapaċi jfittex informazzjoni fuq ismu | |
| 5.1.1.A. L-istudent kapaċi jiskopri affarijiet pożittivi fuqu nnifsu | |
| **5.1.2. Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna sabiex insaħħu l-istima tagħna fnusna** | |
| 5.1.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika l-affarijiet li hu tajjeb fihom | |
| 5.1.2.I. L-istudent kapaċi jidentifika xi ftit affarijiet li hu tajjeb fihom | |
| 5.1.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika xi kapaċitajiet li għandu | |
| **5.1.3. Nirrealizzaw li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna u li nistgħu nkunu** | |
| 5.1.5.B. L-istudent kapaċi jifhem kif il-preżent jagħmel parti minn dak li jista' jsir | |
| 5.1.5.I. L-istudent kapaċi jifhem kif il-passat huwa parti minn dak li jista' nsir | |
| 5.1.5.A. L-istudent kapaċi jifhem kif il-passat u l-preżent huma parti minn dak li jista' jsir | |
| **5.2. NUŻAW IL-ĦILIET TAGĦNA GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI AKKADEMIKA U SOĊJALI** | |
| **5.2.1. Nużaw il-ħiliet għall-parteċipazzjoni soċjali** | |
| 5.2.1.B. L-istudent kapaċi jsaħħaħ il-ħiliet soċjali permezz tal-logħob | |
| 5.2.1.I. L-istudent kapaċi jsaħħaħ il-ħiliet soċjali billi jagħmel affarijiet ġodda li jogħġbuh | |
| 5.2.1.A. L-istudent kapaċi jsaħħaħ il-ħiliet soċjali billi jagħmel pjan ta' x'jista' jagħmel | |
| **5.2.2. Insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali** | |
| 5.2.2.B. L-istudent kapaċi jisma' sew b'mod mhux verbali | |

[1] B = Bażiku livell, I = Intermedju livell, A = Avvanzat livell

| | |
|---|---|
| 5.2.2.I. L-istudent kapaċi jsaħħaħ il-parteċipazzjoni soċjali bl-użu ta' messaġġi li jibdew b' 'Jiena' | |
| 5.2.2.A. L-istudent kapaċi juża l-ħiliet tas-smigħ biex isaħħaħ il-parteċipazzjoni soċjali | |
| **5.2.3. Nagħmlu għanijiet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali** | |
| 5.2.5.B. L-istudent kapaċi jagħmel għanijiet fuq dak li jixtieq li ħaddieħor jgħid fuqu | |
| 5.2.5.I. L-istudent kapaċi jagħmel għan biex isaħħaħ il-parteċipazzjoni soċjali | |
| 5.2.5.A. L-istudent kapaċi jagħmel għan fuq il-ħiliet li jixtieq jiżviluppa | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-bżonnijiet tal-istudent:

Għanijiet għal titjib:

**_Checklist_ għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nfisha**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a:____________________________<br>Data: ______________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| **NIBNU FUQ IL-ĦILIET – *SELF-CONCEPT U SELF-ESTEEM* POŻITTIVI** | | |
|---|---|---|
| **Inkunu nafu fuqna nfusna sabiex ikollna *self-concept* pożittiv** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Jien nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi napprezza li ismi huwa parti importanti minni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsib xi affarijiet fuq ismi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niskopri affarijiet pożittivi dwari | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna sabiex insaħħu l-istima tagħna nfusna** | | |
| Jien kapaċi nsib affarijiet sbieħ fija | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi xi affarijiet li jien tajjeb fihom | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf xi kapaċitajiet li għandi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrealizzaw li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna u li nistgħu nkunu** | | |
| Jien kapaċi niddeskrivi kif il-preżent huwa parti minn dak li nista' nsir fil-futur | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi kif il-passat huwa parti minn dak li nista' nsir fil-futur | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi kif il-passat u l-preżent huma parti minn dak li nista' nsir fil-futur | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBNU FUQ IL-ĦILIET – NUŻAW IL-ĦILIET TAGĦNA GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI AKKADEMIKA U SOĊJALI** | | |
| **Nużaw il-ħiliet għall-parteċipazzjoni soċjali** | | |
| Jien kapaċi niddeskrivi logħob li nieħu pjaċir nilgħab mal-oħrajn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħmel iktar affarijiet li nħobb | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' x'nista' nagħmel | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali** | | |
| Jien kapaċi nisma' sew lil persuna billi nosserva l-għajnejn, it-ton tal-vuċi u l-pożizzjoni tal-ġisem tagħha | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jien kapaċi nuża messaġġi li jibdew b' 'Jiena' | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nisma' sew tfal oħra li ġejjin minn pajjiżi differenti | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| **Nagħmlu għanijiet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali** | | | | | | |
| Jien kapaċi niddeskrivi dak li nixtieq li ħaddieħor jgħid fuqi | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi modi differenti ta' kif nista' nilħaq għan soċjali | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nagħmel għanijiet biex nilħaq il-ħiliet li nixtieq niżviluppa | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb f'din il-ħaġa……**

# TEMA 6 Nibdlu l-isfidi f'opportunitajiet

**Din it-tema hija differenti mit-temi ta' qabel għax tikkonsisti fi tliet sotto-temi prinċipali, bi tliet topiks f'kull waħda. Dawn it-topiks huma bbażati fuq kif għandna nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi, meta niġu mwarrba, u meta jkollna kunflitt fil-familja. Barra minn hekk, din it-tema għandha tliet sottotemi iżgħar oħra li huma bbażati fuq kif nirrispondu meta nġarrbu telfa, meta ngħaddu minn *bullying* u meta ngħaddu minn bidla.**

## Sottotema 1 Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

**TOPIK 1**
Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

**TOPIK 2**
Kif nirrispondu għad-diżabilità u l-mard

**TOPIK 3**
Kif nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni

## Sottotema 2 Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba

**TOPIK 1**
Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba minn sħabna

**TOPIK 2**
Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba mill-għalliema

**TOPIK 3**
Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba mill-membri tal-familja

## Sottotema 3 Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja

| TOPIK 1 | TOPIK 2 | TOPIK 3 |
| --- | --- | --- |
| Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt ma' sħabna | Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri | Kif nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri |

## Sottotema 4 Kif nirrispondu meta nġarrbu telfa

## Sottotema 5 Kif nirrispondu għall-kunflitt u l-*bullying*

## Sottotema 6 Kif nirrispondu meta ngħaddu minn bidla

# SOTTOTEMA 1
# Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

**Din is-sottotema hija bbażata fuq l-ideat li l-kuraġġ u l-persistenza huma karatteristiċi ta' ħsieb reżiljenti u li huma ta' għajnuna kbrira beix negħlbu l-ostakli u nistennew riżultati pożittivi (Scheier & Carver, 1992; Seligman, 2011). Il-kuraġġ u l-peristenza quddiem id-diffikultajiet u l-isfidi, kemm jekk huma temporarji (eż: diffikultajiet fit-tagħlim, falliment fl-iskola, diskriminazzjoni) u kemm jekk huma permanenti (eż: diżabilità, mard), huma kwalitjiet siewja biex igħinu lit-tfal, speċjalment dawk vulnerabbli, jgħelbu d-diffikultajiet u jiksbu suċċess kemm fit-tagħlim kif ukoll fil-ħajja soċjali tagħhom. Jekk it-tfal jitgħallmu jħarsu lejn il-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-isfidi u jiżviluppaw karatteristiċi pożittivi bħall-kuraġġ u l-persistenza, iktar milli jiffokaw biss fuq l-effetti negattivi, dan jista' jkollu impatt qawwi fuq l-kapaċità tagħhom li jkunu reżiljenti, jaddottaw mentalita` pożittiva meta jiltaqgħu mal-isfidi u lejn il-ħajja b'mod ġenerali. Fl-ewwel topik, l-istudenti jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jiltaqgħu mad- diffikultajiet, bħal diffikultajiet fit-tagħlim, falliment l-iskola, jew sfidi oħrajn fil-ħajja. Imbagħad jitgħallmu jħarsu lejn id-diffikultajiet minn lenti differenti b'mod iktar pożittiv u fl-aħħar iħejju pjanijiet ta' azzjoni biex jirrispondu għall-isfidi. Fit-tieni u fit-tielet topiks, l-istudenti jsegwu l-istess tliet passi biex jirrispondu għal diżabilità jew mard, u għal diskriminazzjoni u inġustizzja.**

---

## TOPIK 1 NIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTAJIET U L-ISFIDI

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JESPRIMU L-EMOZZJONIJIET U L-ĦSIBIJIET META JILTAQGĦU MAD-DIFFIKULTAJIET.
- IĦARSU LEJN ID-DIFFIKULTAJIET MINN LENTI DIFFERENTI BILLI JUŻAW ĦSIEB POŻITTIV.
- JAGĦRFU LI L-OTTIMIŻMU JISTA' JWASSAL GĦAL PJAN TA' AZZJONI META JILTAQGĦU MAD-DIFFIKULTAJIET.

---

## TOPIK 2 NIRRISPONDU GĦAD-DIŻABILITÀ U L-MARD

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JESPRIMU L-EMOZZJONIJIET U L-ĦSIBIJIET F'SITWAZZJONIET TA' DIŻABILITÀ JEW MARD.
- IĦARSU LEJN DIŻABILITÀ JEW MARD MINN LENTI IKTAR POŻITTIVA

- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦALL-ISFIDI MARBUTA MA' DIŻABILITÀ JEW MARD

**TOPIK 3** **NIRRISPONDU GĦALL-INĠUSTIZZJA U D-DISKRIMINAZZJONI**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JESPRIMU L-EMOZZJONIJIET U L-ĦSIBIJIET F'SITWAZZJONIJIET TA' INĠUSTIZZJA U DISKRIMINAZZJONI.
- JUŻAW KLIEM POŻITTIV F'SITWAZZJONIJIET TA' INĠUSTIZZJA U DISKRIMINAZZJONI.
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI BIEX JIRRISPONDU GĦALL-INĠUSTIZZJA U D-DISKRIMINAZZJONI.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Meta l-istudenti jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, fakkarhom li din l-esperjenza mhux ser tibqa' għal dejjem u biex ifasslu pjan ta' azzjoni biex jiżviluppaw relazzjonijiet ma' studenti oħrajn.

2. Meta jkun hemm xi studenti li qed jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, għin lill-klassi kollha tara s-sitwazzjoni mill-pożizzjoni tal-istudent mwarrab. Għinhom jifhmu kif jista' jħossu hu u kif jistgħu jgħinuh biex iħossu aħjar. Tista' tfassal pjan ta' azzjoni magħhom jew tuża *role play*.

3. Enfasizza li meta l-istudenti jwarrbu lill-oħrajn, ma jfissirx li huma tfal ħżiena imma li l-imġiba tagħhom hija ħażina.

4. Fil-ħajja ta' kuljum tal-iskola, għin lill-istudenti biex iħarsu lejn esperjenzi fejn jiġu mwarrba minn lenti differenti, joħolqu distanza bejniethom u l-problema, jaħsbu b'mod pożittiv, u jistaqsu għall-għajnuna biex isolvu l-problema.

# Topik 1 Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jesprimu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet.

Iħarsu lejn id-diffikultajiet minn lenti differenti billi jużaw ħsieb pożittiv.

Jagħrfu li l-ottimiżmu jista' jwassal għal pjan ta' azzjoni meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet.

## Attività 1: Teo u Rio jaħsbu b'mod differenti

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jesprimu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet meta niltaqa' ma xi diffikultà.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', biċċa drapp bajda, folja t'attività 'Annimali Kuraġġużi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Teo u Rio jaħsbu b'mod differenti**

**Darba waħda Żigu staqsa lill-għalliema tiegħu jekk jistax jirrakkonta storja li kien qallu n-nannu. L-għalliema ħallietu u Żigu beda jirrakkonta:**

**Darba minnhom kien hemm żewġ żrinġijiet, Teo u Rio, li kienu qed jilagħbu ħdejn l-għadira tal-ġnien. Hienu qed jieħdu ħafna pjaċir flimkien. Teo u Rio kienu jidhru bħal xulxin imma kienu differenti ħafna fil-mod kif jaħsbuha. Teo kien iħobb iħares lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja imma Rio kien iħares iktar lejn in-naħa l-kerha. Meta kienu jiltaqgħu ma xi problema, Rio kien jaħseb li ma kien hemm xejn x'jista' jagħmel u kien jaqta' qalbu. Għall-kuntrarju, Teo kien iħares lejn id-diffikultajiet bħala sfidi u kien jipprova jsib modi kif isolvihom. Darba Teo u Rio raw flixkun mimli ħalib frisk. Xtaqu jixorbu dak il-ħalib u pprovaw isibu mod ta' kif jistgħu jagħmlu dan. Waqt li qed jipprovaw jixorbu l-ħalib, waqgħu ġol-flixkun u ma setgħux joħorġu minnu għax kien fond. Bdew jibżgħu u bdew iwerżqu għall-għajnuna. Meta ndunaw li ma kien hemm ħadd li seta' jgħinhom, moħħhom mar fuq ix-xorti ħażina li kellhom. Bdew iċaqalqu saqajhom u pprovaw isibu mod biex joħorġu minnn hemm ġew. Rio qal, "*Qatt m'aħna se noħorġu minn hawn. Anqas għandna għalfejn nipprovaw!"* Imma Teo qal: *"Żgur hemm mod kif nistgħu noħorġu minn hawn. Ejja taqtax qalbek Rio! Kun pożittiv u kompli ċaqlaq saqajk."***



3. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi: 'It-tim ta' Teo' u 'It-tim ta' Rio'. Poġġi biċċa drapp bajda mal-art biex tirrappreżenta l-flixkun tal-ħalib. Għid lill-istudenti fit-tim ta' Teo biex jaħsbu fil-ħsibijiet u l-azzjonijiet ta' Teo. L-istess se jagħmlu l-istudenti tat-tim l-ieħor. Imbagħad ċapċap waħda u għid isem, jew Teo jew Rio. It-tim l-ieħor irid jaqbeż fuq id-drapp u jagħmel bħal ma kieku jagħmel u jaħseb Teo (iċaqlaq saqajh il-ħin kollu u jaħseb "Se noħorġu minn hawn", "Żgur hemm soluzzjoni", "Qatt m'jien se naqta' qalbi") jew bħal ma kieku jagħmel u jaħseb Rio (ma jgħumx; ma jċaqlaqx saqajh, u jaħseb *"Qatt m'jien se noħroġ minn hawn", "M'hemmx soluzzjoni", "Qtajt qalbi")*. L-istudenti mbagħad ibiddlu t-timijiet u jirrepetu l-attività.

4. Staqsi lill-istudenti:

- Kif taħseb li se tispiċċa l-istorja għal Teo u Rio?
- Taħseb li t-tmiem ikun differenti għal Teo u Rio?

5. Enfasizza l-idea li hemm żewġ modi kif inħarsu lejn l-isfidi: nistgħu nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha, u dawn il-modi ta' kif naħsbu se jaffettwaw l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet tagħna.



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, it-tfal ifittxu stejjer fuq annimali kuraġġużi li jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja. Jistgħu jaħsbu f'annimali li jaraw fuq it-televixin (per eżempju, f'*cartoons* jew films, eċċ.) jew li qraw fuqhom f'kotba. L-għada staqsi lill-istudenti fuq dak li sabu u tgħallmu minn din l-attività.

## ANNIMALI KURAĠĠUŻI




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ifittxu stejjer fuq annimali kuraġġużi li jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja. Jistgħu jaħsbu f'annimali li jaraw fuq it-televixin (per eżempju, f'cartoons jew films, eċċ.) jew li qraw fuqhom f'kotba. Staqsu lit-tfal ipenġu dan l-annimal hawn isfel.*

---

**L-isem tal-ktieb jew film:**

**Penġi l-annimal kuraġġuż hawn isfel**





# Attività 2: Żigu jirrakkonta storja ta' persistenza

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn id-diffikultajiet minn lenti differenti billi jużaw ħsieb pożittiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naħseb b'mod pożittiv meta niltaqa' mad-diffikultajiet jew sfidi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Nofsha vojta jew nofsha mimlija?', biċċa drapp bajda.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Żid dan it-tmiem mal-istorja:

**Wara ftit, Rio beda jaqta' qalbu u ħass li ma kienx hemm x'tagħmel. Waqaf iċaqlaq saqajh sakemm beda jegħreq bil-mod il-mod. Teo kien għajjien ħafna imma qatt ma waqaf jgħid lilu nnifsu: "Se noħroġ minn hawnhekk", "Żgur se nsib mod", "Din hija sfida li ltqajt magħha imma daqt tgħaddi", u "fl-aħħar jirnexxieli". Wara ftit Teo beda jħoss xi ħaġa ratba tifforma taħt saqajh. "Dan x'inhu?" qal bejnu u bejn ruħu. Malajr induna li meta beda jċaqlaq saqajh beda jbiddel il-ħalib f'butir! Kien artab imma Teo seta' jistrieħ fuqu u jaqbeż 'il barra! Teo kellu raġun, bil-persistenza dejjem tirbaħ.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettfu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xi sfida kellhom Teo u Rio?
- Teo u Rio kif ħassewhom f'din l-isfida?
- X'kienu l-ħsibijiet ta' Rio fuq din is-sitwazzjoni diffiċli?
- X'kienu l-ħsibijiet ta' Teo fuq din is-sitwazzjoni diffiċli?

- X'konsegwenzi kellhom Il-ħsibijiet tagħhom?
- X'kienu l-kliem li Teo beda jgħid lilu nnifsu biex ma jaqtax qalbu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli kont f'sitwazzjoni diffiċli?
- Kif ħassejtek?
- Xi bdejt taħseb?

5. Uri lill-istudenti l-istampa tat-tazza li hemm fuq il-folja t'attività u staqsihom "Din it-tazza nofsha mimlija jew nofsha vojta?" Imbagħad iddiskuti l-ħsieb pożittiv u negattiv bl-użu ta' dawn il-mistoqsijiet:

- Taħseb li l-mod ta' kif naħsbuha jaffettwa l-emozzjonijiet tagħna? Jekk iva, kif?
- Taħseb li l-mod ta' kif naħsbuha jaffettwa l-azzjonijiet tagħna? Jekk iva, kif?
- Taħseb li ħsieb ottimistiku jista' jaffettwa l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet tagħna?

6. Aqsam il-klassi fi gruppi u l-istudenti jagħmlu reċta tal-istorja. Agħtihom iċ-ċans li jaħsbu f'iktar ħsibijiet pożittivi u negattivi u l-emozzjonijiet li setgħu ħassew Teo u Rio.



***Attività għad-Dar***

It-tfal jieħdu l-folja t'attività bl-istampa tat-tazza d-dar sabiex jiddiskutu l-ottimiżmu u l-pessimiżmu u esperjenzi marbuta magħhom mal-ġenituri. Il-ġenituri jaqsmu mat-tfal esperjenzi personali fejn kienu ottimisti jew pessimisti.

# NOFSHA VOJTA JEW NOFSHA MIMLIJA?



*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal l-ottimiżmu u l-pessimiżmu u kif dawn il-modi ta' kif naħsbuha jistgħu jaffettwaw l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet tagħna. Aqsmu xi stejjer personali dwar l-ottimiżmu u l-pessimiżmu u li juru kif il-mod kif ħsibtuha affettwa xi deċiżjoni jew azzjoni li ħadtu. Tistgħu tużaw xi eżempji mill-ħajja tat-tfal fejn kellhom riżultat pożittiv minħabba l-ħsibijiet pożittivi li kellhom ("Jien nista' nitgħallem kif nirkeb ir-rota", "Jien nista' nsib ħabib li jaċċettani kif jien").*





# Attività 3: Pjan ta' azzjoni ta' suċċess

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li l-ottimiżmu jista' jwassal għal pjan ta' azzjoni meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nfassal pjan ta' azzjoni biex insolvi d-diffikultajiet.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *index cards*, folja t'attività 'Niffaċċjaw id-diffikultajiet', folja t'attività 'Il-pjanijiet ta' azzjoni ta' Teo'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 u 2 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xi sfida kellhom Teo u Rio?
- Kif ħassewhom Teo u Rio f'din l-isfida?
- X'kienu l-ħsibijiet ta' Rio fuq din is-sitwazzjoni diffiċli?
- X'kienu l-ħsibijiet ta' Teo fuq din is-sitwazzjoni diffiċli?
- X'konsegwenzi kellhom il-ħsibijiet tagħhom?
- X'kienu l-kliem li Teo beda jgħid lilu nnifsu biex ma jaqtax qalbu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli kont f'sitwazzjoni diffiċli?
- Kif ħassejtek?
- Xi bdejt taħseb?
- Għamilt xi ħaġa f'dik is-sitwazzjoni?

5. L-istudenti jimlew il-folja t'attività 'Il-pjanijiet ta' azzjoni ta' Teo' fi gruppi jew individwalment u mbagħad jiddiskutu l-ideat tagħhom fil-klassi.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri tagħhom biex jaqsmu magħhom stejjer ta' sfidi personali u kif irnexxielhom jegħlbuhom.

## NIFFAĊĊJAW ID-DIFFIKULTAJIET




*Lill-ġenituri: Aħsbu fi stejjer u esperjenzi personali minn ħajjitkom fejn kontu f'xi sitwazzjonijiet diffiċli u aqsmuhom mat-tfal. Spjegawlhom kif irnexxielkom tiffaċċjawhom u tegħlbuhom.*

______________________________________________________________





## IL-PJANIJIET TA' AZZJONI TA' TEO

| ID-DIFFIKULTAJIET TA' TEO | IL-PJAN TA' AZZJONI TA' TEO |
|---|---|
| Teo m'għaddiex minn test tal-Matematika | |
| Teo m'għandux ma' min jilgħab | |
| Teo jitlef logħba | |
| Teo jsib problema biex jikteb storja | |





## Topik 2: Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jesprimu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet f'sitwazzjonjiet ta' diżabilità jew mard.

Iħarsu lejn diżabilità jew mard minn lenti iktar pożittiva

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal sfidi marbuta ma' diżabilità jew mard.

# Attività 1: Żigu jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jesprimu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet f'sitwazzjonjiet ta' diżabilità jew mard.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet f'sitwazzjonijiet ta' diżabilità jew mard.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Naċċetta u nħobb lili nnifsi', folja t'attività 'Żewġ ġonna', karti.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu n-naħa l-oħra tal-ġnien**

**Żigu kien iħobb idur u jsib affarijiet ġodda fil-ġnien. Darba waħda ddeċieda li jżur n-naħa l-oħra tal-ġnien. Iżda Żigu kellu diffikultà. Ma tantx kien jara tajjeb u għalhekk jilbes nuċċali b'lenti qawwija. Għalkemm jilbes in-nuċċali, Żigu xorta waħda ma jarax tajjeb ħafna,**

**speċjalment meta x-xemx tkun qawwija. Mhux dejjem ikun jista' jara fejn sejjer. Jimxi bil-mod u ħafna drabi jaqa' u jaħbat mal-affarijiet. Meta Żigu kien għadu żgħir, kien irrabjat ħafna fuq dan u ma kien irid imur imkien. Kien jippreferi joqgħod id-dar biex ma jaqax. Kien iħossu imdejjaq għax ma setax jiċċaqlaq. Xi kultant meta kien jaqa', sħabu kienu jidħqu bih u Żigu kien iħossu mdejjaq.**

**Il-ġenituri ta' Żigu kienu jisimgħuh meta kien igħidilhom kif iħossu. Żigu ta' spiss kien jgħidilhom: "Aħjar nagħmel ħajti kollha d-dar. Qatt m'jien se jirnexxili nsib ħabib li se jaċċettani kif jien" Meta Żigu kien jaqsam dak li jħoss mal-ġenituri kien iħossu ħafna aħjar. Il-ġenituri tiegħu kienu jgħinuh biex jemmen iktar fih innifsu. Żigu dam ftit sakemm aċċetta lilu nnifsu u d-diżabilità li kellu. Żigu fehem li kulħadd għandu kemm diffikultajiet kif ukoll ħiliet u affarijiet sbieħ. Illum Żigu jimxi u jiġri fil-ġnien u jieħu u tgħidx kemm jieħu gost. Meta jaqa' jerġa' jqum u jkompli sejjer. Għandu ħafna ħbieb u jiltaqa' magħhom kuljum u jilagħbu flimkien. Illum, Żigu ddeċieda li jżur n-naħa l-oħra tal-ġnien u jiltaqa' ma' ħbieb ġodda.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet il-problema ta' Żigu?
- Kif kien iħossu fil-bidu fuq id-diżabilità tiegħu?
- X'kienu ftit mill-ħsibijiet negattivi tiegħu?
- Kif taħseb li għenuh il-ġenituri tiegħu?
- Kif kienet il-ħajja ta' Żigu wara li aċċetta d-diżabilità?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi ħaga fik li biha tħossok mhux kuntent?
- Kif tħossok fuqha?
- Ġieli taħseb b'mod negattiv?
- Ġieli taqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħek ma' xi ħadd? Kif tħossok wara?
- Ġieli għamilt xi ħaġa biex tipprova tegħleb din id-diffikultà?
- Hemm xi ħaġa li tista' tgħinek biex tegħleb din id-diffikultà?

5. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi. L-ewwel grupp ipenġi kif deher il-ġnien f'għajnejn Żigu qabel ma aċċetta d-diżabilità u t-tieni grupp ipenġi kif deher il-ġnien f'għajnejn Żigu wara li aċċetta d-diżabilità. Din tista' tkun attività li ssir individwalment jew fi grupp (ara l-folja t'attività).

6. Ix-xogħol jista' jitpoġġa fir-Rokna ta' Reżiljenza.



## Attività għad-Dar

It-tfal jieħdu l-folja t'attività d-dar u jiddiskutu l-valur li naċċettaw lilna nfusna mal-ġenituri tagħhom.

## NAĊĊETTA U NĦOBB LILI NNIFSI

*Lill-ġenituri: Iddiskutu t-tpenġija mat-tfal. Ħeġġuhom jaqsmu dak li jiftakru mid-diskussjoni tal-klassi fuq il-valur li naċċettaw lilna nfusna. Iffokaw fuq l-importanza li naċċettaw lilna nfusna u l-isfidi li ngħaddu minnhom (eż: diżabilità) kif ukoll fuq l-emozzjonijiet pożittivi li nistgħu nħossu meta finalment naċċettaw lilna nfusna.*





## ŻEWĠ ĠONNA

**Penġi l-ġnien kif deher f'għajnejn Żigu qabel ma aċċetta d-diżabilità**

**Penġi l-ġnien kif deher f'għajnejn Żigu wara li aċċetta d-diżabilità**





# Attività 2: Żigu jaħseb b'mod pożittiv

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Iħarsu lejn diżabilità jew mard minn lenti iktar pożittiva.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nħares lejn il-ħiliet tiegħi fid-diżabilità jew mard.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, folja t'attività 'L-id tal-ħiliet'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu jħares lejn il-problema tiegħu minn lenti differenti**

**Żigu n-naħa l-oħra tal-ġnien**

**Żigu kien iħobb idur u jsib affarijiet ġodda fil-ġnien. Darba waħda ddeċieda li jżur n-naħa l-oħra tal-ġnien. Iżda Żigu kellu diffikultà. Ma tantx kien jara tajjeb u għalhekk jilbes nuċċali b'lenti qawwija. Għalkemm jilbes in-nuċċali, Żigu xorta waħda ma jarax tajjeb ħafna, speċjalment meta x-xemx tkun qawwija. Mhux dejjem ikun jista' jara fejn sejjer. Jimxi bil-mod u ħafna drabi jaqa' u jaħbat mal-affarijiet. Meta Żigu kien għadu żgħir, kien irrabjat ħafna fuq dan u ma kien irid imur imkien. Kien jippreferi joqgħod id-dar biex ma jaqax. Kien iħossu imdejjaq għax ma setax jiċċaqlaq. Xi kultant meta kien jaqa', sħabu kienu jidħqu bih u Żigu kien iħossu mdejjaq.**

**Il-ġenituri ta' Żigu kienu jisimgħuh meta kien igħidilhom kif iħossu. Żigu ta' spiss kien jgħidilhom: "Aħjar nagħmel ħajti kollha d-dar. Qatt m'jien se jirnexxili nsib ħabib li se jaċċettani kif jien" Meta Żigu kien jaqsam dak li jħoss mal-ġenituri kien iħossu ħafna aħjar.**

**Il-ġenituri tiegħu kienu jgħinuh biex jemmen iktar fih innifsu. "Aħna nifhmuk Żigu. Għandek raġun tħossok hekk. Imma għandek għażla. Tista' tagħżel li tibqa' lura minħabba l-affarijiet li ma tistax tagħmel, jew li tipprova tara kemm tista' tagħmel affarijiet", qalulu l-ġenituri. Żigu kien jaħseb fil-kliem li kienu jgħidulu l-ġenituri tiegħu. Induna li hemm affarijiet oħrajn li kien jagħmel tajjeb. Per eżempju, filgħodu kmieni kien jara aħjar għax ix-xemx ma tkunx qed tiżreġ daqshekk. Seta' jara biżżejjed biex imur mixja sabiħa fil-ġnien kif iqum.**

**L-għada, Żigu ħareġ filgħodu kmieni biex jilgħab ftit qabel ma jmur l-iskola. L-annimali bdew ġejjin biex jilagħbu miegħu. Wieħed minnhom kien Pako, kelb żgħir li kien qed jimxi b'bastun. Żigu beda jistħi jkellmu imma kien kurjuż dwar il-bastun. "Bonġu Pako. Għalfejn qed timxi bil-bastun?" staqsa Żigu. "Għax għandi bżonnu biex insib triqti. Jien kważi għami u l-bastun jgħinni biex ninduna bl-ostakli li hemm fit-triq biex ma naqax," qal Pako b'kunfidenza. Żigu baqa' kwiet għal ftit u mbagħad staqsih: "U kif tħossok dwar li inti kważi għami?" Pako wieġbu: "Inħossni tajjeb. Jien ma nara kważi xejn, imma inxomm tajjeb ħafna. Nista' anke nxomm taħt il-ħamrija. Li ma narax tajjeb mhux daqshekk problema għax hemm ħafna iktar affarijiet li nagħmel tajjeb ukoll. Żgur li hemm affarijiet li int ukoll tajjeb fihom". Żigu ħaseb sew fuq dak li qallu Pako u mbagħad qal: "Nixtieq li tkun ħabib tiegħi. Jien kapaċi nkisser għoxrin ġewża f'minuta." Minn dak in-nhar, Żigu għamel l-għażla tiegħu: Jien se nagħżel li nkun pożittiv u niffoka fuq l-affarijiet li naf nagħmel. Iddeċidejt li ngawdi l-ħajja kemm jista' jkun!"**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet id-diffikulta ta' Żigu?
- Kif kien iħossu Żigu fuq id-diżabilità tiegħu?
- X'kienu ftit mill-ħsibijiet negattivi ta' Żigu?
- Kif taħseb li għenuh il-ġenituri tiegħu?
- Kif għenet il-laqgħa ma' Pako lil Żigu?
- X'kienet l-għażla ta' Żigu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi kwalità fik li biha tħossok skomdu?
- Kif tħossok fuqha?
- Ġieli taħseb b'mod negattiv? X'inhuma ftit mill-ħsibijiet negattivi li taħseb?
- Taqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħek ma' xi ħadd?
- Ġieli għamilt xi ħaġa biex tipprova tegħleb din id-diffikultà?
- Hemm xi ħaġa li tista' tgħinek biex tegħleb din id-diffikultà?

5. L-istudenti jpenġu l-forma ta' idhom fuq karta u jqasqsuha. Jiktbu xi ħaġa li jsibu diffiċli li jagħmlu fuq kull saba'. Imbagħad staqsihom biex idawru l-karta u fuq in-naħa l-oħra jiktbu xi ħaġa li jafu jagħmlu tajjeb fuq kull saba'. Jekk jixtiequ l-istudenti jistgħu jaqsmu mal-oħrajn xi affarijiet li jagħmlu tajjeb.



### Attività għad-Dar

It-tfal jieħdu l-id id-dar u jitkellmu mal-ġenituri fuq dak li kitbu. Il-ġenituri jistgħu wkoll jitkellmu mat-tfal fuq dak li jsibu diffiċli u dawk l-affarijiet li jafu jagħmlu tajjeb.




## L-ID TAL-ĦILIET

*Lill-ġenituri: Użaw il-karta f'forma ta' id li t-tfal ġabu d-dar biex tibdew diskussjoni fuq dawk l-affarijiet li jsibu diffiċli jagħmlu u dawk l-affarijiet li jagħmlu sew. Enfasizzaw xi oqsma li t-tfal huma tajbin fihom u li forsi nsew jiktbuhom fuq l-id. Tkellmu mat-tfal fuq l-affarijiet li ssibu diffiċli u dawk li tafu tagħmlu tajjeb intom stess. Iddiskutu mat-tfal xi strateġiji li jistgħu jużaw biex ipattu għal xi affarijiet li mhumiex tajbin fihom.*

______________________________________________________________





# Attività 3: Żigu jfassal pjan ta' azzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal sfidi marbuta ma' diżabilità jew mard.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Infassal pjan ta' azzjoni mibni fuq il-ħiliet tiegħi għal sfidi ta' diżabilità jew mard.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', basket jew stampa tiegħu, folja t'attività 'Helen Keller', folja t'attività 'Żewġ għażliet'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' u żid dan it-tmiem mal-istorja:

**Darba waħda Żigu qal lill-ġenituri tiegħu: "Ma, pa, għandi bżonn l-għajnuna tagħkom! Għada filgħodu kmieni nixtieqkom teħduni fil-ġnien u turuni l-partijiet perikolużi. Għandi memorja tajba u niftakarhom ħalli meta nkun waħdi nkun nista' nevitahom. Nixtieqkom tgħinuni nsib bastun tajjeb li nista' nuża biex ninduna bl-ostakli." Il-ġenituri ferħu u qalulu kemm kienu kburin bih issa li ser jagħmel ħiltu biex jegħleb id-diffikultajiet. L-għada, Żigu u l-ġenituri tiegħu marru fil-ġnien u Żigu qagħad attent ħafna għal dak li bdew jgħidulu l-ġenituri. Żigu nduna b'ħafna iktar ħiliet li kellu: per eżempju, kellu memorja tajba, kien ixomm tajjeb, u kien jisma' sew ukoll. Minn dak in-nhar, Żigu beda jimxi u jiġri fil-ġnien u jgawdi l-ħajja. Meta xi kultant kien jaqa', kien jerġa' jqum fuq saqajh u jkompli għaddej. Irnexxielu jsib ħbieb ġodda fil-ġnien u jiltaqa' magħhom kuljum biex jilgħabu flimkien.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet il-problema ta' Żigu?
- Żigu kif kien iħossu fuq id-diżabilità tiegħu?

- X'kienu ftit mill-ħsibijiet negattivi tiegħu?
- Kif taħseb li għenuh il-ġenituri tiegħu?
- X'kien il-pjan ta' azzjoni ta' Żigu?
- Kif inbidlet il-ħajja ta' Żigu wara li aċċetta d-diżabilità?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi kwalità fik li biha tħossok skomdu?
- Kif tħossok fuqha?
- Ġieli taħseb b'mod negattiv?
- Taqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħek ma' xi ħadd? Din tgħinek?
- Ġieli għamilt xi ħaġa biex tipprova tegħleb din id-diffikultà?
- Hemm xi ħaġa li tista' tgħinek biex tegħleb din id-diffikultà?

5. Għid lill-istudenti li f'sitwazzjonijiet ta' diżabilità, mard jew diffikultajiet oħra, għandha żewġ għażliet (toroq):

*a. It-triq tan-negattività li twassalna biex naqtgħu qalbna*

*b. It-triq fejn nagħrfu l-ħiliet u l-isfidi li għandna u nieħdu azzjoni biex negħlbu l-isfidi u nikbru u nimxu 'l quddiem (nibdlu xi ħaġa negattiva f'xi ħaġa pożittiva)*

6. Uri lill-istudenti l-basket jew stampa tiegħu u staqsihom: X'għandna bżonn ikollna fil-basket biex nagħżlu t-tieni triq u naċċettaw lilna nfusna?

7. Staqsi lill-istudenti biex fuq il-folja t'attività jpenġu kif jimmaġinaw li se jkun il-post fejn twassalna l-ewwel triq u l-post fejn twassalna t-tieni triq.Ippreżenta x-xogħlijiet tal-istudenti fir-Rokna ta' Reżiljenza



## Attività għad-Dar

Bl-għajnuna tal-ġenituri, it-tfal isibu xi informazzjoni fuq il-ħajja ta' Helen Keller. L-għada, staqsi lill-istudenti biex jippreżentaw l-informazzjoni li sabu mal-klassi.

## HELEN KELLER

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ifittxu xi informazzjoni fuq il-ħajja ta' Helen Keller. Iddiskutu magħhom il-ħajja tagħha u x'lezzjonijiet nistgħu nitgħallmu mingħandha.*

____________________________________________________________





## ŻEWĠ GĦAŻLIET

***Immaġina u pinġi l-post li twassalna għalih it-triq tan-negattività li biha naqtgħu qalbna***

***Immaġina u pinġi l-post li twassalna għalih it-triq fejn nagħrfu l-ħiliet u l-isfidi li għandna u nieħdu azzjoni biex negħlbu l-isfidi (nibdlu xi ħaġa negattiva f’xi ħaġa pożittiva)***





# Topik 3: Nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jesprimu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

Jużaw kliem pożittiv f'sitwazzjonjiet ta' diskriminazzjoni u inġustizzja

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni.

## Attività 1: Żigu jkollu esperjenza ta' inġustizzja l-iskola

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jesprimu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Naqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi dwar stejjer personali ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Xena ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni', kuluri, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu jkollu esperjenza mhux sabiħa**

**Żigu ma tantx kien kuntent b'dak li qed jiġri dan l-aħħar l-iskola. Qabel kien jieħu pjaċir imur l-iskola imma issa mhux qed imur għal qalbu. Għodwa waħda ommu staqsietu: "Żigu x'qed jiġrilek dan l-aħħar? M'għadekx tmur għal qalbek l-iskola" Żigu weġibha: "Ma, dan l-aħħar qed ikun hemm ħafna affarijiet mhux sewwa li qed jiġru l-iskola. Qed inħossni mdejjaq". Żigu spjega li waqt il-brejk, l-iskwirils kollha kienu jilagħbu flimkien. "Per eżempju, nilagħbu logħba fejn nitfgħu l-ġewż u nipprovaw nolqtu l-lasta tat-tim l-ieħor. Imma meta jien nitfa' ġewża u nolqot il-lasta, l-iskwirils l-oħra ma jgħodduhiex bħala gowl. Jgħidu li użajt idejja t-tnejn minflok waħda. Imma dan mhux sew għax qatt ma ddiskutejna din ir-regola! U drabi oħra, meta jaqa' xi ħadd, l-iskwirils l-oħra jweħħlu fija. Jugżawni lill-għalliema u jgħidulha li tort tiegħi. Joqogħdu jgħidu lill-għalliema li noqgħod ngħajjar lill-oħrajn imma jien qatt ma ngħajjar jew niġġieled ma' ħadd". Żigu kompla jibki: "Ma ma nafx għalfejn qed jiġrili hekk!"**

**Il-mamà qaltlu: "Żigu, nifhem kif qed tħossok. Forsi tista' tagħmel xi ħaġa biex tħossok ftit aħjar." "Bħal xiex?" staqsa Żigu. "Forsi tista' tgħid xi ħaġa pożittiva lilek innifsek. Xi kultant l-inġustizzja sseħħ għax ikun hemm xi skwirils li ma jaħsbuhiex sew u jagħmlu żball. Imma żomm f'moħħok li kollha kemm aħna jkollna esperjenzi ta' din ix-xorta u din ma tiġrix lilek biss." Żigu ħaseb ftit u mbagħad qal: "Għandek raġun, ma. Sħabi tal-klassi jagħmlu l-istess ma' skwirils oħra ukoll. Naħseb mhux qed jifhmu kif l-imġiba tagħhom qed taffettwa lil ħaddieħor. Naħseb li għandi bżonn nagħmel xi ħaġa biex tinbidel din is-sitwazzjoni."**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirrifelttu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-inġustizzja li Żigu kien qed jgħaddi minnha l-iskola?
- Kif beda jħossu Żigu minħabba din l-inġustizzja?
- Għalfejn taħseb Żigu għadda minn din l-esperjenza?
- X'qalet il-mamà lil Żigu?
- X'jista' jagħmel Żigu f'din is-sitwazzjoni?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Taf b'xi ħadd li ġie trattat b'mod inġust?
- Kif ħassitha din il-persuna f'din is-sitwazzjoni?
- Tkellmet ma' xi ħadd fuq is-sitwazzjoni?
- Kien hemm xi ħadd li għenha biex tiffaċċja s-sitwazzjoni?
- Għamlet xi ħaġa biex tħossha aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni? Jekk iva, kif ħassitha wara?
- X'jista' jgħinna f'dawn is-sitwazzjoni fil-futur?

5. L-istudenti jpenġu xena ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni li kellhom l-iskola jew li xi ħadd ieħor seta' kellu din l-esperjenza fuq il-folja t'attività. Imbagħad iddiskutu t-tpenġijiet kollha u xi ħsibijiet u emozzjonijiet marbuta ma' dawn l-esperjenzi. Poġġi x-xogħlijiet tal-istudenti fir-Rokna ta' Reżiljenza.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jistaqsu lill-ġenituri jekk qatt għaddew minn esperjenza ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni l-iskola u kif irrispondew għall-emozzjonijiet negattivi marbuta mas-sitwazzjoni. L-għada staqsi lill-istudenti fuq dak li ddiskutew mal-ġenituri.

## XENA TA' INĠUSTIZZJA JEW DISKRIMINAZZJONI

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq jekk qatt kellkom esperjenza ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni l-iskola u kif irrispondejtu għall-emozzjonijiet negattivi marbuta mas-sitwazzjoni.*

---

**Penġi xena ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni li inti jew xi ħadd ieħor seta' għadda minnha**





# Attività 2: Żigu jħares lejn l-inġustizzja minn lenti differenti

## L-Għan tat-Tagħlim

Jużaw kliem pożittiv f'sitwazzjonjiet ta' diskriminazzjoni u inġustizzja

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naħseb b'mod pożittiv f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Storja ta' diskriminazzjoni jew inġustizzja', folja t'attività 'Il-ħsibijiet ta' Żigu'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-ħbieb ta' Żigu jagħmlu affarijiet li hu ma jafx**

**Għalkemm jilbes in-nuċċali, Żigu mhux dejjem ikun jista' jara sew, speċjalment meta x-xemx tkun qawwija ħafna. Xi kultant isibha diffiċli jilgħab u xi drabi jaqa' u jitfixkel. Xi kultant Żigu jħossu waħdu u mdejjaq l-iskola. Ħafna minn sħabu jħobbu l-futbol u jilagħbu fil-brejk. Meta sħabu jagħżlu t-timijiet tagħhom, ħafna drabi jħallu lil Żigu barra. Meta jinsisti li jrid jilgħab, sħabu jgħidulu li hu mhux tajjeb fil-futbol u jekk jilgħab, it-tim se jitlef. Żigu jaħseb li hi biss logħba u ma jimpurtax min jirbaħ. Darba waħda l-għalliema avżat lil kulħadd li sejrin ħarġa san-naħa l-oħra tal-ġnien u li hi kienet ippreparat logħob sabiex l-annimali kollha jieħdu pjaċir. Żigu ħaseb li se tkun diffiċli għalih minħabba li ma jarax sew. Kienu se jimxu ħafna u beda jhewden li se jsib problema biex jimxi fi triq li qatt ma għadda minnha qabel.**

**Meta Żigu mar lura d-dar, qal lil missieru fuq kif kien qed iħossu. Il-papà qallu: "Ibni, nifhem kif qed tħossok imdejjaq l-iskola. X'taħseb li se jgħinek biex tħossok aħjar?" Żigu diġà ħassu aħjar li l-papà fehmu u mbagħad qal: "Jien ma jimpurtax li jien ma nafx nilgħab il-futbol. Hemm xi logħob li ma jimpurtax kemm tkun taf tiġri. Allura forsi nista' nilgħab ma' ħbieb oħra li ma jħobbux jilagħbu l-futbol." "Tajjeb ħafna Żigu. Qed nieħu pjaċir li qed tħares lejn is-sitwazzjoni b'dan il-mod!", wieġeb missieru. "X'taħseb dwar il-ħarġa?" staqsieh missieru. "Ma nafx. Naħseb li t-triq hi twila għalija u m'iniex ċert li nista' nagħmilha. Qed ninkwieta wkoll li se jkolli bżonn niġri fil-logħob," wieġeb Żigu. Missieru wieġbu: "Imxejt miegħi fil-foresta għal distanzi itwal minn hekk. Kollox għandu jmur sew. Ftakar li meta tkun qed tkellem ma' ħaddieħor, id-distanza ma tidhirx daqshekk twila. Ftakar li l-għalliema qalet li se jkun hemm logħob għal kulħadd. Se jkun hemm logħob ieħor li ma jinvolvix il-ġiri." Żigu ħaseb fuq il-kliem tal-papà u beda jħossu aħjar.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-inġustizzja li Żigu kien qed jgħaddi minnha l-iskola?
- Kif beda jħossu Żigu minħabba din l-inġustizzja?
- Għalfejn taħseb Żigu għadda minn din l-esperjenza?
- Kif beda jħares Żigu lejn din l-esperjenza b'mod differenti?
- Kif għenitu din il-bidla fil-ħsieb?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Taf b'xi ħadd li ġie trattat b'mod inġust?
- Kif ħassitha din il-persuna f'din is-sitwazzjoni?
- Tkellmet ma' xi ħadd fuq is-sitwazzjoni?
- Kien hemm xi ħadd li għenha biex tiffaċċja s-sitwazzjoni?
- Għamlet xi ħaġa biex tħossha aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni? Jekk iva, kif ħassitha wara?
- X'jista' jgħinna f'dawn is-sitwazzjoni fil-futur?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħtihom il-folja t'attività fejn se jidentifikaw ħsibijiet pożittivi u negattivi. Staqsihom ipenġu l-ħsibijiet pożittivi biss. Fl-aħħar l-istudenti jaqsmu ħsieb pożittiv u ħsieb negattiv mill-folja t'attività.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal isibu stejjer minn kotba, *cartoons*, jew films fejn karattri jġarrbu diskriminazzjoni jew inġustizzja. Imbagħad jiddiskutu mal-ġenituri kif il-karattri jistgħu jaħsbu b'mod pożittiv biex jegħlbu dawn l-isfidi.

## STORJA TA' DISKRIMINAZZJONI JEW INĠUSTIZZJA




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal isibu stejjer minn kotba, cartoons, jew films fejn karattri jġarrbu diskriminazzjoni jew inġustizzja. Imbagħad iddiskutu kif il-karattri jistgħu jaħsbu b'mod pożittiv biex jegħlbu dawn l-isfidi. Sibu xi strateġiji li l-karattri jużaw biex jegħlbu l-isfidi.*

---

**Titlu tal-ktieb jew film:**

**Pinġi karattru minn ktieb jew film li għadda minn esperjenza ta' diskriminazzjoni jew inġustizzja, imma sab mod kif jiffaċċja u jegħleb l-isfida**





# IL-ĦSIBIJIET TA' ŻIGU

Hemm logħob fejn ma jimpurtax kemm tkun taf tiġri.

Ma jimpurtax jekk jien ma nafx nilgħab il-futbol.

Sħabi l-futbol biss jilagħbu u ma nista' nilgħab xejn iktar.

M'iniex tajjeb fil-futbol imma tajjeb biex inkisser il-ġewż.

Jien ma nafx nilgħab jekk ma nafx nilgħab il-futbol.

Il-ġurnata tal-ħarġa se tkun ġurnata tad-dwejjaq

Kemm jien imdejjaq li ma nistax nilgħab il-futbol!

Mhux se jkun hemm affarijiet sbieħ għalija fil-ħarġa.

Fil-logħob kollu trid tkun taf tiġri. fil-logħob kollu.



Nista' nilgħab ma' sħabi li ma jilagħbux futbol.





# Attività 3: Żigu jqum fuq saqajh u jsemma' leħnu

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jegħlbu l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħmel lista ta' affarijiet li nista' nagħmel biex negħleb l-isfidi tal-inġustizzja u d-diskriminazzjoni.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività '*Banner*', kartonċin, kuluri, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' u żid dan it-tmiem mal-istorja:

**Żigu beda jaħsebkif jista' jegħleb din l-isfida: "L-ewwel se nkellem lil sħabi u ngħidilhom li jekk ma nilagħbux b'mod ġust ma' kulħadd, ħadd mhu se jieħu gost. Kollha kemm aħna rridu nsegwu l-istess regoli u nkunu onesti ma' xulxin. Se nistaqsihom biex ikunu ġusti, biex ma jbiddlux ir-regoli tal-logħba. Imbagħad se mmur inkellem lill-għalliema u nispjegalha l-problema tiegħi. Se ngħidilha li l-iskwirils l-oħra qed jittrattawni b'mod inġust u qed jigdbu meta jgħidu li qed nikser ir-regoli. Se ngħidilha wkoll li mhux vera li jien ngħajjar jew inweġġa' lil ħaddieħor. Se nistaqsiha biex tgħinni negħleb din id-diffikultà. Għandi bżonn nagħmel xi ħaġa biex dan ma ikomplix għaddej." Missier Żigu qallu: "Dan jidher pjan tajjeb Żigu! Żgur li l-għalliema tista' tgħinnek. Jien ser inkun hawnhekk ukoll jekk tixtieq l-għajnuna tiegħi. Ftakar li jekk dan il-pjan ma jaħdimx, nistgħu nagħmlu pjan ieħor u nerġgħu nipprovaw!"**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-inġustizzja li Żigu kien qed jgħaddi minnha l-iskola?
- Kif beda jħossu Żigu minħabba din l-inġustizzja?
- X'kien il-pjan li fassal Żigu biex jegħleb din l-isfida?
- X'taħseb dwar il-pjan ta' Żigu ?
- X'seta għamel iktar Żigu biex jegħleb din l-isfida?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Taf b'xi ħadd li ġie trattat b'mod inġust?
- Kif ħassitha din il-persuna fuq is-sitwazzjoni?
- Tkellmet ma' xi ħadd fuq is-sitwazzjoni?
- X'jista' jgħinha tiffaċċja biex tilqa' għal din l-isfida?
- X'passi tista' tieħu biex tgħin lil xi ħadd li jgħaddi minn esperjenza bħal din?

5. L-istudenti jagħmlu *banner* bil-motto: *"Meta inti jew xi ħadd ieħor tgħaddi minn esperjenza ta' inġustizzja, qum fuq saqajk, semma' leħnek, u pprova waqqafha."* L-istudenti kollha għandhom ikunu involuti f'din l-attività. Waħħel il-*banner* fir-Rokna ta' Reżiljenza biex l-istudenti jiftakru fih.



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jieħdu l-folja t'attività d-dar u jpenġuha. Jistgħu jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom jekk qatt għaddew minn xi inġustizzja l-iskola (jew fil-ħajja adulta tagħhom) u x'passi ħadu biex jegħlbu l-isfida.

## BANNER




*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu din il-folja t'attività d-dar biex ipenġuha. Iddiskutu magħhom esperjenzi ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni li seta' kellkom l-iskola (jew fil-ħajja adulta tagħkom) u x'passi ħadtu biex tegħlbu din l-isfida.*

______________________________________________________





**Meta inti jew xi ħadd ieħor ikollu esperjenza ta' inġustizzja, qum fuq saqajk, semma' leħnek, u pprova waqqafha!**





# SOTTOTEMA 2
# Kif nirrispondu meta niġu mwarrba

**Meta t-tfal jiġu mwarrba, mħolliha barra jew imċaħħda mill-affezzjoni minn persuni importanti f'ħajjithom bħall-ġenituri u l-għalliema, isofru ħafna psikoloġikament u jkunu f'qagħda vulnerabbli fl- iżvilupp tagħhom. It-tfal igħaddu wkoll minn esperenza negattiva meta jiġu mwarrba mill-ħbieb minħabba diżabilità, sfond kulturali jew raġunijiet oħrajn. Għaldaqstant huwa importanti ħafna li tfal f'dawn is-sitwazzjonjiet ikunu jaf x'għandhom jagħmlu quddiem dawn l-isfida, kif ukoll li jibnu u jsaħħu r-rabtiet soċjali u r-relazzjonijiet mal-għalliema, ħbieb u membri tal-familja. Dan huwa pedament importanti għall-iżvilupp b'saħħtu u l-maturità psikoloġika tagħhom. Fl-ewwel topik, it-tfal f'din is-sottotema, l-istudenti jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet li għaddew minnhom meta ġew imwarrba mill-ħbieb, iħarsu lejn din l-esperjenza minn lenti differenti, joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u finalment jidentifikaw pjanijiet ta' azzjoni biex jirrispondu għal sitwazzjoniiet bħal dawn. Fit-tieni u t-tielet topiks, it-tfal se jsegwu l-istess passi biex jirrispondu għal meta jiġu mwarrba mill-għalliema u mill-membri tal-familja rispettivament.**

## TOPIK 1 KIF NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MINN SĦABNA

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JESPRIMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET META JĦOSSUHOM MWARRBA MINN SĦABHOM.
- IĦARSU LEJN L-ESPERJENZA TA' META JIĠU MWARRBA MINN SĦABHOM MINN LENTI DIFFERENTI.
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦAL META JIĠU MWARRBA MINN SĦABHOM.

## TOPIK 2 KIF NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MILL-GĦALLIEMA

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JESPRIMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET META JĦOSSUHOM MWARRBA MILL-GĦALLIEMA.
- IĦARSU LEJN L-ESPERJENZA TA' META JIĠU MWARRBA MILL-GĦALLIEMA MINN LENTI DIFFERENTI
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦAL META JĦOSSUHOM MWARRBA MILL-GĦALLIEMA.

**TOPIK 3** **KIF NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MILL-MEMBRI TAL-FAMILJA**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JESPRIMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET META JĦOSSUHOM MWARRBA MILL-AĦWA.
- IĦARSU LEJN L-ESPERJENZA TA' META JĦOSSUHOM IMWARRBA MILL-ĠENITURI MINN LENTI DIFFERENTI.
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦAL META JĦOSSUHOM IMWARRBA MILL-ĠENITURI .

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Meta l-istudenti jiġu mwarrba minn minn adulti importanti fil-ħajja tagħhom, mill-ħbieb, jew minn sħabhom tal-klassi, fakkarhom li din l-esperjenza mhux ser tibqa' għal dejjem, u li huma jistgħu jaħsbu b'mod pożittiv u jfasslu pjan ta' azzjoni biex jiżviluppaw relazzjonijiet tajbin ma' studenti oħrajn.

2. Meta jkun hemm xi studenti li qed jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, għin lill-klassi kollha tara s-sitwazzjoni mill-pożizzjoni tal-istudent imwarrab. Għinhom jifhmu kif jista' jħossu hu u kif jistgħu jgħinuh biex iħossu aħjar. Tista' tfassal pjan ta' azzjoni magħhom jew tuża *role play*.

3. Enfasizza li meta l-istudenti jwarrbu lill-oħrajn, ma jfissirx li huma tfal ħżiena imma li l-imġiba tagħhom hija ħażina. Ipprova identifika imġiba pożittiva biex trawwem *self-esteem* tajjeb fit-tfal biex ikunu kapaċi jilqgħu għal sfidi bħal dawn.

4. Fil-ħajja ta' kuljum tal-iskola, għin lill-istudenti biex iħarsu lejn esperjenzi fejn jiġu mwarrba mill-kbar jew tfal oħra minn lenti differenti, joħolqu distanza bejniethom u l-problema, jaħsbu b'mod pożittiv, u jistaqsu għall-għajnuna biex jiffaċċjaw il-problema.

## Topik 1: Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba minn sħabna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossuhom mwarrba minn sħabhom.

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jħossuhom mwarrba minn sħabhom minn lenti differenti.

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jħossuhom imwarrba minn sħabhom.

## Attività 1: Carol tħossa mwarrba minn sħabha

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossuhom imwarrba minn sħabhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Niftaħ qalbi ma' nies li nafda meta nħossni mwarrab/mwarrba minn sħabi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, folja t'attività 'Inħossni mwarrab mill-oħrajn'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**L-istudenta l-ġdida fil-klassi ta' Żigu**

**Darba waħda l-għalliema ta' Żigu avżat lill-klassi li se jkollhom studenta ġdida fil-klassi jisimha Carol. Carol dehret kuntenta ħafna bl-iskola l-ġdida. Hi kienet tieħu gost tagħmel**

**ħbieb ġodda u kienet ferħana li kien ser jkollha għalliema ġdida. Ms Sue ġiet infurmata mill-ġenituri ta' Carol li Carol kienet brava u intelliġenti ħafna. Ms Sue qalet lill-klassi: "Din hi Carol. Carol hija skwiril speċjali. Tkanta tajjeb ħafna u ħadet sehem f'ħafna kunċerti u rebħet ħafna kompetizzjonijiet tal-kant. Tajba ħafna ukoll fil-Matematika! Carol hija skwiril intelliġenti ħafna". Imma għalkemm Carol kienet brava f'ħafna affarijiet, l-istudenti tal-klassi ma kellmuhiex għax ma ħassewhomx komdi jitkellmu ma' xi ħadd li kien jidher li hu aħjar minnhom. Waqt il-brejk, Carol kienet tistaqsi lill-annimali l-oħra biex jilagħbu magħha, imma dawn kienu jevitawha. Xi kultant anqas biss kienu jgħajtulha b'isimha u kienu jirreferu għaliha biss bħala 'l-iskwiril il-brava'.**

**Darba waqt il-lezzjoni tal-mużika, l-għalliem staqsa mistoqsija u l-annimali kollha rrispondew: "Sir, aħjar tistaqsi lil Carol għax dik rebħet ħafna kunċerti. Żgur taf iktar minna! Kif nistgħu nwieġbu din il-mistoqsija meta għandna daqshekk skwiril brava fil-klassi?" L-istudenti kollha nfaqgħu jidħqu. Carol ħassitha verament imdejqa. Ħasset li sħabha kienu kattivi magħha. Ma xtaqitx tmur l-iskola iżjed. Ma xtaqitx tkompli bil-lezzjonijiet tal-kant. Ma xtaqitx tkompli tistudja l-Matematika u lanqas tagħmel il-*homework*. Kienet irrabjata magħha nfisha għax kienet studenta tajba ħafna u b'hekk ħaddieħor ma riedx ikun ħabib magħha.**

**Carol iddeċidiet li tkellem lill-ġenituri tagħha fuq dak li ġara. Huma qalulha li l-imġiba ta' sħabha ma kinitx tfisser li kien hemm xi ħaġa ħażina fiha. Fakkruha li kull darba li kienu jibdew skola ġdida, sħabha tal-klassi kienu jġibu ruħhom b'dan il-mod fil-bidu imma wara ftit jibdew jifhmu li kulħadd differenti u li din hija xi ħaġa tajba u sabiħa. Carol u l-ġenituri ddiskutew xi ideat biex Carol tkun tista' tegħleb din l-isfida. Carol ħassitha ħafna aħjar. Flimkien mal-ġenituri, ħarġet b'ħafna ideat biex tkellem lil sħabha u tagħmel ħbieb ġodda.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara meta waslet studenta ġdida fil-klassi ta' Żigu?
- X'kienet ir-reazzjoni tat-tfal l-oħra?
- Għalfejn taħseb li l-istudenti warrbu lil Carol?
- Kif ħassitha Carol dwar dan?
- X'għamlet Carol meta ġiet imwarrba u dan kif għenha?
- X'setgħu għamlu adulti oħrajn (għalliema, ġenituri) biex jgħinuha tegħleb din l-isfida?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Taf b'xi ħadd li ħassu mwarrab minn ħaddieħor bħal Carol (i.e. xi ħadd ma xtaqx ikun ħabib tiegħu)?
- Kif ħassitha din il-persuna f'din is-sitwazzjoni?
- Għamlet xi ħaġa biex tħossha aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni?
- Ġieli rajt tfal oħra jitwarrbu minn oħrajn (fil-klassi jew fil-bitħa)? X'ġara?

5. Enfasizza l-idea li meta naqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna ma' xi ħadd li nafdaw (bħall-aħwa, ġenituri, ħbieb, għalliema, eċċ.), inħossuna aħjar. Dan huwa l-ewwel pass biex niffaċċjaw sfida bħal din. Qabbel lill-persuna li tħossha mdejqa ma' sħaba griża mimlija ilma. Meta tagħmel ix-xita, ikun qisu meta l-persuna tibki jew taqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħha. Imbagħad is-sħaba terġa' tiġi bajda u sabiħa li tfisser li l-persuna terġa' tħossha aħjar.

6. Qassam il-folji t'attività u għid lill-istudenti jpenġu lilhom infushom qabel ma jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom ħdejn is-sħaba l-griża u mdejqa, u lilhom infushom wara li jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom ħdejn is-sħaba l-bajda u kuntenta.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu l-folji t'attività d-dar u jispjegawhom lill-ġenituri. Jistgħu jaqsmu mal-ġenituri esperjenzi fejn ġew imwarrba minn sħabhom.

## INĦOSSNI MWARRAB MILL-OĦRAJN

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal fuq l-attività li għamlu l-iskola u użawha bħala opportunità biex tisimgħu l-esperjenzi tat-tfal ta' meta ġew imwarrba minn sħabhom jew raw lil xi ħadd jiġi mwarrab minn sħabu. Ħeġġu lit-tfal jaqsmu magħkom l-emozzjonijiet marbuta ma' dawn is-sitwazzjonijiet u ipinġuhom hawn taħt.*

______________________________________________________________









# Attività 2: Meta ġejt aċċettat/a

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jħossuhom imwarrba minn sħabhom minn lenti differenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Insib persuni li jaċċettawni meta sħabi ma jridux jilagħbu jew joqogħdu miegħi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-persuni li jaċċettawni'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' u żid dan it-tmiem mal-istorja:

**Dakinhar meta daħlet fis-sodda, Carol ħasbet bejnha u bejn ruħha: "Naf li l-imġiba ta' sħabi m'għandhiex x'taqsam miegħi. Għandi ħafna ħbieb u qraba li jaċċettawni u jħobbuni kif jien. Iltqajt ma' ħafna annimali li fil-bidu ġabu ruħhom hekk u wara li saru jafuni, aċċettawni u saru ħbieb tiegħi. Naf li l-affarijiet se jmorru aħjar dalwaqt." Wara dawn il-ħsibijiet, Carol raqdet kuntenta.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara meta waslet studenta ġdida fil-klassi ta' Żigu?
- X'kienet ir-reazzjoni tat-tfal l-oħra?
- Għalfejn taħseb li l-istudenti warrbu lil Carol?
- Kif ħassitha Carol dwar dan?
- X'għamlet Carol meta ġiet imwarrba u dan kif għenha?
- Kif ħasbitha Carol wara li tkellmet mal-ġenituri?
- Taħseb li l-mod kif bdiet taħseb Carol għenha biex tegħleb l-isfida?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Carol ħasset li l-annimali l-oħra ma ridux ikunu ħbieb tagħha (i.e. warrbuha). Taf b'xi ħadd li ħassu mwarrab minn ħaddieħor (i.e. xi ħadd ma xtaqx ikun ħabib tiegħu)?
- Din il-persuna kif ħassitha fuq is-sitwazzjoni?
- Tkellmet ma' xi ħadd fuq is-sitwazzjoni?
- Għamlet xi ħaġa biex tħossha aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni? Jekk iva, kif ħassitha wara?
- Taħseb li nistgħu nbiddlu l-mod ta' kif naħsbuha? Din il-bidla kif tista' tgħinna?

5. Għid lill-istudenti li meta niġu mwarrba, strateġija importanti li nistgħu nużaw hija li niftakru d-drabi meta ġejna aċċettati mill-oħrajn. Għidilhom jaħsbu fi drabi fejn Carol setgħet ġiet aċċettata minn ħaddieħor (eż: ġenituri, studenti minn klassijiet u skejjel ta' qabel, għalliema, ħbieb fil-komunità).

6. Staqsi lill-istudenti jaħsbu f'persuni li jaċċettawhom. Fuq il-folja t'attività 'Il-persuni li jaċċettawni', jiktbu persuna li taċċettahom fuq kull petala u wara jżenu l-fjura. Fakkarhom biex iżommu l-fjura f'post fejn jistgħu jħarsu lejha meta jiġu mwarrba.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistgħu jieħdu l-fjura d-dar u jiddiskutuha mal-ġenituri. Imbagħad jistgħu jistaqsu lill-ġenituri fuq drabi meta ħassewhom aċċettati mill-oħrajn u kif dawn l-emozzjonijiet jistgħu jpattu għal meta jħossuhom imwarrba.

# IL-PERSUNI LI JAĊĊETTAWNI



*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal dwar meta ħassejtukom aċċettati mill-oħrajn u kif dawn l-emozzjonijiet jistgħu jpattu għal meta tħossukom imwarrba. Għinu lit-tfal jaħsbu fuq nies oħra, forsi fil-familja u fl-iskola, li jaċċettawhom.*





# Attività 3: Carol għandha pjan ta' azzjoni

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jħossuhom mwarrba minn sħabhom.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Infassal pjan ta' azzjoni għal meta sħabi ma jridux jilagħbu jew joqogħdu miegħi.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, folja t'attività 'Meta niġu mwarrba'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**L-għada, Carol iddeċidiet li tkellem lill-għalliema u flimkien ħarġu b'xi ideat kif jistgħu jgħinu lil Carol tkun iktar aċċettata fil-klassi. Ivvintaw logħba jisimha 'Inti speċjali'. Carol ippreparat kollox u spjegat il-logħba lill-klassi. Kull annimal kellu joħroġ mill-klassi għal xi ftit minuti filwaqt li l-istudenti l-oħra kellhom jaħsbu xi affarijiet tajbin li min qiegħed barra kien tajjeb fihom. Meta l-istudent jidħol lura fil-klassi, Carol kellha taqra l-lista ta' affarijiet tajbin li ħarġu bihom l-istudenti. Kulħadd ħa pjaċir jilgħab din il-logħba! L-għalliema qaltilhom: "Kull annimal huwa speċjali u tajjeb f' xi ħaġa jew oħra. Kull annimal għandu talent, li xi kultant anqas inkunu nafu bih." L-għada, l-atmosfera fil-klassi kienet kemmxejn differenti għal Carol. Kien hemm ħafna annimali li kienu qalbhom tajba magħha u anke stidnuha biex tilgħab magħhom. L-annimali ma baqħux jaqbdu magħha.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara meta waslet studenta ġdida fil-klassi ta' Żigu?
- Kif kienet l-imġiba tal-istudenti?
- Għalfejn taħseb li l-istudenti warrbuha lil Carol?
- Carol kif ħassitha fuq dan?

- Carol x'għamlet meta ġiet imwarrba u dan kif għenha?
- X'kien il-pjan ta' azzjoni ta' Carol? Irnexxa?

4. Imbagħad irrelata l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Carol ħasset li l-annimali l-oħra ma ridux ikunu ħbieb tagħha (i.e. warrbuha). Taf b'xi ħadd li ħassu mwarrab minn ħaddieħor (i.e. xi ħadd ma xtaqx ikun ħabib tiegħu)?
- Kif ħassitha din il-peruna f'din is-sitwazzjoni?
- Tkellmet ma' xi ħadd?
- Għamlet xi ħaġa, bħal pjan ta' azzjoni, biex tħossha aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni? Jekk iva, kif ħassitha wara?

5. Aqsam il-klassi f'erba' gruppi u agħti lil kull grupp waħda mill-istampi fil-folja t'attività 'Meta niġu mwarrba' u staqsihom jiddiskutu l-mistoqsijiet.

6. Kull grupp jippreżenta l-ideat tiegħu quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri jekk qatt ġewx imwarrba bħala tfal jew adulti. Il-ġenituri jistgħu jaqsmu mat-tfal esperjenzi personali u jitkellmu fuq x'azzjonijiet ħadu biex jegħlbu l-isfida.

## META NIĠU MWARRBA

*Lill-ġenituri: L-iskola t-tfal iddiskutew storja ta' Carol li ġiet imwarrba minn sħabha. Aqsmu mat-tfal esperjenzi personali fejn stajtu ġejtu mwarrba bħala tfal jew bħala adulti u x'azzjonijiet ħadtu biex tegħlbu din l-isfida.*





# META NIĠU MWARRBA

# GRUPP 1



- X'qed jiġri fl-istampa?
- X'qed iħoss it-tifel li qed jiġi mwarrab?
- Għalfejn taħseb li t-tfal l-oħra warrbu lit-tifel?
- X'tista' tgħid lit-tifel li qed jiġi mwarrab biex iħossu aħjar?
- X'jista' jagħmel it-tifel li qed jiġi mwarrab f'din is-sitwazzjoni?
- Xi pjan ta' azzjoni jista' jfassal?





# GRUPP B



- X'qed jiġri fl-istampa?
- X'qed tħoss it-tifla li qed tiġi mwarrba?
- Għalfejn taħseb li t-tfal l-oħra warrbu lit-tifel?
- X'tista' tgħid lit-tifla li qed tiġi mwarrba biex tħossha aħjar?
- X'tista' tagħmel it-tifla li qed tiġi mwarrba f'din is-sitwazzjoni?
- Xi pjan ta' azzjoni tista' tfassal?





# GRUPP Ċ



- X'qed jiġri fl-istampa?
- X'qed tħoss it-tifla li qed tiġi mwarrba?
- Għalfejn taħseb li t-tfal l-oħra warrbu lit-tifla?
- X'tista' tgħid lit-tifla li qed tiġi mwarrba biex tħossha aħjar?
- X'tista' tagħmel it-tifla li qed tiġi mwarrba f'din is-sitwazzjoni?
- Xi pjan ta' azzjoni tista' tfassal?





# GRUPP D



- X'qed jiġri fl-istampa?
- X'qed iħoss it-tifel li qed jiġi mwarrab?
- Għalfejn taħseb li t-tfal l-oħra warrbu lit-tifel?
- X'tista' tgħid lit-tifel li qed jiġi mwarrab biex iħossu aħjar?
- X'jista' jagħmel it-tifel li qed jiġi mwarrab f'din is-sitwazzjoni?
- Xi pjan ta' azzjoni jista' jfassal?





# Topik 2: Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba mill-għalliema

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossuhom imwarrba mill-għalliema.

Jaraw l-esperjenza ta' meta jħossuhom imwarrba mill-għalliema minn lenti differenti billi iħarsu lejn l- esperjenzi pożittivi fl-iskola .

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jħossuhom imwarrba mill-għalliema.

## Attività 1: Jasmine tħossha mweġġa'

### L-Għan tat-Tagħlim

Jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet meta jħossuhom mwarrba mill-għalliema.

### Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta nħossni mwarrab mill-għalliema.

### Livell

Bażiku

### Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Jasmine taħt qawsalla', folja t'attività 'Meta nħossuna mwarrba mill-għalliema', kuluri, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*.



### Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Wara l-maltemp jiġi l-bnazzi**

**Jasmine hija skwiril ġdida li ftit ilu bdiet tattendi l-iskola ta' Żigu. Jasmine u l-familja tagħha ġew minn ġnien ieħor 'il bogħod. Jasmine u l-familja tagħha huma speċi differenti ta' skwirils. Huma għandhom tliet kuluri differenti fil-pil tagħhom: l-iswed, il-kannella u l-abjad. Jitkellmu wkoll b'vuċi differenti minn tal-iskwirils l-oħra. Jasmine hija skwiril kuntenta li tħobb tilgħab imma xi kultant l-iskwirils l-oħra ma jifhmuhiex meta titkellem. Xi drabi Ms Susan, l-għalliema ta' Jasmine, ma tkunx paċenzjuża magħha. Mhux dejjem tagħtiha biżżejjed ħin biex tifhem u tirrispondi l-mistoqsija u malajr terġa' tistaqsi lil xi ħadd ieħor. Darba Ms Susan staqsiet lil Jasmine biex taqra imma bdiet tirrabja magħha meta bdiet tagħmel xi żbalji u damet biex taqra. Jasmine tħoss li l-għalliema tagħha ma tħobbhiex u ħafna drabi taħseb li Ms Susan tippreferi kieku Jasmine ma tkunx fil-klassi tagħha. Iżda l-ġenituri ta' Jasmine jifhmuha u dejjem jisimgħuha u jagħtuha l-għajnuna tagħhom. Darba l-papà qalilha: "Binti, nixtieqek tiftakar li wara l-maltemp jiġi l-bnazzi. Bħalissa qisu l-maltemp għalik, imma daqt se toħroġ ix-xemx u forsi anke tara qawsalla." Jasmine ħassitha aħjar meta semgħet dan il-kliem. Fil-but kellha brazzuletta bil-kuluri tal-qawsalla u meta kienet tħossha mdejqa, kienet tpoġġiha f'idejha u tiftakar fil-kliem tal-papà.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema mġiba tal-għalliema kienet kienet qed iddejjaq lil Jasmine?
- X'kienu ftit mill-ħsibijiet ta' Jasmine għal din l-imġiba?
- Għalfejn taħseb li l-għalliema kienet iġġib ruħha b'dan il-mod ma' Jasmine?
- X'għen lil Jasmine ma taqtax qalbha quddiem din l-isfida?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossuhom tfal bħal Jasmine?
- X'jistgħu jagħmlu f'din is-sitwazzjoni?

5. Għid lill-istudenti jiddiskutu l-mistoqsijiet t'hawn fuq fi gruppi u mbagħad jaqsmu l-ideat tagħhom mal-grupp il-kbir.

6. Staqsi lill-istudenti biex ipenġu lil Jasmine taħt il-qawsalla fuq il-folja t'attività.



***Attività għad-Dar***

L-istudenti jpenġu wiċċ ta' xi ħadd li qed jħossu mweġġa' minn xi mġiba tal-għalliema. L-istudenti mbagħad jaqsmu mal-ġenituri l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet dwar din is-sitwazzjoni, u jistaqsuhom jaqsmu magħhom esperjenzi personali fejn ħassewhom imweġġa' minn xi għalliema u fuq il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li kellhom f'dawn is-sitwazzjonijiet.

## META NĦOSSUNA MWARRBA MILL-GĦALLIEMA

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal dwar kif jistgħu jħossuhom meta jħossuhom imwarrba mill-għalliema. It-tfal jistgħu jpenġu wiċċ ta' tifel/tifla li qed jiġi/tiġi mwarrab/mwarrba u jiddiskutu l-emozzjonijiet tiegħu/tagħha.*







# JASMINE TAĦT QAWSALLA

## Penġi lil Jasmine taħt il-qawsalla







# Attività 2: Puma jitbiegħed millI-problema

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaraw l-esperjenza ta' meta jħossuhom imwarrba mill-għalliema minn lenti differenti billi iħarsu lejn l- esperjenzi pożittivi fl-iskola

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naħseb fuq esperjenzi pożittivi fl-iskola meta nħoss li l-għalliema mhux qed jagħtu kasi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Esperjenzi pożittivi li seħħew l-iskola', folja t'attività 'L-imġiba tal-għalliema...'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Puma jgħaddi minn esperjenza negattiva l-iskola**

**Żigu kellu ħabib jismu Puma. Puma kien kelb żgħir li kellu diffikultajiet biex jitgħallem. Darba waqt il-lezzjoni tal-Matematika, Puma kellu bżonn ħafna iktar ħin biex jgħodd it-tuffieħ li tatu l-għalliema. Wara ftit l-għalliema mxiet għat-tieni attivita` mingħajr ma stenniet lil Puma jlesti. U meta l-għalliema staqsietu mistoqsija, lanqas tatu ħin jaħseb u malajr staqsiet lil ħaddieħor. Puma ħassu tassew iddispjaċut li l-għalliema ma kinitx qiegħda tagħtih tistenniehx ċans ilesti. Meta ġieli kien jistaqsiha biex terġa' tispjega, kienet tgħidlu: "Għandna ħafna affarijiet x'nagħmlu llum. Darb'oħra oqgħod iktar attent." Puma ħassu rrabjat dak il-ħin għax kien qiegħed attent. Darba minnhom, Puma pprova jaqra quddiem il-klassi imma l-għalliema bdiet tonfoħ għax beda jieħu ħafna ħin u għamel ħafna żbalji. F'lezzjoni oħra, Puma kien jgħolli jdejh imma ħafna drabi l-għalliema ma kinitx tagħżlu biex**

**iwieġeb il-mistoqsija. Puma kien jaħseb li l-għalliema kienet taħseb li se jagħti tweġiba ħażina. Għalhekk Puma ddeċieda li mhux se jerġa' jgħolli jdjeh.**

**Dakinhar Puma ddeċieda li jiftaħ qalbu ma' Żigu. Puma ħassu ħafna mdejjaq u nfaqa' jibki. Qallu li qed iħoss li l-ħajja fl-iskola kienet qisha ħolma kerha. Żigu ma kienx jaf li Puma kien daqshekk imweġġa' bl-imġiba tal-għalliema. Anzi Żigu kien jaħseb li Puma kien kelb b'ħafna talenti għax kien tajjeb ħafna fil-mużika u biex jirreċta. Żigu pprova jgħin lil Puma jaħseb fuq l-esperjenzi s-sbieħ li kellu l-iskola u dwar meta kien aċċettat u maħbub mill-għalliema tal-mużika, tad-drama u tal-arti. Għall-bidu Puma sabha diffiċli jaħseb fuq dawn l-esperjenzi sbieħ. Tkellem ukoll ma' ommu u hi qaltlu li hi tinsab kburija ħafna bih u li hu bravu u għandu ħafna talenti. Għenitu jara l-imġiba tal-għalliema minn lenti differenti, li l-għalliema ma tantx kienet persuna paċenzjuża. Bl-għajnuna ta' Żigu u ta' ommu, Puma beda jħares lejn il-ħajja fl-iskola b'mod iktar pożittiv.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu d-diffikultajiet li kien qed jiltaqa' magħhom Puma?
- X'imġiba tal-għalliema kienet qed tweġġa' lil Puma?
- Kif beda jħossu Puma dwar din l-imġiba?
- Kif ipprova Żigu jgħin lil Puma?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossuhom tfal bħal Puma?
- X'jistgħu jagħmlu f'din is-sitwazzjoni?

5. Għid lill-istudenti biex fl-ewwel kolonna tal-folja t'attività jiktbu storja personali dwar imġiba ta' xi għalliem/a li biha ħassewhom imweġġa' u fit-tieni kolonna jiktbu esperjenzi pożittivi (eż. kummenti sbieħ jew premji mingħand xi għalliema).

6. L-istudenti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-klassi u jiddiskutu kemm kienet diffiċli għalihom li iħarsu lejn esperjenzi sbieħ. Enfasizza l-idea li xi imġiba tal-għalliema (li biha nistgħu nħossuna mwarrbin) tista' tkun biss parti żgħira mill-ħajja tagħhom fl-iskola. F'sitwazzjonijiet bħal dawn nistgħu niffokaw fuq l-esperjenzi sbieħ tal-iskola.



### *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja t'attività, l-istudenti jiktbu żewġ esperjenzi pożittivi li jiftakru li kellhom l-iskola. Imbagħad il-ġenituri jaqsmu mat-tfal esperjenzi li kellhom l-iskola ta' meta ġew aċċettati minn ħaddieħor u kif dawn jistgħu jpattu għal meta jħossuhom imwarrba.

## ESPERJENZI POŻITTIVI LI SEĦĦEW L-ISKOLA

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal u staqsuhom jiktbu żewġ esperjenzi pożittivi li kellhom l-iskola. Aqsmu magħhom l-esperjenzi personali tagħkom ta' meta ġejtu aċċettati minn ħaddieħor meta kontu l-iskola. Enfasizza li l-emozzjonijiet li nħossu meta niġu aċċettati jistgħu jservu bħala teżor li minnu nieħdu emozzjonijiet u enerġija pożittiva biex negħlbu emozzjonijiet negattivi li nħossu meta niġu mwarrba.*

______________________________________________________________________





# L-IMĠIBA TAL-GĦALLIEMA...

| L-IMĠIBA TAL-GĦALLIEMA LI BIHA ĦASSEJTNI MWEĠĠA' | KUMMENTI POŻITTIVI JEW PREMJI LI QLAJT MINGĦAND L-GĦALLIEMA |
|---|---|
| | |





# Attività 3: Puma għandu bżonn pjan ta' azzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jħossuhom mwarrba mill-għalliema.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħmel pjan ta' azzjoni ta' x'nista' nagħmel meta nħossni mwarrab mill-għalliema.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-pjan ta' azzjoni ta' Puma', folja t'attività 'Meta niġu mwarrbin'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 2 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' u żid magħha dan it-tmiem:

**Wara li tkellem ma' Żigu, Puma ħa deċiżjoni importanti. Iddeċieda li jitkellem mal-għalliema fuq kif kien qed iħossu. Ma kinitx faċli. Hu pprattika dak li se jgħidilha u l-għada mar u kellimha. "Ms Susan, nixtieq inkellmek," qal Puma. L-għalliema dehret sorpriża u qaltlu biex imur fl-uffiċju tagħha fil-brejk. Puma staqsa lil sieħbu Żigu biex imur miegħu. Meta Puma ltaqa' ma Ms Susan, qalilha: "Miss, mhux qed inħossni kuntent fil-klassi. Xi kultant inħoss li ma tridnix fil-klassi tiegħek. Naf li għandi diffikultajiet biex nitgħallem imma qed nipprova naħdem kemm nista' biex nitjieb. Nixtieq insaqsik biex tagħtini iktar ħin biex nirrispondi għall-mistoqsijiet u tkun ftit iktar paċenzjuża miegħi." L-għalliema kienet impressjonata bil-kuraġġ ta' Puma u qaltlu: " Puma jiddispjaċini li ġegħiltek tħossok. M'għamiltx hekk apposta. Inwiegħedek li l-affarijiet se jinbidlu mil-lum 'il quddiem." Infatti l-għalliema ta' Puma biddlet l-imġiba tagħha lejn Puma. Bdiet tikun iżjed paċenzjuża miegħu, tagħih iktar attenzjoni u tfaħħar iktar l-isforzi tiegħu.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-imġiba tal-għalliema li biha Puma ħassu mweġġa'?
- Kif ħassu Puma dwar din l-imġiba?
- X'kien il-pjan ta' azzjoni ta' Puma? Irnexxa?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossuhom tfal bħal Puma?
- X'jistgħu jagħmlu biex f'din is-sitwazzjoni?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u stqsihom biex jużaw il-folja t'attività biex jaħsbu fi pjan ta' azzjoni biex igħin lil Puma jegħleb din l-isfida. Tista' tiggwidahom billi tagħtihom dawn is-sitwazzjonijiet u tistaqsihom biex jaħsbu f'eżempji speċifiċi.

- Puma għandu jaħseb b'mod pożittiv.
- Puma għandu jaħseb f'modi ta' kif jista' jegħleb id-diffikultajiet li għandu fit-tagħlim.
- Puma għandu jkellem lill-għalliema dwar kif qed iħossu.
- Puma għandu jistaqsi lill-għalliema biex tagħtih iktar ħin.
- Puma għandu jistaqsi lill-ġenituri biex jgħinuh fil-*homework* u l-istudju.
- Puma għandu jħares lejn it-talenti tiegħu u affarijiet oħra li hu tajjeb fihom (i.e. *crafts*, drama, arti, mużika, kant).

6. Kull grupp jippreżenta l-ideat tiegħu quddiem il-klassi u l-klassi kollha tiddiskuti.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri fuq l-esperjenzi ta' meta setgħu ġew imwarrba mill-għalliema. Il-ġenituri jaqsmu esperjenzi personali u jitkellmu fuq l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom f'dawn is-sitwazzjonijiet. Imbagħad il-ġenituri jitkellmu dwar esperjenzi ta' meta ġew aċċettati mill-għalliema u kif din għenithom ipattu għal meta ġew imwarrba.

## META NIĠU MWARRBIN

*Lill-ġenituri: It-tfal se jistaqsukom fuq l-esperjenzi ta' meta stajtu ġejtu imwarrba mill-għalliema. Tistgħu taqsmu esperjenzi personali u titkellmu fuq l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet tagħkom f'dawn is-sitwazzjonijiet. Imbagħad titkellmu dwar esperjenzi ta' meta ġejtu aċċettati mill-għalliema u kif din għenitkom tpattu għal meta ġejtu mwarrba.*

___________________________________________________________________





# IL-PJAN TA' AZZJONI TA' PUMA







# Topik 3: Kif nirrispondu meta nħossuna imwarrba mill-membri tal-familja

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossuhom imwarrba mill-aħwa.

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jħossuhom imwarrba mill-ġenituri minn lenti differenti billi jaħsbu b'mod pożittiv.

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jħossuhom imwarrba mill-ġenituri .

## Attività 1: Ċika tgħid dak li tħoss fuq ħuha

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossuhom imwarrba mill-aħwa.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Naqsam esperjenzi personali ta' meta nħossni mwarrab minn ħuti.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Infittex l-għajnuna', folja t'attività 'Il-ħsibijiet ta' Ċika'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika tħossha mwarrba minn ħuha**

**Ċika għandha ħuha ikbar jismu Mark. Ċika tammira ħafna lil Mark u tieħu gost bil-kumpanija tiegħu. Taħseb li hu bravu u jdaħħaqha ħafna. Kull meta jkollha ftit ċans tilgħab, tistaqsih jilgħab magħha imma t-tweġiba tiegħu dejjem tkun 'le'. Xi kultant ħuha jgħidilha: "Inti għadek żgħira, ma nħobbx nilgħab ma' tfal żgħar." Kull nhar ta' ġimgħa Mark jistieden lil xi annimali oħra biex jiġu jilagħbu d-dar. Il-ġenituri kienu ħallewh iżda qalulu li l-ħbieb iridu jħallu lil Ċika tilgħab magħhom. Iżda Mark ma kienx jżommx kelmtu u jibda jgħajjat ma' Ċika kull darba li tidħol fil-kamra. Kull nhar ta' Ħadd, il-ġenituri ta' Ċika kienu jieħdu l-familja għal ħarġa imma ħu Ċika jgħid: "Jien ma rridx niġi. Ma niħux pjaċir noqgħod ma' oħti għax toqgħod teqred u tibki. Nippreferi noqgħod waħdi." Ċika tħossha mdejqa meta tisma' dan il-kliem u tibda taħseb bejna u bejn ruħha: "Għandi xi ħaġa ħażina! Ħija ma jħobbnix għax neqred u nibki."**

**Darba omm Ċika staqsietha għaliex kienet daqshekk imdejqa. Ċika qaltilha: "Inħossni mdejqa għax Mark ma jridnix nilgħab miegħu. Ma jridnix miegħu. Ma nafx x'se nagħmel." Ommha qaltilha: "Qalbi, ma kontx naf kemm qed tħossok imdejqa minħabba l-imġiba ta' Mark. Issa rridu naħsbu flimkien x'nistgħu nagħmlu. Ninsab ċerta li l-affarijiet jmorru għall-aħjar." Ċika ħassitha aħjar li qasmet dak li kienet qed tħoss m'ommha. Omm Ċika ddiskutiet il-problema ma' Mark u lkoll flimkien ħasbu kif jistgħu isolvuha. Wara ftit Mark beda jħalli lil Ċika tilgħab miegħu u anke saru iktar ħbieb.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-imġiba ta' Mark li biha Ċika ħassitha mweġġa'?
- Kif kienet tħossha Ċika meta Mark kien kien jgħidilha li ma jridx jilgħab magħha?
- X'kienu ftit mill-ħsibijiet negattivi ta' Ċika?
- Kif għenitha d-diskussjoni ma' ommha?
- X'ideat sabu Ċika u ommha biex isolvu l-problema?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossuhom tfal bħal Ċika ?
- X'jistgħu jagħmlu f' din is-sitwazzjoni

5. Uża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' biex tenfasizza li huwa normali li nħossu rabja, frustrazzjoni, dwejjaq u sens ta' inġustizzja meta ngħaddu minn sitwazzjoni bħal din. Enfasizza li meta naqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna ma' xi ħadd li nafdaw inħossuna aħjar u huwa l-ewwel pass biex insolvu l-problema.

6. Għid lill-istudenti biex jaqraw il-ħsibijiet ta' Ċika u jpenġu b'kuluri sbieħ il-ħsibijiet pożittivi, u b'kuluri iktar skuri l-ħsibijiet negattivi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistgħu jpenġu lilhom infushom qabel u wara li jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom ma' xi ħadd li jafdaw fuq il-folja t'attività.

## INFITTEX L-GĦAJNUNA

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal ipenġu lilhom infushom qabel u wara li jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom ma' xi ħadd li jħobbu u jafdaw. Iddiskutu magħhom l-importanza ta' dan u uruhom li dejjem qegħdin hemm biex tisimgħuhom meta għandhom xi ħaġa li jridu jaqsmu magħkom.*

**Penġi lilek innifsek qabel ma taqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħek**



**Penġi lilek innifsek wara li taqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħek**







# IL-ĦSIBIJIET TA' ĊIKA

Se nitkellem mal-mamà biex flimkien insibu soluzzjoni.

Ħija ma jridx jilgħab miegħi imma dan ma jfissirx li hemm xi ħaġa ħażina

Ir-relazzjoni bejni u bejn ħija tista' titijieb.



Ma nafx x'se naqbad nagħmel. Minn kollox ipprovajt u xejn ma ħadem.

Ħija ma jridx jilgħab miegħi imma ma jfissirx li ma jħobbnix.

Għandi xi ħaġa ħażina.





# Attività 2: Il-ħabib ta' Żigu ddiżappuntat bil-ġenituri

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jħossuhom imwarrba mill-ġenituri minn lenti differenti billi jaħsbu b'mod pożittiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naħseb b'mod pożittiv meta nħossni mwarrab mill-ġenituri.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, folja t'attività 'Ħsibijiet pożittivi u negattivi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Oħti dejjem aħjar minni**

**Il-ħabib ta' Żigu, Puma, kellu ħafna diffikultajiet f'bosta suġġetti l-iskola. Kien jipprova mill-aħjar biex jagħmel il-*homework* imma dan kien isibu diffiċli. Kull darba li ommu kienet tasal minn Jum il-Ġenituri, ommu kienet tgħidlu: "Puma, kemm jien iddiżappuntata. Inti tagħmel kollox bil-mod l-iskola. Anqas nista' nemmen kemm inti differenti minn oħtok! Dejjem irċevejt kummenti pożittivi fuq il-progress u l-imġiba t'oħtok." Infatti, Puma kellu oħtu, Fara, li kienet ikbar minnu u kienet tajba f'ħafna affarijiet. Il-ġenituri tagħhom kienu kburin biha u kienu ta' spiss jitkellmu fuq il-kisbiet tagħha l-iskola. Kuljum Puma kien jaħdem fuq il-*homework* imma kien isib diffikulta. Xi kultant ommu kienet tgħinu xi kultant, imma ġieli kienet tirrabja u tgħidlu "Qatt ma titjieb fl-iskola! Għalfejn ma taħdimx iktar bħal oħtok!"**

**Darba Puma ddeċieda li jiftaħ qalbu ma' Żigu: "Qed inħossni mdejjaq ħafna d-dar. Naħseb il-ġenituri ma baqgħux iħobbuni minn mindu bdejt l-iskola. Mhux sewwa li joqgħodu jqabbluni ma' oħti. Inħossni mdejjaq ħafna għax għalkemm nipprova, xorta ma nistax nagħmel lill-ġenituri kuntenti." Żigu sema' lil Puma u qallu: "Għandek raġun. Kulħadd tajjeb f'xi ħaġa. Per eżempju, oħtok tajba fil-Matematika, fl-Ingliż u fil-qari, imma inti tajjeb ħafna fil-mużika, biex tirreċta u biex tpenġi. Niftakar kemm kienu kburin il-ġenituri tiegħek meta ġew jarawk tirreċta l-iskola s-sena li għaddiet. Tiftakar Puma? U niftakar il-*party* li kienu organizzaw meta kont irbaħt dak il-premju tal-aħjar tpenġija. Naħseb huwa importanti li titkellem magħhom fuq kif qed tħossok." L-għada Puma mar ikellem lill-ġenituri tiegħu fuq kif kien qed iħossu. Il-ġenituri spjegawlu li xi kultant ikunu għajjenin u kienu jirrabjaw malajr. Serrħulu moħħu li huma kienu kburin bih u li jħobbuh ħafna. Qalulu ukoll li mhux ser isemmu iktar lil Fara meta jkunu qed jitkellmu miegħu dwar ix-xogħol tal-iskola.**

**Wara d-diskussjoni, Puma ħaseb bejnu u bejn ruħu: "Żigu kellu raġun. Il-ġenituri jixtiequ li mmur aħjar l-iskola, imma jħobbuni ħafna. Ikolli ħafna mumenti sbieħ magħhom fil-vaganżi u fi tmiem il-ġimgħa. Naħseb xi kultant ikunu inkwetati fuq kif sejjer l-iskola u mhux dejjem ikunu jafu x'għandhom jagħmlu." Puma ħassu ħafna aħjar. Issa deda jħares lejn l-imġiba tal-ġenituri minn b'mod differenti u jara ukoll il-mumenti sbieħ.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-imġiba tal-ġenituri li biha Puma ħassu mweġġa'?
- Kif ħassu Puma b'din l-imġiba?
- X'ħaseb fuqu u fuq il-ġenituri tiegħu?
- X'qal Żigu lil Puma?
- Kif għenet lil Puma d-diskussjoni ma' Żigu u mal-ġenituri? Kif beda jaħseb wara?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossuhom tfal bħal Puma ?
- X'jistgħu jagħmlu f'din is-sitwazzjoni?

5. Uża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' biex tenfasizza li huwa normali li nħossu rabja, frustrazzjoni, dwejjaq u sens ta' inġustizzja meta ngħaddu minn sitwazzjoni bħal din. Enfasizza li meta naqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna ma' xi ħadd li nafdaw se nħossuna aħjar u huwa l-ewwel pass biex insolvu l-problema.

6. Fuq il-folja t'attività, l-istudenti jistgħu jpenġu b'kuluri sbieħ il-ħsibijiet pożittivi, u b'kuluri iktar skuri l-ħsibijiet negattivi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistgħu jieħdu l-folja t'attività d-dar u jispjegaw lill-ġenituri d-differenzi bejn ħsieb pożittiv u ħsieb negattiv marbuta mar-relazzjoni mal-ġenituri. Il-ġenituri jiddiskutu mat-tfal il-ħsieb pożittiv u negattiv meta niġu aċċettati jew imwarrba.

## ĦSIBIJIET POŻITTIVI U NEGATTIVI

*Lill-ġenituri: Ħarsu lejn il-folja t'attività tat-tfal u għinuhom jifhmu d-differenza bejn ħsieb pożittiv u ħsieb negattiv marbut mar-relazzjoni mal-ġenituri. Tistgħu tużaw l-ħsibijiet tagħkom stess waqt sfida bħala eżempji.*

____________________________________________________________






Ninsab ċert li l-ġenituri jħobbuni.
Naħseb li l-ġenituri ma baqgħux iħobbuni minn mindu bdejt l-iskola.
Għalkemm qed nipprova ħafna, xorta mhux qed jirnexxili nagħmilhom kuntenti.
Għandi ħafna mumenti sbieħ mal-ġenituri waqt vaganzi u fi tmiem il-ġimgħa.
Inħoss li l-ġenituri ma jaċċettawnix kif jien.
Il-ġenituri tiegħi jieħdu ħsiebi u għalhekk jinkwetaw fuq kif immur l-iskola.
Il-ġenituri jħobbuni biss jekk inkun bħal oħti.
Oħti tajba fil-Matematika, fl-Ingliż u fil-qari imma jien tajjeb fil-mużika, biex nirreċta u npenġi.





# Attività 3: Puma jħossu mwarrab mill-ġenituri

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jħossuhom mwarrba mill-ġenituri .

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Infassal pjan ta' azzjoni meta nħossni mwarrab/mwarrba mill-ġenituri.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'L-imġiba tal-ġenituri'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 2 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet l-imġiba tal-ġenituri li biha Puma ħassu mweġġa'?
- Kif ħassu Puma b'din l-imġiba?
- X'ħaseb fuqu u fuq il-ġenituri tiegħu?
- X'qal Żigu lil Puma?
- Kif għenet lil Puma d-diskussjoni ma' Żigu u mal-ġenituri? Kif beda jaħseb wara?
- X'kien il-pjan ta' azzjoni ta' Puma?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossuhom tfal bħal Puma ?
- X'jistgħu jagħmlu f'din is-sitwazzjoni?

5. Aqsam il-klassi fi tliet gruppi u bl-użu tal-folja t'attività staqsihom biex jaħsbu f'azzjonijiet speċifiċi li jista' jwettaq Puma. L-ewwel grupp jiffoka fuq azzjonijiet ma' oħtu, it-tieni grupp fuq azzjonijiet mal-ġenituri, u t-tielet grupp fuq azzjonijiet mal-ħabib tiegħu Żigu. Il-gruppi jippreżentaw ix-xogħol tagħhom quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom xi imġiba min-naħa tal-ġenituri li tista' tweġġa' lit-tfal. Il-ġenituri jiddiskutu mat-tfal x'jistgħu jagħmlu it-tfal f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

## L-IMĠIBA TAL-ĠENITURI




*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal biex jaħsbu f'xi imġiba min-naħa tal-ġenituri li tista' tweġġa' lit-tfal. Tistgħu tiddiskutu mat-tfal x'jistgħu jagħmlu f' sitwazzjonijiet bħal dawn.*

---





# AZZJONIJIET MA' OĦT PUMA







# AZZJONIJIET MAL-ĠENITURI TA' PUMA







# AZZJONIJIET MA' SIEĦBU, ŻIGU







# SOTTOTEMA 3
# Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja

**Kunflitt serju bejn il-ġenituri jew bejn membri oħra tal-familja kif ukoll separazzjoni jew divorzju jistgħu jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa tat-tfal, speċjalment fl-iżvilupp soċjali u emozzjonali tagħhom. Din is-sottotema tiffoka kif nistgħu ngħinu lit-tfal jilqgħu għal sfidi bħal dawn, bħal emozzjonijiet negattivi (bħal rabja, konfużjoni, dwejjaq, sens ta' ħtija, nuqqas ta' sabar) marbuta mal-kunflitt bejn il-ġenituri u bejn membri oħra tal-familja. L-attivitajiet jippreparaw lit-tfal għal sitwazzjonijiet li ftit li xejn għandhom kontroll fuqhom, billi jitgħallmu kif jipproteġu lilhom infushom mill-ħsara li jistgħu jħallu dawn l-esperjenzi, kif jistgħu jħarsu lejn dawn l-esperjenzi minn lenti differenti, kif joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u x'jistgħu jagħmlu f'dawn is-sitwazzjonijiet. Fl-ewwel topik, it-tfal jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta iġarrbu kunflitt mal-aħwa, iħarsu lejn din l-esperjenza minn lenti differenti, joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u jidentifikaw il-passi li jistgħu jieħdu biex jegħlbu din l-isfida. It-tieni u t-tielet topiks jgħinu lit-tfal jirrispondu għal kunflitt bejniethom u l-ġenituri, u bejn il-ġenituri stess, rispettivament.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1** | **KIF NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT MAL-AĦWA** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • IFASSLU PJAN TA' AZZJONI F' KUNFLITT MAL-AĦWA BILLI JISTAQSU LILL-ĠENITURI GĦALL-GĦAJNUNA. |
| **TOPIK 2** | **KIF NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT MAL-ĠENITURI** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • IFASSLU PJAN TA' AZZJONI F' KUNFLITT MAL-ĠENITURI. |
| **TOPIK 3** | **KIF NIRRISPONDU META JKUN HEMM KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JESPRIMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET MA' ADULT LI JAFDAW META JKUN HEMM KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jesprimu l-emozzjonijet tagħhom dwar kunflitt fil-ħajja ta' kuljum. Dan ifisser li jesprimu ruħhom b'mod kalm mal-ġenituri jew ma' ħuthom jekk hemm nuqqas ta' qbil. Għinhom jifmhu li meta jargumentaw iżżejjed, dan jista' jħalli impatt negattiv kemm fuqhom u kemm fuq ħaddieħor.

2. Fakkar lill-istudenti li biex nirrisolvu kunflitt, għandna bżonn nitgħallmu nisimgħu opinjonijiet differenti u nsibu soluzzjoni mingħajr ma jnużaw vjolenza verbali jew fiżika.

3. Meta jkun hemm kunflitt l-iskola, isma' l-fehma tal-istudenti ħalli inti wkoll timmudella l-empatija u l-ħila li tisma' u tifhem, u mingħajr ma titfa' tort, u għin lill-istudenti jifmhu r-responsabbiltà tagħhom fil-kunflitt.

4. Għin lit-tfal jifmhu li ħafna drabi huwa importanti li nevitaw il-kunflitt fejn nistgħu. Għinhom jaħsbu fi strateġiji li jgħinuhom jevitaw il-kunflitt.

# Topik 1: Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-aħwa

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Ifasslu pjan ta' azzjoni f'kunflitt mal-aħwa billi jistaqsu lill-ġenituri għall-għajnuna.

## Acivity 1: Ċika jkollha xi tgħid ma' oħtha

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Ifasslu pjan ta' azzjoni f'kunflitt mal-aħwa billi jistaqsu lill-ġenituri għall-għajnuna.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Infassal pjan ta' azzjoni meta jkolli xi ngħid ma' ħuti billi nitlob lill-ġenituri għall-għajnuna.

### *Livell*

Livell bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Kunflitt bejn l-aħwa'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Oħti tweġġagħni**

**Ċika u oħtha Talia kienu qrib xulxin fl-età. It-tnejn iħobbu jitilgħu mas-siġar, jagħmlu l-kutrumbajsi u jaqraw il-kotba fuq l-annimali tal-foresta. Meta ż-żewġt aħwa kien ikollhom ftit ħin, kienu jħobbu jilagħbu flimkien. Imma ħafna drabi ma kinux jiftiehmu fuq liema logħba se jilagħbu. Ċika tħoss li Talia dejjem tkun trid tilgħab il-logħba li trid hi u dejjem tibdel ir-regoli tal-logħba biex tirbaħ hi. U sikwit kienu jispiċċaw jiġġieldu. Meta jiġġieldu, Talia tgħajjar lil Ċika u Ċika tħossha mweġġa' u ħafna drabi tmur fil-kamra tagħha tibki.**

**Darba Ċika ddeċidiet li tkellem lill-papà tagħha u qaltlu kemm kienet imdejqa bl-imġiba ta' Talia u talbitu jgħinha. Missierha semagħha sew u qalilha "Ċika, nifhem kif qed tħossok u**

**għamilt sewwa li ġejt tgħidli kif qed tħossok. Naħseb li Talja ma tagħmilx hekk apposta biex tweġġgħek imma xi kultant ma tkunx tista' tikkontrolla lilha nfisha." Ċika ħassitha aħjar bil-kliem tal-papà. Missier Ċika kompla: "Għandek xi ideat x'tista tagħhmel?" Ċika ħasbet ħafna u mbagħad qalet: "Nistgħu nagħmlu skeda u fuqha niktbu liema ġranet se nagħżel il-logħba jien u liema ġranet se tagħżel il-logħba Talia. U jekk ma timxix mal-iskeda, ma nilgħabx magħha." "X'idea tajba! Proset Ċika!" qalilha missierha. U mbagħad Ċika kompliet: "Meta nara li Talia ma tistax tikkontrolla lilha nfisha, noħroġ mill-kamra." Ċika ħassitha aħjar issa li kellha pjan ta' azzjoni biex tegħleb din l-isfida.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għaliex kellha xi tgħid Ċika ma' oħtha Talia?
- Kif kienet tħossha Ċika meta kienet tiġġieled ma' oħtha?
- Kif għenet id-diskussjoni ta' Ċika ma' missierha?
- X'kienu ftit mill-azzjonijiet li ħasbet fihom Ċika?
- X'taħseb dwarhom? Taħseb li se jkunu ta' suċċess?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tafu b'xi ħadd li jkollu xi kunflitt ma' ħutu?
- Kif tħossha din il-persuna fuq il-kunflitt?
- Tkellmet ma' xi ħadd fuq is-sitwazzjoni?
- Għamlet xi ħaġa biex tbiddel is-sitwazzjoni? Jekk iva, x'għamlet u kif ħassitha wara?

5. Agħti lill-istudenti ċ-ċans li jagħhmlu *role play* tad-diskussjoni li kellha Ċika ma' missierha. Ħeġġiġhom iżidu iktar ideat fil-pjan ta' azzjoni biex ikunu jistgħu jsolvu jew jevitaw il-kunflitt.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jaqsmu mal-ġenituri drabi fejn kellhom kunflitt mal-aħwa u ltaqgħu ma' diffikultà biex isolvuh. Il-ġenituri jiddiskutu xi ideat li t-tfal jistgħu jużaw biex jsolvu l-kunflitt mal-aħwa.

## KUNFLITT BEJN L-AĦWA




*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal biex jaqsmu magħkom drabi fejn kellhom xi igħidu mal-aħwa u sabu diffikultà jsolvu dan il-kunflitt. Imbagħad iddiskutu u flimkien aħsbu f'xi ideat ta' kif it-tfal jistgħu jevitaw il-kunflitt ma' ħuthom.*





# Topik 2: Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Ifasslu pjan ta' azzjoni f' kunflitt mal-ġenituri.

## Attività 2: Kunflitt mal-ġenituri

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jsolvu kunflitt mal-ġenituri.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Infassal pjan ta' azzjoni biex nsolvi kunflitt li jista' jkolli mal-ġenituri.

### *Livell*

Livell Intermedju

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-kunflitt ta' Żigu u Ċika mal-ġenituri'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra dawn l-istejjer lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**a. Meta Żigu jasal id-dar wara l-iskola, ħafna drabi jixtieq joħroġ jilgħab fil-ġnien. Ommu issejjaħlu bil-mod biex jiġi jiekol imma ħafna drabi ma jkunx jixtieq jieqaf jilgħab ma' sħabu u ommu trid terġa' ssejjaħ lil Żigu biex jidħol iktar minn darba. Wara li jkun kiel, missier Żigu jgħidlu biex jagħmel il-*homework* imma Żigu jgħidlu li hu wisq għajjien u jixtieq jistrieħ għal ftit ħin. Il-ġenituri ta' Żigu jibdew jgħajtu miegħu u tqum ġlieda.**

**b. Il-ġimgħa wara nofsinhar omm Ċika wiegħditha li se jmorru jaraw film filgħaxija. F'daqqa waħda, ħabib tal-familja ċempel li se jiġi jżur il-familja. Minħabba dan, omm Ċika qaltilha li l-ħarġa se jkollhom iħassruha. Ċika tirrabja ħafna ma' ommha. Omm Ċika tispjega li ma kinitx għażla ħafifa imma Ċika tinsisti li ommha terġa' ċċempel lill-ħabib u tgħidlu biex ma**

**jiġix. Fl-aħħar omm Ċika tirrabja magħha u tgħidilha biex tmur fil-kamra tagħha. Ċika taqla' kastig – ma tistax tilgħab bil-*laptop* il-ġurnata kollha.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kienu jħossuhom Ċika, Żigu u l-ġenituri tagħhom meta jkollhom xi jgħidu?
- X'setgħu għamlu differenti l-ġenituri biex jevitaw il-kunflitt?
- X'setgħu għamlu differenti Ċika u Żigu biex jevitaw il-kunflitt mal-ġenituri?

4. Enfasizza li l-ġenituri bħala adulti għandhom responsabbiltà fil-kunflitt imma xorta hemm affarijiet li t-tfal jistgħu jagħmlu b'mod differenti biex huma wkoll jevitaw il-kunflitt.

5. Introduċi xi affarijiet prattiċi li l-istudenti jistgħu jagħmlu biex jevitaw kunflitt:

a. Jikkomunikaw il-bżonnijiet tagħhom lill-ġenituri b'mod effettiv u kalm.

b. Jipprovaw iħarsu lejn il-problema mill-lenti tal-ġenituri.

c. Jiddiskutu u jinnegozjaw mal-ġenituri kif il-bżonnijiet tat-tfal jiġu mħarsa b'mod li huwa aċċettat miż-żewġ naħat (kemm min-naħa tat-tfal u anke min-naħa tal-ġenituri).

6. Imbagħad morru lura għall-istejjer u staqsihom jipprovaw dawn l-ideat.

Per eżempju: Żigu jasal lura d-dar mill-iskola u jixtieq joħroġ jilgħab fil-ġnien. Ommu ssejjaħlu bil-mod biex jidħol jiekol imma ma jridx jieqaf jilgħab. Żigu għandu jgħid b'vuċi kalma: "Ma, inħossni għajjien u għandi bżonn nilgħab ftit ma' sħabi." (skont idea 'a'). Omm Żigu: "OK nifhem il-punt tiegħek imma mbagħad se jiksaħlek l-ikel. Daqt irridu nieklu." Żigu: "OK. Nifhem x'qed tgħid (skont idea 'b'). Nista' nilgħab għal għaxar minuti oħra? (skont idea 'ċ').

7. Kull grupp jagħmel reċta tas-sitwazzjoni.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jaqsmu mal-ġenituri l-kunflitt li kellhom Żigu u Ċika mal-ġenituri tagħhom. Jistgħu jaħsbu fi drabi oħra fejn kellhom kunflitt mal-ġenituri. Il-ġenituri jiddiskutu xi ideat li t-tfal jistgħu jużaw meta jkollhom kunflitt magħhom.

## IL-KUNFLITT TA' ŻIGU U ĊIKA MAL-ĠENITURI

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal fuq il-kunflitt li kellhom Żigu u Ċika mal-ġenituri tagħhom (fl-istejjer li għamlu fil-klassi). Ħeġġu lit-tfal jiftakru fi drabi oħra fejn għaddew minn esperjenza ta' kunflitt magħkom stess u flimkien iddiskutu xi ideat ta' kif tistgħu tevitaw u ssolvu dan il-kunflitt.*





# Topik 3: Kif nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ma' adult li jafdaw meta jkunu qed jiffaċċjaw kunflitt bejn il-ġenituri.

## Attività 3: Il-ġenituri tiegħi l-ħin kollu jiġġieldu

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ma' adult li jafdaw meta jkunu hemm kunflitt bejn il-ġenituri.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ma' xi ħadd li nafda meta jkun hem kunflitt bejn il-ġenituri.

### *Livell*

Livell avvanzat

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Kunflitt bejn il-ġenituri'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ommi u missieri jiġġieldu**

**Żigu jieħu pjaċir iqatta' ħin mal-familja tiegħu. Jagħmlu ħafna affarijiet sbieħ flimkien. Joħorġu sal-ġnien flimkien u f'xi Ħdud jagħmlu ħarġa u joqogħdu jilagħbu fil-ħaxix. Imma xi kultant l-affarijiet ma jmorrux tajjeb u l-ġenituri jibdew jargumentaw fuq ħafna affarijiet. Meta jiġri dan, Żigu ma jifhimx eżatt x'ikun qed jiġri. Ommu u missieru jibdew jgħajtu ma'**

**xulxin. Wara ftit ommu tibda tibki, u missieru jitlaq jimxi fil-ġnien. Żigu ma jkunx jaf x' għandu jagħmel meta ommu u missieru jkunu qed jiġġieldu. Ħafna drabi jkun imdejjaq u jibda jibki. Ġieli jħoss li jkun tort tiegħu. Jixtieq kieku li jgħin lill-ġenituri tiegħu biex jitkellmu flimkien b'mod kalm u ma jiġġildux imma ma jafx kif.**

**Darba waqt li Żigu kien qed jilgħab fil-ġnien ratu Ċika u qaltlu: "Ara Żigu! Kif inti llum?" "Ma tantx jien tajjeb Ċika. Il-ġenituri tiegħi reġgħu bdew jiġġieldu u kelli nitlaq," weġibha Żigu. Ċika qaltlu: "Nifhem kif qed tħossok Żigu. Xi kultant tiġri lili wkoll. Għandi idea x'tista' tagħmel. Meta l-ġenituri jkunu kalmi, tista' tkellimhom u tgħidilhom jgħinuk x'tista' tagħmel f'din is-sitwazzjoni. B'dan il-mod, il-ġenituri jifhmu li d-darba li jmiss li jkollhom xi ħaġa serja x'jiddiskutu, ikun aħjar kieku jmorru f'parti oħra tal-ġnien." Żigu ħaseb ftit fuq kliem Ċika: "Grazzi Ċika. Tidher idea tajba li tista' taħdem. Nippruvaha."**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kien jiġri xi kultant fil-familja ta' Żigu?
- Kif kien iħossu Żigu meta l-ġenituri tiegħu kienu jiġġieldu?
- Xi ħsibijiet negattivi kien ikollu Żigu?
- X'issuġġerietlu Ċika li jagħmel?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossuhom tfal bħal Żigu?
- X'jistgħu jagħmlu biex ibiddlu s-sitwazzjoni?

5. Uża l-pupazzi biex tirreċta sitwazzjoni fejn Żigu jmur għand skwiril xiħ u għaref biex jistaqsih għal parir fuq is-sitwazzjoni diffiċli li qed iġarrab. L-iskwiril għandu dan il-parir għat-tfal tal-klassi:

**"Tfal, jekk il-ġenituri tagħkom ikollhom xi jgħidu bejniethom, huwa OK jekk tħossukom imdejqin jew tibdew tħarsu lejn in-naħa l-kerha tal-ħajja. Huwa OK jekk ikollkom bżonn tibku. Iżda jkun ta' għajnuna ukoll li taqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħkom ma' xi ħadd li tafdaw (adulti bħall-ġenitur, zijiet, għalliema, eċċ.). Nixtieqkom tiftakru wkoll li l-kunflit huwa bejn l-adulti (bejn il-ġenituri) u m'għandux x'jaqsam mal-imġiba tagħkom. Meta l-ġenituri jiġġieldu, ma jkunx tort tagħkom."**

6. Ħeġġeġ lill-istudenti jgħinu lil Żigu jikseb ftit distanza bejnu u bejn il-problema u jħares lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja fil-familja. Aqsam il-klassi fi gruppi u staqsihom biex jidentifikaw il-ħsibijiet pożittivi u negattivi ta' Żigu fil-folja t'attività.

7. Stieden lill-istudenti biex jipprattikaw kif jesprimu xi ħsibijiet pożittivi u jaħsbu fi pjan ta' azzjoni quddiem din id-diffikultà. Stidinhom jagħmlu reċta b'dawn il-ħsibijiet pożittivi u pjanijiet ta' azzjoni.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jpenġu stampa ta' tifel/tifla b'esperjenza ta' kunflitt bejn il-ġenituri. Imbagħad juruha lill-ġenituri tagħhom, jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom dwar il-kunflitt bejn il-ġenituri, u jiddiskutu xi ideat ta' x' jistgħu jagħmlu f'din is-sitwazzjoni.

## KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal ipenġu stampa ta' tifel/tifla f'xena ta' kunflitt bejn il-ġenituri. Staqsuhom jaqsmu xi ħsibijiet u emozzjonijiet dwar dan, u pprovaw ħarsu lejn is-sitwazzjoni mil-lenti tat-tfal. Żommu f'moħħkom li permezz tat-tpenġija, it-tfal jistgħu jkunu qegħdin jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom stess dwar xi kunflitt fil-familja. Iddiskutu mat-tfal x'jistgħu jagħmlu f' sitwazzjoni ta' kunflitt bejn il-ġenituri.*






Kulħadd jiġġieled xi darba jew oħra.
Anke jekk niddejjaq ħafna, huwa OK meta xi drabi l-ġenituri
Anke jekk il-ġenituri tiegħi jiġġieldu, xorta jħobbu lil xulxin.
Meta l-ġenituri jiġġieldu, nista' mmur fil-kamra tiegħi u nsib xi ħaġa x'nagħmel.
Il-ġenituri tiegħi dejjem se jiġġieldu.
Meta l-ġenituri jiġġieldu jkun tort tiegħi.
Bħalissa l-ġenituri għaddejjin minn żmien ħażin imma l-affarijiet se jitjiebu.




# SOTTOTEMA 4
# Kif nirrispondu meta nġarrbu telfa

**Ir-reazzjoni tat-tfal meta jgħaddu minn telfa tiddependi fuq il-livell tal-iżvilupp tagħhom, l-isfond kulturali tagħhom, ir-reazzjoni tal-adulti ta' madwarhom, u t-tip ta' telfa li jkunu ġarrbu. Apparti minn dawn il-fatturi, it-tfal jirreaġixxu għal telfa f'modijiet differenti. Tfal żgħar ħafna jistgħu jorbtu t-telf ta' xi ħadd ma' tip ta' ħsieb li jissejjaħ 'magical thinking'. Pereżempju, it-tfal jistgħu jaħsbu li huma setgħu kkawżaw il-mewt ta' xi ħadd billi ħasbu fuq hekk jew inkella li xi ħadd li miet jista' jerġa' jqum. Tfal fis-snin tal-primarja jibdew jifhmu l-idea li l-mewt hi permanenti. F'din l-età, it-tfal jistgħu jaħsbu li l-mewt tiġri lil ħaddieħor iżda ma tistax tiġri lilhom jew lill-familja tagħhom. Fi żmien ta' telfa, it-tfal għandhom jitħallew jgħaddu min-niket u l-weġgħa ta' qalb li l-mewt tista' tħalli u l-adulti għandhom juruhom li huwa normali li ġġarrab emozzjonijiet differenti meta tgħaddi minn telfa. L-adulti għandhom ikunu kemm jista' jkun diretti u onesti fuq dak li ġara, u jirrispondu l-mistoqsijiet tat-tfal biex jgħinuhom jifmhu x'ġara. It-tfal għandhom ikunu mħeġġa jesprimu kif qed iħossuhom b'modi kreattivi u għandhom iżommu r-rutina tagħhom tas-soltu. Fl-aħħarnett, meta t-tfal qed iġarrbu xi tip ta' telfa, l-adulti li jieħdu ħsiebhom għandhom jassigurawhom li se jkunu hemm għalihom u li hemm nies li jistgħu jkunu ta' appoġġ għalihom (NASP, 2003). Dawn l-attivitajiet ġew iddisinjati bil-ħsieb tal-istadji differenti li t-tfal jgħaddu minnhom meta jġarrbu telfa u l-aħjar modi kif l-adulti u l-ħbieb jistgħu jgħinuhom. F'din is-sottotema, it-tfal se jitgħallmu jidentifikaw dawk in-nies li jistgħu jmorru għandhom għall-għajnuna, jiddeskrivu min jista' jgħinhom jekk jitilfu annimal jew ġugarell favorit, u jidentifikaw in-nies importanti fis-*support system* tagħhom**

| Għanijiet tat-Tagħlim | KIF NIRRISPONDU META NĠARRBU TELFA |
|---|---|
| | • JIDENTIFIKAW L-EMOZZJONIJIET MARBUTA MAL-ESPERJENZA TA' TELFA.<br>• JESPRIMU KIF ĦASSEWHOM META KELLHOM ESPERJENZA TA' TELFA.<br>• JIDENTIFIKAW MEMORJA SPEĊJALI LI QASMU MA' XI ĦADD. |

# Għajnuniet għall-Għalliema

1. Agħti lill-istudenti l-opportunità li jirrakkuntaw l-istorja tagħhom u ismagħhom sew. Meta ssir taf bi student fil-klassi li tilef lil xi ħadd li jħobb, iltaqa' mal-klassi u infurmahom b'dak li qed jiġri (dejjem jekk il-familja u l-istudent innifsu jkunu jixtiequ) u flimkien iddiskutu xi affarijiet li tistgħu tagħmlu biex tgħinuh. Oqgħodu attenti li tħallu lill-istudenti jirrispondu għat-telfa bil-mod li jixtiequ huma.

2. Tista' tistaqsi lill-istudenti biex jagħmlu collage biex jiċċelebraw il-memorja tal-persuna, jew ta' dik il-ħaġa speċjali li tilfu.

3. Biex tagħti l-ispazju lill-istudenti jiftakru f'memorji speċjali, staqsihom iġibu l-iskola xi ħaġa li tfakkarhom fi żmien speċjali. Dan jista' jkun ritratt, oġġett, stampa, eċċ. L-istudenti jistgħu jaqsmu l-memorji tagħhom waqt *circle time*.

# Attività 1: Uċuh u emozzjonijiet

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw l-emozzjonijiet marbuta mal-esperjenza ta' telfa.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf x'iħossu t-tfal meta jġarrbu xi telfa.

## *Livell*

Bażiku

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', stampi ta' emozzjonijiet differenti maqtugħin minn rivisti qodma (inkludi d-dwejjaq, il-biża', il-konfużjoni, l-inkwiet, il-ħtija, is-solitudni, u l-anzjetà), folja t'attività 'Meta titlef xi ħaġa jew xi ħadd li tħobb...', folja t'attività 'X'nistgħu nagħmlu biex nġarrbu telfa', kuluri.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

**It-telfa taz-zija Luna**

**Ċika kienet xortija tajba li kellha liz-zija Luna bħala parti mill-familja tagħha. Iz-zija Luna kienet tagħti ħafna pariri siewja lil Ċika meta kien ikollha xi problemi mal-ħbieb. Darba, Ċika marret tilgħab ma' Żigu u l-ħbieb tagħha bħalma kienet tagħmel kuljum. Imma sakemm waslet irċeviet aħbar kerha. Iz-zija Luna kienet qed tipprova ġġib xi ikel minn siġra meta waqgħet, weġġgħet u tilfet ħafna xewk. Ċika kienet taf li meta l-qniefed kienu jitilfu ħafna xewk kien ifisser li huma mweġġgħin serjament. Ċika kienet inkwetata. Il-familja marru jżuru liz-zija Luna fejn it-tabib kien qed jieħu ħsiebha imma kien tard wisq. Il-mamà u l-papà ta' Ċika kienu mdejqin ħafna imma spjegaw lil Ċika dak li kien ġara: Iz-zija Luna kienet waqgħet u mietet. Għall-ewwel Ċika ħassitha irrabjata li ġara dan kollu. Ħasbet li kien tort tal-ġenituri tagħha talli ma ħadux ħsieb iz-zija Luna. Imbagħad ħassitha mdejqa ħafna u**

**għamlet żmien twil tibki. Ħasset vojt f'qalbha mingħajr iz-zija. F'dan iż-żmien diffiċli, il-familja ta' Ċika kienu dejjem hemm biex jgħannquha u jfissduha meta kellha bżonnhom. Il-ħbieb tagħha għenuha wkoll billi lagħbu magħha u kienu jifhmuha meta ma kienx ikollha aptit titkellem. Wara xi xhur, Ċika ħassitha kuraġġuża biżżejjed biex tagħmel kaxxa tal-memorji mal-ġenituri tagħha. F'din il-kaxxa speċjali ġabret flimkien l-affarijiet speċjali kollha li kienu jfakkruha fiz-zija Luna. Meta bdiet tiftakar f'dawk il-memorji sbieħ, Ċika ħassitha ftit aħjar. Għalkemm xorta kienet tħoss in-nuqqas taz-zija Luna, ħasset ukoll qalbha timtela bil-ferħ għax iz-zija Luna dejjem kien se jkollha post speċjali ġewwa qalbha.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'emozzjonijiet għaddiet minnhom Ċika meta mietet iz-zija tagħha?
- X'għamlu l-familja u l-ħbieb tagħha biex jgħinuha?
- Kif ħassitha Ċika fl-aħħar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
- Kif jistgħu jħossuhom it-tfal meta jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu?
- Min huma dawk in-nies li jipprovdu ħafna mħabba u għajnuna meta t-tfal jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu?
- X'jistgħu jagħmlu iżjed it-tfal dwar l-emozzjonijiet differenti li jistgħu jgħaddu minnhom meta meta jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu?

5. Poġġi l-istampi tal-emozzjonijiet fiċ-ċentru taċ-ċirku u staqsi lill-istudenti jagħżlu stampa li turi kif jistgħu jħossuhom it-tfal meta jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu. L-istudenti jispjegaw ir-raġuni għalfejn għażlu dik l-istampa u jipprovaw jidentifikaw l-emozzjoni. Flimkien magħhom, agħmel lista tal-emozzjonijiet kollha li t-tfal jistgħu jħossu meta jġarrbu xi telfa.

6. Qassam il-folja t'attività 'Meta titlef xi ħaġa jew xi ħadd li tħobb....' lill-istudenti u staqsihom biex ipenġu emozzjoni li t-tfal jgħaddu minnha meta jgħaddu minn telfa.

7. It-tfal jistgħu jippreżentaw l-emozzjoni li pinġew. Ibda diskussjoni bl-użu ta' dawn il-mistoqsijiet:

- X'emozzjoni pinġejt? (eż: rabja)
- Kif inkunu nafu li qed inħossuna b'dan il-mod? (eż: insabbtu saqajna, inħarsu bl-ikrah, nirrabjaw malajr mal-oħrajn, nitilfu l-paċenzja, eċċ.)
- X'nistgħu nagħmlu biex nġarrbu dawn l-emozzjonijiet? (eż: ngħoddu minn wieħed sa għaxra biex nikkalmaw, nistgħu nitkellmu ma' adult, nagħmlu xi eżerċizzju, eċċ.)



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jintervistaw xi membri tal-familja dwar meta ġarrbu xi telfa. Jistaqsuhom dwar kif ħassewhom, kif indunaw li qed iħossuhom hekk, kif ġarrbu t-telfa, u jekk biż-żmien qalibx għall-aħjar. L-istudenti jfittxu xi stampi ta' x'ħassew xi membri mill-familja u kif ġarrbu t-telfa.

**META TITLEF XI ĦAĠA JEW XI ĦADD LI TĦOBB...**



## X'NISTGĦU NAGĦMLU META ĠARRBU TELFA




*Lill-ġenituri:It-tfal se jintervistaw xi membri tal-familja dwar xi telfa li huma ġarrbu. Jistgħu jistaqsuhom kif ħassewhom, kif indunaw li qed iħossuhom hekk, kif ġarrbu t-telfa, u jekk biż-żmien qalibx għall-aħjar. Staqsu lit-tfal biex ifittxu xi stampi ta' x'ħassew xi membri mill-familja u kif ġarrbu t-telfa.*

___





# Attività 2: X'ħassejt

## L-Għan tat-Tagħlim

Jesprimu kif ħassewhom meta għaddew minn telfa.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nesprimi kif ħassejtni meta għaddejt minn telfa.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Kif ħassejtni meta tlift xi ħaġa/xi ħadd speċjali għalija', folja t'attività 'Kif iffaċċjajt il-problema'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'emozzjonijiet għaddiet minnhom Ċika meta mietet iz-zija tagħha?
- X'għamlu l-familja u l-ħbieb tagħha biex jgħinuha?
- X'għamlet Ċika biex tibqa' tiftakar liz-zija Luna?
- Kif ħassitha Ċika fl-aħħar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif jistgħu jħossuhom it-tfal meta jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu ħafna?
- Min huma dawk in-nies li jipprovdu ħafna mħabba u għajnuna meta t-tfal jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu ħafna?

- X'jistgħu jagħmlu iżjed it-tfal dwar l-emozzjonijiet differenti li jistgħu jgħaddu minnhom meta meta jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu?
- X'memorji jista' jkollna tal-ħaġa, annimal jew persuna li nkunu tlifna?

5. L-istudenti jpenġu kif ħassewhom meta tilfu lil xi ħadd jew xi ħaġa li kienu jħobbu (ġugarell, annimal, xi ħadd jiġi minnhom) fuq il-folja t'attività. L-istudenti jistgħu jagħżlu li ma jipparteċipawx jekk jixtiequ.



### *Attività għad-Dar*

Fl-ewwel nofs tal-folja t'attività, l-istudenti jpenġu kif ħassewhom meta għaddew mit-telfa. Fit-tieni nofs, jpenġu lilhom infushom jipprovaw jirrispondu għal dik l-emozzjoni.

## KIF ĦASSEJTNI META TLIFT XI ĦAĠA/XI ĦADD SPEĊJALI GĦALIJA

RIŻORSI







# KIF IFFAĊĊJAJT IL-PROBLEMA

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Fl-ewwel nofs tal-folja t'attività, it-tfal ipenġu kif ħassewhom meta għaddew mit-telfa. Fit-tieni nofs, ipenġu lilhom infushom jipprovaw jirrispondu għal dik l-emozzjoni.*

---





# Attività 3: Memorja speċjali

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw memorja speċjali li qasmu ma' xi ħadd.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi memorja speċjali li qsamt ma' xi ħadd.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karta A3, żebgħa, folja t'attività 'Niftakar xi tlift'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'emozzjonijiet għaddiet minnhom Ċika meta mietet iz-zija tagħha?
- X'għamlu l-familja u l-ħbieb biex jgħinuha?
- X'għamlet Ċika biex tibqa' tiftakar liz-zija Luna?
- Kif ħassitha Ċika wara li għamlet il-kaxxa tal-memorji?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif jistgħu jħossuhom it-tfal meta jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu ħafna?
- Min huma dawk in-nies li jipprovdu ħafna mħabba u għajnuna meta t-tfal jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu ħafna?
- X'jistgħu jagħmlu iżjed it-tfal dwar l-emozzjonijiet differenti li jistgħu jgħaddu minnhom meta meta jitilfu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu?

5. Staqsi lill-istudenti biex ipenġu memorja speċjali ta' xi ħadd li kienu jħobbu imma issa tilfu. Xi ftit mill-istudenti biss jistgħu jkunu għaddew minn telfa u għalhekk studenti oħrajn jistgħu jagħżlu li jpenġu memorja oħra li jimmissjaw. L-istudenti jistgħu jaħdmu waħedhom, f'pari jew fi gruppi.

6. Fl-aħħar l-istudenti jistgħu jaqsmu l-memorji speċjali mal-istudenti l-oħra. Flimkien jistgħu jiċċelebraw dawn il-memorji speċjali. Fakkar lill-istudenti li jekk jixtiequ, għandhom il-permess li ma jipparteċipawx f'din l-attività, jew li jieqfu mal-ewwel x'ħin iħossuhom skomdi. Ipprovdi l-appoġġ fejn hemm bżonn.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien ma' membri oħrajn tal-familja, l-istudenti jagħmlu *collage* ta' telfa li l-familja setgħet għaddiet minnha, bħala mod biex jiftakru l-persuna jew iż-żmien speċjali li wara ntilef.

# NIFTAKAR XI TLIFT




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu collage fuq telfa li l-familja ġarrbet bħala mod kif tiftakru l-persuna jew iż-żmien speċjali li tliftu.*





# SOTTOTEMA 5
# Kif nirrispondu għall-*bullying* u l-kunflitt

**Kulħadd għandu xewqat u bżonnijiet differenti u għalhekk huwa normali għat-tfal li jgħaddu minn xi kunflitt ma' ħaddieħor. It-tfal jistgħu jippruvaw jirrisolvu kunflitt f'modi varji iżda li mhux dejjem b'mod kostruttiv, bħal per eżempju jidħlu f'argumenti, jużaw il-forza, jew jevitaw li jirrisolvu l-kunflitt. Iżda dawn l-istrateġiji mhumiex effettivi ħafna biex nirrisolvu kunflitt u niksbu riżultat li kulħadd ikun kuntent bih. Fost il-ħiliet li t-tfal għandhom bżonn biex ikunu jistgħu jirrisolvu kunflitt b'mod effettiv huma l-kapaċità li jikkontrollaw l-emozzjonijiet tagħhom, bħal per eżempju li jibqgħu kalmi, u l-kapaċità li jifhmu lill-oħrajn.**

**Għalkemm huwa normali li meta jkun hemm nuqqas ta' qbil żewġ individwi jew iktar jiġu f'kunflitt, il-*bullying* huwa dejjem ħażin. Il-*bullying* iseħħ meta persuna jew grupp ta' nies kontinwament u intenzjonalment jaqbdu ma', jattakkaw jew iweġġgħu lil persuna oħra li ma tistax tiddefendi lilha nnifisha. *Bullying* jista' jkun fiżiku jew verbali fejn dak li jkun jista' jheddek, iwarrbek, jinjorak, jaqbad miegħek, jgħajrek, jaqla' l-qlajjiet fuqek, jeħodlok l-affarijiet, iwaddablek jew jagħmillek ħsara fl-affarijiet tiegħek, isawtek u jittrattak b'mod vjolenti. Dan l-aħħar is-*cyber bullying* beda jseħħ b'mod iktar frekwenti. F'din is-sottotema, l-istudenti jitgħallmu jagħrfu d-differenza bejn kunflitt u *bullying*, u x'jistgħu jagħmlu biex jipprevjenu u jirrisondu għall-*bullying* b'mod effettiv.**

---

**Għanijiet tat-Tagħlim**

## KIF NIRRISPONDU GĦALL-*BULLYING* U L-KUNFLITT

- JAGĦRFU U JAPPREZZAW LI AĦNA LKOLL DIFFERENTI.
- JAQSMU ESPERJENZI MA' TFAL DIFFERENTI BIEX JIĠI EVITAT IL-*BULLYING*.
- JIDDESKRIVU X'INHU L-*BULLYING* U JIDENTIFIKAW MODI KIF JISTGĦU JWAQQFUH.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Agħti l-istudenti l-opportunità biex jesprimu kif iħossuhom dwar il-*bullying* u organizza laqgħat fejn il-klassi titkellem fuq il-*bullying* u r-relazzjonijiet bejn l-istudenti.

2. Ittratta kemm min qed jibbulja u kemm min qed jiġi bbuljat b'rispett u ġentilezza. Urihom li inti hemm biex tismagħhom u tgħinhom isolvu l-problemi u jirrisolvu l-kunflitti tagħhom. Tinsiex li ħafna drabi l-*bullies* ikunu għaddejjin minn problemi huma stess u jkunu vittmi huma stess f'kuntesti oħrajn.

3. Għid lill-istudenti li jekk qed jiġu bbuljati, jistgħu jiġu jkellmuk fil-privat u qatt m'inti se tikxef min ġie jkellmek. Jistgħu jiktbulek nota jew jistaqsuk jekk jistgħux jitkellmu miegħek fil-ħin tal-brejk fuq kwalunkwe ħaġa li jixtiequ huma, imma inti se tirrispetta l-kunfidenzjalita`.

4. Oqgħod attent/a għal xi sinjali fil-klassi li huma relatati mal-*bullying*, u għal dawk l-istudenti li jistgħu jkunu iktar vulnerabbli għall-*bullying* (studenti li jkunu waħedhom, studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim jew b'diżabilita`, jew studenti minn xi minoritajiet).

# Attività 1: Aħna lkoll differenti!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu u japprezzaw li aħna lkoll differenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf u napprezza li aħna lkoll differenti.

## Livell

Bażiku

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-farfett', folja t'attività 'Aħna lkoll differenti', kuluri, dekorazzjonijiet (bħal *glitter*, *stickers*, żigarelli, buttuni), kolla.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika tiddefendi lilha nfisha**

**Meta kienet żgħira, Ċika waqgħet u tilfet xi ftit mix-xewk ta' fuq dahrha. Kellha tagħmel żmien twil tistrieħ sakemm tħossha aħjar. Kienet tixtieq u titlob biex ix-xewk tagħha jerġa' jikber kif kien. Wara ħafna żmien id-dar, Ċika kellha terġa' tmur l-iskola. Waħda mill-annimali fil-klassi tagħha, Lina ż-żriġ, irrealizzat li Ċika kellha xi ftit xewk neqsin u bdiet taqbad magħha. "Kemm int kerha! Inti m'intix qanfuda vera jekk ikollok ix-xewk nieqes!" kienet tgħid waqt li kienet tidħaq u tipponta lejn Ċika. Darba waħda Ċika ma felħitx iktar u ġriet 'l hemm tibki waħedha. Kif ra dan, Żigu mar ħdejha biex jara kif qed tħossha. "Lina qed tkun kattiva, Ċika. Mhux vera – int m'intix kerha! Li jkollok xi ftit xewk neqsin ifisser li inti differenti u speċjali - u li m'hemm ħadd iktar bħalek. L-annimali kienu jaqbdu miegħi wkoll għax ma kontx nidher bħall-iskwirils l-oħra. Imma li tkun differenti mhux xi ħaġa ħażina Ċika. Hija xi ħaġa sabiħa!" Ċika ħasbet fuq dak li qalilha Żigu, u marret tgħid lill-ġenituri tagħha dwar dak li kien jiġri l-iskola. Il-ġenituri tagħha għenuha tifhem kemm hu importanti**

**li tgħid lil xi għalliema dwar dak li qed jiġri u dwar l-imġiba ta' Lina. Darba waħda Ċika rabbiet il-kuraġġ biex tiddefendi ruħha ma' Lina u tgħidilha kif qed tħossha. "Tista' tgħajjarni kemm trid imma m'għadnix inweġġa' għax jien kburija tax-xewk nieqes li għandi. Ix-xewk nieqes ta' dahri jagħmilni speċjali. Aħna lkoll differenti u speċjali u dik xi ħaġa sabiħa!" Ċika ħassitha kburija fuq ħafna affarijiet dakinhar. Ħassitha kburija tax-xewk nieqes li kellha, ħassitha kburija li kellha ħabib li jixtiqilha l-ġid bħal Żigu, u ħassitha kburija li ddefendiet lilha nfisha ma' Lina!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- X'kienet il-problema ta' Ċika?
- X'għamlet Ċika biex tirrispondi għall-*bullying* ta' Lina?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' ssemmi eżempji oħra ta' *bullying*?
- Ġieli kont *bullied*? Kif ħassejtek u x'għamilt?
- X'nistgħu ngħidu lilna nfusna meta xi ħadd jgħajjarna?

5. Qassam il-folji t'attività lill-istudenti. Staqsihom biex ipenġu l-farfett individwalment u joħolqu l-*patterns* li jixtiequ huma u jpenġuh bil-mod li jixtiequ huma.

6. Wara l-attività, l-istudenti jistgħu juru t-tpenġijiet tagħhom quddiem il-klassi. B'hekk jaraw li l-farfett ta' kulħadd huwa differenti u speċjali bħat-tfal kollha.

7. Oħolqu *banner* bil-kliem 'Aħna lkoll differenti' u waħħlu jew dendlu l-friefet taħt il-*banner*.



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mat-tfal, il-ġenituri jagħmlu lista ta' dawk il-kwalitajiet kollha li jagħmluhom speċjali u differenti minn xulxin. Fl-aħħar tal-attività, it-tfal jagħmlu tpenġija ta' dawk l-affarijiet li jagħmluhom speċjali u differenti mill-oħrajn.

# IL-FARFETT










## AĦNA LKOLL DIFFERENTI




*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tifel/tifla, agħmlu lista ta' dawk il-kwalitajiet kollha li jagħmlukom speċjali u differenti minn xulxin. Fl-aħħar tal-attività, staqsu lit-tifel/tifla biex jagħmlu tpenġija ta' dawk l-affarijiet li jagħmluhom speċjali u differenti mill-oħrajn.*





# Attività 2: Kulħadd għandu ħiliet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaqsmu esperjenzi ma' tfal differenti biex jiġi evitat il-*bullying*.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naqsam esperjenzi ma' tfal oħra differenti minni u napprezza d-differenzi ta' bejnietna

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti A5, lapsijiet, kappell jew skutella, kartonċin maqtugħ f'forom ta' *badges*, kuluri jew *markers*, dekorazzjonijiet, folja t'attività 'Ħiliet komuni'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb mill-istorja?
- X'kienet il-problema ta' Ċika?
- X'qal Żigu lil Ċika biex jgħinha tħossha aħjar?
- X'għamlet Ċika biex tirrispondi għall-*bullying*?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' ssemmi eżempji oħra ta' *bullying*?
- Ġieli kont *bullied*? Kif ħassejtek u x'għamilt?
- X'nistgħu ngħidu lilna nfusna meta xi ħadd jgħajjarna?

5. Agħti karta lil kull student u ħeġġiġhom jaħsbu fuq il-ħiliet li jifformaw il-karattru tagħhom. Ħeġġiġhom biex ma jaħsbux fuq it-talenti u l-affarijiet li jafu (eż: *Jien naf indoqq il-klarinett* jew *Jien kapaċi fil-Matematika*) imma biex jaħsbu fuq il-ħiliet li jagħmluhom il-persuni li huma u li jgħinuhom jikkomunkaw mal-oħrajn (eż: *Inħobb nitgħallem affarijiet ġodda*, *jien persuna onesta u nipprova ngħid il-verità*). Staqsihom biex jiktbu waħda minn dawn il-ħiliet fuq il-karta u wara jitwu l-karta u jpoġġuha fil-kappell jew fl-iskutella.

6. Ibda aqra l-ewwel karta u staqsi lill-istudenti biex jaqtgħu ta' min hi l-ħila. Komplu sejrin hekk sakemm tkunu identifikajtu l-ħiliet tal-istudenti kollha.

7. Aqsam il-klassi f'pari jew fi grupppi ta' tlieta. Kull student irid jagħmel *badge* ta' ħila lill-istudent l-ieħor fil-grupp tiegħu. Kull student irid jikteb il-ħila, jagħti l-kulur lill-*badge*, u jpenġiha kif jixtieq.

8. Ħalli lill-istudenti jippreżentaw il-*badges* quddiem il-klassi. Staqsihom biex jiddiskutu dak li tgħallmu minn din l-attività.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jkomplu fuq din l-attività id-dar. Kull persuna fil-familja tista' tikteb tliet ħiliet li għandha. Imbagħad it-tfal u l-ġenituri jqabblu l-ħiliet u jagħmlu lista tal-ħiliet komuni li għandhom. L-għada jistgħu jġibu din il-lista li għandhom u jippreżentawha quddiem il-klassi.

## **ĦILIET KOMUNI**

*Lill-ġenituri: Kull persuna fil-familja tikteb tliet ħiliet li għandha. Ipprovaw taħsbux fuq it-talenti u l-affarijiet li tafu (eż:* Jien naf indoqq il-klarinett *jew* Jien kapaċi fil-Matematika*) imma aħsbu fuq il-ħiliet li jagħmlukom il-persuni li intom u li jgħinukom tikkomunikaw mal-oħrajn (eż:* Inħobb nitgħallem affarijiet ġodda, Jien persuna onesta u nipprova ngħid il-verità*). Imbagħad it-tfal u l-ġenituri jqabblu il-ħiliet u jagħmlu lista tal-ħiliet komuni li għandhom.*

______________________________________________________________





# Attività 3: Nirrispondu għall-*bullying*

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu x'inhu l-*bullying* u jidentifikaw modi kif jistgħu jwaqqfuh.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi x'inhu l-*bullying* u kif nistgħu nwaqqfuh.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', kartonċin, kuluri, lapsijiet ikkuluriti, *markers*, dekorazzjonijiet, folja t'attività 'Nwaqqfu l-*bullying*'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb mill-istorja?
- X'kienet il-problema ta' Ċika?
- X'qal Żigu lil Ċika biex jgħinha tħossha aħjar?
- X'għamlet Ċika biex tirrispondi għall-*bullying*?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' ssemmi eżempji oħra ta' *bullying*?
- Ġieli kont *bullied*? Kif ħassejtek u x'għamilt?
- X'nistgħu ngħidu lilna nfusna meta xi ħadd jgħajjarna?

5. Fi gruppi żgħar, it-tfal jiddiskutu wieħed minn dawn it-topiks. Ara li t-topiks kollha jiġu diskussi:

- X'inhu l-*bullying*? X'inhuma t-tipi differenti ta' *bullying* li jistgħu jseħħu l-iskola?
- X'nistgħu nagħmlu meta niġu *bullied*?
- X'nistgħu nagħmlu meta nosservaw il-*bullying* minn xi ħadd?

6. Kull grupp jagħmel *poster* u jippreżentah quddiem il-klassi.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistgħu jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom fiex jikkonsisti l-*bullying* u x'jistgħu jagħmlu t-tfal meta jiġu *bullied* huma stess jew josservaw lil xi ħadd qed jiġi *bullied*.

## NWAQQFU L-BULLYING

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal modi differenti ta'* bullying *(fiżiku, verbali, soċjali) u x'jistgħu jagħmlu biex iwaqqfu l-*bullying *meta huma stess qed jiġu* bullied *jew josservaw lil xi ħadd qed jiġi* bullied*. Staqsu lit-tfal jekk kinux il-vittmi tal-*bullying *u jekk qatt osservawx il-*bullying *għaddej u x'jistgħu jagħmlu biex iwaqqfuh.*

______________________________________________________________________





# SOTTOTEMA 6
# Kif nirrispondu meta ngħaddu minn bidla

**It-tfal jgħaddu bosta bidliet u tranżizzjonijiet importanti f'ħajjithom, inkluż fil-familja, l-iskola, mal-ħbieb u gruppi soċjali, u rwoli differenti. Dawn jistgħu jkunu ta' biża' għal xi tfal u jistgħu jaffettwaw l-identità u s-*self-esteem* tagħhom (Bredekamp & Copple, 2009). Iżda jekk jirrispondu tajjeb għal dawn il-bidliet, dawn iservu bħala opportunità għat-tagħlim u żvilupp. F'dan is-sens, it-tfal jistgħu jgħaddu minn dawn il-bidliet b'suċċess billi ngħinuhom jadattaw għalihom u jagħmlu għanijiet ġodda. Din is-sottotema tiffoka fuq bidliet fl-ambjent soċjali tat-tfal (bħat-tranżizzjoni mill-*kindergarten* għall-iskola primarja) u bidliet oħrajn fil-familja (bħal meta tfal waħedhom iridu jadattaw għal wild ieħor fil-familja). L-istudenti jiġu megħjuna biex jiżviluppaw l-kapaċità li jadattaw b'suċċess għal bidliet u tranżizzjonijiet billi jifhmu l-bżonnijiet u jużaw il-ħiliet tagħhom biex ikomplu jikbru b'mod pożittiv.**

| Għanijiet tat-tagħlim | **KIF NIRRISPONDU META NGĦADDU MINN BIDLA**<br>• JAQSMU L-ESPERJENZA TA' BIDLA MARBUTA MAL-EWWEL ĠURNATA TAL-ISKOLA.<br>• JAQSMU L-ESPERJENZA TA' BIDLA MARBUTA MA' WILD ĠDID FIL-FAMILJA.<br>• JIDENTIFIKAW IT-TIBDILIET FIŻIĊI U PSIKOLOĠIĊI TAGĦHOM BILLI JAĦSBU FUQHOM INFUSHOM FIL-PASSAT, FIL-PREŻENT U FIL-FUTUR. |
|---|---|

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Il-ġenituri għandhom bżonn ikunu ppreparati għal bidla wkoll. Xi ġenituri jistgħu jħossuhom inkwetati fuq il-bidla speċjalment jekk ma jkunux infurmati fuq x'se jiġri. Huwa importanti li tagħti appoġġ lill-ġenituri u tipprovdi informazzjoni fuq x'jistgħu jagħmlu qabel ma sseħħ bidla kbira, per eżempju meta tasal bidu ta' sena skolastika oħra.

2. Ippjana xi laqgħat l-iskola fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-għalliema tal-futur tagħhom u jaraw kif inhi l-iskola l-ġdida. L-għalliema jistgħu jippjanaw xi attivitajiet interessanti għall-istudenti. Huwa importanti wkoll li xi ħadd juri kif inhu mqassam il-post (per eżempju, fejn huma l-kmamar tal-banju, il-*canteen* u l-bitħa).

3. Aqra stejjer dwar meta t-tfal jibdlu l-iskola u għid lill-istudenti jagħmlu reċti fuq l-istejjer biex tħeġġiġhom jesploraw l-emozzjonijiet li qed iġarrbu marbutin mal-bidla.

# Attività 1: Ejja nibdew l-iskola!

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqsmu l-esperjenza ta' bidla marbuta mal-ewwel ġurnata tal-iskola.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Naqsam l-esperjenza ta' bidla li għaddejt minnha wara l-ewwel ġurnata tal-iskola.

## *Livell*

Bażiku

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'L-ewwel ġurnata tiegħi l-iskola', *biros* jew *markers*, *poster*, folja t'attività 'L-ewwel ġurnata tal-iskola tal-mamà u l-papà'.

## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ġina l-fekruna ż-żgħira**

**Dik il-ġurnata kienet speċjali għaliex fil-klassi ta' Ċika, kien hemm studenta ġdida. Din kienet Ġina, fekruna żgħira. Fil-ġnien fejn kienet toqgħod Ġina kollox kien jimxi bil-mod: l-ilma kien inixxi bil-mod, l-annimali kienu jiċċaqilqu bil-mod u s-siġar kienu jikbru bil-mod ukoll. Meta Ġina marret toqgħod fil-ġnien ta' Ċika ħasset bidla kbira. Hi kienet imdorrija tgħix ħajja ħafna iktar differenti u ħafna iktar bil-mod! Hawnhekk, fl-iskola l-ġdida, kulħadd kien jiġri. Hi bdiet tibża' u bdiet tħossha waħedha! Bdiet timmissja l-iskola, lil sħabha u lill-għalliema li kellha qabel. L-għalliema ta' Ċika ndunat li Ġina ma kinitx kuntenta. Hi ħasbet li Ġina kellha bżonn l-għajnuna biex tagħmel ħbieb ġodda.**

**Fil-brejk, Ċika kienet lesta biex tmur tiġri barra imma l-għalliema staqsietha jekk tistax tibqa' ftit ħdejn Ġina biex tagħmel ħbieb magħha u jilagħbu flimkien. "Jien ma nafhiex lil Ġina. Nixtieq immur nilgħab barra ħdejn il-funtana," qalet Ċika. "Ċika, ftakar kif ħassejtek fl-ewwel ġurnata tal-iskola meta inti ma kont taf lil ħadd. Ġina għandha bżonn l-għajnuna ta' kulħadd bħalissa f'din il-bidla. Kulħadd irid jgħinha biex tgħaddi minn dan iż-żmien diffiċli," irrispondiet l-għalliema ta' Ċika. Ċika ħasbet ftit fuq li qaltilha l-għalliema u fehmet li l-għalliema kellha raġun. Marret ħdejn Ġina u bdew jilagħbu flimkien. Għalkemm Ġina kienet tagħmel kollox iktar bil-mod minnha, hi kellha karattru ħelu, u permezz tal-qoxra li**

**kellha ma' daharha setgħet tibqa' f'wiċċ l-ilma tal-funtana. U b'hekk, Ġina u Ċika għaddew in-nofs ta' nhar kollu jgħumu u jidħqu flimkien.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Min wasal fil-klassi ta' Ċika? Minn fejn ġiet?
- Kif ħassitha Ġina fil-bidu?
- X'qalet l-għalliema lil Ċika biex tagħmel?
- X'ġara mbagħad?
- Kif ħassitha Ġina meta ltaqgħet u bdiet tilgħab ma' Ċika?

4. Għin lill-istudenti biex jiftakru fl-ewwel ġurnata tal-iskola primarja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Tiftakar l-ewwel ġurnata tal-iskola?
- Kif ħassejtek? Ħassejtek mbeżża'? X'kien qed ibeżżgħek?
- X'għenek biex tħossok aħjar u tieħu gost l-ewwel ġurnata tal-iskola?

5. Bl-użu tal-folja t'attività 'L-ewwel ġurnata tiegħi l-iskola', l-istudenti jniżżlu: 1) x'ħasbu; 2) kif ħassewhom; 3) x'qalu lill-oħrajn; 4) x'kellhom bżonn fl-ewwel ġurnata tal-iskola. Tista' tgħin lill-istudenti biex jimlew il-folja t'attività u tista' tagħti xi eżempji.

7. Fl-aħħar iġbor l-ideat kollha fuq *poster.*



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistgħu jintervistaw lill-ġenituri fuq l-ewwel ġurnata tal-iskola tagħhom u jimlew il-folja t'attività 'L-ewwel ġurnata tiegħi l-iskola', li tlestiet l-iskola, billi jiddeskrivu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tal-ġenituri.

# L-EWWEL ĠURNATA TIEGĦI L-ISKOLA








## L-EWWEL ĠURNATA TAL-ISKOLA TAL-MAMÀ U L-PAPÀ

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tifel/tifla l-ewwel ġurnata tal-iskola tagħkom u flimkien imlew din il-folja t'attività bl-esperjenzi tagħkom. Imbagħad qabbluhom mal-esperjenzi tat-tifel/tifla (ħarsu lejn il-folji t'attività li għamlu t-tfal l-iskola).*





# Attività 2: Meta tikber il-familja

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqsmu l-esperjenza ta' bidla marbuta ma' wild ġdid fil-familja

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Naqsam l-esperjenza tiegħi ta' meta twieled/twieldet ħija/oħti u kif ħassejtni.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *poster*, *markers*, folja t'attività 'Stampi ta' familji', folja t'attività 'Meta jkollna l-aħwa'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. Ibda billi tgħin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Min wasal fil-klassi ta' Ċika? Minn fejn ġiet?
- Kif ħassitha Ġina fil-bidu? X'ġara mbagħad?
- X'għen lil Ġina tħossha aħjar u tiffaċċja din il-bidla?

4. Introduċi t-topik tal-bidla billi tfiehem lill-istudenti li kellha tgħaddi minn bidla kbira: kellha tbiddel il-post fejn tgħix, l-iskola u anke sħabha. L-attività li se jagħmlu l-istudenti tgħinhom jaħsbu f'liema tip ta' bidla jistgħu jgħaddu minnha fil-futur jew inkella bidla li għaddew minnha fil-passat.

5. Bl-għajnuna tal-istampi tal-familji, l-istudenti josservaw l-istampi u jidentifikaw liema minn dawk l-istampi jirrappreżentaw lill-familja tagħhom. L-istudenti jagħżlu stampa jew iktar u

jekk m'hemmx stampi li jirrappreżentaw lill-familja tagħhom, jagħżlu dawk li huma l-eqreb u jispjegaw x'tibdil jixtiequ jagħmlu fl-istampa. L-istudenti jiddeskrivu r-raġunijiet tal-għażliet tagħhom.

6. Mill-istampi li għażlu l-istudenti, agħżel dawk l-istampi li jirrappreżentaw familji li fihom hemm l-aħwa u staqsi lill-istudenti:

- Min għandu aħwa? Tiftakar meta hu/hi twieled/twieldet? Kif ħassejtek?
- Il-ġenituri tiegħek qalulek kif għandek iġġib ruħek ma' ħuk/oħtok meta kont iżgħar?

7. Iġbor il-ħsibijiet, l-esperjenzi u l-emozzjonijiet kollha fuq *poster* u enfasizza li t-twelid tal-aħwa ġġib bidla kbira għall-membri kollha tal-familja.



***Attività għad-Dar***

L-istudenti jintervistaw adult fil-familja li għandu ħutu u jsaqsu dwar xi ġrajjiet pożittivi li qasmu ma' ħuthom fi tfulithom. Jekk għandhom ħuthom, it-tfal ukoll jistgħu jiftakru fuq esperjenza li kellhom magħhom u jpenġuha fuq il-folja t'attività.

# STAMPI TA' FAMILJI













PaPa
















## META JKOLLNA L-AĦWA

*Lill-ġenituri: It-tfal iridu jintervistaw lil adult li għandu ħutu u jistaqsuh fuq esperjenza pożittiva li kellu/a ma' ħuh/oħtu. Imbagħad għinu lit-tfal biex jiftakru fuq esperjenza simili jekk għandhom ħuthom u jpenġuha hawn isfel.*





# Attività 3: Kif nikbru

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw il-bdiliet fiżiċi u psikoloġiċi tagħhom billi jaħsbu fuqhom infushom fil-passat, fil-preżent u fil-futur.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi il-bdiliet li għaddejt minnhom billi naħseb fuqi nnifsi fil-passat, fil-preżent u fil-futur.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'L-istampi tal-ħajja', *poster*, *markers*, folja t'attività 'Meta tikber'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Min wasal fil-klassi ta' Ċika?
- Kif ħassitha Ġina fil-bidu?
- Kif ħassitha Ġina wara li ltaqgħet ma' Ċika?
- X'kienet l-iktar problema diffiċli għal Ġina? Għaliex?

4. Spjega li Ġina kellha tgħaddi minn numru ta' tibdiliet u diffikultajiet. Biex jifhmu iktar dawn l-aspetti, l-istudenti jilagħbu din il-logħba:

Ibda l-logħba billi tqiegħed 'L-istampi tal-ħajja' mal-art (jew fil-*gym*). Tista' tiddeċiedi li tipprintja xi stampi iktar minn darba u tista' żżid iktar stampi. Irranġahom f'ringieli sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jarawhom u jkunu jistgħu jimxu madwarhom. Staqsi lill-istudenti

jpoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku u staqsihom biex jibdew jaħsbu fuqhom infushom fil-**preżent**. Staqsihom jagħżlu stampa li hemm mal-art li tirrappreżenta lilhom infushom fil-preżent. Imbagħad staqsi lill-istudenti jagħżlu stampa oħra li tirrappreżenta lilhom infushom fil-**passat**. Wara li l-istudenti jkunu għamlu l-għażliet tagħhom, jagħżlu l-aħħar stampa li tirrappreżentahom fil-**futur**. Huwa importanti li l-istudenti jkollhom biżżejjed ħin biex jimxu madwar l-istampi biex jarawhom kollha. Meta kulħadd ikollu t-tliet stampi tal-passat, tal-preżent u tal-futur, l-istudenti jistgħu jiġu lura u jerġgħu jinġabru fiċ-ċirku.

5. L-istudenti juru t-tliet stampi lil sħabhom u jispjegaw għalfejn għażlu dawk l-istampi. Xi studenti, bl-għajnuna tal-istampi, jiddeskrivu xi tibdiliet marbuta mal-iżvilupp; huwa importanti li tgħin lill-istudenti jifhmu li l-bidliet f'ħajjithom mhumiex marbuta biss mal-iżvilupp fiżiku imma wkoll mal-iżvilupp psikoloġiku. Tista' ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Skont l-istampi li għażilt, kif inbdilt minn meta kont żgħir sal-lum?
- Kif tixtieqek tkun fil-futur?

6. Iġbor il-kummenti kollha fuq *poster* u enfasizza t-tifsira tal-bidla fil-ħajja tat-tfal, kif ukoll il-problemi u t-tranżizzjonijiet li l-istudenti rnexxielhom jgħaddu minnhom b'suċċess.

Tista' wkoll tisma' xi kummenti fuq xi konsegwenzi negattivi li setgħu għaddew minnhom si studenti waqt it-tibdiliet fil-familja tagħhom. F'dawn is-sitwazzjonijiet, għin lill-istudenti jifhmu li għalkemm l-esperjenza kienet diffiċli, din għenithom biex jilqgħu aħjar għall-isfidi tal-ħajja; per eżempju jekk kellhom jaqsmu l-ġugarelli tagħhom, din għenithom ikunu kapaċi iktar jagħmlu ħbieb mal-oħrajn.



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jagħmlu *collage* bl-użu ta' kliem, sentenzi, stampi u ritratti li jirrappreżentaw l-iżvilupp billi jirriflettu fuq xi tfisser għalihom li jikbru u jiżviluppaw.

# STAMPI TAL-ĦAJJA














































































































STOP







































EXIT





## META TIKBER




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tifel/tifla jagħmlu* collage *bl-użu ta' kliem, stampi u ritratti li jirrappreżentaw l-iżvilupp tagħhom. F'dan il-*collage *jirriflettu l-bidliet differenti li għaddew minnhom fil-passat u x'bidliet jistgħu jseħħu fil-futur ukoll meta jikbru.*





**_Checklist_ għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ________________________________________<br><br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3: Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 6 Nibdlu l-isfidi f'opportunitajiet*** | |

| **6. NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET** | |
|---|---|
| **6.1. KIF NIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTAJIET U L-ISFIDI** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **6.1.1. Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi** | |
| 6.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jiltaqa' mad-diffikultajiet | |
| 6.1.1.I. L-istudent kapaċi jħares lejn id-diffikultajiet minn lenti differenti billi juża ħsieb pożittiv | |
| 6.1.1.A. L-istudent kapaċi jagħraf li l-ottimiżmu jista' jwassal għal pjan ta' azzjoni meta jiltaqa' mad-diffikultajiet | |
| **6.1.2. Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard** | |
| 6.1.2.B. L-istudent kapaċi jesprimi l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet f'sitwazzjonijiet ta' diżabilità jew mard | |
| 6.1.2.I. L-istudent kapaċi jħares lejn diżabilità jew mard minn lenti iktar pożittiva | |
| 6.1.2.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal sfidi marbuta ma' diżabilità jew mard | |
| **6.1.3. Nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni** | |
| 6.1.3.B. L-istudent kapaċi jesprimi l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni | |
| 6.1.3.I. L-istudent kapaċi juża kliem pożittiv f'sitwazzjonjiet ta'diskriminazzjoni u inġustizzja | |
| 6.1.3.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni biex jegħleb l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni | |
| **6.2. KIF NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA** | |
| **6.2.1. Kif nirrispondu meta niġu mwarrba minn sħabna** | |
| 6.2.1.B. L-istudent kapaċi jesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn jiġi mwarrab minn sħabu | |
| 6.2.1.I. L-istudent kapaċi jħares lejn l-esperjenza ta' meta jiġi mwarrab minn sħabu minn lenti differenti | |
| 6.2.1.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal meta jħossu mwarrab minn sħabu | |

[1] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| **6.2.2. Kif nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema** | |
| 6.2.2.B. L-istudent kapaċi jesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossu mwarrab mill-għalliema | |
| 6.2.2.I. L-istudent kapaċi jara l-esperjenza ta' meta jiġi mwarrab mill-għalliema minn lenti differenti billi jħares lejn esperjenzi pożittivi fl-iskola | |
| 6.2.2.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal meta jħossu mwarrab mill-għalliema | |
| **6.2.3. Kif nirrispondu meta niġu mwarrba mill-membri tal-familja** | |
| 6.2.3.B. L-istudent kapaċi jesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossu mwarrab mill-aħwa | |
| 6.2.3.I. L-istudent kapaċi jħares lejn l-esperjenza ta' meta jħossur mwarrab mill-ġenituri minn lenti differenti billi jaħseb b'mod pożittiv | |
| 6.2.3.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal meta jħossu mwarrab mill-ġenituri | |
| **6.3. KIF NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT FIL-FAMILJA** | |
| **6.3.1. Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-aħwa** | |
| L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal kunflitt mal-aħwa billi jitlob lill-ġenituri għall-għajnuna | |
| **6.3.2. Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri** | |
| L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni biex isolvi kunflitt mal-ġenituri | |
| **6.3.3. Kif nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri** | |
| L-istudent kapaċi jesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ma' adult li jafda meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri | |
| **6.4. KIF NIRRISPONDU META NĠARRBU TELFA** | |
| 6.4.B[2]. L-istudent kapaċi jidentifika l-emozzjonijiet marbuta mal-esperjenza ta' telfa | |
| 6.4.I. L-istudent kapaċi jesprimi kif ħassu meta għadda minn telfa | |
| 6.4.A. L-istudent kapaċi jidentifika memorja speċjali li qasam ma' xi ħadd | |
| **6.5 KIF NIRRISPONDU GĦALL-*BULLYING* U L-KUNFLITT** | |
| 6.5.B[3]. L-istudent kapaċi jagħraf u japprezza li aħna lkoll differenti | |
| 6.5.I. L-istudent kapaċi jaqsam esperjenzi ma' tfal differenti biex jiġi evenita l-*bullying* | |
| 6.5.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi x'inhu l-*bullying* u jidentifika modi kif jista' jwaqqfu | |
| **6.6 KIF NIRRISPONDU META NGĦADDU MINN BIDLA** | |

[2] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat
[3] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| 6.6.B[4]. L-istudent kapaċi jaqsam l-esperjenza ta' bidla marbuta mal-ewwel ġurnata tal-iskola | |
| 6.6.I. L-istudent kapaċi jaqsam l-esperjenza ta' bidla marbuta ma' wild ġdid fil-familja | |
| 6.6.A. L-istudent kapaċi jidentifika t-tibdiliet fiżiċi u psikoloġiċi tiegħu billi jaħseb fuqu nnifsu fil-passat, fil-preżent u fil-futur | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-bżonnijiet tal-istudent:

Għanijiet għal titjib:

[4] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

**Checklist għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nfisha**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a:______________________________<br><br>Data: ___________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – KIF NIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTAJIET U L-ISFIDI | | |
|---|---|---|
| **Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Jien nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta niltaqa' ma xi diffikultà | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naħseb b'mod pożittiv meta niltaqa` mad-diffikultajiet jew sfidi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni biex insolvi d-diffikultajiet | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard** | | |
| Jien kapaċi nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjoniet ta' diżabilità u mard | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nħares lejn il-ħiliet tiegħi fid-diżabilità jew mard | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni mibni fuq il-ħiliet tiegħi għal sfidi ma' diżabilità jew mard | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni** | | |
| Jien kapaċi naqsam ħsibijiet u emozzjonijiet marbuta ma' stejjer personali ta' inġustizzja u nesprimi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naħseb b'mod pożittiv f'sitwazzjonjiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħmel lista ta' affarijiet li nista' nagħmel biex negħleb l-isfidi tal-inġustizzja u diskriminazzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – KIF NIRRISPONDU META NĦOSSUNA MWARRBA** | | |
| **Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba minn sħabna** | | |
| Jien kapaċi niftaħ qalbi ma' nies li nafda meta nħossni mwarrab minn sħabi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsib persuni li jaċċettawni meta sħabi ma jridux jilagħbu jew joqogħdu miegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni meta sħabi ma jridux jilagħbu jew joqogħdu miegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba mill-għalliema** | | |
| Jien kapaċi nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta nħossni mwarrab mill-għalliema | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naħseb fuq esperjenzi pożittivi fl-iskola meta nħoss li l-għalliema mhux qed jagħtu kasi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni għal meta nħossni mwarrab mill-għalliema | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Kif nirrispondu meta nħossuna mwarrba mill-membri tal-familja** | | |
| Jien kapaċi naqsam stejjer personali ta' meta nħossni mwarrab minn oħti jew ħija | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naħseb b'mod pożittiv meta nħossni mwarrab mill-ġenituri | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni bl-għajnuna tal-ġenituri tiegħi meta nħossni mwarrab/mwarrba minnhom | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – KIF NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT FIL-FAMILJA** | | |
| **Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-aħwa** | | |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni meta jkolli xi ngħid ma' ħuti billi nitlob lill-ġenituri għall-għajnuna | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri** | | |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni biex nsolvi kunflitt li jista' jkolli mal-ġenituri | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Kif nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri** | | |
| Jien kapaċi nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ma' adult li nafda meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – KIF NIRRISPONDU META NĠARRBU TELF** | | |
| Jien kapaċi nagħraf x'iħossu t-tfal meta jġarrbu xi telfa | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nesprimi kif ħassejtni meta għaddejt minn telfa | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi memorja speċjali li qsamt ma' xi ħadd | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – KIF NIRRISPONDU GĦALL-*BULLYING* U L- KUNFLITT** | | |
| Jien kapaċi nagħraf u napprezza li aħna lkoll differenti | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naqsam esperjenzi ma' tfal oħra differenti minni u napprezza d-differenzi ta' bejnietna | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi niddsekrivi x'inhu l-*bullying* u kif nista' nwaqqfu | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – KIF NIRRISPONDU META NGĦADDU MINN BIDLA** | | |
| Jien kapaċi naqsam l-esperjenza ta' bidla li għaddejt minnha wara l-ewwel ġurnata tal-iskola | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naqsam l-esperjenza tiegħi ta' meta twieled/twieldet ħija/oħti u kif ħassejtni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi t-tibdiliet li għaddjet minnhom billi naħseb fuqi nnifsi fil-passat, fil-preżent u fil-futur | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb f'din il-ħaġa……**

# APPENDIĊI 1

## TEMA 1 KIF TGĦID LE

### Ara l-verżjoni elettronika għall-ktejjeb sħiħ



## APPENDIĊI 2

## *CARDS* TAL-ANNIMALI

**Ara l-verżjoni elettronika għas-set kollu tal-*cards***



Gimgħa wara oħra t-tfal daħlu jistennew biex ikomplu minn fejn ħallew Żigu u Ċika!

Il-lezzjonijiet niżlu tajjeb ħafna. Ta' pjaċir u eċitanti. Interessanti tara kif 'kibru' l-istudenti.

M'hemmx riċetta maġika ta' kif nibnu r-reżiljenza fit-tfal, imma ninsab ċert li dan il-kurrikulu huwa mod tajjeb ħafna kif tagħmel dan.

***Għalliema***

Tgħallimt kif l-ostakli jistgħu jsiru opportunità.

Tgħallimt kif inġib ruħi b'mod kalm mingħajr ma nkun irrabjat mal-oħrajn.

Dan il-programm għogobni għax tgħallimna kif naħsbu b'mod pożittiv.

***Studenti tal-Primarja***

RESCUR huwa mibni fuq minjiera ta' informazzjoni miġbura minn professjonisti u riċerkaturi. Il-materjali huma ddisinjati bil-ħsieb li jappellaw għad-dinja interna tat-tfal, permezz ta' stejjer, mużika, poeżija, reċtar u arti, u bl-użu ta' metodi varji u imaġinattivi bħall-moħħnihawn, qari ta' stejjer, tpenġija, cartoons, xelta vasta ta' attivitajiet, drammi, attivitajiet għad-dar, u b'mod speċjali, il-karattri ħelwin ta' Żigu u Ċika. Hemm ħafna opportunitajiet għat-tfal biex jesploraw soluzzjonijiet għad-diffikultajiet ta' kuljum u jiddiskutu u jirriflettu fuq kwistjonijiet soċjali, morali u etiċi kumplessi li se jiltaqgħu magħhom f'ħajjithom. Huma wkoll ippreżentati b'mudelli straordinarji li juru kemm hi importanti r-reżiljenza quddiem l-avversità.

***Prof Helen Cowie, Universita' ta' Surrey, Ingilterra***

RESCUR joffri risposta tajba u ċertament inevitabbli quddiem l-isfidi soċjali, kulturali, u ekonomiċi li qed jiffaċċjaw ħafna tfal fl-Ewropa f'dawn iż-żminijiet. Permezz ta' dan il-kurrikulu, l-istudenti se jirċievu interventi preventivi u minn kmieni li jippromwovu imġiba pożittiva, jipprovdi tisħiħ akkademiku, u jenfasizzaw l-importanza li l-istudenti jibqgħu jattendu l-iskola u jirċievu edukazzjoni ta' kwalità. Għal dawk li qegħdin fl-ikbar riskju li jfallu soċjalment u akkademikament, RESCUR jipprovdi xibka biex dawn l-istudenti ma jintilfux fis-sistema.

***Prof Maria Poulou, Universita' ta' Patras, Greċja***

Approċċ komprensiv li jsaħħaħ ir-reżiljenza fit-tfal fl-iskejjel primarji li huwa sensittiv għal kulturi differenti u bżonnjuż f'numru kbir ta' setturi differenti. Wara provi estensivi, il-moduli ta' RESCUR iwiegħdu li jgħinu lit-tfal kollha jiżviluppaw il-ħiliet li għandhom bżonn biex jiffaċċjaw il-problemi. Tant aħjar, RESCUR se jkun bżonnjuż speċjalment għal tfal li ġejjin minn sfond żvantaġġat billi jagħtihom ħiliet soċjali u ħiliet li jgħinuhom isolvu l-problemi li għandhom bżonn biex jiżviluppaw u jżommu netwerk ta' mħabba u ta' appoġġ.

***Prof Michael Ungar, Universita' ta' Dalhousie, Kanada***

www.rescur.eu, www.um.edu.mt/cres